IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2018
COM(2018) 196 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore

FTEHIM TA’ KUMMERĊ ĦIELES
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U R-REPUBBLIKA TA’ SINGAPORE

L-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Unjoni”,

u

r-Repubblika ta' Singapore, minn hawn ’il quddiem "Singapore",

FILWAQT LI JAGĦRFU s-sħubija dewwiema u b'saħħitha bejniethom u l-prinċipji u valuri komuni fil-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, u r-relazzjoni ekonomika, kummerċjali u ta' investiment importanti tagħhom;

XEWQANA li jsaħħu aktar ir-relazzjoni ta’ bejniethom bħala parti minn, u b’mod koerenti mar-relazzjonijiet ġenerali tagħhom, u konvinti li dan il-Ftehim joħloq klima ġdida għall-iżvilupp tal-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet;

FILWAQT LI JAGĦRFU li dan il-Ftehimjikkomplementa u jippromwovi l-isforzi ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali;

DETERMINATI li jsaħħu r-rabtiet ekonomiċi, kummerċjali u tal-investiment tagħhom f’konformità mal-għan ta’ żvilupp sostenibbli, fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, u li jippromwovu l-kummerċ u l-investiment b’mod li jqis il-livelli għoljin ta' ħarsien ambjentali u tax-xogħol u standards u ftehimiet internazzjonali magħrufa rilevanti li huma Partijiet fihom.

XEWQANA li jgħollu l-istandards tal-għajxien, jippromwovu t-tkabbir u l-istabbilità ekonomika, joħolqu opportunitajiet ġodda ta’ impjieg u jtejbu l-benesseri ġenerali u, għal dan il-għan, jirriaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-investiment;

KONVINTI li dan il-Ftehim joħloq suq akbar u sikur għall-prodotti u s-servizzi, u b'hekk iżid il-kompetittività tal-kumpaniji tagħhom fis-swieq globali;

WAQT LI JIRRIAFFERMAW id-dritt ta' kull Parti biex jadottaw u jinfurzaw il-miżuri meħtieġa biex isegwu għanijiet leġittimi ta' politika soċjali, ambjentali, is-sigurtà, is-saħħa u s-sikurezza pubblika, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali;

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom lejn il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ffirmata f'San Francisco fis-26 ta' Ġunju 1945 u wara li kkunsidraw il-prinċipji artikolati f'Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza tat-trasparenza fil-kummerċ internazzjonali għall-benefiċċju tal-partijiet interessati kollha;

WAQT LI JFITTXU li jistabbilixxu regoli ċari u vantaġġużi għaż-żewġ naħat li jirregolaw il-kummerċ u l-investiment tagħhom u jeliminaw l-ostakli għall-kummerċ u l-investiment reċiproku;

DEĊIŻI li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-espansjoni armonjuża tal-kummerċ dinji billi jneħħu l-ostakli għall-kummerċ internazzjonali permezz ta' dan il-Ftehim u jevitaw li joħolqu ostakli ġodda għall-kummerċ u l-investiment bejn it-territorji tagħhom li jistgħu jnaqqsu l-benefiċċji ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JIBNU fuq id-drittijiet u l-obbligi skont il-Ftehim tad-WTO u l-ftehimiet u l-arranġamenti multilaterali, reġjonali u bilaterali l-oħrajn li huma parti għalihom,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

KAPITOLU WIEĦED

GĦANIJIET U DEFINIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 1.1

Twaqqif ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles

Il-Partijiet għal dan il-Ftehim b'dan jistabbilixxu żona ta' kummerċ ħieles, konsistenti mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 u l-Artikolu V tal-GATS.

ARTIKOLU 1.2

Għanijiet

L-għanijiet ta' dan il-Ftehim huma li jkunu liberalizzati u faċilitati l-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 1.3

Definizzjonijiet ta’ Applikazzjoni Ġenerali

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor:

Ftehim dwar l-Agrikoltura tfisser il-Ftehim dwar l-Agrikoltura, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

“Ftehim dwar l-akkwist pubbliku” tfisser il-Ftehim dwar l-Akkwisti Governattivi li jinsab fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO;

“Ftehim dwar l-Ispezzjoni ta’ Qabel it-Tagħbija ta’ Bastimenti” tfisser il-Ftehim dwar l-Ispezzjoni ta’ Qabel it-Tagħbija ta’ Bastimenti inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

"Ftehim Antidumping" tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

“Ftehim dwar l-Evalwazzjoni Doganali” tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tas-sena 1994 li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

"jum" tfisser jum kalendarju;

“DSU” tfisser il-Ftehim dwar Regoli u Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjonijiet għat-Tilwim li jinsab fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO;

GATS tfisser il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, inkluż fl-Anness 1B tal-Ftehim tad-WTO;

GATT 1994 tfisser il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, inkluż fl-Anness 1 A tal-Ftehim tad-WTO;

“Sistema Armonizzata” tfisser is-Sistema tad-Deskrizzjoni u l-Ikkodjar Armonizzata tal-Komodità, inklużi n-noti legali kollha u l-emendi tagħhom (minn hawn ’il quddiem imsejħa s-“SA”);

"FMI" tfisser il-Fond Monetarju Internazzjonali;

“Ftehim dwar il-Liċenzja ta-Imporazzjoni” tfisser il-Ftehim dwar il-Liċenzja ta-Imporazzjoni li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

"miżura"' tfisser kwalunkwe liġi, regolament, proċedura, ħtieġa jew prattika;

“persuna fiżika ta’ Parti” tfisser ċittadin ta’ Singapore jew ta’ wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni skont il-leġiżlazzjoni rispettiva tiegħu;

“Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni” tfisser Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta’ Singapore, min-naħa l-oħra, ffirmat fi […];

“persuna” tfisser persuna fiżika jew ġuridika;

"Ftehim ta' Salvagwardji" tfisser il-Ftehim dwar is-Salvagwardji, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

"Ftehim SCM" tfisser il-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kompensatorji, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

“Ftehim SPS” tfisser il-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

“Ftehim TBT” tfisser il-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

“Ftehim TRIPS” tfisser il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ, li jinsab fl-Anness 1C tal-Ftehim tad-WTO;

"WIPO" tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali;

“Il-Ftehim WTO” tfisser il-Ftehim ta’ Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ magħmul f'Marrakexx fil-15 ta’ April 1994;

"WTO" tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

KAPITOLU TNEJN

TRATTAMENT NAZZJONALI U AĊĊESS GĦAS-SUQ GĦALL-OĠĠETTI

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

ARTIKOLU 2.1

L-għan

Il-Partijiet għandhom, b'mod progressiv u reċiproku, jilliberalizzaw il-kummerċ fi prodotti fuq perjodu tranżitorju li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, skont dan il-Ftehim u f'konformità mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994.

ARTIKOLU 2.2

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-kummerċ tal-oġġetti bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 2.3

Trattament Nazzjonali

Kull Parti għandha tagħti trattament nazzjonali lill-oġġetti tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Artikolu III tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu. Għal dan il-fini, l-obbligi inklużi fl-Artikolu III tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet supplimentari tiegħu huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 2.4

Dazju Doganali

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, dazju doganali jinkludi kull dazju jew ħlas ta' kull għamla impost fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' prodott jew b'rabta magħha, inkluż kull forma ta' soprataxxa imposta fuq tali importazzjoni jew esportazzjoni jew b'rabta magħha.

"Dazju doganali" ma tinkludix:

(a) ħlas equivalenti għal taxxa interna imposta b'konformità mal-Artikolu 2.3 (Trattament Nazzjonali);

(b) dazju impost konsistentement mal-Kapitolu Tlieta (Rimedji għall-Kummerċ);

(c) dazji applikati b’mod konsistenti mal-Artikolu VI, l-Artikolu XVI, l-Artikolu XIX tal-GATT 1994, il-Ftehim antidumping, il-Ftehim SCM, l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura u tad-DSU;

(d) dritt jew ħlas ieħor impost f'konformità mal-Artikolu 2.10 (Drittijiet ta' Ħlas u Formalitajiet Marbuta mal-Importazzjoni u l-Esportazzjoni).

ARTIKOLU 2.5

Il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti

Il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fil-kummerċ bejn il-Partijiet għandha tkun irregolata min-nomenklatura tariffarja rispettiva ta’ kull Parti b’konformità mas-SA u l-emendi tagħha.

TAQSIMA B

TNAQQIS U / JEW ELIMINAZZJONI TA' DAZJI DOGANALI

ARTIKOLU 2.6

Tnaqqis u / jew Eliminazzjoni ta' Dazji Doganali fuq l-Importazzjonijiet

1. Kull Parti għandha tnaqqas u / jew telimina d-dazji doganali tagħha fuq prodotti importati li joriġinaw fil-Parti l-oħra skont l-Iskedi stabbiliti fl-Anness 2-A. Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, "li joriġinaw" tfisser skont ir-regoli ta’ oriġini stipulati fil-Protokoll 1.

2. Għal kull prodott, ir-rata bażi tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni, li għaliha għandu jiġi applikat it-tnaqqis suċċessiv skont il-paragrafu 1, għandha tkun dik speċifikata fl-Iskedi inklużi fl-Anness 2-A.

3. Jekk f'xi mument, Parti tnaqqas ir-rati tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar favorit (minn issa "MFN") fuq l-importazzjoni wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, dik ir-rata tad-dazju għandha tapplika jekk u sakemm din tkun iżjed baxxa mid-dazju doganali kkalkulat skont l-Iskeda inkluża fl-Anness 2-A.

4. Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, wara talba ta' xi waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jikkunsidraw l-aċċellerazzjoni u t-twessigħ tal-ambitu tat-tnaqqis u tneħħija tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet. Deċiżjoni mill-Partijiet fil-Kumitat għall-Kummerċ fi prodotti fuq tali l-aċċellerazzjoni jew it-twessigħ għandha tissostitwixxi kwalunkwe rata tad-dazju jew Kategorija tal-fażi determinata skont l-iskedi tagħhom għal dak il-prodott.

ARTIKOLU 2.7

Tneħħija ta' Dazji Doganali u Taxxi fuq l-Esportazzjonijiet

L-ebda waħda mill-Partijiet ma għandha żżomm jew iddaħħal dazji jew taxxi doganali fuq l-esportazzjoni jew il-bejgħ jew b'konnessjoni magħhom għall-esportazzjoni ta' prodotti lill-Parti l-oħra, jew kwalunkwe taxxa interna fuq prodotti esportati lill-Parti l-oħra li jiżbqu dawk imposti fuq prodotti simili destinati għall-bejgħ intern.

ARTIKOLU 2.8

Klawżola ta' sospensjoni

Mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, l-ebda Parti ma għandha żżid xi dazju doganali eżistenti jew tintroduċi xi dazju doganali ġdid, fuq l-importazzjoni ta' prodott li joriġina mill-Parti l-oħra. Dan ma għandux jeskludi lil xi waħda mill-Partijiet milli tgħolli dazju doganali għal-livell stabbilit fl-Iskeda tagħha fl-Anness 2-A wara tnaqqis unilaterali.

TAQSIMA C

MIŻURI MHUX TARIFFARJI

ARTIKOLU 2.9

Restrizzjonijiet fuq l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni

1. L-ebda Parti ma għandha tadotta jew iżżomm kwalunkwe projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-importazzjoni ta' kwalunkwe oġġetti tal-Parti l-oħra jew fuq l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni ta' kull oġġett destinat għat-territorju tal-Parti l-oħra, skont l-Artikolu XI tal-GATT 1994 inklużi n-noti u d-dispożizzjonijiet supplimentari tiegħu. Għal dan il-fini, l-Artikolu XI tal-GATT 1994, in-noti u d-dispożizzjonijiet supplimentari tiegħu huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Il-Partijiet jifhmu li qabel ma jieħdu xi miżura prevista fis-sottoparagrafi 2(a) u 2(c) tal-Artikolu XI tal-GATT 1994, il-Parti li tkun beħsiebha tieħu l-miżuri għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra l-informazzjoni kollha relevanti, bl-iskop li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jiftehmu dwar kull mezz li jkun meħtieġ sabiex itemmu d-diffikultajiet. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fi żmien tletin jum li tiġi pprovduta dik l-informazzjoni, il-Parti esportatriċi tista' tapplika miżuri skont dan l-Artikolu dwar l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat. Meta ċirkustanzi eċċezzjonali u kritiċi jkunu jeħtieġu azzjoni immedjata u jagħmlu informazzjoni jew eżami minn qabel impossibbli, il-Parti li tkun beħsiebha tieħu l-miżuri tista' tapplika minnufih il-miżuri ta' prekawzjoni neċessarji sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni u għandha tgħarraf immedjatament lill-Parti l-oħra dwarhom.

ARTIKOLU 2.10

Ħlasijiet u Formalitajiet Marbuta mal-Importazzjoni u l-Esportazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura, skont l-Artikolu VIII tal-GATT tal-1994 inklużi n-noti u d-dispożizzjonijiet supplimentari tiegħu, li l-miżati u l-imposti kollha ta' kwalunkwe tip (għajr dazji doganali jew miżuri oħra elenkati fil-paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2.4 (Dazju Doganali)), imposti fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' prodotti jew konnessi magħhom huma limitati għall-kost approssimativ tas-servizzi mogħtija u ma għandhomx jiġu kkalkulati fuq bażi *ad valorem* u ma għandhomx jirrappreżentaw protezzjoni indiretta tal-prodotti domestiċi jew tassazzjoni tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet għal raġunijiet fiskali.

2. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli b'mezz magħżul uffiċjalment inkluż permezz tal-internet, mill-miżati u l-imposti li timponi b'konnessjoni mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni.

3. L-ebda Parti ma għandha tirrikjedi tranżazzjoni konsulari[1], inklużi drittijiet u ħlasijiet relatati, b'rabta mal-importazzjoni ta' kwalunkwe prodott ta' Parti oħra.

ARTIKOLU 2.11

Proċeduri ta' Ħruġ ta' Liċenzji tal-Importazzjoni u l-Esportazzjoni

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji tal-Importazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jintroduċu u jamministraw kwalunkwe proċedura ta' liċenzjar ta' importazzjoni jew esportazzjoni[2] skont:

(a) Il-paragrafi minn 1 sa 9 tal-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Ħruġ ta' Liċenzji tal-Importazzjoni tad-WTO.

(b) L-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Ħruġ ta' Liċenzji tal-Importazzjoni tad-WTO.

(c) L-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Ħruġ ta' Liċenzji tal-Importazzjoni tad-WTO.

---

[1] "Tranżazzjonijiet Konsulari" tfisser il-proċedura li jinkiseb minn Konslu tal-Parti importatriċi fit-territorju tal-Parti li tesporta, jew fit-territorju ta' parti terza, konsulari fattura jew konsulari viża għal fattura kummerċjali, ċertifikat ta' oriġini, manifest, dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tat-trasportaturi jew kull dokumentazzjoni doganali oħra b'rabta mal-importazzjoni tal-oġġett.

[2] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "il-Proċeduri għal-liċenzar mhux awtomatiku" tfisser proċeduri ta' liċenzjar fejn l-approvazzjoni tal-applikazzjoni ma tingħatax għal persuni ġuridiċi u fiżiċi kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Parti kkonċernata għal involviment f'operazzjonijiet tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni li jinvolvu oġġetti soġġetti għal proċeduri ta' liċenzar.

Għal dan il-għan, id-dispożizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafi (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu huma inkorporati f'dan il-Ftehim u jiffurmaw parti minnu. Il-Partijiet għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet, *mutatis mutandis*, għal kwalunkwe proċeduri ta' liċenzjar ta' esportazzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni kollha jkunu newtrali fl-applikazzjoni u jkunu amministrati b'mod ġust, ekwitabbli, nondiskriminatorju u trasparenti.

4. Il-Partijiet għandhom biss jadottaw jew iżżommu proċeduri ta' liċenzar bħala kundizzjoni għall-importazzjoni fit-territorju tagħhom u l-esportazzjoni mit-territorju tagħhom lill-Parti l-oħra meta ma jkunux raġonavolment disponibbli proċeduri xierqa oħrajn biex jintlaħaq skop amminsitrattiv.

5. Il-Partijiet ma għandhomx jadottaw jew iżommu proċeduri ta' liċenzjar mhux awtomatiku ta' importazzjoni jew esportazzjoni jekk ma jkunx meħtieġ sabiex tkun implimentata miżura li tkun konsistenti ma' dan il-Ftehim. Kull Parti li tadotta l-proċeduri għal-liċenzar mhux awtomatiku għandha tindika b'mod ċar miżura li tkun implimentata permezz ta' tali proċedura ta' liċenzjar.

6 Kull Parti li tintroduċi proċeduri ta' liċenzar tal-esportazzjoni jew tibdil f'dawn il-proċeduri għandha tinnotifika lill-Kumitat għall-Kummerċ tal-Prodotti sittin jum minn qabel il-pubblikazzjoni ta' dawk il-proċeduri. Dan l-avviż għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Liċenzjar tal-Importazzjoni.

7. Kull Parti għandha twieġeb fi żmien sittin jum għal domandi mill-Parti l-oħra rigward kwalunkwe proċeduri ta' liċenzar li l-Parti li lilha kienet indirizzata t-talba jkun fi ħsiebha tadotta jew adottat jew żammet, kif ukoll il-kriterji għall-għoti u / jew l-allokazzjoni ta' liċenzji tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni.

ARTIKOLU 2.12

Impriżi tal-Kummerċ Statali

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom skont l-Artikolu XVII tal-GATT tal-1994, in-noti u d-dispożizzjonijiet supplimentari tiegħu u l-Qbil dwar l-Interpretazzjoni tal-Artikolu XVII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, li jinsab fl-Anness 1-A tal-Ftehim tad-WTO, li huwa b'dan inkorporat fil-Ftehim u jifforma parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Il-Partijiet jistgħu jitolbu informazzjoni mingħand il-Parti l-oħra bilateralment kif previst fis-subparagrafi 4(c) u 4(d) tal-Artikolu XVII tal-GATT 1994.

ARTIKOLU 2.13

Tneħħija ta' Miżuri Mhux Tariffarji Settorjali

1. Il-Partijiet għandhom jidħlu f'impenji ulterjuri dwar il-miżuri mhux tariffarji speċifiċi għas-settur fuq il-prodotti kif stabbilit fl-Anness 2-B u l-Anness 2-C (minn hawn 'il quddiem msemmija bħala "l-Annessi Settorjali"). Għal dan il-għan, il-Partijiet jistgħu, b'deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ fil-Prodotti, jemendaw l-Annessi Settorjali.

2. Wara talba ta' xi Parti, il-Partijiet għandhom jidħlu f'negozjati bil-għan li jitwessa' l-ambitu tal-impenji tagħhom fuq il-miżuri mhux tariffarji speċifiċi għas-settur fuq il-prodotti.

TAQSIMA D

EĊĊEZZJONIJIET SPEĊIFIĊI RELATATI MAL-PRODOTTI

ARTIKOLU 2.14

Eċċezzjonijiet Ġenerali

1. Xejn f'dan il-kapitolu ma jimpedixxi t-teħid ta' miżuri skont l-Artikolu XX tal-GATT 1994, inkluż n-Noti u d-Dispożizzjonijiet supplimentari tiegħu huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Il-Partijiet jifhmu li qabel ma jieħdu xi miżura prevista fil-paragrafi (i) u (j) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994, il-Parti li tesporta li tkun beħsiebha tieħu l-miżuri għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra l-informazzjoni kollha relevanti, bl-iskop li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jiftehmu dwar kull mezz li jkun meħtieġ sabiex itemmu d-diffikultajiet. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fi żmien tletin jum li tiġi pprovduta dik l-informazzjoni, il-Parti esportatriċi tista' tapplika miżuri skont dan l-Artikolu dwar l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat. Meta ċirkustanzi eċċezzjonali u kritiċi jkunu jeħtieġu azzjoni immedjata u jagħmlu informazzjoni jew eżami minn qabel impossibbli, il-Parti li tkun beħsiebha tieħu l-miżuri tista' tapplika minnufih il-miżuri ta' prekawzjoni neċessarji sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni u għandha tgħarraf immedjatament lill-Parti l-oħra dwarhom.

TAQSIMA E

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

ARTIKOLU 2.15

Il-Kumitat għall-Kummerċ tal-Prodotti

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Prodotti stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jiltaqa' wara talba ta' Parti jew tal-Kumitat għall-Kummerċ biex jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt dan il-Kapitolu u għandu jinkludi rappreżentanti tal-Partijiet.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat għandhom jinkludu:

(a) li jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi 2-A, 2-B u 2-C;

(b) li jippromwovi l-kummerċ fi prodotti bejn il-Partijiet, fosthom permezz ta' konsultazzjonijiet dwar l-aċċellerazzjoni u t-twessigħ tal-ambitu tat-tneħħija tat-tariffi u t-twessigħ tal-ambitu tal-impenji dwar miżuri mhux tariffarji skont dan il-Ftehim u kwistjonijiet oħra kif xierqa. Bħala riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kumitat jista', permezz ta' deċiżjoni, jemenda jew jespandi l-Annessi 2-A, 2-B u 2-C kif meħtieġ; u

(c) li jindirizza miżuri tariffarji u mhux tariffarji għall-kummerċ fi prodotti bejn il-Partijiet u, jekk ikun xieraq, jirreferi dawn il-kwistjonijiet lill-Kumitat għall-Kummerċ għall-konsiderazzjoni tiegħu.

KAPITOLU TLIETA

RIMEDJI KUMMERĊJALI

TAQSIMA A

MIŻURI ANTIDUMPING U KOMPENSATORJI

ARTIKOLU 3.1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw skont l-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehim dwar l-anti-dumping kif ukoll skont il-Ftehim SCM u għandhom japplikaw miżuri kontra d-dumping u ta' kontrobilanċ skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Partijiet, waqt li jirrikonoxxu li l-miżuri kontra d-dumping u ta' kontrobilanċ jista' jsir abbuż minnhom biex jostakolaw il-kummerċ, jaqblu li:

(a) dawn il-miżuri jinħtieġ li jintużaw b'konformita sħiħa mar-rekwiżiti rilevanti tad-WTO u jinħtieġ li jkunu bbażati fuq sistema ġusta u trasparenti; u

(b) l-interessi tal-Parti li fuqhom se tiġi imposta miżura ta' dan it-tip jinħtieġ li jiġu kkunsidrati sew.

3. Għall-fini ta' din it-Taqsima, l-oriġini għandha tiġi stabbilita skont ir-regoli ta' oriġini mhux- preferenzjali tal-Partijiet.

ARTIKOLU 3.2

Trasparenza u Skambju ta' Informazzjoni

1. Wara li l-awtoritajiet kompetenti ta’ Parti jirċievu applikazzjoni dokumentata sewwa għal antidumping fir-rigward ta’ importazzjonijiet mill-Parti l-oħra, u mhux iżjed tard minn ħmistax-il jum qabel tinbeda investigazzjoni, il-Parti għandha tipprovdi avviż bil-miktub lill-Parti l-oħra li hija tkun irċeviet l-applikazzjoni.

2. Wara li l-awtoritajiet kompetenti ta’ Parti jirċievu applikazzjoni dokumentata sewwa għal dazju kumpensatorju fir-rigward ta’ importazzjonijiet mill-Parti l-oħra, u mhux aktar minn ħmistax-il ġurnata qabel ma tibda investigazzjoni, il-Parti għandha tipprovdi avviż bil-miktub lill-Parti l-oħra li hija tkun irċeviet l-applikazzjoni u tipprovdi lill-Parti l-oħra laqgħa sabiex tikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti tagħha dwar l-applikazzjoni. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jagħmlu dawn il-konsultazzjonijiet kemm jista’ jkun malajr wara.

3. Iż-żewġ Partijiet għandhom jiżguraw, immedjatament wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji u, f'kull każ, qabel ma tittieħed riżoluzzjoni finali, l-iżvelar sħiħ u sinifikanti tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali kollha li jiffurmaw il-bażi għad-deċiżjoni dwar jekk jiġux applikati l-miżuri. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.5 tal-Ftehim Antidumping u l-Artikolu 12.4 tal-Ftehim SCM. Kull żvelar għandu jsir bil-miktub u jippermetti lill-partijiet interessati żmien suffiċjenti sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom.

4. Kull parti interessata għandha tiġi mogħtija l-possibbiltà ta' smigħ sabiex tesprimi l-opinjonijiet tagħha waqt l-investigazzjonijiet tar-rimedji tal-kummerċ.

ARTIKOLU 3.3

Ir-Regola ta' Inqas Dazju

Jekk Parti tiddeċiedi li timponi dazju antidumping jew kumpensatorju, l-ammont ta' dan id-dazju ma għandux jaqbeż il-marġni ta' dumping jew is-sussidji kumpensatorji, u għandu jkun inqas jekk il-marġni ta' tali dazju inqas ikun biżżejjed sabiex ineħħi d-dannu għall-industrija domestika.

ARTIKOLU 3.4

Konsiderazzjoni tal-Interess Pubbliku

Ma għandhomx jiġu applikati miżuri ta' antidumping jew kumpensatorji minn Parti fejn, fuq il-bażi tal-informazzjoni magħmula disponibbli waqt l-investigazzjoni, ikun jista' jiġi konkluż b'mod ċar li ma jkunx fl-interess pubbliku li jiġu applikati miżuri bħal dawn. L-interess pubbliku għandu jikkunsidra s-sitwazzjoni tal-industrija domestika, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti rappreżentattivi u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur, sa fejn huma jkunu pprovdew informazzjoni rilevanti l-awtoritajiet investigattivi.

ARTIKOLU 3.5

Esklużjoni minn Soluzzjoni għat-Tilwim Bilaterali u Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ma għandhomx ikunu suġġetti għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni tat-Tilwim) u Kapitolu Ħmistax (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni).

TAQSIMA B

MIŻURI TA' SALVAGWARDJA GLOBALI

ARTIKOLU 3.6

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Kull Parti żżomm id-drittijiet u l-obbligi tagħha skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994, Ftehim dwar is-Salvagwardji u l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'din it-Taqsima, dan il-Ftehim ma jagħti l-ebda drittijiet jew obbligi lill-Partijiet fir-rigward tal-azzjonijiet meħuda skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. L-ebda Parti ma għandha tapplika, fir-rigward tal-istess prodott, fl-istess ħin:

(a) miżura ta' salvagwardja bilaterali; u

(b) miżura skont l-Artikolu XIX tal-GATT tal-1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-oriġini għandha tiġi stabbilita skont ir-regoli ta' oriġini mhux- preferenzjali tal-Partijiet.

ARTIKOLU 3.7

It-Trasparenza

1. Minkejja l-Artikolu 3.6 (Dispożizzjonijiet Ġenerali), bit-talba tal-Parti l-oħra u sakemm din tal-aħħar jkollha interess sostanzjali, meta l-Parti tibda investigazzjoni ta' salvagwardja jew meta jkun beħsiebha tieħu miżuri ta' salvagwardja għandha tipprovdi immedjatament, u mill-inqas sebat ijiem qabel id-data ta' dan il-bidu jew impożizzjoni, avviż *ad hoc* bil-miktub tal-informazzjoni relevanti kollha li wasslu għall-inizjazzjoni ta' investigazzjoni ta' salvagwardja jew l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja inkluż dwar is-sejbiet proviżorji u s-sejbiet finali tal-investigazzjoni, fejn rilevanti. Dan mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3.2 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. Meta jimponu miżuri ta' salvagwardja, il-Partijiet għandhom ifittxu li jimponuhom b'mod li l-inqas jaffettwa l-kummerċ bilaterali tagħhom.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, jekk Parti tqis li r-rekwiżiti legali għall-impożizzjoni ta' miżuri definittivi ta' salvagwardja huma sodisfati, il-Parti li għandha l-intenzjoni tapplika tali miżuri għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u tagħti l-possibbiltà li jsiru konsultazzjonijiet bilaterali. Jekk ma tintlaħaqx l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien tletin jum mill-avviż, il-Parti importatriċi tista' tadotta l-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Il-possibbiltà għal konsultazzjonijiet jinħtieġ li tkun offruta wkoll lill-Parti l-oħra sabiex ikun hemm diskussjoni dwar l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

ARTIKOLU 3.8

Esklużjoni minn Soluzzjoni għat-Tilwim Bilaterali u Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ma għandhomx ikunu suġġetti għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni tat-Tilwim) u Kapitolu Ħmistax (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni).

TAQSIMA C

KLAWŻOLA TA' SALVAGWARDJA BILATERALI

ARTIKOLU 3.9

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "dannu serju" u "theddida ta' dannu serju" għandhom jinftehmu skont l-Artikoli 4.1(a) u (b) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji. Għal dan il-għan, l-Artikoli 4.1(a) u (b) tal-Ftehim tas-Salvgwardji huma inkorporati f'dan il-Ftehim u magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*; u

(b) "perjodu tranżitorju" tfisser perjodu ta' 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 3.10

L-Applikazzjoni ta’ Miżura ta’ Salvagwardja Bilaterali

1. Jekk, b’riżultat tat-tnaqqis jew it-tneħħija ta’ dazju doganali skont dan il-Ftehim, prodotti li joriġinaw minn Parti li jkunu qegħdin jiġu impurtati fit-territorju tal-Parti l-oħra f’tali kwantitajiet miżjuda, f’termini assoluti jew relattivi mal-produzzjoni domestika, u b’kundizzjonijiet li jikkawżaw jew li jheddu li jikkawżaw dannu serju lil industrija domestika li tipproduċi prodotti simili jew direttament kompetituri, il-Parti importatriċi tista’, matul il-perjodu tranżitorju biss, tadotta miżuri previsti fil-paragrafu 2 b’mod konformi mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stipulati f’din it-Taqsima.

2. Il-Parti importatriċi tista' tieħu miżura ta' salvagwardja bilaterali li:

(a) tissospendi aktar tnaqqis fir-rata tad-dazju doganali fuq l-oġġett ikkonċernat previst f'dan l-Anness 2-A; jew

(b) iżżid ir-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott għal livell li ma jaqbiżx l-inqas waħda minn:

(i) ir-rata ta' dazju tad-dwana tal-MFN applikata fuq il-prodott fis-seħħ fiż-żmien li fih tittieħed il-miżura; jew

(ii) ir-rata bażi tad-dazju doganali speċifikat fl-Iskedi inklużi fl-Anness 2-A skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 2.6 (Tnaqqis u / jew Tneħħija tad-Dazji Doganali fuq l-Importazzjoni).

ARTIKOLU 3.11

Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet

1. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni kif deskritt fil-paragrafu 2 u tikkonsulta mal-Parti l-oħra sa fejn ikun prattiku qabel ma tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali, bil-għan li:

(a) tirrevedi l-informazzjoni li toħroġ mill-investigazzjoni u jekk il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu humiex sodisfati;

(b) ikun hemm skambju ta' fehmiet dwar il-miżura u kemm tkun xierqa fid-dawl tal-għanijiet ta' din it-Taqsima biex titneħħa ħsara serja jew theddida ta' ħsara serja għall-industrija domestika kkawżata minn żieda fl-importazzjonijiet kif stabbilit fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3.10 (Applikazzjoni ta' Miżuri ta' Salvagwardja Bilaterali); u

(c) ikun hemm skambju preliminari ta' fehmiet dwar il-kumpens kif stabbilit fl-Artikolu 3.13 (Kumpens).

2. Parti għandha tapplika miżura ta' salvagwardja biss wara investigazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħha skont l-Artikoli 3 u 4.2(a) u 4.2(c) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji u għal dan il-għan, l-Artikoli 3, 4.2(a) u 4.2(c) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huma inkorporati f'dan il-Ftehim u magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*.

3. Id-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 3.10 (l-Applikazzjoni ta' Miżura ta' Salvagwardja Bilaterali) ma għandhiex issir sakemm l-investigazzjoni turi, fuq il-bażi ta' evidenza oġġettiva, l-eżistenza tar-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet miżjuda mill-Parti l-oħra u l-inġurja gravi jew it-tehdida tagħha. F'dan ir-rigward, għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa għal fatturi oħra, inklużi l-importazzjonijiet tal-istess prodott minn pajjiżi oħra.

4. Kull Parti għandha tassigura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jtemmu kwalunkwe investigazzjoni bħal din fi żmien sena mid-dati tal-bidu tagħha.

5. L-ebda Parti ma tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali kif stabbilit fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3.10 (l-Applikazzjoni ta' Miżura ta' Salvagwardja Bilaterali):

(a) ħlief safejn, u għal dak iż-żmien, li jista' jkun meħtieġ sabiex jiġi evitat jew rimedjat dannu serju u biex jiġi faċilitat l-aġġustament;

(b) għal perjodu ta' aktar minn sentejn, ħlief li l-perjodu jista' jiġi estiż b'sa sentejn jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti importatriċi jistabbilixxu, f'konformità mal-proċeduri speċifikati f'dan l-Artikolu, li l-miżura tkun għadha neċessarja sabiex timpedixxi jew tirrimedja dannu serju u biex tiffaċilita l-aġġustament u li jkun hemm evidenza li l-industrija tkun qiegħda taġġusta, bil-kundizzjoni li l-perjodu totali tal-applikazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja, inkluż il-perjodu tal-applikazzjoni inizjali u kwalunkwe estensjoni tiegħu, ma għandux jaqbeż l-erba' snin; jew

(b) lil hinn mill-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, minbarra bil-kunsens tal-Parti l-oħra.

6. L-ebda miżura ma għandha terġa' tiġi applikata għall-importazzjoni tal-istess tajba matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm ma jkunx għadda perjodu li jammonta għal nofs il-perjodu li matulu l-miżura ta' salvagwardja li kienet applikata preċedentement tkun skadiet. F'dan il-każ ma għandux japplika l-paragrafu 3 tal-Artikolu 3.13 (Kumpens).

7. Meta Parti ttemm miżura ta' salvagwardja bilaterali, ir-rata tad-dazju doganali għandha tkun ir-rata li, skont l-Iskeda tagħha inkluża fl-Anness 2-A għal dan il-Ftehim, kienet tkun fis-seħħ li ma kienx għall-miżura.

ARTIKOLU 3.12

Miżuri proviżorji

1. F'ċirkustanzi kritiċi fejn id-dewmien jista' jikkawża dannu li jkun diffiċli sabiex jissewwa, Parti tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali fuq bażi proviżorja fuq konstatazzjoni preliminari li teżisti evidenza ċara li l-importazzjonijiet ta' prodott li joriġina mill-Parti l-oħra żdiedu b'riżultat tat-tnaqqis jew it-tneħħija ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, u dawn l-importazzjonijiet jikkawżaw dannu serju, jew theddida ta' dannu serju, għall-industrija domestika. Il-perjodu ta' kwalunkwe miżura proviżorja ma għandux jaqbeż il-200 jum, li matulhom il-Parti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 3.11 (Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet). Il-Parti għandha tirrifondi minnufih kwalunkwe żieda tat-tariffi jekk l-investigazzjoni deskritta fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 3.11 (Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet) ma twassalx għal sejba li bih jintlaħqu r-rekwiżiti tal-Artikolu 3.10 (Applikazzjoni tal-Miżura ta' Salvagwardja Bilaterali). Il-perjodu ta' kwalunkwe miżura proviżorja għandu jingħadd bħala parti mill-perjodu preskritt mill-Artikolu 3.11 (Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet).

2. Jekk Parti tieħu miżura proviżorja skont dan l-Artikolu, il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub qabel ma jieħu miżura bħal din u għandha tibda konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra immedjatament wara li din il-miżura tkun ittieħdet.

ARTIKOLU 3.13

Kumpens

1. Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tikkonsulta mal-Parti l-oħra sabiex jiftiehmu reċiprokament dwar kumpens xieraq għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma ta' konċessjonijiet li jkollhom effetti kummerċjali sostanzjalment ekwivalenti jew ekwivalenti għall-valur tad-dazji addizzjonali li jkunu mistennijin li jirriżultaw mill-miżura ta' salvagwardja. Il-Parti għandha tipprovdi opportunità għal konsultazzjonijiet bħal dawn mhux iktar tard minn tletin jum wara l-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali.

2. Jekk il-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 1 ma jwasslux għal ftehim dwar kumpens għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi żmien tletin jum wara li jibdew il-konsultazzjonijiet, il-Parti li l-prodotti tagħha jkunu suġġetti għall-miżura ta' salvagwardja tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti lill-Parti li tkun qiegħda tapplika l-miżura ta' salvagwardja. Il-Parti esportatriċi għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub mill-inqas tletin jum qabel ma jiġu sospiżi konċessjonijiet skont dan il-paragrafu.

3. Id-dritt tas-sospensjoni li saret referenza għalih fil-paragrafu 2 ma għandux jiġi eżerċitat għall-ewwel erbgħa u għoxrin xahar li matulhom tkun fis-seħħ miżura ta' salvagwardja bilaterali, bil-kundizzjoni li l-miżura ta' salvagwardja tkun tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU ERBGĦA

OSTAKLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ

ARTIKOLU 4.1

Għanijiet

L-għan ta' dan il-Kapitolu huwa li jiffaċilita u jżid il-kummerċ fil-prodotti bejn il-Partijiet, billi jipprovdi qafas għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni bla bżonn ta' ostakli għall-kummerċ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim TBT.

ARTIKOLU 4.2

Il-Kamp ta’ Applikazzjoni u d-Definizzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu japplika għat-tħejjija, l-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-istandards kollha, regolamenti tekniċi u proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità kif definiti fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar it-TBT, li tista’ taffettwa l-kummerċ fi prodotti bejn il-Partijiet, ikun liema jkun l-oriġini ta’ dawk il-prodotti.

2. Minkejja l-paragrafu 1, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) speċifikazzjonijiet ta' xiri ppreparati minn korpi governattivi għar-rekwiżiti tal-produzzjoni jew tal-konsum ta’ dawn il-korpi; jew

(b) miżuri sanitarji u fitosanitarji kif definiti fl-Anness A tal-Ftehim dwar l-SPS li huma koperti minn Kapitolu Ħamsa ta' dan il-Ftehim.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tal-Anness 1 għall-Ftehim dwar it-TBT.

ARTIKOLU 4.3

L-Affermazzjoni tal-Ftehim dwar it-TBT

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom fir-rigward ta' xulxin skont il-Ftehim TBT, li huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 4.4

Kooperazzjoni Konġunta

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom fil-qasam tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità bil-għan li jżidu l-fehim reċiproku tas-sistemi rispettivi tagħhom u jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jidentifikaw u jiżviluppaw inizjattivi ta' kooperazzjoni regolatorja xierqa għal kwistjonijiet jew setturi partikolari li jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi dwar it-tħejjija u l-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi tagħhom u l-użu ta' prassi regolatorja tajba;

(b) fejn ikun xieraq, is-semplifikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità;

(c) l-evitar ta' diverġenza bla bżonn fl-approċċi tagħhom għal regolamenti tekniċi u proċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità, filwaqt li jersqu lejn il-possibbiltà ta' konverżjoni jew allinjament tar-regolamenti tekniċi mal-istandards internazzjonali;

(d) l-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni bejn il-korpi rispettivi tagħhom, pubbliċi jew privati, responsabbli għall-metroloġija, l-istandardizzazzjoni, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-akkreditazzjoni;

(e) l-iżgurar ta' interazzjoni effiċenti tal-awtoritajiet regolatorji fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, pereżempju, billi jirreferu l-mistoqsijiet minn Parti għal l-awtoritajiet regolatorji xierqa; u

(f) l-iskambju ta' informazzjoni dwar żviluppi f'*fora* reġjonali u multilaterali relatati mal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità.

3. Meta tintalab, Parti għandha tagħti kunsiderazzjoni xierqa lil proposti li l-Parti l-oħra tagħmel għal kooperazzjoni skont it-termini ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 4.5

L-istandards

1. Il-Partijiet jaffermaw l-obbligi skont l-Artikolu 4.1 tal-Ftehim TBT biex jiġi żgurat li l-korpi ta' stadardizzazzjoni tagħhom u jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Prassi Tajba għat-Tħejjija, l-Adozzjoni u l-Applikazzjoni tal-Istandards fl-Anness 3 tal-Ftehim TBT.

2. Bil-għan li jiġu armonizzati l-istandards fuq bażi wiesgħa kemm jista' jkun, il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu korpi ta' standardizzazzjoni, kif ukoll il-korpi reġjonali ta' standardizzazzjoni li tagħhom huma Membri l-korpi ta' standardizzazzjoni, biex jikkooperaw mal-korpi tal-istandardizzazzjoni relevanti tal-Parti l-oħra fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni internazzjonali.

3. Il-Partijiet jintrabtu li jiskambjaw informazzjoni dwar:

(a) l-użu tagħhom tal-istandards b'sostenn għar-regolamenti tekniċi;

(b) il-proċessi ta' standardizzazzjoni ta' xulxin, u l-livell ta' użu tal-istandards internazzjonali jew standards reġjonali bħala bażi għall-istandards nazzjonali tagħhom; u

(c) il-ftehimiet ta' kooperazzjoni implimentati minn kull Parti dwar l-istandardizzazzjoni, sakemm dan it-tagħrif ikun disponibbli għall-pubbliku.

ARTIKOLU 4.6

Regolamenti Tekniċi

Il-Partijiet jaqblu li jagħmlu l-aqwa użu ta' prassi regolatorja tajba fir-rigward tat-tħejjija, l-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' regolamenti tekniċi, kif previst fil-Ftehim TBT inkluż:

(a) meta tkun qed tiżviluppa regolament tekniku, biex tikkunsidra, *inter alia*, l-impatt tar-regolament tekniku previst u alternattivi disponibbli regolatorji u mhux regolatorji għar-regolament tekniku propost li jistgħu jissodisfaw l-għanijiet leġittimu tal-Parti;

(b) konsistenti mal-Artikolu 2.4 tal-Ftehim dwar it-TBT, biex sa fejn hu possibbli jintużaw l-istandards internazzjonali rilevanti bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħhom, ħlief meta dawn l-istandards internazzjonali ma jkunux mezz effettiv jew xieraq għat-twettieq tal-miri leġittimi persegwiti; u fejn ma jkunux intużaw standards internazzjonali bħala bażi, sabiex jiġu spjegati, b'talba tal-Parti l-oħra, ir-raġunijiet għaliex standards bħal dawn ikunu ġew ikkunsidrati bħala mhux xierqa jew mhux effettivi għall-għan fil-mira; u

(c) konsistentement mal-Artikolu 2.8 tal-Ftehim TBT, fejn xieraq, biex jiġu speċifikati r-regolamenti tekniċi bbażati fuq ir-rekwiżiti tal-prodott f'termini ta' prestazzjoni iktar milli ta' karatteristiċi deskrittivi jew ta' disinn.

ARTIKOLU 4.7

Proċeduri ta’ Valutazzjoni tal-Konformità

1. Il-Partijiet jagħrfu li teżisti firxa wiesgħa ta’ mekkaniżmi sabiex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità, fosthom:

(a) il-fiduċja min-naħa tal-Parti importatriċi lid-dikjarazzjoni tal-konformità ta’ fornitur;

(b) ftehimiet dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati ta’ proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità fir-rigward ta’ regolamenti tekniċi speċifiċi li jitwettqu minn korpi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(c) l-użu ta' proċeduri ta' akkreditazzjoni biex jiġu kkwalifikati korpi ta' evalwazzjoni tal-konformità;

(d) denominazzjoni governattiva tal-korpi għall-evalwazzjoni tal-konformità, inklużi korpi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(e) rikonoxximent unilaterali min-naħa ta’ Parti, tar-riżultati ta’ proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità mwettqa fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(f) arranġamenti volontarji bejn korpi għall-evalwazzjoni tal-konformità fit-territorji rispettivi ta’ kull Parti; u

(g) l-użu ta' ftehimiet ta' rikonoxximent multilaterali reġjonali jew internazzjonali li l-Partijiet huma partijiet fihom.

2. Wara li kkunsidraw b'mod partikolari dawk il-konsiderazzjonijiet, il-Partijiet għandhom:

(a) jintensifikaw l-iskambju tagħhom ta' informazzjoni dwar dawn il-mekkaniżmi u mekkaniżmi oħra bil-għan li jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet tal-konformità;

(b) jiskambjaw informazzjoni dwar il-kriterji użati sabiex jintgħażlu proċeduri xierqa għall-evalwazzjoni tal-konformità ta' prodotti speċifiċi u, bi qbil mal-Artikolu 5.1.2 tal-Ftehim dwar it-TBT, jitolbu li l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità ma jkunux aktar stretti jew ikunu applikati b'mod aktar strett milli meħtieġ biex il-Parti importatriċi tingħata l-fiduċja adegwata li l-prodotti jikkonformaw mar-regolamenti jew standards tekniċi applikabbli, filwaqt li jitqiesu r-riskji li tista' tikkaġuna n-nuqqas ta' konformità;

(c) jiskambjaw informazzjoni dwar il-politika tal-akkreditazzjoni, u li jikkunsidraw kif jagħmlu l-aħjar użu mill-istandards internazzjonali għall-akkreditazzjoni, u ftehimiet internazzjonali li jinvolvu l-korpi ta' akkreditazzjoni tal-Partijiet, pereżempju, permezz tal-mekkaniżmi tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Akkreditazzjoni tal-Laboratorji u l-Forum Internazzjonali għall-Akkreditazzjoni; u

(d) jiġi żgurat li, sa fejn żewġ korpi tal-evalwazzjoni tal-konformità jew aktar ikunu awtorizzati minn Parti biex iwettqu proċeduri meħtieġa ta' valutazzjoni ta' konformità biex il-prodott jitpoġġa fis-suq, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jagħżlu bejniethom.

3. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 5.2.5 tal-Ftehim dwar it-TBT, li t-tariffi imposti għall-evalwazzjoni tal-konformità tal-prodotti impurtati għandhom ikunu ġusti meta mqabbla ma' kwalunwe tariffi imposti għall-evalwazzjoni tal-konformità ta' prodotti simili ta' oriġini nazzjonali jew li joriġinaw fi kwalunkwe pajjiż ieħor, meta wieħed jikkunsidra l-ispejjeż tal-komunikazzjoni, tat-trasport u spejjeż oħra li jirriżultaw mid-differenzi bejn il-post tal-faċilitajiet tal-applikant u l-korp għall-evalwazzjoni tal-konformità.

4. B'talba ta' xi waħda mill-Partijiet, il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jidħlu f'konsultazzjonijiet bil-ħsieb li jkunu definiti inizjattivi settorjali rigward l-użu ta' proċeduri ta' stima ta' konformità jew l-iffaċilitar ta' aċċettazzjoni tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet tal-konformità li huma xierqa għal fis-setturi rispettivi. Il-Parti li tagħmel it-talba jinħtieġ li tissostanzjaha b'informazzjoni rilevanti dwar kif din l-inizjattiva settorjali tiffaċilita l-kummerċ bejn il-Partijiet. F'dawn il-konsultazzjonijiet, jistgħu jitqiesu l-mekkaniżmi kollha deskritti fil-paragrafu 1. Meta Parti tiċħad tali talba mill-Parti l-oħra, hi għandha, wara talba, tispjega r-raġunijiet tagħha.

ARTIKOLU 4.8

It-Trasparenza

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligi ta' trasparenza tagħhom skont il-Ftehim TBT fir-rigward tat-tħejjija, l-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-porċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità, u jaqblu li:

(a) meta parti mill-proċess ta' żvilupp ta' regolament tekniku tkun miftuħa għal konsultazzjoni pubblika, biex jitqiesu l-fehmiet tal-Parti l-oħra u, bla diskriminazzjoni, biex il-Parti l-oħra u l-persuni interessati tagħha jiġu pprovduti opportunitajiet raġonevoli biex jgħaddu l-kummenti tagħhom;

(b) meta jagħmlu notifiki skont l-Artikolu 2.9 tal-Ftehim TBT, iħallu tal-inqas sittin jum wara l-avviż għall-Parti l-oħra biex tipprovdi kummenti bil-miktub dwar il-proposta u fejn prattikabbli, jagħtu kunsiderazzjoni xierqa għal talbiet raġonevoli għall-estensjoni tal-perjodu għall-kummenti;

(c) li jħallu żmien suffiċjenti bejn il-pubblikazzjoni tar-regolamenti tekniċi u d-dħul fis-seħħ tagħhom għall-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra sabiex jadattaw, ħlief meta jinqalgħu jew ikun hemm theddida li se jinqalgħu; u

(d) li tagħmel disponibbli lill-Parti l-oħra jew lill-operaturi ekonomiċi tagħha, l-informazzjoni rilevanti (pereżempju permezz ta' websajt pubblika, jekk disponibbli) dwar ir-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' konformità fis-seħħ, u jekk ikun xieraq u disponibbli, gwida bil-miktub dwar l-osservanza tar-regolamenti tekniċi tagħha, wara talba u mingħajr dewmien bla bżonn.

ARTIKOLU 4.9

Is-sorveljanza tas-suq

Il-Partijiet jintrabtu li jiskambjaw informazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq u l-attivitajiet ta' infurzar.

ARTIKOLU 4.10

L-Immarkar u l-Ittikkettjar

1. Il-Partijiet jinnotaw li skont il-paragrafu 1 tal-Anness 1 tal-Ftehim dwar it-TBT, regolament tekniku jista' jinkludi jew jittratta esklussivament rekwiżiti tal-immarkar jew tal-ittikkettjar, u jaqblu li fejn ir-regolamenti tekniċi tagħhom jinkludu mmarkar jew ittikkettjar obbligatorju, huma għandhom jiżguraw li dawm ma jiġux ippreparati bil-għan, jew bl-effett li joħolqu ostakli bla bżonn għall-kummerċ internazzjonali, u jinħtieġ li ma jkunux restrittivi għall-kummerċ aktar milli meħtieġ sabiex jaqdu għan leġittimu kif imsemmi fl-Artikolu 2.2 tal-ftehim tat-TBT.

2. Il-Partijiet jaqblu li meta Parti tkun teħtieġ immarkar jew ittikkettjar obbligatorju tal-prodotti:

(a) Il-Parti għandha tipprova tillimita r-rekwiżiti tagħha biss għal dawk li huma relevanti għall-konsumaturi jew l-utenti tal-prodott jew biex tindika l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti obbligatorji;

(b) Il-Parti tista' tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq it-tikketta u tista' tirrikjedi konformità ma' ċerti rekwiżiti regolatorji għat-twaħħil tat-tikketta, iżda ma għandhiex tirrikjedi approvazzjoni jew ċertifikazzjoni minn qabel ta' tikketti u mmarkar bħala prekundizzjoni għall-bejgħ tal-prodotti fis-suq sakemm dan hu meħtieġ fid-dawl tar-riskju tal-prodott għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti jew tal-ħajja;

(c) meta l-Parti teżiġi l-użu ta' numru ta' identifikazzjoni uniku mill-operaturi ekonomiċi, il-Parti għandha tiżgura li toħroġ tali numru lill-operaturi ekonomiċi relevanti mingħajr dewmien bla bżonn u fuq bażi mhux diskriminatorja;

(d) bil-kundizzjoni li ma jkunux qarrieqa, kontradittorji jew li joħolqu konfużjoni rigward l-informazzjoni meħtieġa fil-Parti tal-importazzjoni tal-oġġetti, il-Parti għandha tippermetti dan li ġej:

(i) informazzjoni f'lingwi oħra flimkien mal-lingwa meħtieġa mill-Parti importatriċi tal-prodotti;

(ii) nomenklaturi, pittogrammi, simboli jew grafika aċċettati internazzjonaliment;

(iii) informazzjoni addizzjonali ma' dik meħtieġa fil-Parti importatriċi tal-prodotti;

(e) Il-Parti għandha taċċetta li t-tikkettjar, inkluż it-tikkettjar mill-ġdid u l-korrezzjonijiet tal-itikkettjar, isiru, fejn rilevanti, f'bini awtorizzat (pereżempju, fi mħażen tad-dwana fil-punt tal-importazzjoni) fil-Parti importatriċi qabel id-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-prodott bħala alternattiva għall-ittikkettjar fil-post tal-oriġini sakemm dan l-ittikkettjar ma jkunx meħtieġ li jsir fil-post tal-oriġini għal raġunijiet ta' saħħa pubblika jew għas-sigurtà; u

(f) fil-każijiet fejn huma jqisu li l-għanijiet leġittimi skont il-Ftehim dwar it-TBT ma jiġux kompromessi b'dan, Parti għandha tfittex li taċċetta tikketti mhux permanenti jew li jistgħu jinqalgħu, jew immarkar jew ittikkettjar fid-dokumentazzjoni li takkumpanja pjuttost milli mwaħħla fiżikament mal-prodott.

3. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Ftehim tad-WTO, għandu japplika l-paragrafu 2 għall-prodotti agrikoli, prodotti industrijali, u prodotti tal-ikel agrikoli proċessati inklużi xorb u spirti.

ARTIKOLU 4.11

Punti ta’ Kuntatt

Il-funzjonijiet tal-punti ta’ kuntatt magħżulin skont l-Artikolu 13.4 (Mistoqsijiet u Punti ta’ Kuntatt) għandhom jinkludu:

(a) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta’ dan il-Kapitolu;

(b) li indirizzati minnufih kwalunkwe kwistjoni li tqajjem il-Parti l-oħra b’rabta mal-iżvilupp, l-adozzjoni, l-applikazzjoni jew l-infurzar ta’ standards, regolamenti tekniċi u proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità;

(c) tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp u titjib tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità;

(d) skambju ta' informazzjoni dwar l-istandards, ir-regolamenti tekniċi u proċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità;

(e) faċilitazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni, kif xieraq, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 4.4 (Kooperazzjoni Konġunta); u

(f) li jsir ix-xogħol għall-istabbiliment ta’ gruppi ta’ ħidma *ad hoc* b'talba ta’ Parti jew oħra, sabiex jesploraw modi kif jiffaċilitaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 4.12

Id-dispożizzjonijiet finali

1. Il-Partijiet jistgħu jiddiskutu fil-Kumitat għall-Kummerċ fil-Prodotti stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati) kwalunkwe arranġamenti ta' implimentazzjoni li jirriżulta minn dan il-Kapitolu. Il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni f'dak il-Kumitat, li jadottaw kull miżura ta' implimentazzjoni meħtieġa għal dan il-għan.

2. Il-Partijiet daħlu għal impenji ulterjuri dwar miżuri mhux tariffarji speċifiċi għas-settur fuq il-prodotti kif stabbilit fl-Anness 4-A u l-Appendiċijiet tiegħu.

KAPITOLU ĦAMSA

IL-MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI

ARTIKOLU 5.1

Għanijiet

L-għanijiet ta' dan il-Kapitolu huma:

(a) il-ħarsien tal-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, l-annimali u l-pjanti fit-territorji rispettivi tal-Partijiet flimkien mal-faċilitazzjoni tal-kummerċ bejn il-Partijiet fil-qasam tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"miżuri SPS");

(b) il-kollaborazzjoni għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Ftehim SPS; u

(c) li jkun provdut mezz għat-titjib tal-komunikazzjoni, il-kooperazzjoni u s-soluzzjoni għall-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-miżuri SPS li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 5.2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri SPS kollha ta' Parti li jistgħu, direttament jew indirettament, jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Dan il-Kapitolu għandu japplika wkoll għal kollaborazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet tal-benessri tal-annimali ta' interess reċiproku għall-Partijiet.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jaffettwa d-drittijiet tal-Partijiet taħt il-Ftehim dwar it-TBT fir-rigward ta' miżuri li ma jkunux fl-ambitu ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 5.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu,

1. Id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Anness A tal-Ftehim dwar l-SPS għandhom japplikaw.

2. Il-Partijiet jistgħu jaqblu dwar definizzjonijiet oħrajn għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu filwaqt li jitqiesu l-glossarji u d-definizzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Kummissjoni tal-CODEX Alimentarius (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Codex Alimentarius"), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "OIE") u skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"IPPC").

ARTIKOLU 5.4

Id-Drittijiet u l-Obbligi

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 5.5

Awtoritajiet kompetenti

L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta’ dan il-Kapitolu stabbiliti fl-Anness 5-A. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bi kwalunkwe tibdil ta’ dawn l-awtoritajiet kompetenti.

ARTIKOLU 5.6

Prinċipji Ġenerali

Fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet:

(a) għandha tiġi żgurata l-konsistenza tal-miżuri SFS mal-prinċipji stabbiliti bl-Artikolu 3 tal-Ftehim SFS;

(b) mhumiex se jużaw miżuri SPS biex joħolqu ostakli inġustifikati għall-kummerċ;

(c) għandha tiżguraw li l-proċeduri stabbiliti taħt dan il-Kapitolu jinbdew u jispiċċaw mingħajr dewmien żejjed u li dawn il-proċeduri ma jkunux applikati b'mod li jwassal biex jikkostitwixxi diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli kontra l-parti l-oħra fejn jeżistu kundizzjonijiet identiċi jew simili; u

(d) la se jużaw il-proċeduri msemmija fis-subparagrafu (c) u lanqas kwalunkwe talba għal informazzjoni addizzjonali biex ikun hemm dewmien, mingħajr ġustifikazzjoni xjentifika u teknika, l-aċċess għas-swieq rispettivi tagħhom.

ARTIKOLU 5.7

Rekwiżiti għall-Importazzjoni

1. Ir-rekwiżiti ġenerali dwar l-importazzjoni ta' Parti għandhom japplikaw għat-territorju sħiħ tal-Parti l-oħra.

2. Il-Parti li tesporta għandha tiżgura li l-prodotti esportati lejn il-Parti li timporta jikkonformaw mar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji tal-Parti li timporta.

3. Il-Parti importatriċi għandha tiżgura li r-rekwiżiti tal-importazzjoni tagġha jkunu applikati għal prodotti importati mingħand il-Parti esportatriċi b'mod proporzjonali u mhux diskriminatorju.

4. Kull tariffa imposta għall-proċeduri fuq prodotti importati mill-Parti esportatriċi għandha tkun ekwitabbli fejn jidħol kwalunkwe tariffi imposti fuq prodotti domestiċi simili u ma għandhiex tkun ogħla mill-ispiża attwali tas-servizz.

5. Il-Parti importatriċi għandu jkollha d-dritt li twettaq kontrolli tal-importazzjoni fuq prodotti importati mingħand il-Parti esportatriċi għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-miżuri SPS.

6. Il-kontrolli tal-importazzjoni mwettqa fuq prodotti importati mill-Parti esportatriċi għandhom ikunu bbażati fuq rikji sanitarji u fitosanitarji assoċjati ma' importazzjonijiet bħal dawn. Dawn għandhom jitwettqu mingħajr dewmien żejjed u b'effett minimu fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet.

7. Il-Parti importatriċi għandha tagħmel disponibbli għall-Parti esportatriċi, wara talba minn din tal-aħħar, l-informazzjoni dwar il-frekwenza ta' kontrolli ta' importazzjonijiet mwettqa fuq prodotti minn dan tal-aħħar Parti. Il-Parti li timporta tista' tibdel il-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi fuq il-kunsinni, kif xieraq, bħala konsegwenza ta' (i) verifiki, (ii) kontrolli tal-importazzjoni, jew (iii) ftehim reċiproku bejn il-Partijiet, inkluż wara konsultazzjonijiet previsti f'dan il-Kapitolu.

8. F’każ li l-kontrolli fuq l-importazzjonijiet juru li l-prodotti ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet relevanti tal-importazzjoni tal-Parti importatriċi, kull azzjoni meħuda mill-Parti importatriċi għandha tkun proporzjonata għar-riskji sanitarji u fitosanitarji assoċjati mal-importazzjoni tal-prodott mhux konformi.

ARTIKOLU 5.8

Verifiki

1. Sabiex tinkiseb u tinżamm il-fiduċja fl-implimentazzjoni effettiva ta’ dan il-Kapitolu, il-Parti importatriċi għandu jkollha d-dritt li twettaq verifiki fi kwalunkwe ħin, inklużi:

(a) permezz ta’ żjarat ta’ verifika lill-Parti esportatriċi, biex tivverifika l-parti kollha tas-sistema tal-ispezzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-parti esportatriċi, f’konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti, linji gwida u rakkomandazzjonijiet tal-Codex Alimentarius, OIE u l-IPPC; u

(b) billi tirrikjedi informazzjoni mill-Parti esportatriċi dwar is-sistema ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni tagħha u tikseb ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa b'hekk.

2. Il-Parti importatriċi għandha taqsam mal-Parti esportatriċi r-riżultati u l-konklużjonijiet tal-verifiki mwettqa skont il-paragrafu 1. Il-Parti importatriċi tista' tippubblika dawn ir-riżultati.

3. Jekk il-Parti li timporta tiddeċiedi li twettaq żjara ta' verifika fil-Parti li tesporta, il-Parti li timporta għandha tinnotifika lill-Parti li tesporta b'din il-verifika mill-anqas sittin jum kalendarju qabel ma ssir iż-żjara ta' verifika, ħlief f'każijiet ta' emerġenza jew jekk il-Partijiet jiftehmu mod ieħor. Kull modifika għal tali żjara għandha tiġi miftehma mill-Partijiet.

4. Il-Parti importatriċi għandha toħroġ l-ispejjeż imġabbrba tal-verifika tas-sistemi tal-ispezzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra u ta' kull spezzjoni ta' stabbiliment individwali.

5. Il-Parti importatriċi għandha tipprovdi tagħrif bil-miktub tal-verifika mill-Parti esportatriċi fi żmien sittin jum kalendarju. Il-Parti esportatriċi għandu jkollha ħamsa u erbgħin jum kalendarju biex tikkummenta dwar din l-informazzjoni. Il-kummenti li jsiru mill-Parti esportatriċi għandhom jiżdiedu mad-dokument tar-riżultat finali u, fejn xieraq, jiġu inklużi fih.

6. Minkejja l-paragrafu 5, fejn matul il-verifika ġew identifikati riskji sinifiknati tal-ħajja tal-bniedemi, tal-annimali u tal-pjanti jew riskju tas-saħħa, il-Parti importatriċi għandha tgħarraf lill-Parti esportatriċi malajr kemm jista' jkun u f'kull każ fi żmien għaxart ijiem kalendarji wara t-tmiem tal-verifika.

ARTIKOLU 5.9

Faċilitazzjoni tal-Kummerċ

1. F'każijiet fejn il-Parti importatriċi tirrikjedi verifika fuq il-post biex tawtorizza l-importazzjoni ta' ċerta kategorija jew kategoriji ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali mill-Parti esportatriċi, għandu japplika dan li ġej:

(a) Il-verifika għandha tevalwa l-spezzjoni tal-Parti esportatriċi u s-sistema ta’ ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 5.8 (Verifiki) u għandha tqis kull informazzjoni bil-miktub rilevanti pprovduta mill-Parti esportatriċi wara talba għal dan; u

(b) f'każ ta' riżultat sodisfaċenti tal-verifika tas-sistema ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni, il-Parti importatriċi għandha tinforma, bil-miktub lill-Parti esportatriċi bir-riżultat pożittiv tal-verifika. F’dan il-każ, l-informazzjoni pprovduta tista’ tinkludi dik il-Parti li tkun qed timporta tkun awtorizzat, jew se tawtorizza, l-importazzjonijiet ta’ kategorija speċifika jew kategoriji ta’ prodotti; jew

(c) jekk ir-riżultat tal-verifika tas-sistemi ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni ma tkunx sodisfaċenti, il-Parti importatriċi għandha tinforma, bil-miktub, lill-Parti esportatriċi bir-riżultat tal-verifika. F'dan il-każ, l-informazzjoni għandha tinkludi waħda milli ġejjin:

(i) il-kundizzjonijiet, inklużi dawk relatati mas-sistema ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni tal-Parti esportatriċi, li għad iridu jiddaħħlu fis-seħħ mill-Parti esportatriċi biex tippermetti lill-Parti importatriċi tawtorizza importazzjonijiet ta' kategorija jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali;

(ii) referenza għall-fatt li stabbilimenti speċifiċi ta’ prodotti li joriġinaw mill-annimali jistgħu jitħallew jesportaw lejn il-Parti importatriċi meta jkun hemm konformità mar-rekwiżiti relevanti tal-importazzjoni tal-Artikolu 5.7 (Rekwiżiti tal-importazzjoni); jew

(iii) stqarrija li l-Parti importatriċi ma awtorizzatx l-importazzjoni ta' kategorija jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti mill-Parti esportatriċi.

2. F’każijiet fejn il-Parti importatriċi tkun awtorizzat l-importazzjoni ta’ kategoriji speċifiċi jew kategoriji ta’ prodotti ta’ oriġini mill-annimali msemmija fil-paragrafu 1(b), il-Parti esportatriċi, għandha tinforma lill-Parti importatriċi bil-lista ta’ stabbilimenti individwali li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Parti importatriċi skont, b’mod partikolari, l-Artikolu 5.7 (Ħtiġijiet tal-Importazzjoni) u l-Artikolu 5.8 (Verifiki). Barra minn hekk:

(a) b'talba tal-Parti esportatriċi, il-Parti importatriċi għandha tapprova stabbilimenti individwali msemmija fil-paragrafu 3 tal-Anness 5-B li jinsabu fit-territorju tal-Parti esportatriċi, mingħajr spezzjoni minn qabel ta’ stabbilimenti individwali. Meta tintalab l-approvazzjoni mill-Parti importatriċi, il-Parti esportatriċi għandha tipprovdi kull informazzjoni meħtieġa mill-Parti importatriċi sabiex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti, inklużi dawk ta’ Artikolu 5.7 (Rekwiżiti tal-Importazzjoni). L-approvazzjoni mill-Parti importatriċi għandha tkun konsistenti mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness 5-B u għandha tkun limitata għal dawk il-kategoriji ta’ prodotti li l-importazzjonijiet ikunu awtorizzati għalihom;

(b) mal-approvazzjoni ta’ stabbilimenti individwali msemmija fis-subparagrafu 2(a), il-Parti importatriċi għandha tieħu l-miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi meħtieġa applikabbli tagħha f’konformità ma’ proċeduri ġuridiċi u amministrattivi li jippermettu l-importazzjonijiet fi żmien erbgħin jum kalendarju mill-wasla ta’ talba tal-Parti esportatriċi akkumpanjata mill-informazzjoni meħtieġa mill-Parti importatriċi sabiex tkun garantit l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti, inklużi dawk ta’ Artikolu 5.7 (Rekwiżiti tal-Importazzjoni); u

(c) il-Parti importatriċi għandha tgħarraf lill-Parti esportatriċi dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut ta’ kull stabbiliment individwali msemmi fil-paragrafu 2 (a) u, jekk applikabbli, ir-raġunijiet għal kull rifjut.

ARTIKOLU 5.10

Miżuri Marbuta mas-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċett ta’ żoni ħielsa mill-mard u minn organiżmi ta' ħsara, u żoni bi prevalenza baxxa ta’ mard jew organiżmi ta' ħsara, skont il-Ftehim tal-SPS u l-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-OIE u tal-IPPC. Il-Kumitat tal-SPS imsemmi fl-Artikolu 5.15 (Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji) jista’ jiddefinixxi aktar dettalji dwar il-proċedura għall-għarfien ta’ dawn iż-żoni, inklużi l-proċeduri għall-għarfien ta’ dawn iż-żoni meta jkun hemm tifqigħa, b’kunsiderazzjoni ta’ kwalunkwe ftehim relevanti dwar l-SPS, l-istandards tal-OIE u l-IPPC, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet.

2. Jekk ikunu qegħdin jiddeterminaw iż-żoni ħielsa minn pesti jew mard u ż-żoni bi prevalenza baxxa ta’ pesti jew mard, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw fatturi bħal-lokalità ġeografika, l-ekosistemi, is-sorveljanza epidemjoloġika u l-effettività tal-kontrolli sanitarji jew fitosanitarji f’żoni bħal dawn.

3. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib dwar id-determinazzjoni ta’ żoni ħielsa minn pesti u mard u żoni bi prevalenza baxxa ta’ pesti jew mard bil-għan li jiksbu kunfidenza fil-proċeduri segwiti minn kull Parti sabiex jiġu ddeterminati dawn iż-żoni. Meta l-Parti esportatriċi tiddetermina tali żoni, il-Parti importatriċi għandha fil-prinċipju tibbaża d-determinazzjoni tal-istatus tas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti tal-Parti esportatriċi jew partijiet minnha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Parti esportatriċi skont il-Ftehim dwar l-SPS, l-istandards tal-OIE u l-IPPC.

4. Jekk il-Parti importatriċi ma taċċettax id-determinazzjoni magħmula mill-Parti esportatriċi, hija għandha tispjega r-raġunijiet u għandha tkun lesta li tidħol f'konsultazzjonijiet.

5. Il-Parti esportatriċi li tgħid li ż-żoni fit-territorji tagħha huma ħielsa mill-pesti jew mill-mard jew żoni ta' prevalenza baxxa tal-pesti jew tal-mard għandha tipprovdi l-evidenza relevanti skont il-każ sabiex juru b'mod oġġettiv lill-Parti importatriċi li dawn iż-żoni huma ħielsa mill-pesti jew mill-mard jew żoni fejn il-prevalenza tal-pest u l-mard hija baxxa u li x'aktarx jibqgħu hekk. Għal dawn il-finijiet, għandu jingħata aċċess raġonevoli, b'talba, lill-Parti li timporta għal spezzjoni, ittestjar u proċeduri rilevanti oħra.

6. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-prinċipju tal-kompartimentalizzazzjoni tal-OIE u s-siti ta' produzzjoni tal-IPPC ħielsa mill-pesti. Il-Kumitat tal-SPS imsemmi fl-Artikolu 5.15 (Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji) jivvaluta kwalunkwe rakkomandazzjonijiet tal-OIE u l-IPPC li jistgħu jinħarġu fuq din il-kwistjoni fil-ġejjieni u jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet skont dan.

ARTIKOLU 5.11

It-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom:

(a) ifittxu t-trasparenza fir-rigward tal-miżuri SPS applikabbli għall-kummerċ u, b'mod partikolari, dawk tal-Artikolu 5.7 (Rekwiżiti tal-Importazzjoni) applikati għall-importazzjonijiet mill-Parti l-oħra;

(b) itejbu l-qbil reċiproku tal-miżuri SPS ta' kull Parti u l-applikazzjoni tagħhom;

(c) jiskambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-miżuri SPS, inkluż il-progress ta' evidenza xjentifika ġdida li jaffettwa, jew jista' jaffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet bil-għan li jitnaqqsu l-effetti kummerċjali negattivi tagħhom;

(d) wara talba ta' xi waħda mill-Partijiet, jiġu kkomunikati r-rekwiżiti tal-importazzjoni li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti speċifiċi fi żmien ħmistax-il jum kalendarju; u

(e) wara talba ta' xi waħda mill-Partijiet, il-progress fuq l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti speċifiċi fi żmien ħmistax-il jum kalendarju.

2. Il-punti ta' kuntatt responsabbli għall-informazzjonI skont il-paragrafu 1 huma dawk li huma desinjati mill-Partijiet skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 13.4 (Mistoqsijiet u Punti ta' Kuntatt), L-informazzjoni għandha tinbagħat bil-posta, bil-faks jew bl-email. Informazzjoni bl-email tista' tiġi ffirmata elettronikament u għandha tintbagħat biss bejn il-punti ta' kuntatt.

3. Meta l-informazzjoni skont il-paragrafu 1 tkun saret disponibbli permezz ta' avviż lid-WTO skont ir-regoli u l-proċeduri rilevanti tagħha jew meta l-informazzjoni ta' hawn fuq tkun saret disponibbli fil-websajts uffiċjali, aċċessibbli pubblikament u bla ħlas tal-Partijiet, l-iskambju ta' informazzjoni għandu jitqies li jkun sar.

4. In-notifiki kollha skont dan il-Kapitolu għandhom isiru fil-punti ta' kuntatt msemmija fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU 5.12

Il-konsultazzjonijiet

1. Kull Parti għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra, fi żmien jumejn kalendarji, b'kull riskju serju jew sinifikanti għall-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, inkluża kull emerġenza tal-ikel.

2. Jekk Parti jkollha tħassib serju dwar riskju għall-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, li jaffettwa l-kommoditajiet li għalihom isir il-kummerċ, b'talba, għandhom isiru konsultazzjoniiet dwar is-sitwazzjoni mill-iktar fis possibbli. F'dan il-każ, kull Parti għandha tfittex li tipprovdi fi żmien xieraq l-informazzjoni neċessarja kollha biex jiġi evitat xkiel fil-kummerċ.

3. Il-konsultazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jsiru permezz ta' e-mail, vidjow jew konferenza telefonika. Il-Parti li qed tagħmel it-talba għandha tiżgura preparazzjoni tal-minuti tal-konsultazzjoni.

ARTIKOLU 5.13

Miżuri ta' Emerġenza

1 F'każ ta' riskju serju għall-ħajja jew għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, il-Parti importatriċi tista' tieħu, mingħajr notifika preċedenti, il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu protetti l-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti. Għall-kunsinni fit-trasport bejn il-Partijiet, il-Parti li timporta għandha tikkunsidra l-aktar soluzzjoni addattata u proporzjonata sabiex jiġi evitat kull telfien mhux meħtieġ għall-kummerċ.

2. Il-Parti li tkun qed tieħu l-miżuri għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra mill-iktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara l-adozzjoni tal-miżura. Kull Parti tista' titlob kwalunkwe informazzjoni marbuta mas-sitwazzjoni sanitarji u fitosanitarji u kull miżura adottata. Il-Parti l-oħra għandha twieġeb malli l-informazzjoni mitluba tkun disponibbli.

3. B'talba ta' waħda mill-Partijiet u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5.12 (Konsultazzjonijiet), il-Partijiet għandhom iżommu konsultazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni fi żmien ħmistax-il jum kalendarju mill-avviż. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom isiru sabiex jiġi evitat taqlib żejjed fil-kummerċ. Il-Partijiet jistgħu jqisu l-għażliet għall-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni jew is-sostituzzjoni tal-miżuri.

ARTIKOLU 5.14

L-ekwivalenza

1. Il-Partijiet jistgħu jirrikonoxxu l-ekwivalenza ta' miżura individwali u / jew gruppi ta' miżuri u / jew sistemi applikabbli għal settur jew parti minn settur skont il-paragrafi minn 4 sa 7. Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza għandu jiġi applikat għall-kummerċ bejn il-Partijiet fil-prodotti tal-annimali u fil-prodotti tal-pjanti, jew skont il-ħtieġa għal prodotti relatati.

2. Jekk l-ekwivalenza ma tkunx ġiet rikonoxxuta, il-kummerċ għandu jseħħ taħt il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Parti ta' importazzjoni sabiex tissodisfa l-livell xieraq ta' protezzjoni.

3. Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza jeħtieġ stima u aċċettazzjoni ta':

(a) miżuri SFS eżistenti fil-leġiżlazzjoni, l-istandards u l-proċeduri, inklużi kontrolli marbuta mas-sistemi tal-ispezzjoni u ta' ċertifikazzjoni sabiex jiżguraw li l-miżuri SFS tal-Parti li tesporta u dik li timporta huma sodisfati;

(b) l-istruttura dokumentata tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti, il-poteri tagħhom, il-ġerarkija tagħhom, il-*modus operandi* tagħhom u r-riżorsi disponibbli għalihom; u

(c) il-prestazzjoni tal-awtorità kompetenti rigward il-programmi ta' kontroll u l-garanziji.

4. Fl-evalwazzjoni tagħhom, il-Partijiet għandhom jieħdu kont tal-esperjenzi li jkunu digà akkwistaw.

5. Il-Parti li timporta għandha tirrikonoxxi l-miżura sanitarja jew fitosanitarja tal-Parti li tesporta bħala ekwivalenti jekk il-Parti li tesporta oġġettivament turi li l-miżura tagħha tilħaq il-livell xieraq ta' protezzjoni tal-Parti li timporta. Għal dan il-għan, għandu jingħata aċċess raġonevoli, b'talba, lill-Parti li timporta għal spezzjoni, ittestjar u proċeduri rilevanti oħra.

6. Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw il-gwida tal-Codex Alimentarius, tal-OIE, tal-IPPC u tal-Kumitat WTO SPS fir-rikonoxximent tal-ekwivalenza.

7. Barra minn hekk, fejn tkun ġiet rikonoxxuta ekwivalenza, il-Partijiet jistgħu jiftehmu fuq mudell simplifikat għaċ-ċertifikati uffiċjali sanitarji jew fitosanitarji meħtieġa għal kull kunsinna ta' annimali u prodotti tal-annimali, pjanti u prodotti tal-pjanti, jew prodotti oħra maħsuba għall-importazzjoni.

ARTIKOLU 5.15

Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji

1. Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “Kumitat tal-SPS”) stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jinkludi rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet.

2. Il-Kumitat tal-SPS għandu jiltaqa’ fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Wara dan għandu jiltaqa’ mill-inqas darba f’sena jew kif miftiehem mill-Partijiet. Il-Kumitat tal-SPS għandu jistabbilixxi r-regoli ta’ proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tagħha. Għandu jiltaqa’ wiċċ imbwiċċ, b’konferenza telefonika, b’vidjokonferenza, jew permezz ta’ kwalunkwe mezz ieħor, kif miftiehem mill-Partijiet.

3. Il-Kumitat tal-SPS jista’ jaqbel li jistabbilixxi gruppi tekniċi ta’ ħidma magħmul minn esperti tal-Partijiet, li għandhom jidentifikaw u jindirizzaw il-kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi li jinqalgħu taħt dan il-Kapitolu u nesploraw opportunitajiet għal iktar kooperazzjoni fuq kwistjonijiet tal-SPS ta’ interess reċiproku. Meta tkun meħtieġa kompetenza addizzjonali, is-sħubija ta’ dawn il-gruppi jaf tkun tinkludi persuni oħra għajr għar-rappreżentanti tal-Partijiet.

4. Il-Kumitat SRS jista' jindirizza kull kwistjoni relatata mal-funzjonament effettiv ta' din it-Taqsima. B’mod partikolari, għandu jkollu r-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jiżviluppa l-proċeduri jew l-arranġamenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta’ dan il-Kapitolu; inklużi l-Annessi tiegħu;

(b) Isir il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu; u

(c) jipprovdi *forum* għad-diskussjoni ta' problemi li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' ċerti miżuri SFS bl-iskop li jintlaħqu soluzzjonijiet aċċettabbli għaż-żewġ naħat. F'dan ir-rigward, il-Kumitat tal-SPS ħandu jitlaqqa' bħala kwistjoni ta' urġenza, sabiex jagħmel konsultazzjonijiet. Dawn il-konsultazzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni tat-Tilwim) u l-Kapitolu Ħmistax (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni).

5. Il-Kumitat tal-SPS jiskambja informazzjoni, għarfien espert u esperjenzi fil-qasam tal-benesseri tal-annimali sabiex jippromwovi kollaborazzjoni dwar il-benessri tal-annimali bejn il-Partijiet.

6. Il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitat tal-SPS, jadottaw rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet relatati mal-awtorizzazzjoni tal-importazzjonijiet, skambju ta' informazzjoni, trasparenza, rikonoxximent ta' reġjonalizzazzjoni, ekwivalenza u miżuri alternattivi, u kull kwistjoni referuta fil-paragrafi 4 u 5.

ARTIKOLU 5.16

Konsultazzjonijiet Tekniċi

1. Jekk Parti tikkonsidra li miżura tal-Parti l-oħra hija jew tista' tkun kuntrarja għall-obbligi skont dan il-Kapitolu u tikkawża jew tista' tikkawża xkiel mhux ġustifikat għall-kummerċ, hija tista' titlob konsultazzjonijiet tekniċi fil-Kumitat tal-SPS bil-ħsieb li jintlaħqu soluzzjonijiet li jkunu reċiprokament aċċettabbli. L-awtoritajiet kompetenti stabbiliti fl-Anness 5-A jiffaċilitaw dawn il-konsultazzjonijiet.

2. Il-konsultazzjonijiet fil-Kumitat tal-SPS għandhom jiġu kkunsidrati konklużi fi żmien tletin jum wara d-data tal-preżentazzjoni tat-talba, minbarra jekk il-Partijiet fil-konsultazzjoni jaqblu li jkomplu bil-konsultazzjonijiet. Il-konsultazzjonijiet tekniċi jistgħu jsiru permezz ta' konferenza telefonika, vidjokonferenza, jew kull mekkaniżmu ieħor miftiehem mill-Partijiet.

KAPITOLU SITTA

ID-DWANA U L-FAĊILITAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ARTIKOLU 6.1

Għanijiet

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kwistjonijiet ta' dwana u l-faċilitazzjoni kummerċjali fl-ambjent tal-kummerċ bilaterali li qed jevolvi. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni f'dan il-qasam bil-għan li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri rilevanti, kif ukoll il-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjonijiet rilevanti, jissodisfaw l-objettivi tal-promozzjoni tal-kummerċ filwaqt li jiżguraw kontroll doganali effettiv.

2. Għal dan il-għan, il-Partijiet jaqblu li l-leġiżlazzjoni ma għandiex tkunu diskriminatorja u li l-proċeduri doganali għandhom ikunu bbażati fuq l-użu ta' metodi moderni u kontrolli effettivi biex ikunu miġġielda l-frodi u biex jipproteġu l-kummerċ leġittimu.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-għanijiet ta' politiki pubbliċi leġittimi, inklużi b'rabta ma' għanijiet tas-siġurtà, s-sikurezza u l-ġlieda kontra l-frodi, ma għandhom jiġu kompromessi bl-ebda mod.

ARTIKOLU 6.2

Prinċipji

1. Il-Partijiet jaqblu li d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq:

(a) l-istrumenti u l-istandards internazzjonali applikabbli fil-qasam tad-dwana u l-kummerċ, li l-partijiet rispettivi tagħhom ikunu aċċettaw, inkluża l-Konvenzjoni Riveduta ta' Kjoto dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema tad-Deskrizzjoni u l-Ikkodjar Armonizzata tal-Komodità, u l-Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali (minn hawn 'il quddiem "il-Qafas SAFE") tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (minn hawn 'il quddiem id-"WCO");

(b) il-protezzjoni tal-kummerċ legali permezz ta' infurzar effettiv u konformità mal-kriterji leġiżlattivi;

(c) leġiżlazzjoni li tevita piżijiet mhux meħtieġa jew diskriminatorji fuq l-operaturi ekonomiċi, li tipprevedi aktar faċilitazzjoni tal-kummerċ għall-operaturi ekonomiċi b'livelli għolja ta' konformità, u li tiżgura salvagwardji kontra l-frodi u attivitajiet illeċiti jew ta' dannu l-attivitajiet; u

(d) regoli li jiżguraw li kull penali li tiġi imposta għal ksur fir-regolamenti doganali jew f'rekwiżiti proċedurali hija proporzjonata u nondiskriminatorji u li l-applikazzjoni tagħhom ma għandhiex iddewwem mingħajr ġustifikazzjoni r-rilaxx tal-oġġetti.

2. Sabiex jittejbu l-metodi ta' ħidma, kif ukoll biex jiġi żgurat in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, it-trasparenza, l-effiċjenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-operazzjonijiet, il-Partijiet għandhom:

(a) jissimplifikaw ir-rekwiżiti u l-formalitajiet, kull fejn ikun possibbli, rigward ir-rilaxx u l-ikklerjar mgħaġġlin tal-oġġetti; u

(b) jieħdu passi ulterjuri lejn it-tnaqqis, is-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni tad-dejta u d-dokumentazzjoni meħtieġa mid-dwana u aġenziji oħra.

ARTIKOLU 6.3

Il-Kooperazzjoni Doganali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fuq kwistjonijiet doganali bejn l-awtoritajiet rispettivi tagħhom sabiex jiżguraw li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 6.1 (Għanijiet) jintlaħqu.

2. Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet doganali, il-Partijiet għandhom, *inter alia*:

(a) jiskambjaw informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni doganali rispettiva tagħhom, l-implimentazzjoni tagħha, u l-proċeduri doganali, partikolarment fl-oqsma li ġejjin:

(i) is-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tal-proċeduri doganali;

(ii) l-infurzar fuq il-fruntieri tad-drittijiet fuq proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali;

(iii) movimenti ta' transitu u trasbord; u

(iv) relazzjonijiet mal-komunità tan-negozju;

(b) jikkunsidraw jiżviluppaw inizjattivi konġunti marbuta mal-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-proċeduri doganali, kif ukoll biex jiżguraw li l-komunità kummerċjali tingħata servizz effettiv;

(c) jaħdmu flimkien fuq aspetti relatati mad-dwana tal-iżgurar u l-iffaċilitar tal-katina ta' forniment internazzjonali skont il-Qafas SAFE;

(d) jistabbilixxu, fejn xieraq, rikonoxximent reċiproku tat-tekniki tagħhom tal-ġestjoni tar-riskji, standards tar-riskji, kontrolli tas-sigurtà u programmi ta' sħubija kummerċjali, inklużi aspetti bħat-trażmissjoni tad-dejta u l-benefiċċji miftehma reċiprokament; u

(e) isaħħu l-koordinazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WTO u d-WCO.

ARTIKOLU 6.4

Transitu u Trasbord

1. Il-Partijiet għandhom jassiguraw il-faċilitazzjoni u l-kontroll effettiv ta' operazzjonijiet ta' trasbord u movimenti ta' transitu mit-territorji rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu u jimplimentaw arranġamenti ta' transitu reġjonali bil-għan li jiġi ffaċilitat il-kummerċ.

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw kooperazzjoni u kordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati u l-aġenziji fit-territorji rispettivi tagħhom biex jiffaċilitaw it-traffiku fi tranżitu.

ARTIKOLU 6.5

Deċiżjonijiet bil-Quddiem

Qabel l-importazzjoni ta' prodotti fit-territorju tagħha u skont il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tagħha, kull Parti għandha, permezz tal-awtoritajiet doganali tagħha jew awtoritajiet kompetenti oħra, toħroġ deċiżjonijiet minn qabel bil-miktub għan-negozjanti stabbiliti fit-territorju tagħha dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffi, l-oriġini, u kull kwistjoni oħra li l-Parti tista' tiddeċiedi.

ARTIKOLU 6.6

Proċedura Doganali Simplifikata

1. Kull Parti għandha tipprovdi proċeduri ssimplifikati ta' importazzjoni u esportazzjoni li huma trasparenti u effiċjenti, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u tiżdied il-prevedibbiltà għall-operaturi ekonomiċi, inklużi intrapriżi ta' daqs żgħir u medju. Għandu jiġi pprovdut ukoll aċċess aktar faċli għas-simplifikazzjonijiet doganali għall-kummerċjanti awtorizzati skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

2. Għandu jintuża dokument ta' dikjarazzjoni doganali uniku jew l-ekwivalenti elettroniku tiegħu biex jitlestew il-formalitajiet meħtieġa għat-tqegħid tal-oġġetti taħt proċedura doganali.

3. Il-Partijiet għandhom japplikaw tekniki doganali moderni, inkluża valutazzjoni tar-riskju u l-metodi ta' verifika ta' wara- r-rilaxx, sabiex jissimplifikaw u jiffaċilitaw id-dħul u r-rilaxx tal-oġġetti.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp u l-użu progressiv tas-sistemi, inklużi dawk ibbażati fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni, sabiex ikun iffaċilitat l-iskambju elettroniku tad-dejta fost il-kummerċjanti rispettivi tagħhom, l-awtoritajiet doganali u aġenziji relatati oħra.

ARTIKOLU 6.7

Rilaxx tal-Prodotti

Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali tagħha, l-aġenziji tal-fruntiera jew awtoritajiet kompetenti oħra japplikaw rekwiżiti u proċeduri li:

(a) jipprevedu r-rilaxx immedjat tal-oġġetti f'perjodu li ma jkunx itwal milli meħtieġ sabiex tiġi assigurata konformità mal-liġijiet u l-formalitajiet doganali tagħha u oħrajn relatati mal-kummerċ.

(b) jipprevedu pproċessar qabel il-wasla (jiġifieri s-sottomissjoni elettronika avvanzata u l-ipproċessar eventwali tal-informazzjoni qabel il-wasla tal-oġġetti) sabiex jippermettu r-rilaxx tal-prodotti malli jaslu; u

(c) jipprevedu għar-rilaxx tal-oġġetti, mingħajr il-ħlas ta' dazji doganali, suġġetti għall-għoti ta' garanzija, jekk meħtieġ, skont il-leġiżlazzjoni ta' kull Parti, sabiex tiżgura l-ħlas finali tad-dazji doganali.

ARTIKOLU 6.8

Ħlasijiet u Imposti

1. Għandhom jiġu imposti tariffi u ħlasijiet biss għal servizzi pprovduti b'rabta mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni inkwistjoni jew għal kull formalità meħtieġa sabiex titwettaq tali importazzjoni jew esportazzjoni. Huma ma għandhomx jaqbżu l-ispiża approssimattiva tas-servizz ipprovdut u ma għandhomx jiġu kkalkulati fuq bażi *ad valorem*.

2. L-informazzjoni dwar il-miżati u l-imposti għandha tiġi ppubblikata fuq mezz magħżul b'mod uffiċjali, anki permezz tal-internet. Din l-informazzjoni għandha tinkludi r-raġuni għall-tariffa jew imposta għas-servizz ipprovdut, l-awtorità responsabbli, it-tariffa u l-imposta li tiġi applikata, u meta u kif għandu jsir il-pagament.

3. Ma għandhomx jiġu imposti tariffi u imposti ġodda jew emendati sakemm tiġi ppubblikata u magħmula faċilment disponibbli informazzjoni skont is-subparagrafu (e).

ARTIKOLU 6.9

Sensara Doganali

Il-Partijiet jaqblu li d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom ma għandhomx jirrikjedu l-użu mandatorju tal-aġenti doganali. Il-Partijiet għandhom japplikaw regoli trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati jekk u meta jagħtu l-liċenzja lill-aġenti doganali.

ARTIKOLU 6.10

Spezzjonijiet ta' Qabel il-Konsenja

Il-Partijiet jaqblu li d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom ma għandhomx jirrikjedu l-użu mandatorju tal-ispezzjonijiet ta' qabel it-trasportazzjoni kif definit fil-Ftehim dwar l-Ispezzjonijiet ta' Qabel it-Trasportazzjoni, jew kull attività oħra ta' spezzjoni mwettqa fid-destinazzjoni, qabel l-iżdoganar tal-oġġetti, minn kumpaniji privati.

ARTIKOLU 6.11

Evalwazzjonijiet Doganali

1. Il-Partijiet għandhom jiddeterminaw il-valur doganali tal-prodotti skont il-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-għan li jilħqu approċċ komuni għal kwistjonijiet relatati ma' valutazzjoni doganali.

ARTIKOLU 6.12

Immaniġġar tar-Riskju

1. Kull Parti għandha tibbaża l-proċeduri tal-analiżi u tar-rilaxx tagħha u l-proċeduri ta' verifika wara d-dħul tagħha dwar il-prinċipji u l-verifiki tal-valutazzjoni tar-riskju, aktar milli teżamina kull konsenja b'mod komprensiv għall-konformità mar-rekwiżiti tal-importazzjoni kollha.

2. Il-Partijiet jaqblu li jadottaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri tagħhom tal-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-traniżtu u t-trasbord ir-rekwiżiti ta' kontroll u proċeduri għal oġġetti fuq il-bażi tal-ġestjoni tar-riskju prinċipji li għandhom ikunu applikati għal miżuri biex il-miuri ta' konformità jiġu ffukati fuq tranżazzjonijiet li jixirqilhom attenzjoni.

ARTIKOLU 6.13

Punt Uniku ta' Kuntatt

Kull Parti għandha tistinka biex tiżviluppa jew iżżomm sistemi ta' punt uniku ta' servizz biex tiffaċilita sottomissjoni elettronika waħdiena tal-informazzjoni kollha meħtieġa mid-dwana u minn leġiżlazzjoni oħra għall-esportazzjoni, l-importazzjoni u t-transitu ta' oġġetti.

ARTIKOLU 6.14

Proċeduri tal-Appell

1. Kull Parti għandha tipprovdi proċeduri effettivi, immedjati, mhux diskriminatorji u faċilment aċċessibbli biex tiggarantixxi d-dritt ta' appell kontra azzjonijiet amministrattivi, sentenzi u deċiżjonijiet doganali jew awtoritajiet kompetenti oħra li jeffettwaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti jew oġġetti fi transitu.

2. Proċeduri ta' appell jistgħu jinkludu reviżjoni amministrattiva mill-awtorità regolatorja u reviżjoni ġudizzjarja tad-deċiżjonijiet meħuda fil-livell amministrattiv skont il-leġiżlazzjoni tal-Partijiet.

ARTIKOLU 6.15

It-Trasparenza

1. Kull Parti għandha tippubblika jew b'xi mod ieħor tagħmel disponibbli, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi, il-leġislazzjoni , ir-regolamenti, u proċeduri amministrattivi tagħha u r-rekwiżiti oħra relatati mal-faċilitazzjoni doganali u kummerċjali.

2. Kull Parti għandha taħtar jew iżżomm punt wieħed jew aktar ta' mistoqsija jew informazzjoni sabiex tindirizza l-mistoqsijiet mill-persuni interessati dwar kwistjonijiet doganali u oħrajn relatati mal-kummerċ.

ARTIKOLU 6.16

Relazzjonijiet mal-Komunità Kummerċjali

Il-Partijiet jaqblu li:

(a) dwar il-ħtieġa għal konsultazzjoni f'waqtha mar-rappreżentanti tal-kummerċ meta jifformulaw proposti leġiżlattivi u proċeduri ġenerali relatati ma' kwistjonijiet doganali u kummerċjali. Għal dan il-għan, għandhom isiru konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet doganali u l-komunità kummerċjali kif xieraq;

(b) li jippubblikaw jew inkella jagħmlu disponibbli, sa fejn ikun possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, il-proċeduri leġiżlattivi u ġenerali ġodda li jkollhom x'jaqsmu mad-dwana u kwistjonijiet ta' faċilitazzjoni kummerċjali qabel ma tidħol fis-seħħ kull leġiżlazzjoni u proċedura ta' dan it-tip, kif ukoll bidliet għal u interpretazzjonijiet ta' dawn il-liġijiet u proċeduri. Huma għandhom ukoll jagħmlu l-avviżi relevanti ta' natura amministrattiva disponibbli għall-pubbliku, inklużi l-kriterji tal-aġenzija u l-proċeduri tad-dħul, is-sigħat tal-operat u l-proċeduri tal-operat għall-uffiċċji doganali li jeżistu fil-portijiet u f'punti ta' bejn it-territorji, kif ukoll il-punti ta' kuntatt minn fejn jista' jinkiseb it-tagħrif meħtieġ;

(c) dwar il-ħtieġa għal perjodu raġonevoli ta' żmien bejn il-pubblikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida jew emendata, proċeduri u tariffi jew imposti u d-dħul tagħhom fis-seħħ, mingħajr preġudizzju għall-finijiet leġittimi tal-objettivi tal-politika pubblika (pereż. bidliet fir-rati tad-dazju); u

(d) li jiżguraw li r-rekwiżiti u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom jibqgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-komunità tal-kummerċ, isegwu l-aħjar prassi, u jibqgħu kemm jista' jkun inqas restrittivi għall-kummerċ.

ARTIKOLU 6.17

Kumitat Doganali

1. Il-Kumitat Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jikkonsisti minn rappreżentanti tal-awtoritajiet doganali u awtoritajiet kompetenti oħra tal-Partijiet. Il-Kumitat Doganali għandu jassigura l-operat tajjeb ta' dan il-Kapitolu, il-Protokoll 1 u kwalunkwe dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mad-dwana kif miftiehem bejn il-Partijiet. Fil-Kumitat Doganali, il-Partijiet jistgħu jeżaminaw u jieħdu deċiżjonijiet dwar kull kwistjoni li tinqala' fi ħdanu.

2. Il-Partijiet fil-Kumitat Doganali jistgħu jadottaw rakkomandazzjonijiet u jieħdu deċiżjonijiet fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta' tekniki tal-ġestjoni tar-riskji, standards tar-riskji, kontrolli tas-sigurtà u programmi ta' sħubija kummerċjali, inklużi aspetti bħal trażmissjoni tad-dejta u l-benefiċċji miftiehma reċiprokament u kwalunkwe kwistjoni oħra koperta mill-paragrafu 1.

3. Il-Partijiet jistgħu jiftehmu li jkollhom laqgħat *ad hoc* għal kwalunkwe materja doganali inklużi regoli ta' oriġini, kif ukoll kwalunkwe obbligu ta' dispożizzjonijiet relatati mad-dwana kif miftiehem bejn il-Partijiet. Huma jistgħu wkoll jistabbilixxu sotto-gruppi għal kwistjonijiet speċifiċi fejn xieraq.

KAPITOLU SEBGĦA

OSTAKLI MHUX TARIFFARJI GĦALL-KUMMERĊ U L-INVESTIMENT FIL-ĠENERAZZJONI TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI

ARTIKOLU 7.1

Għanijiet

B'konformità mal-isforzi globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-Partijiet jikkondividu l-għan li jippromwovu, jiżviluppaw u jżidu l-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sorsi mhux fossili sostenibbli, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar tal-kummerċ u l-investiment. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jikkooperaw lejn it-tneħħija jew it-tnaqqis tat-tariffi kif ukoll ostakli mhux tariffarji u titrawwem konverġenza regolatorja ma' jew lejn standards reġjonali u internazzjonali.

ARTIKOLU 7.2

Definizzjonijiet

Għall-finijet ta’ dan il-Kapitolu:

(a) "rekwiżit ta' kontenut lokali" tfisser

(i) fir-rigward ta' prodotti, rekwiżit għal intrapriża biex tixtri jew tuża oġġetti ta' oriġini domestika jew minn xi sors domestiku, sewwa jekk speċifikat f'termini ta' prodotti partikolari, f'termini ta' volum jew valur ta' prodotti, kif ukoll f'termini ta' proporzjon ta' volum jew valur tal-produzzjoni lokali tagħhom;

(ii) rigward servizzi, rekwiżit li jillimita l-għażla tal-fornituri tas-servizz jew is-servizz fornut għad-detriment tas-servizzi jew il-fornituri tas-servizzi mill-Parti l-oħra;

(b) "miżura” tfisser kull miżura, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, minn Parti, kemm jekk fil-forma ta’ liġi, regolament, regola, proċedura, deċiżjoni, azzjoni amministrattiva, jew xi forma oħra;

(c) “spostament" tfisser kull kundizzjoni li tinkoraġġixxi l-iżvilupp lokali, bħalma huma inġustifikati għat-teknoloġija, l-investiment, l-obbligu li jiġu kkuntrattatati istituzzjonijiet finanzjarji partikolari, il-kontrokummerċ, u rekwiżiti simili;

(d) “sħubija” tfisser kull entità ġuridika bħal korporazzjoni, fond fiduċjarju, sħubija, intrapriża konġunta, assoċjazzjoni;

(e) "fornitur tas-servizz" tfisser skont id-definizzjoni fil-paragrafu (1) tal-Artikolu 8.2 (Definizzjonijiet).

ARTIKOLU 7.3

Kamp ta’ Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għal miżuri li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet dwar il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sorsi sostenibbli mhux fossili, b’mod partikolari enerġija mir-riħ, mix-xemx, dik aerotermika, ġeotermika, idrotermika u oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass mill-miżbla, gass minn impjanti għat-trattament tad-dranaġġ u bijogassijiet, iżda mhux għall-prodotti mnejn l-enerġija tkun iġġenerata.

2. Dan il-Kapitolu ma għandu japplika la għal proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp, u lanqas għal proġetti ta' dimostrazzjoni mwettqa fuq skala mhux kummerċjali.

3. Dan il-Kapitolu huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta’ kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra ta’ dan il-Ftehim, inkluż kull eċċezzjoni, riżerva jew ir-restrizzjoni, għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, *mutatis mutandis*. Għal aktar ċertezza, f’każ ta’ xi inkonsistenza bejn dan il-Kapitolu u dispożizzjonijiet oħra ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan il-Ftehim għandhom jipprevalu sal-punt tal-inkonsistenza.

ARTIKOLU 7.4

Prinċipji

Kull Parti għandha:

(a) iżżomm lura milli tadotta miżuri li jipprovdu għal rekwiżiti ta' kontenut lokali jew kwalunkwe kumpens li jaffettwa l-prodotti tal-Parti l-oħra, il-forniturи tas-servizzi, l-istabbilimenti jew l-intraprendituri;

(b) iżżomm lura milli tadotta miżuri li jirrikjedu l-formazzjoni ta' sħubijiet ma' kumpaniji lokali, sakemm tali sħubijiet ma jitqisux neċessarji għal raġunijiet tekniċi u l-Parti li żżomm jew li tadotta miżuri bħal dawn tista' turi tali raġunijiet tekniċi wara talba mill-Parti l-oħra;

(c) tiżgura li kwalunkwe regoli dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjament li huma applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward ta' tagħmir, impjanti u infrastrutturi tas-sistema ta' trażmissjoni assoċjati, ikunu oġġettivi, trasparenti, mhux arbitrarji u ma jiddiskriminawx kontra applikanti mill-Parti l-oħra.

(d) tiżgura li l-ħlasijiet amministrattivi imposti fuq jew f'konnessjoni ma':

(i) l-importazzjoni u l-użu ta' prodotti li joriġinaw fil-Parti l-oħra, jew li jaffettwaw il-provvista tal-prodotti minn forniturи tal-Parti l-oħra, huma suġġetti għal Artikolu 2.10 (Tariffi u l-Formalitajiet Konnessi mal-Importazzjoni u l-Esportazzjoni);

(ii) forniment ta' servizzi mill-forniturituri tal-Parti l-oħra huma soġġetti għall-Artikolu 8.18 (Ambitu u Definizzjonijiet), l-Artikolu 8.19 (Kundizzjonijiet għal-Liċenzjar u l-Kwalifikazzjoni) u l-Artikolu 8.20 (Proċeduri ta' Liċenzjar u Kwalifikazzjoni); u

(e) tiżgura li t-termini, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-konnessjoni u l-aċċess għall-grilji ta' trasmissjoni tal-elettriku jkunu trasparenti u ma jiddiskriminawx kontra forniturituri tal-Parti l-oħra;

ARTIKOLU 7.5

Standards, Regolamenti Tekniċi, u Valutazzjoni ta' Konformità

1. Jekk jeżistu standards internazzjonali jew reġjonali rigward prodotti għall-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sorsi mhux fossili, il-Partijiet għandhom jużaw dawn l-istandards, jew il-partijiet rilevanti tagħhom, bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħhom għajr meta standards internazzjonali bħal dawn jew partijiet rilevanti ma jkunux effettivi jew xierqa għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi segwiti. Għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem "ISO") u l-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem "IEC") għandhom jiġu kkunsidrati b'mod partikolari bħala korpi li jistabbilixxu l-istandards internazzjonali rilevanti.

2. Fejn xieraq, il-Partijiet għandhom jispeċifikaw regolamenti tekniċi bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-prodott f'termini ta' prestazzjoni, inkluża l-prestazzjoni ambjentali, aktar milli l-karatteristiċi tad-disinn jew il-karatteristiċi deskrittivi.

3. Fir-rigward ta’ prodotti elenkati fil-Kapitolu 84 tas-Sistema Armonizzata (ħlief 8401) kif ukoll fis-SA 850231 u 854140:

(a) l-Unjoni taċċetta dikjarazzjonijiet ta’ konformità mill-forniturі ta’ Singapore bl-istess termini kif ukoll mill-forniturі tal-Unjoni għall-iskop ta’ tqegħid fis-suq ta’ prodotti ta’ dan it-tip, mingħajr kwalunkwe rekwiżiti oħra; u

(b) Singapore se jaċċetta d-dikjarazzjonijiet ta’ konformità tal-UE jew ir-rapporti tat-testijiet, għall-iskop ta’ tqegħid fis-suq ta’ prodotti ta’ dan it-tip mingħajr rekwiżiti oħra. Singapore jista’ jirrikjedi ttestjar jew ċertifikazzjoni mandatorja minn parti terza skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl- Artikolu 5 (Miżuri ta’ Salvagwardja) tal-Anness 4-A.

Għal aktar ċertezza, dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe waħda mill-Partijiet li tapplika r-rekwiżiti relatati mal-prodotti msemmijin f’dan il-paragrafu, bħalma huma l-liġijiet ta’ tqassim ta’ territorju jew fuq kodiċijiet ta’ bini.

ARTIKOLU 7.6

L-Eċċezzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu huwa suġġett għas-sigurtà u / jew eċċezzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2.14 (Eċċezzjonijiet Ġenerali), l-Artikolu 8.62 (Eċċezzjonijiet Ġenerali), l-Artikolu 9.3 (Sigurtà u Eċċezzjonijiet Ġenerali) u, għal aktar ċertezza, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu Sittax (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali, Ġenerali u Finali).

2. Għal aktar ċertezza, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit li dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn il-prodotti tal-Partijiet, il-forniturі ta' servizz jew l-investituri fejn ikunu jipprevalu l-istess kundizzjonijiet, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li ma jħallix l-adozzjoni jew l-infurzar minn xi parti ta' miżuri meħtieġa għat-tħaddim sikur tan-netwerks tal-enerġija kkonċernata, jew is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

ARTIKOLU 7.7

Implimentazzjoni u Kooperazzjoni

1. Fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit skont l-Artikolu 16 (Kumitat dwar il-Kummerċ), il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness. Il-Partijiet jistgħu, b'deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ, jadottaw il-miżuri ta' implimentazzjoni xierqa għal dan il-għan, u jaġġornaw dan il-Kapitolu kif xieraq.

2. Il-kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni, esperjenzi regolatorji u l-aqwa prattiki f'oqsma bħal:

(i) id-disinn u l-implimentazzjoni mhux diskriminatorji ta' miżuri li jippromwovu l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(ii) ġbir u ħżin tal-karbonju;

(iii) grilji intelliġenti;

(iv) effiċjenza enerġetika; jew

(v) regolamenti tekniċi, standards u proċeduri ta' evalwazzjoni ta' konformità, bħal dawk li għandhom x'jaqsmu mar-rekwiżiti tal-kodiċi tal-grilji;

(b) il-promozzjoni tal-konverġenza, ukoll f'*fora* reġjonali relevanti tar-regolamenti tekniċi domestiċi jew reġjonali tagħhom, il-kunċetti regolatorji, l-istandards, ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' konformità mal-istandards internazzjonali.

KAPITOLU TMIENJA

SERVIZZI, STABBILIMENT U KUMMERĊ ELETTRONIKU

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 8.1

Għan u Kamp ta' Applikazzjoni

1. Il-Partijiet, waqt li jaffermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO, b'dan jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għal-liberalizzazzjoni progressiva reċiproka tal-kummerċ fis-servizzi, l-istabbilizzazzjoni u l-kummerċ elettroniku.

2. Ħlief kif provdut xort'oħra, dan il-Kapitolu ma għandux:

(a) japplikaw għas-sussidji mogħtija jew għotjiet ipprovduti minn xi Parti, inkluż self, garanziji u assigurazzjoni appoġġati mill-gvern;

(b) japplikaw għas-servizzi pprovduti fl-eżerċizzju ta' awtoritá governattiva fit-territorji rispettivi tal-Partijiet. Għall-iskopijiet ta' dan il-Kapitolu, servizz ipprovdut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva tfisser kull servizz, minbarra servizz li jkun ipprovdut fuq bażi kummerċjali jew f'kompetizzjoni ma' fornitur wieħed jew aktar tas-servizzi;

(c) jirrikjedi l-privatizzazzjoni ta' impriżi pubbliċi; u / jew

(d) japplika għal-liġijiet, regolamenti jew ħtiġijiet li jirregolaw il-ksib minn aġenziji governattivi ta' servizzi mixtrija għal skopijiet governattivi u mhux bl-iskop ta' bejgħ kummerċjali mill-ġdid jew bl-iskop ta' użu fil-forniment ta' servizzi għall-bejgħ kummerċjali.

3. Kull Parti żżomm id-dritt tagħha li tirregola u ddaħħal regolamenti ġodda sabiex tilħaq għanijiet leġittimi ta' politika b'mod li jkun konsistenti ma' dan il-Kapitolu.

4. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għal miżuri li jaffettwaw persuni fiżiċi li jkunu qed ifittxu aċċess għas-suq tax-xogħol ta' Parti, u lanqas għal miżuri dwar iċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat biex iżomm lil Parti milli tapplika miżuri biex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra jew is-soġġorn tagħhom fit-territorju tagħha, inklużi dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-integrità ta' persuni fiżiċi u sabiex jiġi żgurat il-moviment organizzat tagħhom fil-fruntieri tagħha, bil-kundizzjoni li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jannullaw jew jikkompromettu l-benefiċċji[1] ta' Parti li jirriżultaw mit-termini ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 8.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "taxxi diretti" tinkludi t-taxxi kollha fuq id-dħul totali, fuq id-dħul kapitali jew fuq elementi tad-dħul u tal-kapital, inklużi taxxi fuq id-dħul mit-trasferiment ta' proprjetá, taxxi fuq il-patrimonju, wirt u rigali, u taxxi fuq l-ammonti totali ta' pagi jew salarji mħallsin minn intrapriżi, kif ukoll taxxi fuq l-apprezzament tal-kapital.

(b) "persuna ġuridika" tfisser kull entità legali debitament ikkostitwita jew organizzata b'xi mod ieħor skond il-liġi applikabbli, kemm jekk għall-profitt jew għal fini ieħor, u kemm jekk tkun ta' proprjetà privata jew tal-gvern, inkluża kwalunkwe korporazzjoni, fond fiduċjarju, sħubija, intrapriża konġunta, impriża individwali jew assoċjazzjoni;

[1] Il-fatt biss li tkun meħtieġa viża għall-persuni fiżiċi ta' ċerti pajjiżi u mhux għal dawk ta' pajjiżi oħra ma għandux jitqies bħala li jħassar jew idgħajjef il-benefiċċji skont impenn speċifiku.

(c) “persuna ġuridika tal-Unjoni” jew “persuna ġuridika ta' Singapore” tfisser:

(i) persuna ġuridika stabbilita skont il-liġijiet tal-Unjoni u / jew ta’ wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni jew Singapore rispettivament, u li jkollha l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali[1] jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha fit-territorju tal-Unjoni jew Singapore, rispettivament; jew

(ii) fil-każ ta’ stabbiliment skont il-paragrafu (d) l-Artikolu 8.8 (definizzjonijiet), persuna ġuridika li tkun proprjetà ta’ jew ikkontrollata minn persuni fiżiċi tal-Istati Membri tal-Unjoni jew ta’ Singapore rispettivament, jew minn persuni ġuridiċi tal-Unjoni jew Singapore persuni ġuridiċi rispettivament.

Jekk il-persuna ġuridika jkollha biss l-uffiċċju rreġistrat tagħha jew l-amministrazzjoni ċentrali tagħha fit-territorju tal-Unjoni jew ta’ Singapore, rispettivament, ma għandhiex tkun ikkunsidrata bħala persuna ġuridika tal-Unjoni jew persuna ġuridika ta’ Singapore, rispettivament, sakemm ma tkunx involuta f’operazzjonijiet sostanzjali kummerċjali[2] fit-territorju tal-Unjoni jew ta’ Singapore, rispettivament.

---

[1] "Amministrazzjoni ċentrali" tfisser l-uffiċċju prinċipali fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet finali.

[2] L-Unjoni tifhem li l-kunċett ta’ “rabta effettiva u kontinwa” mal-ekonomija ta’ Stat Membru tal-Unjoni mnaqqxa fl-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn ’il quddiem “TFUE”) huwa ekwivalenti għall-kunċett ta’ “operazzjonijiet sustanzjali ta’ negozju”. Għalhekk, għal persuna ġuridika stabbilita skont il-liġijiet ta’ Singapore u li jkollha biss l-uffiċċju rreġistrat jew l-amministrazzjoni ċentrali tagħha fit-territorju ta’ Singapore, l-Unjoni għandha testendi biss il-benefiċċji ta’ dan il-Ftehim jekk dik il-persuna ġuridika jkollha rabta ekonomika effettiva u kontinwa mal-ekonomija ta’ Singapor.

Persuna ġuridika tkun:

(i) “pproprjetà” ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni u / jew kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni, jew ta’ Singapore, jekk iktar minn 50 fil-mija tal-interessi fiha jkun proprjetá ta’ benefiċċju għal persuni tal-Unjoni u / jew kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni, jew ta’ Singapore, rispettivament;

(ii) "ikkontrollata" minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni u / jew xi wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni jew ta' Singapore jekk tali persuni jkollhom is-setgħa jaħtru l-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li jmexxu b'mod legali l-azzjonijiet tagħha;

(iii) “affiljata” ma’ persuna oħra meta hija tikkontrolla, jew tkun ikkontrollata, minn dik il-persuna; jew meta hija u l-persuna l-oħra jkunu t-tnejn ikkontrollatai mill-istess persuna;

(d) minkejja s-subparagrafu (f), il-kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra l-Unjoni u kkontrollati minn ċittadini ta’ Stat Membru tal-Unjoni, għandhom ikunu koperti wkoll b’dan il-Ftehim, jekk il-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati skont il-leġiżlazzjoni rispettiva ta’ dak l-Istat Membru tal-Unjoni u jtajru l-bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni;

(e) “miżura” tfisser kull miżura minn Parti, kemm jekk fil-forma ta' liġi, regolament, regola, proċedura, deċiżjoni, azzjoni amministrattiva, jew kull forma oħra;

(f) “miżuri adottati jew miżmuma minn Parti” tfisser miżuri meħuda minn:

(i) gvernijiet u awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali; jew

(ii) entitajiet mhux governattivi fl-eżerċizzju ta' setgħat iddelegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali;

(g) “il-miżuri adottati jew miżmuma minn Parti li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi” jinkludu miżuri fir-rigward ta’:

(i) ix-xiri, il-ħlas jew l-użu ta’ servizz;

(ii) l-aċċess għal u l-użu ta’ servizzi li huma meħtieġa minn xi Parti sabiex jiġu offruti lill-pubbliku inġenerali, b'rabta mal-forniment ta’ servizz; u

(iii) il-preżenza, li tinkludi l-preżenza kummerċjali, ta’ persuni ta’ xi Parti għall-forniment ta’ servizz fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(h) “Skeda ta’ Impenji Speċifiċi” tirreferi, fil-każ tal-Unjoni, għall-Anness 8-A u l-Appendiċijiet tiegħu, u, fil-każ ta’ Singapore, l-Anness 8-B u l-Appendiċijiet tiegħu.

(i) "konsumatur tas-servizz" tfisser kull persuna li tirċievi jew tagħmel użu minn servizz;

(j) “provvista ta' servizz” tinkludi l-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, il-bejgħ u l-konsenja ta' servizz;

(k) "servizz tal-Parti l-oħra"’ tfisser servizz li huwa fornut:

(i) mit-territorju jew fit-territorju tal-Parti l-oħra, jew fil-każ tat-trasport marittimu, permezz ta' bastiment irreġistrat skont il-liġijiet ta’ dik il-Parti l-oħra, jew permezz ta' persuna mill-Parti l-oħra li tipprovdi s-servizz permezz tal-operat ta’ bastiment u / jew l-użu tiegħu b'mod parzjali jew bis-sħiħ; jew

(ii) fil-każ ta’ forniment ta’ servizz permezz tal-preżenza kummerċjali jew permezz tal-preżenza ta’ persuni fiżiċi, b'fornitur tas-servizzi tal-parti l-oħra;

(l) “fornitur ta’ servizz” tfisser kull persuna li tforni jew tfittex li tforni servizz, inkluż permezz ta’ stabbiliment;

(m) “kummerċ fis-servizzi” tfisser il-forniment ta’ servizz:

(i) mit-territorju ta' Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra ("transfruntier");

(ii) fit-territorju ta’ Parti lill-konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra ("konsum barra mill-pajjiż");

(iii) minn fornitur tas-servizzi ta' Parti, permezz ta' preżenza kummerċjali, fit-territorju tal-Parti l-oħra ("preżenza kummerċjali");

(iv) minn fornitur tas-servizzi ta' Parti, permezz tal-preżenza ta' persuni fiżiċi ta' dik il-Parti, fit-territorju tal-Parti l-oħra ("preżenza ta' persuni ġuridiċi").

TAQSIMA B

(FORNIMENT TRANSFUNTIER TA' SERVIZZI)

ARTIKOLU 8.3

Kamp ta’ Applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għal miżuri tal-Partijiet li jaffettwaw il-forniment transfruntiera tas-setturi tas-servizzi kollha għajr:

(a) servizzi awdjoviżivi;

(b) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali[1]; u

(c) is-servizzi tat-trasport bl-ajru domestiċi u internazzjonali, sew jekk skedati kif ukoll jekk mhux- skedati, u s-servizzi direttament marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, ħlief:

(i) tiswija u manutenzjoni ta' ajruplani li matulhom ajruplan ikun tneħħa mis-servizz;

[1] Mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri t-trasport ta’ passiġġieri jew oġġetti bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni u port jew punt ieħor li jinsab fl-istess Stat Membru, inkluż fuq l-ixkaffa kontinentali tiegħu kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, (minn hawn 'il quddiem "UNCLOS"), u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni.

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ servizzi tat-trasport bl-ajru; u

(iii) is-servizzi ta' sistema ta' prenotazzjoni kompjuterizzata;

ARTIKOLU 8.4

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din it-Taqsima, “forniment transfruntiera ta’ servizzi” tfisser il-forniment ta’ servizz:

(a) mit-territorju ta’ Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra; u

(b) fit-territorju ta’ Parti lill-konsumatur ta' servizz tal-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 8.5

Aċċess għas-suq

1. Fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz tal-forniment transfruntiera ta’ servizzi, kull Parti għandha tagħti, lis-servizzi u lill-forniturituras-servizzi tal-Parti l-oħra, trattament mhux inqas favorevoli minn dak previst skont it-termini, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet miftehma u speċifikati fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tagħha.

2. Fis-setturi fejn ikunu meħuda impenji dwar l-aċċess għas-suq, il-miżuri li Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm fuq il-bażi ta' sottodiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat fl-Iskeda tal-Impenji Speċifiċi, huma definiti bħala:

(a) limitazzjonijiet fuq in-numru ta' fornituri tas-servizz, sew jekk ikunu fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, fornituri ta' servizzi esklussivi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi[1];

(b) limitazzjonijiet fuq il-valur totali ta' tranżazzjonijiet ta' servizzi jew assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, jew u

(c) limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' operazzjonijiet ta' servizz jew fuq il-kwantità totali ta' produzzjoni ta' servizz imfissra f'termini tal-unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi[2].

[1] Is-subparagrafu 2(a) jinkludi miżuri li jeħtieġu li fornitur tas-servizzi tal-Parti l-oħra jkollu stabbiliment fis-sens tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 8.8 (Definizzjonijiet) jew li jkun residenti fit-territorju ta' Parti bħala kundizzjoni għall-forniment transfruntiera ta' servizz.

[2] Dan is-subparagrafu ma jkoprix miżuri ta' Parti li jillimitaw l-inputs għall-forniment ta' servizzi.

ARTIKOLU 8.6

Trattament Nazzjonali

1. Fis-setturi iskritti fl-Iskeda tagħha tal-Impenji Speċifiċi, u soġġett għall-kundizzjonijiet u l-kwalifiki stabbiliti hemmhekk, kull Parti għandha talloka lis-servizzi u lil fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra, fir-rigward tal-miżuri kollha li jaffettwaw il-fornitura trans-fruntiera tas-servizzi, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi proprji simili. [7]

2. Parti tista' tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 1 billi tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament formalment l-istess jew trattament formalment differenti għal dak li tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi simili tagħha stess.

3. Trattament formalment l-istess jew formalment differenti għandu jitqies bħala inqas favorevoli jekk huwa jbiddel il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur is-servizzi jew il-fornituri ta' servizzi ta' Parti meta pparagunat mas-servizzi jew il-fornituri ta' servizzi simili tal-Parti l-oħra.

4. L-impenji speċifiċi meħuda skont dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu interpretati li jeħtieġu li xi Parti tikkumpensa għal xi żvantaġġ kompetittiv inerenti li jirriżulta mill-karattru barrani tas-servizzi jew il-fornituri tas-servizzi relevanti.

ARTIKOLU 8.7

Skeda ta' Impenji Speċifiċi

1. Is-setturi liberalizzati minn kull Parti skont din it-Taqsima u, permezz ta’ riżervi, il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali applikabbli għas-servizzi u għall-fornituri ta’ servizzi tal-Parti l-oħra f’dawk is-setturi huma stabbiliti fl-Iskeda ta’ Impenji Speċifiċi tagħha.

2. L-ebda Parti ma tista’ tadotta aktar miżuri jew miżuri ġodda diskriminatorji fir-rigward ta’ servizzi jew fornituri ta’ servizzi tal-Parti l-oħra b'rabta mal-impenni speċifiċi meħuda f’konformità mal-paragrafu 1.

TAQSIMA C

L-ISTABBILIMENT

ARTIKOLU 8.8

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din it-Taqsima:

(a) “fergħa” ta’ persuna ġuridika tfisser post ta’ negozju jew persuna ġuridika li ma jkollhomx personalità legali distinta u huma l-estensjoni ta’ korp prinċipali;

(b) attività ekonomika tinkludi kull attività ta' natura ekonomika ħlief l-attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva, jiġifieri attivitajiet li ma jkunux saru fuq bażi kummerċjali jew f'kompetizzjoni ma' operatur ekonomiku wieħed jew aktar;

(c) "intraprenditur" tfisser kwalunkwe persuna ta' Parti li tfittex li twettaq jew fil-fatt twettaq attività ekonomika billi twaqqaf stabbiliment[1];

(d) "stabbiliment" tfisser:

(i) il-kostituzzjoni, l-akkwiżizzjoni jew iż-żamma ta' persuna ġuridika; jew

(ii) il-ħolqien jew iż-żamma ta' fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv,

bi skop li jkunu stabbiliti jew mantenuti rabtiet ekonomiċi dewwiema fit-territorju ta' Parti għall-finijiet tat-twettiq ta' attività ekonomika inkluż, iżda mhux limitat għal, forniment ta' servizz;

[1] Jekk l-attività ekonomika ma titwettaqx direttament minn persuna ġuridika iżda permezz ta' forom oħra ta' stabbiliment bħal fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv, l-imprenditur (jiġifieri l-persuna ġuridika) għandu, xorta waħda, permezz ta' tali stabbiliment jingħata t-trattament mogħti lill-imprendituri skont dan il-Ftehim. Trattament bħal dan għandu jiġi estiż għall-istabbiliment li permezz tiegħu titwettaq l-attività ekonomika u ma għandux għalfejn jiġi estiż għal xi partijiet oħra tal-investitur li jinsabu barra t-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika.

(e) "sussidjarja" ta' persuna ġuridika ta' Parti tfisser persuna ġuridika li tkun effettivament ikkontrollata minn persuna ġuridika oħra ta' dik il-Parti, skont il-liġi domestika tagħha[1];

ARTIKOLU 8.9

Kamp ta' Applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri adottati jew miżmuma mill-Partijiet li jaffettwaw l-istabbiliment fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, bl-eċċezzjoni ta':

(a) estrazzjoni, manifattura u pproċessar[2] ta' materjali nukleari;

(b) produzzjoni jew kummerċ fl-armi, fil-munizzjoni jew f'materjal belliku;

(c) servizzi awdjoviżivi;

[1] Għal aktar ċarezza, sussidjarju ta' persuna ġuridika ta' parti jista' wkoll jirreferi għal persuna ġuridika li tkun sussidjarja ta' sussidjarja oħra ta' persuna ġuridika ta' dik il-Parti.

[2] Għal aktar ċertezza, l-ipproċessar ta' materjali nukleari jinkludi l-attivitajiet kollha fil-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif speċifikati fl-Uffiċċju Statistiku tan-Nazzjonijiet Uniti, Karti Statistiċi, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002 kodiċi 2330.

(d) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali[1]; u

(e) is-servizzi tat-trasport bl-ajru domestiċi u internazzjonali, sew jekk skedati kif ukoll jekk mhux skedati, u s-servizzi direttament marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, ħlief:

(i) tiswija u manutenzjoni ta' ajruplani li matulhom ajruplan ikun tneħħa mis-servizz;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru; u

(iii) is-servizzi ta' sistema ta' prenotazzjoni kompjuterizzata;

ARTIKOLU 8.10

Aċċess għas-suq

1. Fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz tal-istabbiliment, kull Parti għandha tagħti lill-istabbilimenti u lill-intraprendituri tal-Parti l-oħra, trattament mhux inqas favorevoli minn dak previst skont it-termini, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet miftehma u speċifikati fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tagħha.

[1] Mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew ta' prodotti bejn port jew punt li jkun jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni u port ieħor jew punt li jkun jinsab fl-istess Stat Membru tal-Unjoni, inkluż fuq l-ixkaffa kontinentali tiegħu kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jkun jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni.

2. Fis-setturi fejn ikunu meħuda impenji dwar l-aċċess għas-suq, il-miżuri li Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm fuq il-bażi ta' sottodiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Iskeda tal-Impenji Speċifiċi, huma definiti bħala:

(a) limitazzjonijiet fuq in-numru ta' stabbilimenti kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, drittijiet esklussivi jew rekwiżiti oħra ta' stabbiliment bħal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) limiti fuq il-valur totali ta' tranżazzjonijiet jew assi f'forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-bżonnijiet ekonomiċi;

(c) limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' operazzjonijiet jew fuq il-kwantità totali ta' produzzjoni mfissra f'termini ta' unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi[1];

(d) limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' kapital barrani f'termini tal-limitu perċentwali massimu fuq l-ishma barranin jew il-valur totali tal-investiment barrani individwali jew kollettiv;

(e) miżuri li jillimitaw jew li jeħtieġu tipi speċifiċi ta' entitajiet legali jew impriżi konġunti li permezz tagħhom intraprenditur tal-Parti l-oħra jista' jwettaq attività ekonomika; u

[1] Is-sottoparagrafi 2(a), 2(b) u 2(c) ma jkoprux miżuri meħuda sabiex tiġi limitata l-produzzjoni ta' prodott agrikolu.

(f) limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' persuni fiżiċi, ħlief persunal ewlieni u apprendisti gradwati kif definiti fl-Artikolu 8.13 (Kamp ta' applikazzjoni u Definizzjonijiet)[1], li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari jew li imprenditur jista' jimpjega u li jkunu neċessarji, jew direttament marbuta, mat-twettiq tal-attività ekonomika fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

ARTIKOLU 8.11

Trattament Nazzjonali

1. Fis-setturi skritti fl-Iskeda tal-Impenji Speċifiċi u suġġett għal kwalunkwe kundizzjonijiet jew kwalifiki speċifikati fih, fir-rigward tal-miżuri kollha li jaffettwaw l-istabbiliment[2], kull Parti għandha tagħti lill-istabbilimenti u lill-imprendituri tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lill-istabbilimenti u lill-imprendituri simili tagħha stess.

2. Parti tista' tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 1 billi tagħti lill-istabbilimenti u lill-investituri tal-Parti l-oħra, jew trattament formalment identiku jew trattament formalment differenti għal dak li tagħti lill-istabbilimenti u lill-intraprendituri simili tagħha stess.

[1] Għal aktar ċertezza, miżuri jew limitazzjonijiet marbuta speċifikament ma' persunal ewlieni u apprendisti gradwati għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu 8.14 (Persunal Ewlieni u Apprendisti Gradwati).

[2] L-obbligi f'dan l-Artikolu japplikaw għal miżuri li jirregolaw il-kompożizzjoni tal-bordijiet tad-diretturi ta' stabbiliment, bħalma huma r-rekwiżiti dwar iċ-ċittadinanza u r-residenza.

3. Trattament formalment identiku jew formalment differenti għandu jitqies li jkun inqas favorevoli jekk jimmodifika l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur l-istabbilimenti jew l-intraprendituri ta' Parti meta mqabbel mal-istabbilimenti jew l-intraprendituri simili tal-Parti l-oħra.

4. L-impenji speċifiċi meħuda skont dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu interpretati li jeħtieġu lil xi Parti tikkumpensa għal xi żvantaġġi kompetittivi inerenti li jirriżultaw min-natura barranija tal-istabbilimenti jew tal-imprendituri relevanti.

ARTIKOLU 8.12

Skeda ta' Impenji Speċifiċi

1. Is-setturi liberalizzati minn kull Parti skont din it-Taqsima u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali applikabbli għall-istabbilimenti u l-intraprendituri tal-Parti l-oħra f'dawk is-setturi huma speċifikati fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-aħħar Parti.

2. L-ebda Parti ma tista' tadotta aktar miżuri jew miżuri ġodda diskriminatorji fir-rigward ta' stabbilimenti u intraprendituri tal-Parti l-oħra b'rabta mal-impenji speċifiċi meħuda f'konformità mal-paragrafu 1.

TAQSIMA D

PREŻENZA TEMPORANJA TA' PERSUNI NATURALI
GĦAL GĦANIJIET TA' NEGOZJU

ARTIKOLU 8.13

Il-Kamp ta’ Applikazzjoni u d-Definizzjonijiet

1. Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri tal-Partijiet li jirrigwardaw id-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorji rispettivi tagħhom, ta’ persunal ewlieni, apprendisti gradwati u bejjiegħa ta’ servizzi kummerċjali f'konformità mal-paragrafu 4 tal-Artikolu 8.1 (Għan u Kamp ta' Applikazzjoni).

2. Għall-finijiet ta’ din it-Taqsima:

(a) “persunal ewlieni” tfisser persuni fiżiċi impjegati f’persuna ġuridika ta’ Parti waħda minbarra organizzazzjoni mingħajr skop ta’ qligħ u li huma responsabbli għat-twaqqif jew il-kontroll, l-amministrazzjoni u l-operat kif xieraq ta’ stabbiliment.

Il-persunal ewlieni jinkludi viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment responsabbli għat-twaqqif ta’ stabbiliment u ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali;

(i) “viżitaturi għall-fini ta' negozju” għal skopijiet ta' stabbiliment tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'pożizzjoni għolja li jkunu responsabbli għat-twaqqif ta' stabbiliment. Dawn ma jinvolvux ruħhom fi tranżazzjonijiet diretti mal-pubbliku ġenerali u ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jinsab fil-Parti ospitanti; u

(ii) “ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali” tfisser persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn persuna ġuridika ta’ Parti waħda jew, fil-każ ta’ professjonisti li jipprovdu servizzi kummerċjali, kienu msieħba fiha għal mill-inqas sena u li ġew trasferiti temporanjament għal stabbiliment (li jista’ jkun sussidjarja, fergħa jew kumpanija prinċipali tal-intrapriża) fit-territorju tal-Parti l-oħra. il-persuna fiżika kkonċernata trid tappartjeni lil waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(1) eżekuttivi:

persuni fiżiċi f'persuna ġuridika li jamministraw il-ġestjoni tal-istabbiliment, jeżerċitaw latitudni wiesgħa fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u jirċievu superviżjoni jew direzzjoni ġenerali minn bord ta’ diretturi jew azzjonisti tal-kumpanija jew l-ekwivalenti tagħhom. Eżekuttivi ma jwettqux direttament kompiti relatati mad-dispożizzjoni attwali tas-servizz jew servizzi ta’ persuna ġuridika;

(2) maniġers:

Persuni fiżiċi li jkunu qegħdin jaħdmu f’pożizzjoni għolja f'persuna ġuridika, li jmexxu prinċipalment il-ġestjoni tal-istabbiliment, jirċievu s-superviżjoni jew id-direzzjoni ġenerali minn eżekuttivi ta’ livell għoli, mill-bord tad-diretturi jew jew l-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom, inklużi:

(aa) dawk li jmexxu l-istabbiliment jew id-dipartiment jew is-sottodiviżjoni tiegħu;

(bb) jissorveljaw u jikkontrollaw ix-xogħol ta' impjegati li jissorveljaw, professjonali jew li jimmaniġġaw; u

(cc) billi jkollhom l-awtorità biex personalment jirreklutaw u jkeċċu jew jirrikkmandaw, ikeċċu jew azzjonijiet oħra relatati mal-persunal.

(3) speċjalisti:

Persuni fiżiċi li jaħdmu f'persuna ġuridika u li jkollhom għarfien jew kompetenzi mhux komuni essenzjali għall-produzzjoni, it-tagħmir tar-riċerka, il-metodi jew it-tmexxija tal-istabbiliment. Fil-valutazzjoni ta' għarfien bħal dan, għandu jiġi kkunsidrat mhux biss l-għarfien speċifiku għall-istabbiliment, iżda wkoll, fejn relevanti, jekk il-persuna jkollhiex livell għoli ta' kwalifiki li jirreferu għal tip ta' xogħol jew kummerċ li jirrikjedi għarfien tekniku speċifiku, inkluża s-sħubija ta' professjoni akkreditata;

(b) "apprendisti gradwati" tfisser persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn persuna ġuridika ta' xi Parti għal mill-anqas sena, li jkollhom grad universitarju u li jkunu trasferiti temporanjament għal stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra għal skopijiet ta' żvilupp tal-karriera jew biex jiksbu taħriġ dwar tekniki jew metodi tan-negozju[1];

[1] L-istabbiliment riċeventi jista' jkun meħtieġ jippreżenta programm ta' taħriġ li jkopri t-tul ta' żmien tas-soġġorn għal approvazzjoni minn qabel, li juri li l-fini taż-żjara huwa t-taħriġ. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li t-taħriġ ikun marbut mal-lawrja universitarja li tkun inkisbet.

(c) "bejjiegħa ta' servizzi kummerċjali" tfisser persuni fiżiċi li jkunu rappreżentanti ta' fornitur ta' servizz ta' Parti li jkunu qegħdin ifittxu dħul temporanju fit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jinnegozjaw il-bejgħ ta' servizzi jew jidħlu fi ftehimiet biex ibigħu servizzi għal dak il-fornitur ta' servizz. Huma ma jinvolvux ruħhom f'bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali u ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti ospitanti;

ARTIKOLU 8.14

Persunal Ewlieni u Apprendisti Gradwati

1. Għal kull settur liberalizzat skont it-Taqsima C (Stabbiliment) u suġġett għal kwalunkwe riżerva elenkata fl-Iskeda tagħha tal-Impenji Speċifiċi, kull Parti għandha tippermetti lill-imprendituri tal-Parti l-oħra li temporanjament jimpjegaw fl-istabbiliment tagħhom persuni fiżiċi ta' dik il-Parti l-oħra, bil-kundizzjoni li tali impjegati jkunu persunal ewlieni jew apprendisti gradwati kif definiti fl-Artikolu 8.13 (Ambitu u Definizzjonijiet). Id-dħul u s-soġġorn temporanju tagħhom għandhom jkunu permessi għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin għal ħaddiema bi trasferiment intrazjendali, disgħin jum fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar għal viżitaturi għall-fini ta' negozju, u sena għall-apprendisti gradwati. Fil-każ ta' ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali, dan il-perjodu jista' jiġi estiż għal sentejn oħra, suġġetti għal-liġi domestika[1].

[1] Għal aktar ċertezza u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 8.1 (Għan u Ambitu), is-soġġorn fit-territorju ta' Parti skont dawn id-dispożizzjonijiet ma jintitolax ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali japplika għal residenza permanenti jew iċ-ċittadinanza f'dik il-Parti.

2. Għal kull settur liberalizzat skont it-Taqsima C (Stabbiliment) il-miżuri li Parti ma għandhiex iżżomm jew tadotta, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Iskeda tal-Impenji Speċifiċi, huma definiti bħala limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' persuni fiżiċi li imprenditur jista' jittrasferixxi bħala persunal ewlieni jew apprendisti gradwati f'settur speċifiku fil-forma ta' kwoti numeriċi jew rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u bħala limitazzjonijiet diskriminatorji.

ARTIKOLU 8.15

Bejjiegħa ta' Servizzi Kummerċjali

Għal kull settur liberalizzat skont it-Taqsima B (Forniment ta' servizzi transfruntiera) jew C (Stabbiliment) u suġġett għal kwalunkwe riżerva elenkata fl-Iskeda tal-Impenji speċifiċi, kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' bejjiegħa ta' servizzi kummerċjali għal perjodu massimu ta' disgħin jum fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar[1].

[1] Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minn ftehimiet bilaterali ta' rinunzja tal-viża bejn Singapore u wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

TAQSIMA E

QAFAS REGOLATORJU

SUB-TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

ARTIKOLU 8.16

Ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jimpedixxi lil xi Parti milli tirrikjedi li l-persuni fiżiċi jkollhom il-kwalifiki u / jew l-esperjenza professjonali neċessarja speċifikata fit-territorju fejn jiġi pprovdut is-servizz, għas-settur tal-attività kkonċernat.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-entitajiet professjonali rilevanti fit-territorji rispettivi tagħhom sabiex jiżviluppaw u jipprovdu rakkomandazzjoni konġunta dwar l-għarfien reċiproku tal-Kumitat għall-Kummerċ fis-Servizzi, l-investiment u l-Akkwisti Governattivi stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati). Tali rakkomandazzjoni għandha tkun sostnuta b'evidenza dwar:

(a) Il-valur ekonomiku ta' pprevediet ftehim jew rikonoxximent reċiproku previst ta' kwalifiki professjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim ta' Għarfien Reċiproku"); u

(b) il-kompatibilità tar-reġimi rispettivi, jiġifieri, sa fejn il-kriterji applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar, l-operazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-intraprendituri u fornituri ta' servizzi huma kompatibbli.

3. Jekk jirċievi rakkomandazzjoni konġunta, il-Kumitat għall-Kummerċ fis-Servizzi, l-Investiment u l-Akkwist Governattiv, għandu janalizza, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, ir-rakkomandazzjoni konġunta sabiex jiddetermina jekk din hijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim.

4. Jekk, fuq il-bażi tat-tagħrif ipprovdut skont il-paragrafu 2, instab li r-rakkomandazzjoni kienet konsistenti ma' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jinnegozjaw, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom jew in-nominati awtorizzati minn xi Parti, Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku.

ARTIKOLU 8.17

It-Trasparenza

Kull Parti għandha twieġeb fil-pront għat-talbiet kollha mill-Parti l-oħra għal informazzjoni speċifika dwar xi waħda mill-miżuri tagħha ta' applikazzjoni ġenerali jew dwar ftehimiet internazzjonali li jappartjenu għal jew jaffettwaw lil dan il-Kapitolu. Kull Parti għandha tistabbilixxi wkoll pnti ta' inkjesta waħda jew iżjed skont l-Artikolu 13.4 (Inkjesti u Punti ta' Kuntatt) sabiex jipprovdu informazzjoni speċifika lil intraprendituri u lil fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra dwar il-kwistjonijiet kollha bħal dawn.

SUB-TAQSIMA 2

REGOLAMENTAZZJONI DOMESTIKA

ARTIKOLU 8.18

Il-Kamp ta’ Applikazzjoni u d-Definizzjonijiet

1. Din is-Sub-Taqsima tapplika għal miżuri tal-Partijiet marbuta ma' rekwiżiti u proċeduri tal-liċenzjar jew rekwiżiti u proċeduri ta' kwalifika li jaffettwaw:

(a) il-forniment ta' servizzi finanzjarji transfruntieri kif definiti fl-Artikolu 8.4 (Definizzjonijiet);

(b) l-istabbiliment fit-territorju tagħhom ta’ persuni ġuridiċi u fiżiċi kif definiti fl-Artikolu 8.8 (Definizzjonijiet);

(c) preżenza temporanja ta’ persuni fiżiċi fit-territorju tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 8.13 (Kamp ta' Applikazzjoni u Definizzjonijiet).

2. Dawn id-dixxiplini għandhom japplikaw biss għal setturi li għalihom il-Parti ħadet impenji speċifiċi u safejn dawn l-impenji speċifiċi japplikaw.

3. Dawn id-dixxiplini ma japplikawx għal miżuri sal-punt li l-miżuri jikkostitwixxu limitazzjonijiet kif skedata fl-Artikoli 8.5 (Aċċess għas-Suq) u 8.10 (Aċċess għas-Suq) u / jew l-Artikoli 8.6 (Trattament Nazzjonali) u 8.11 (Trattament Nazzjonali).

4. Għall-finijiet ta’ din is-Sub-Taqsima :

(a) “awtorità kompetenti” tfisser kull gvern, awtorità jew korp mhux governattiv ċentrali, reġjonali jew lokali fl-eżerċizzju ta’ setgħat iddelegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali jew reġjonali jew lokali, li tieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni biex jiġi fornut servizz, inkluż permezz ta' stabbiliment jew dwar l-awtorizzazzjoni biex isir stabbiliment f’attività ekonomika għajr servizzi.

(b) “proċeduri ta’ liċenzjar” huma regoli amministrattivi jew proċedurali li persuna naturali jew ġuridika, li tkun qiegħda tfittex awtorizzazzjoni għall-forniment ta’ servizz jew għall-istabbiliment f’attività ekonomika għajr servizzi, inkluża l-emenda jew it-tiġdid tal-liċenzja, trid tirrispetta sabiex turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' liċenzjar;

(c) “rekwiżiti ta’ liċenzjar” huma rekwiżiti sostantivi, minbarra rekwiżiti ta’ kwalifika, li magħhom persuna naturali jew persuna ġuridika hija meħtieġa tikkonforma sabiex tikseb, temenda jew iġġedded l-awtorizzazzjoni biex tforni servizz jew tistabbilixxi f’attività ekonomika għajr is-servizzi;

(d) “proċeduri ta’ kwalifika” huma regoli amministrattivi jew proċedurali li persuna naturali trid tirrispettaa sabiex turi l-konformità mar-rekwiżiti ta’ kwalifika għall-finijiet li tikseb awtorizzazzjoni biex tipprovdi servizz;

(e) “rekwiżiti ta’ kwalifiki” huma rekwiżiti sostantivi marbuta mal-kompetenza ta’ persuna fiżika li tipprovdi servizz, u li huma meħtieġa għall-finijiet li tikseb awtorizzazzjoni biex tipprovdi servizz.

ARTIKOLU 8.19

Il-Kundizzjonijiet għal-Liċenzjar u l-Kwalifika

1. Kull Parti għandha tiżgura li miżuri marbuta mar-rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzjar u rekwiżiti u proċeduri ta' kwalifika huma bbażati fuq kriterji li huma:

(a) ċara;

(b) oġġettiva u trasparenti; u

(c) stabbiliti minn qabel u aċċessibbli għall-pubbliku u persuni interessati.

2. Awtorizzazzjoni jew liċenzja, soġġetta għad-disponibbiltà, għandha tingħata malli jkun stabbilit, fid-dawl ta' eżami xieraq, li l-kundizzjonijiet intlaħqu.

3. Kull Parti għandha żżomm jew tistabbilixxi tribunali ġudizzjarji, tal-arbitraġġ jew amministrattivi jew proċeduri li, wara talba ta' intraprenditur jew ta' fornitur ta' servizz affettwat, jipprovdu għal rieżami fil-pront u, fejn ikun ġustifikat, rimedji xierqa għal, deċiżjonijiet amministrattivi li jaffettwaw l-istabbiliment, il-provvista transfruntiera ta' servizzi jew il-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju. Jekk dawn il-proċeduri ma jkunux indipendenti mill-aġenzija fdata bid-deċiżjoni amministrattiva kkonċernata, kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri jipprovdu għal rieżami oġġettiv u imparzjali.

Il-paragrafu ma għandux jinftiehem li jirrikjedi lil xi Parti twaqqaf itribunali jew proċeduri bħal dawn fejn dan ikun inkonsistenti mal-istruttura kostituzzjonali jew in-natura tas-sistema legali tiegħu.

ARTIKOLU 8.20

Proċeduri ta' Liċenzjar u Kwalifika

1. Kull Parti għandha tiżgura li proċeduri ta' liċenzji u kwalifiki u formalitajiet huma sempliċi kemm jista' jkun u ma għandhomx jikkomplikaw mingħajr bżonn jew idewmu l-provvista tas-servizz. It-tariffi tal-liċenzji[1] li l-applikanti jeħlu mill-applikazzjoni tagħhom jinħtieġ li jkunu raġonevoli u ma għandhomx jirrestringu l-provvista tas-servizz.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri użati minn, u d-deċiżjonijiet ta', l-awtorità kompetenti fil-proċess ta' liċenzjar jew awtorizzazzjoni, ikunu imparzjali fir-rigward tal-applikanti kollha. L-awtorità kompetenti jinħtieġ li tilħaq id-deċiżjoni tagħha b'mod indipendenti u ma għandha tkun responsabbli lejn l-ebda fornitur tas-servizzi li għalih hija meħtieġa liċenzja jew awtorizzazzjoni.

3. Jekk jeżistu perjodi ta' żmien speċifiċi għall-applikazzjonijiet, applikant għandu jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli biex jippreżenta applikazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tagħti bidu għall-ipproċessar ta' applikazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Fejn possibbli, l-applikazzjonijiet jinħtieġ li jiġu aċċettati f'format elettroniku skont l-istess kundizzjonijiet ta' awtentiċità bħall-preżentazzjonijiet bil-karti.

[1] Il-miżati tal-liċenzjar jew l-awtorizzazzjoni ma jinkludux pagamenti għall-irkant, it-tfigħ ta' offerti jew mezzi oħra mhux diskriminatorji għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet ordnati għall-forniment ta' servizz universali.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-ipproċessar ta' applikazzjoni, inkluż meta tintlaħaq deċiżjoni finali, jintemm fi żmien raġonevoli mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi żmien normali għall-ipproċessar ta’ applikazzjoni.

5. L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien raġonevoli wara li tkun irċeviet applikazzjoni li hi tikkonsidra mhux kompluta, tinforma lill-applikant, sa fejn huwa fattibbli, biex jidentifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex timtela l-applikazzjoni, u tipprovdi l-opportunità biex tikkoreġi d-defiċjenzi.

6. Il-kopji awtentikati jinħtieġ li jiġu aċċettati, fejn possibbli, minflok id-dokumenti oriġinali.

7. Jekk applikazzjoni tiġi rrifjutata mill-awtorità kompetenti, l-applikant għandu jkun infurmat bil-miktub u mingħajr dewmien bla bżonn. Fil-prinċipju, l-applikant, wara talba, jinħtieġ li jkun informat ukoll bir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni u dwar il-perjodu ta' żmien li għandu biex jappella kontra d-deċiżjoni. Fejn applikabbli, applikant jinħtieġ li jkun permess, f'limiti ta' żmien raġonevoli, sabiex jerġa' jippreżenta applikazzjoni.

8. Kull Parti għandha tiżgura li liċenzja jew awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed bi qbil mat-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati fiha.

SUB-TAQSIMA 3

SERVIZZI TAL-KOMPJUTER

ARTIKOLU 8.21

Servizzi tal-Kompjuter

1. Il-Partijiet jaqblu mal-fehim stabbilit fil-paragrafi li ġejjin fir-rigward ta' servizzi tal-kompjuter liberalizzati skont it-Taqsima B (Forniment ta' Servizzi Transfruntiera), it-Taqsima C (Stabbiliment) u t-Taqsima D (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għall-Skopijiet ta' Negozju).

2. Il-Partijiet jifhmu li CPC[1] 84, il-kodiċi tan-Nazzjonijiet Uniti li jintuża biex jiddeskrivi servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, ikopri s-servizzi tal-kompjuter u s-servizzi relatati kollha. L-iżviluppi teknoloġiċi wasslu għal żieda fl-offerta ta' dawn is-servizzi bħala borża (bundle) jew pakkett ta' servizzi relatati li jista' jinkludi wħud mill-funzjonijiet bażiċi jew il-funzjonijiet bażiċi kollha elenkati fil-paragrafu 3. Pereżempju, servizzi bħalma huma web hosting jew domain hosting, servizzi ta' estrazzjoni tad-data (data mining) u grid computing jikkonsistu kollha minn kombinazzjoni ta' funzjonijiet bażiċi ta' servizzi tal-kompjuter.

[1] (a) "CPC" tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991;

3. Is-servizzi tal-kompjuter u oħrajn relatati, irrispettivament minn jekk jitwasslux permezz ta' netwerk, fosthom l-Internet, jinkludu s-servizzi kollha li jipprovdu kwalunkwe minn dawn li ġejjin jew kombinazzjoni tagħhom:

(a) konsulenza, adattament, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, tfassil, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornar, appoġġ, assistenza teknika jew ġestjoni ta' jew għall-kompjuters jew għas-sistemi tal-kompjuter;

(b) konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, tfassil, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornar, adattament, manutenzjoni, appoġġ, assistenza teknika, ġestjoni jew użu ta' jew għall-programmi tal-kompjuter[1];

(c) ipproċessar ta' data, ħażna ta' data, żamma ta' data jew servizzi ta' bażi tad-data;

(d) servizzi ta' manutenzjoni u tiswija għal makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju, fosthom il-kompjuters; u

(e) servizzi ta' taħriġ għall-persunal tal-klijenti, b'rabta ma' softwer, kompjuters jew sistemi tal-kompjuter, u li ma jkunux ikklassifikati xi mkien ieħor.

[1] It-terminu "softwer" ifisser is-settijiet ta' struzzjonijiet meħtieġa sabiex il-kompjuters jitħaddmu u jikkomunikaw. Għadd ta' programmi differenti jistgħu jiġu żviluppati għal applikazzjonijiet speċifiċi (softwer ta' applikazzjonijiet), u l-klijent jista' jkollu l-għażla li juża programmi lesti kummerċjalment disponibbli (softwer tal-pakkett), jiżviluppa programmi speċifiċi għal rekwiżiti partikolari (softwer personalizzat) jew juża taħlita tat-tnejn.

4. Il-Partijiet jifhmu li, f'bosta każijiet, kompjuters u servizzi relatati jippermettu l-forniment ta' servizzi oħra[1] kemm b'mezzi elettroniċi kif ukoll b'mezzi oħra. Minkejja dan, f'każijiet bħal dawn, hemm distinzjoni importanti bejn servizzi ta' kompjuters u dawk relatati (pereż., web-hosting jew application hosting) u s-servizz l-ieħor[2] permess bis-saħħa tal-kompjuters u servizzi relatati. Is-servizz l-ieħor, irrispettivament jekk huwiex permess bis-saħħa ta' kompjuters u servizzi relatati jew le, mhuwiex kopert minn CPC 84.

SUB-TAQSIMA 4

SERVIZZI POSTALI

ARTIKOLU 8.22

Prevenzjoni ta' Prattiki Antikompetittivi fis-Settur Postali[3]

Kull Parti għandha tintroduċi jew iżżomm miżuri xierqa[4] sabiex jiġi evitat li fornituri tas-servizzi postali li, waħidhom jew flimkien, ikunu fornituri ewlenin fis-suq rilevanti għal servizzi postali, jipparteċipaw fi jew ikomplu bil-prattiċi anti-kompetittivi.

---

1 Pereżempju, W/120.1.A.b. (servizzi ta' kontabilità, verifika u żamma tal-kotba), W/120.1.A.d. (servizzi arkitettoniċi), W/120.1.A.h. (servizzi mediċi u dentali), W/120.2.D (servizzi awdjoviżivi), W/120.5. (servizzi edukattivi).

2 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna ta' qabel.

3 Għal aktar ċertezza, huma biss il-miżuri relatati ma' mas-servizzi bażiċi tal-ittri li għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu 8.22 (Prevenzjoni ta' Prattiki Anti-kompetittivi fis-Settur Postali).

4 Iż-żamma ta' miżuri xierqa tinkludi l-infurzar effettiv ta' tali miżuri.

ARTIKOLU 8.23

L-indipendenza tal-Entitajiet Regolatorji

Il-korpi regolatorji għandhom ikunu legalment separati minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi postali u mhumiex responsabbli lejn l-ebda fornitur ta' tali servizzi. Id-deċiżjonijiet ta' u l-proċeduri użati mill-korpi regolatorji għandhom ikunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha tas-suq.

SUB-TAQSIMA 5

SERVIZZI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

ARTIKOLU 8.24

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din is-Sub-Taqsima tapplika għall-miżuri li jaffettwaw il-kummerċ f'servizzi tat-telekomunikazzjoni u tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, liberalizzat skont it-Taqsima B sat-Taqsima D.

2. Din is-Sub-Taqsima ma tapplika għall-ebda miżura adottata jew miżmuma minn Parti marbuta mad-distribuzzjoni bil-kejbil jew bix-xandir ta' programmar tar-radju jew tat-televiżjoni.

3. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat bħala:

(a) jirrikjedi lil Parti waħda tawtorizza fornitur tas-servizzi tal-Parti l-oħra biex tistabbilixxi, tibni, takkwista, tikri, topera, jew tipprovdi netwerks jew servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni għajr dawk previsti fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tagħha; jew

(b) jirrikjedi li Parti, jew jirrikjedi lil Parti sabiex iġġiegħel lil kwalunkwe fornitur ta' servizz, li jistabbilixxi, jibni, jakkwista, jikri, jopera, jew jipprovdi netwerks jew servizzi tat-telekomunikazzjoni u t-trasport fejn tali netwerks jew servizzi mhumiex offruti lill-pubbliku ġenerali.

4. Kull Parti għandha timponi, iżżomm, temenda jew tirtira d-drittijiet u l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi previsti fl-Artikolu 8.26 (L-aċċess għal u l-Użu ta' Netwerks Pubbliċi tat-Telekomunikazzjonijiet u servizzi), l-Artikolu 8.28 (Interkonnessjoni), l-Artikolu 8.29 (Interkonnessjoni ma' Fornituri Ewlenin), l-Artikolu 8.30 (Imġiba ta' Fornituri Maġġuri), l-Artikolu 8.32 (Mifruda Elementi tan-Netwerk), l-Artikolu 8.33 (Ko-Pożizzjoni), l-Artikolu 8.34 (Bejgħ mill-Ġdid), l-Artikolu 8.35 (Użu Multiplu tal-Faċilitajiet), l-Artikolu 8.36 (il-Forniment ta' Servizzi ta' Ċirkwiti Mikrija) u l-Artikolu 8.38 (Stazzjonijiet ta' Żbark tal-Kejbils tas-Sottomarini) b'mod konsistenti mal-liġi domestika u l-proċeduri interni li jirregolaw is-swieq tat-telekomunikazzjoni. Għall-Unjoni dawn il-proċeduri se jinvolvu l-analiżi mir-regolaturi tal-Unjoni tas-swieq ta' prodotti u servizzi rilevanti pprovduti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, in-nomina ta' fornitur ta' servizz bħala li għandu saħħa sinifikanti fis-suq u d-deċiżjoni tar-regolaturi, fuq il-bażi ta' din l-analiżi, li timponi, iżżomm, temenda jew tirtira dawn id-drittijiet u l-obbligi.

ARTIKOLU 8.25

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din is-Sub-Taqsima :

(a) “Servizz ta' xandir” tirreferi għall-katina mhux interrotta ta’ trażmissjoni bil-fili jew mingħajr fili, irrispettivament mill-lokalità fejn toriġina trasmissjoni, meħtieġa għar-riċezzjoni u / jew il-wiri tas-smigħ u / jew viżivi ta’ sinjali ta’ programmi mill-pubbliku kollu jew minn parti tal-pubbliku, iżda ma jkoprix kollegamenti ta’ kontribuzzjoni bejn l-operaturi.

(b) “utent aħħari” tfisser konsumatur ta’ servizz jew fornitur ta’ servizz li jingħata netwerk jew servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni, għajr għall-użu fil-provvista ulterjuri ta’ netwerk jew servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni;

(c) "faċilitajiet essenzjali" tfisser faċilitajiet ta' netwerk jew servizz pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet li:

(i) jiġu offruti esklussivament jew prinċipalment minn fornitur uniku jew numru limitat ta’ fornituri; u

(ii) ma jistgħux b'mod prattiku jiġu ekonomikament jew teknikament sostitwiti sabiex jiġi pprovdut servizz.

(d) "interkonnessjoni" tfisser il-konnessjoni mal-forniturili jipprovdu netwerks jew servizzi pubbliċi ta' trasport b'mezzi ta' telekomunikazzjoni sabiex l-utenti ta' fornitur wieħed ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-utenti ta' fornitur ieħor u jkollhom aċċess għas-servizzi pprovduti minn fornitur ieħor;

(e) “fornitur maġġuri” tfisser fornitur ta’ netwerks jew servizzi pubbliċi ta’ telekomunikazzjoni li jkollu l-abbiltà li jaffettwa materjalment it-termini ta’ parteċipazzjoni, b’kunsiderazzjoni għall-prezz u l-forniment, fis-suq rilevanti għal netwerks jew servizzi pubbliċi ta’ telekomunikazzjoni bħala riżultat ta’:

(i) kontroll fuq faċilitajiet essenzjali; jew

(ii) użu tal-pożizzjoni tiegħu fis-suq.

(f) "mhux diskriminatorju" tfisser trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil kwalunkwe utent ieħor ta’ netwerks jew servizzi ta’ trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika f’ċirkustanzi simili;

(g) “portabilità tan-numri” tfisser il-kapaċità tal-utenti finali ta’ netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li jżommu, fl-istess post, l-istess numri tat-telefown mingħajr indeboliment tal-kwalità, l-affidabilità jew il-konvenjenza meta jaqilbu bejn forniturisimili ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni;

(h) “netwerk pubbliku tat-telekomunikazzjoni” tfisser netwerk ta’ telekomunikazzjoni li Parti tkun teħtieġ biex tipprovdu servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bejn punti ta’ terminazzjoni definiti fin-netwerk;

(i) “servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni” tfisser kwalunkwe servizz ta’ telekomunikazzjoni li Parti tkun teħtieġ, b’mod espliċitu jew effettivament, li jiġi offrut lill-pubbliku b’mod ġenerali;

(j) “stazzjon tal-kejbils taħt il-baħar” tfisser il-postijiet u l-bini fejn kejbils internazzjonali taħt il-baħar jaslu u jispiċċaw u fejn huma konnessi permezz ta' links ta' backhaul;

(k) "telekomunikazzjonijiet" tfisser it-trażmissjoni u r-riċeviment ta' sinjali bi kwalunkwe mezz elettromanjetiku.

(l) “servizzi ta’ telekomunikazzjoni” tfisser is-servizzi kollha li jikkonsistu fit-trażmissjoni u r-riċeviment ta’ sinjali elettromanjetiċi imma jeskludu s-servizzi tax-xandir u l-attività ekonomika li tikkonsisti fil-provvediment ta’ kontenut li jeħtieġ it-telekomunikazzjoni għat-trasport tiegħu; u

(m) “korp regolatorju tat-telekomunikazzjoni” tfisser il-korp jew l-entitajiet nazzjonali li ġew inkarigati bir-regolamentazzjoni tat-telekomunikazzjoni.

ARTIKOLU 8.26

Aċċess għall-Użu tan-Netwerks u s-Servizzi Pubbliċi tat-Telekomunikazzjoni u l-Użu Tagħhom

1. Kull Parti għandha tassigura li l-fornituri kollha tas-servizzi tal-Parti l-oħra jkollhom aċċess għal kwalunkwe netwerk u servizz pubbliku ta’ telekomunikazzjoni u użu tagħhom, inklużi ċirkwiti mikrija privatament, offruti fit-territorju tagħha jew bejn il-fruntieri b’termini u kundizzjonijiet raġonevoli, mhux diskriminatorji u trasparenti, inkluż kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3.

2. Kull Parti għandha tiżgura li tali fornituri ta’ servizzi jkunu f’pożizzjoni li:

(a) jixtru jew jikru, u jwaħħlu terminal jew tagħmir ieħor li jkollu interfaċċi man-netwerk pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet;

(b) interkonnessjoni bejn ċirkwiti mikrija jew proprjetá tal-privat ma’ netwerks pubbliċi tat-telekomunikazzjonijiet u servizzi fit-territorju tagħha, jew bejn il-fruntieri tagħha, jew ma’ ċirkwiti mikrija jew proprjetá ta’ fornituri oħra ta’ servizz; u

(c) l-użu ta’ protokolli ta’ operazzjoni tal-għażla tagħhom, ħlief kif meħtieġ li tiġi żgurata d-disponibbiltà tan-netwerks u s-servizzi tat-telekomunikazzjoni lill-pubbliku b’mod ġenerali.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri kollha tas-servizz tal-Parti l-oħra jkunu jistgħu jużaw netwerks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni fit-territorju tagħha u lil hinn mill-fruntieri tagħha, inklużi komunikazzjonijiet intra-azjendali ta' tali fornituri tas-servizz, u għall-aċċess tal-informazzjoni li tkun tinsab f'bażijiet tad-dejta jew inkella maħżuna f'forma elettronika fit-territorju tal-Partijiet. Kull miżura ġdida jew emendata ta’ Parti li taffettwa b’mod sinifikanti dan l-użu għandha tkun innotifikata lill-Parti l-oħra u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjonijiet.

ARTIKOLU 8.27

Kunfidenzjalità tal-Informazzjoni

Kull Parti għandha tiżgura l-kunfidenzjalità tad-dejta tat-telekomunikazzjoni u tat-traffiku relatat permezz ta’ netwerk jew servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni mingħajr ma tillimita l-kummerċ fis-servizzi.

ARTIKOLU 8.28

Interkonnessjoni[1]

1. Kull parti għandha tiżgura li kull fornitur tas-servizzi awtorizzat biex jipprovdi servizzi jew netwerks pubbliċi tat-telekomunikazzjoni għandha d-dritt u l-obbligu li tinnegozja l-interkonnessjoni mal-forniturl-oħra ta' netwerks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni. L-interkonnessjoni jinħtieġ li tiġi miftehma fuq il-bażi ta' negozjati kummerċjali bejn il-kumpaniji kkonċernati.

2. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jassiguraw li l-forniturli jiksbu informazzjoni mingħand impriża oħra waqt il-proċess tan-negozjar tal-arranġamenti dwar l-interkonnessjoni, jużaw dik l-informazzjoni biss għal-iskop li għalih tkun ingħatat u jirrispettaw dejjem il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mibgħuta jew miżmuma.

ARTIKOLU 8.29

Interkonnessjoni ma' Fornituri Ewlenin

1. Kull Parti għandha tiżgura li kull fornitur maġġuri fit-territorju tagħha jipprovdi interkonnessjoni għall-faċilitajiet u t-tagħmir ta' fornituri ta' netwerks jew servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra fi kwalunkwe punt teknikament fattibbli fin-netwerk tal-fornitur ewlieni. Tali interkonnessjoni għandha tkun ipprovduta:

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 8.30 (Imġiba ta' Fornituri Maġġuri), il-ħatra ta' fornitur ta' netwerks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bħala fornitur ewlieni għandhom ikunu skont il-liġi domestika u l-proċeduri ta' kull Parti.

(a) skont termini nondiskriminatorji, kundizzjonijiet (inklużi standards u dettalji tekniċi) u rati u ta' kwalità mhux inqas favorevoli minn dik ipprovduta għal servizzi simili proprji ta' tali fornitur maġġuri, jew għal servizzi simili ta' fornituri mhux affiljati ta' netwerks jew servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni, jew għall-kumpaniji sussidjarji tiegħu jew għal affiljati oħrajn;

(b) b'mod f'waqtu, skond termini, kundizzjonijiet (inklużi standards u speċifikazzjonijiet tekniċi) u rati orjentati lejn l-ispiża li huma trasparenti, raġonevoli, u li jqisu l-prattikabilità ekonomika, u biżżejjed sfużi sabiex il-fornitur ma jeħtiġlux iħallas għal komponenti jew faċilitajiet tan-netwerk li mhumiex meħtieġa sabiex jiġi pprovdut is-servizz; u

(c) meta tintalab, f'punti miżjuda mal-punti ta' terminazzjoni tan-netwerk offruti lill-maġġoranza tal-fornituri ta' netwerks jew servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni, suġġetta għal ħlasijiet li jirriflettu l-prezz għall-bini tal-faċilitajiet addizzjonali meħtieġa.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri prinċipali fit-territorju tagħha jagħmlu l-ftehimiet ta' interkonnessjoni tagħhom pubblikament disponibbli jew offerta ta' interkonnessjoni ta' referenza.

3. Il-proċeduri applikabbli għal interkonnessjoni ma' fornitur ewlieni għandhom isiru disponibbli pubblikament.

4. Jekk il-fornituri ta' netwerks jew servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni ma jkunux jistgħu jsolvu t-tilwim rigward it-termini, kundizzjonijiet, u rati fuq liema l-interkonessjoni għandha tiġi pprovduta minn fornitur ewlieni, għandu jkollhom rikors għall-awtorità regolatorja, li għandha timmira li ssolvi t-tilwim fl-iqsar żmien possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 180 jum minn meta jkunu ġew irriferiti lilha, sakemm ir-riżoluzzjoni ta' tilwim kumpless jista' jieħu iktar minn 180 jum.

ARTIKOLU 8.30

Kondotta ta’ Fornituri Ewlenin

1. Kull parti tista’ timponi obbligi ta’ non-diskriminazzjoni fuq fornituri maġġuri b’relazzjoni ma l-interkonnessjoni u / jew l-aċċess.

2. L-obbligi ta' non-diskriminazzjoni għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li fornitur maġġuri japplika kundizzjonijiet ekwivalenti f'ċirkostanzi ekwivalenti lill-fornituri l-oħra li jipprovdu servizzi ekwivalenti, u li jfornu servizzi u informazzjoni lill-oħrajn bl-istess kundizzjonijiet u ta' kwalità ekwivalenti bħal dawk li jforni għas-servizzi tiegħu stess, jew dawk tas-sussidjarji tiegħu jew fi sħab miegħu.

ARTIKOLU 8.31

Salvagwardji Kompetittivi fuq Fornituri Maġġuri

Kull Parti għandha tintroduċi jew iżżomm miżuri xierqa[1] sabiex jiġi evitat li fornituri ta’ netwerks jew servizzi pubbliċi ta’ telekomunikazzjoni li, waħidhom jew flimkien, ikunu fornituri ewlenin fit-territorju tagħha milli jipparteċipaw fi jew ikomplu bil-prattiċi antikompetittivi. Dawn il-prattiki anti-kompetittivi għandhom jinkludu b’mod partikolari:

(a) l-involviment f’kontro-sussidjar anti-kompetittiv jew kompressjoni tal-marġni;

(b) l-użu ta’ informazzjoni miksuba mingħand il-kompetituri b’riżultati anti-kompetittivi;

[1] Iż-żamma ta’ miżuri xierqa tinkludi l-infurzar effettiv ta’ tali miżuri.

(c) li ma titpoġġiex fil-ħin għad-dispożizzjoni ta' forniturioħra ta' servizz, informazzjoni teknika dwar il-faċilitajiet essenzjali u informazzjoni kummerċjalment relevanti li huma jkollhom bżonn sabiex jipprovdu s-servizzi.

(d) servizzi tal-ipprezzar b'mod li x'aktarx jirrestriġi bla raġuni l-kompetizzjoni, bħal attività predatorja.

ARTIKOLU 8.32

Elementi Diżaggregati tan-Netwerk

1. Kull Parti għandha timponi obbligi fuq il-fornituri ewlenin biex iwettqu talbiet reġonevoli għall-aċess għall-elementi spċeifiċi ta' netwerk u faċiltajiet assoċjati u l-użu tagħhom fi kwalunkwe punt teknikament fattibbli, fuq bażi mifruda, fil-ħin u bit-termini u l-kundizzjonijiet li jkunu raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji, u b'mod partikolari:

(a) li jingħata aċċess għal elementi u / jew faċilitajiet speċifikati tan-netwerk, inkluż l-aċċess għal elementi tan-netwerk li ma jkunux attivi, u / jew aċċess diżaggregat għal-linja lokali biex, *inter alia*, jingħata permess għal offerti ta' abbonament fil-linja tal-bejgħ mill-ġdid;

(b) li jingħata aċċess miftuħ għal interfaċċi tekniċi, protokolli jew teknoloġiji ewlenin oħra li huma indispensabbli għall-interoperabilità tas-servizzi jew is-servizzi tan-netwerk virtwali;

(c) li tiġi pprovduta l-ko-pożizzjoni; u

(d) li jiġu pprovduti s-servizzi meħtieġa biex jiżguraw l-interoperabilità tas-servizzi minn tarf sa tarf għall-utenti.

2. Meta Parti tkun qed tikkunsidra l-obbligi msemmija fil-paragrafu 1, dan jista jieħu inkonsiderazzjoni, *inter alia*, tal-fatturi li ġejjin:

(a) il-vijabilità teknika u ekonomika tal-użu jew l-istallazzjoni ta' faċilitajiet kompetituri, b'kunsiderazzjoni tan-natura u t-tip ta' interkonnessjoni u / jew aċċess involuti, inkluża l-vijabbiltà ta' prodotti oħra ta' aċċess upstream bħal aċċess għall-kanali;

(b) il-fattibilità tal-forniment tal-aċċess propost, b'rabta mal-kapaċità disponibbli;

(c) l-investiment inizjali mill-proprjetarju tal-faċilità, waqt li wieħed iżomm f'moħħu r-riskji involuti meta jsir dak l-investiment; u

(d) il-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata kompetizzjoni effettiva u sostenibbli.

ARTIKOLU 8.33

Kopożizzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-forniturі ewlenin fit-territorju tagħha jipprovdu għal forniturі ta' netwerks jew servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra kopożizzjoni fiżika ta' tagħmir meħtieġ għall-interkonnessjoni jew l-aċċess għal elementi diżaggregati tan-netwerk f'waqtu u fuq termini u kundizzjonijiet li huma raġonevoli u mhux diskriminatorji.

2. Kull Parti tista' tiddetermina skont il-liġi domestika tagħha l-postijiet fejn teħtieġ fornituri maġġuri fit-territorju tagħha li jipprovdu l-kopożizzjoni skont il-paragrafu 1.

ARTIKOLU 8.34

Il-bejgħ mill-ġdid

Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ewlenin fit-territorju tagħha joffru għall-bejgħ mill-ġdid lil fornituri ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra, is-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li tali fornituri ewlenin jipprovdu fuq bejgħ bl-imnut lill-utenti finali b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din is-Sub-Taqsima u, b'mod partikolari, mal-Artikolu 8.32 (Elementi Diżaggregati tan-Netwerk).

ARTIKOLU 8.35

Kondiviżjoni tal-Faċilitajiet

1. Kull Parti għandha tkun tista', b'kunsiderazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità, li timponi fuq kwalunkwe fornitur maġġuri li jkollu d-dritt li jinstalla faċilitajiet fuq, ma' jew taħt proprjetà pubblika jew privata, il-qsim ta' tali faċilitajiet jew proprjetà, inklużi l-binjiet, l-entrati għall-binjiet, il-wajers tal-bini, l-arbli, l-antenni, it-torrijiet u l-kostruzzjonijiet l-oħra ta' sostenn, il-polijiet, il-kanali, il-kondjuwits, il-manholes u l-kabinetti.

2. Kull Parti tista’ tiddetermina skont il-liġi domestika tagħha l-faċilitajiet li għalihom teħtieġ fornituri ewlenin fit-territorju tagħha biex jipprovdu aċċess skont il-paragrafu 1, fuq il-bażi li faċilitajiet bħal dawn ma jistgħux fattibbilment ikunu ekonomikament jew teknikament sostitwiti sabiex jipprovdu servizz kompetitur.

ARTIKOLU 8.36

Forniment ta’ Servizzi ta' Ċirkwiti Mikrija

Kull Parti għandha tiżgura li fornituri ewlenin ta’ servizzi ta' ċirkwiti mikrija fit-territorju tagħha jipprovdu fil-ħin lil persuni ġuridiċi tal-Parti l-oħra b'servizzi ta' ċirkwiti mikrija li huma servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni dwar termini u kundizzjonijiet li jkunu raġonevoli, mhux diskriminatorji u trasparenti.

ARTIKOLU 8.37

Portabilità tan-Numri

Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta’ servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha jipprovdu portabilità tan-numri għal dawk is-servizzi dożinjati minn dik il-Parti, sal-limitu teknikament fattibbli, fil-ħin u b’termini u kundizzjonijiet raġonevoli.

ARTIKOLU 8.38

Stazzjonijiet tal-Kejbils Taħt il-Baħar

Kull Parti għandha tiżgura aċċess għal sistemi ta' kejbil taħt il-baħar, inklużi l-faċilitajiet tal-iżbark, fit-territorju tagħha, fejn fornitur huwa awtorizzat li jopera sistema ta' kejbil taħt il-baħar bħala servizz pubbliku ta' telekomunikazzjoni, b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli, mhux diskriminatorji u trasparenti.

ARTIKOLU 8.39

Awtorità Regolatorja Indipendenti

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-korp regolatorju tat-telekomunikazzjoni jkun mifrud minn, u mhuwiex responsabbli għal, kwalunkwe fornitur ta' netwerks jew servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew dak li huwa apparat tat-telekomunikazzjoni. Għal dan il-għan, kull Parti għandha tiżgura li korp regolatorju tat-telekomunikazzjoni tiegħu ma jkollu ebda interess jew kontroll finanzjarju f'tali fornitur.

2. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet ta', u l-proċeduri segwiti mill-korpi regolatorji tat-telekomunikazzjoni tagħha jkunu ġusti u imparzjali fil-konfront tal-parteċipanti kollha tas-suq u li huma magħmula u implimentati mingħajr dewmien żejjed. Għal dan il-għan, kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe interess finanzjarju li jkollha fin-netwerks jew servizzi tat-telekomunikazzjoni ma jinfluwenzax id-deċiżjonijiet u l-proċeduri segwiti mill-korp regolatorju tat-telekomunikazzjoni tagħha.

3. Is-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji għandhom jiġu eżerċitati b’mod trasparenti skont id-dritt nazzjonali applikabbli.

4. L-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw li l-fornituri ta’ netwerks u servizzi ta’ telekomunikazzjoni u trasport jipprovduhom fit-territorji rispettivi tagħhom, minnufih, wara talba, bl-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni finanzjarja, li hija meħtieġa sabiex tippermetti lill-awtoritajiet regolatorji jwettqu l-kompiti tagħhom skont din is-Sub-Taqsima. L-informazzjoni mitluba għandha tkun raġonevolment proporzjonata mat-twettiq tal-kompiti tal-awtoritajiet regolatorji u trattata skont ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità.

5. L-awtorità regolatorja għandha tingħata biżżejjed setgħa biex tirregola s-settur. Il-kompiti li jitwettqu minn awtorità regolatorja għandhom jsiru magħmula pubbliċi f'forma faċilment aċċessibbli u ċara, b'mod partikolari meta dawk il-kompiti jiġu assenjati lil aktar minn korp wieħed.

ARTIKOLU 8.40

Servizzi Universali;

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligu universali tas-servizz li tixtieq li żżomm.

2. Obbligi tali ma jitqiesux antikompetittivi *per se*, sakemm jiġu amministrati b'mod trasparenti, mhux diskriminatorju u kompetittivament newtrali u ma jxekklux iktar milli huwa meħtieġ għax-xorta ta' servizz universali definit mill-Parti.

3. Jekk Parti tkun teħtieġ fornitur tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni biex jipprovdi direttorji tal-abbonati, il-Parti għandha tiżgura li l-fornitur japplika l-prinċipju tan-non diskriminazzjoni għat-trattament tal-informazzjoni li tkun ġiet ipprovduta lilhom minn fornituri oħra ta' tali servizzi tat-telekomunikazzjoni.

ARTIKOLU 8.41

Awtorizzazzjoni sabiex Jiġu Fornuti Servizzi tat-Telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li proċeduri tal-liċenzji huma sempliċi kemm jista' jkun u ma għandhomx jikkomplikaw mingħajr bżonn jew idewmu l-provvista tas-servizz.

2. Jekk Parti tkun teħtieġ li fornitur ta' netwerks jew servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jkollu liċenzja, il-Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku:

(a) il-kriterji, it-termini, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri kollha tal-liċenzjar li hija tapplika; u

(b) perjodu ta' żmien raġonevoli normalment meħtieġ sabiex tintlaħaq deċiżjoni rigward applikazzjoni għal liċenzja;

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-applikant jirċievi bil-miktub, wara talba għal dan, ir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' liċenzja.

4. L-applikant ta' liċenzja għandu jkun jista' jagħmel rikors quddiem korp tal-appell f'każ li liċenzja tkun irrifjutata b'mod mhux xieraq;

5. It-tariffi tal-liċenzji[1] li l-applikanti jeħlu mill-applikazzjoni tagħhom jinħtieġ li jkunu raġonevoli u ma għandhomx jirrestringu l-provvista tas-servizz.

ARTIKOLU 8.42

Allokazzjoni u Użu ta' Riżorsi Skarsi

1. Kull proċedura għall-allokazzjoni u l-użu ta' riżorsi skarsi, inklużi frekwenzi, numri u drittijiet tal-passaġġ, għandha tkun oġġettiva, f'waqtha, trasparenti u mhux diskriminatorja. L-istat attwali tal-faxex tal-frekwenza allokati għandu jsir disponibbli għall-pubbliku, iżda l-identifikazzjoni dettaljata ta' frekwenzi allokati għal użi speċifiċi tal-gvern mhijiex meħtieġa.

2. Il-Partijiet jifhmu li d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni u l-għoti ta' ġestjoni tal-ispettru u l-frekwenza mhumiex miżuri li huma inkonsistenti *per se* mal-Artikoli 8.5 (Aċċess għas-Suq) u 8.10 (Aċċess għas-Suq). Għaldaqstant, kull Parti żżomm id-dritt tagħha li teżerċita l-politiki tal-ġestjoni tal-ispettru u l-frekwenza, li jistgħu jaffettwaw in-numru ta' fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, sakemm dan isir b'konsistenza ma' dan il-Kapitolu. Barra minn hekk, il-Partijiet iżommu d-dritt li jallokaw meded ta' frekwenzi filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet attwali u dawk tal-ġejjieni.

[1] Il-miżati tal-liċenzjar jew l-awtorizzazzjoni ma jinkludux pagamenti għall-irkant, it-tfigħ ta' offerti jew mezzi oħra mhux diskriminatorji għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet ordnati għall-forniment ta' servizz universali.

ARTIKOLU 8.43

Eżekuzzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-korp regolatorju tat-telekomunikazzjoni tiegħu jżomm proċeduri xierqa u awtorità sabiex jinforza miżuri domestiċi li għandhom x'jaqsmu mal-obbligi taħt din is-Sub-Taqsima. Tali proċeduri u awtorità għandhom jinkludu l-abbiltà li jimponu sanzjonijiet f'waqthom, proporzjonati u effettivi, jew modifika, sospensjoni u revoka ta' liċenzji.

2. Meta fornitur ewlieni jirrifjuta l-applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikolu 8.29 (Interkonnessjoni ma' Fornituri Maġġuri), l-Artikolu 8.30 (Imġiba ta' Fornituri Maġġuri), l-Artikolu 8.31 (Salvagwardji Kompetittivi fuq Fornituri Maġġuri), l-Artikolu 8.32 (Elementi Mifruda tan-Netwerk), l-Artikolu 8.33 (Ko-pożizzjoni), l-Artikolu 8.34 (Bejgħ mill-Ġdid), l-Artikolu 8.35 (Kondiviżjoni tal-Faċilitajiet) u l-Artikolu 8.36 (Forniment ta' Servizzi ta' Ċirkwiti Mikrija) il-fornitur tas-servizz li tagħmel it-talba jista' jitlob l-intervent tal-korp regolatorju li għandu joħroġ, skont il-liġi domestika, deċiżjoni li torbot fl-iqsar perjodu ta' żmien possibbli u f'kull każ fi żmien perjodu ta' żmien raġonevoli.

ARTIKOLU 8.44

Soluzzjoni ta' tilwimiet dwar it-Telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta' netwerks jew servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra jirrikorru fil-ħin għal korp regolatorju tat-telekomunikazzjoni jew xi korp rilevanti ieħor biex isolvu tilwimiet li jirriżultaw minn miżuri nazzjonali li jindirizzaw kwistjoni stipulata f'din is-Sub-Taqsima .

2. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe fornitur ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra affettwat minn deċiżjoni ta' korp regolatorju tat-telekomunikazzjoni tiegħu jista' jappella kontra tali deċiżjoni ma' entità ġudizzjarja jew awtorità amministrattiva indipendenti mill-partijiet involuti.

3. Jekk il-korp tal-appell ma jkollux karattru ġuridiku, jingħataw raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjoni tiegħu u d-deċiżjoni tiegħu għandha tkun ukoll soġġetta għal rieżami minn awtorità ġuridika imparzjali u indipendenti.

4. Id-deċiżjonijiet li jieħdu l-entitajiet tal-appell għandhom ikunu effettivament implimentati mill-partijiet ikkonċernati skont il-liġi domestika applikabbli u l-proċeduri interni. Appell ma għandux jikkostitwixxi bażi għal non konformità mad-deċiżjoni regolatorja sakemm awtorità xierqa ma twaqqafx dik id-deċiżjoni regolatorja.

ARTIKOLU 8.45

It-Trasparenza

Jekk il-korpi regolatorji jkunu beħsiebhom jieħdu miżuri relatati mad-dispożizzjonijiet ta' din is-Sub-Taqsima, għandhom jagħtu lill-partijiet interessati l-opportunità li jikkummentaw dwar l-abbozz ta' miżura f'perjodu raġonevoli ta' żmien b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom. Il-korpi regolatorji għandhom jippubblikaw il-proċeduri ta' konsultazzjoni tagħhom għal dawn l-abbozzi ta' miżuri. Ir-riżultati tal-proċedura ta' konsultazzjoni jinħtieġ li tkun magħmula pubblikament disponibbli mill-korp regolatorju ħlief fil-każ tal-informazzjoni kunfidenzjali skont il-liġi nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità tan-negozju.

ARTIKOLU 8.46

Flessibbiltà fl-Għażla tat-Teknoloġiji

Parti ma għandhiex tipprevjeni forniturи ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni pubblika milli jkollhom il-flessibbiltà li jagħżlu t-teknoloġiji li huma jużaw biex jipprovdu s-servizzi tagħhom soġġett għall-kapaċità ta' kull Parti biex tieħu miżuri biex tiżgura li l-utenti finali ta' netwerks differenti jkunu f'qagħda li jikkomunikaw ma' xulxin.

ARTIKOLU 8.47

Relazzjoni ma' Sub-taqsimiet, Taqsimiet u Kapitoli oħrajn

F'każ ta' xi inkonsistenza bejn din is-Sub-Taqsima u Sub-Taqsima kew Taqsima oħra f'dan il-Kapitolu jew f'Kapitolu ieħor, din is-Sub-Taqsima għandha tipprevali sal-punt ta' din l-inkonsistenza.

ARTIKOLU 8.48

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu l-iżvilupp rapidu ta' telekomunikazzjonijiet u l-industrija tat-teknoloġija tal-informatika, kemm fil-livell domestiku kif ukoll f'dak internazzjonali, għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu l-iżvilupp ta' servizzi bħal dawn bil-ħsieb li jiksbu l-akbar benefiċċju tal-użu tat-telekomunikazzjoni u t-teknoloġija tal-informatika għall-Partijiet.

2. L-oqsma ta’ kooperazzjoni jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) skambju ta’ opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta’ politika bħall-qafas regolatorju għal netwerks tal-broadband b’veloċità għolja u t-tnaqqis tal-prezzijiet tar-roaming internazzjonali bil-mobajl; u

(b) promozzjoni tal-użu mill-konsumaturi, is-settur pubbliku u s-settur privat, tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni u teknoloġija tal-informatika, inklużi servizzi emerġenti.

3. Il-forom ta’ kooperazzjoni jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) il-promozzjoni ta' djalogu dwar kwistjonijiet ta’ politika;

(b) it-titjib tal-kooperazzjoni f'*fora* internazzjonali marbuta mat-telekomunikazzjoni u t-teknoloġija tal-informazzjoni; u

(c) forom oħra ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni

SUB-TAQSIMA 6

SERVIZZI FINANZJARJI

ARTIKOLU 8.49

Il-Kamp ta’ Applikazzjoni u d-Definizzjonijiet

1. Din is-Sub-Taqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi finanzjarji kollha liberalizzati skont it-Taqsimiet B (Forniment ta’ Servizzi Transfruntiera), C (Stabbiliment) u D (Preżenza Temporanja ta’ Persuni Fiżiċi għall-Skopijiet ta’ Negozju).

2. Għall-finijiet ta’ din is-Sub-Taqsima:

(a) “servizz finanzjarju” tfisser kull servizz ta’ natura finanzjarja, inklużi servizz inċidentali jew awżiljari għal servizz ta’ natura finanzjarja, offrut minn fornitur ta’ servizz finanzjarju ta’ parti. Is-servizzi finanzjarji jinkludu l-attivitajiet segwenti:

(i) assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

(1) assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni):

(aa) fuq il-ħajja;

(bb) mhux fuq il-ħajja;

(2) riassigurazzjoni u retroċessjoni;

(3) intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħas-senserija u l-aġenzija; u

(4) servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħas-servizzi ta' konsulenza, attwarji, ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' saldu ta' klejms;

u

(ii) servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni):

(1) aċċettazzjoni ta' depożiti u fondi oħra li jistgħu jitħallsu mill-ġdid mill-pubbliku

(2) self ta’ kull tip, inklużi, inter alia, kreditu tal-konsumatur, kreditu b’ipoteka, fatturar u ffinanzjar tat-tranżazzjonijiet kummerċjali

(3) kiri finanzjarju;

(4) is-servizzi kollha ta' pagament u ta' trażmissjoni ta' flus, inkluż il-kreditu, il-kards tal-kreditu u tad-debitu, travellers cheques u bonifiċi bankarji;

(5) il-garanziji u l-impenji;

(6) negozju proprju jew f'isem klijenti, kemm jekk fil-borża, f'suq finanzjarju barra l-borża, kif ukoll jekk mod ieħor, f'dan li ġej:

(aa) strumenti tas-suq monetarju (inklużi ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta' depożitu)

(bb) il-kambju f'valuta barranija;

(cc) prodotti derivattivi li jinkludu, iżda mhux limitati għal, kuntratti ta' xiri fil-futur u għażliet (futures u options)

(dd) strumenti tar-rati tal-kambju u tar-rati tal-imgħax, inklużi prodotti bħal tpartit u ftehimiet b'rata forward

(ee) it-titoli trasferibbli;

(ff) strumenti oħra negozjabbli u assi finanzjarji, inklużi ingotti tad-deheb

(7) parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi sottoskrittura u allokazzjoni bħala aġent sew jekk pubblikament sew jekk privatament, u l-forniment ta' servizzi relatati ma' ħruġ bħal dan;

(8) is-senserija tal-kambju;

(9) amministrazzjoni tal-assi, bħall-amministrazzjoni ta' flus kontanti jew ta' portafoll, il-forom kollha ta' amministrazzjoni ta' investiment kollettiv, amministrazzjoni ta' fondi għall-pensjoni, servizzi ta' kustodja, depożitarji u ta' trust;

(10) servizzi ta' saldu u likwidazzjoni għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti oħra negozjabbli.

(11) il-provvista u t-trasferiment ta’ informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta’ dejta finanzjarja u software relatat minn fornituri ta’ servizzi finanzjarji oħra; u

(12) is-servizzi ta' pariri, intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra dwar l-attivitajiet kollha mniżżla fil-punti minn (1) sa (11) inklużi r-referenzi u l-analiżi ta' kreditu, riċerka u pariri dwar l-investiment u l-portafoll, pariri dwar l-akkwist u dwar ir-ristrutturazzjoni u l-istrateġija tal-kumpaniji;

(b) “fornitur ta’ servizzi finanzjarji” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun involuta jew qed tfittex li jkunu nvoluti fin-negozju ta’ forniment ta’ servizzi finanzjarji fit-territorju ta’ dik il-Parti. It-terminu "fornitur ta' servizzi finanzjarji" ma jinkludix entità pubblika;

(c) "servizz finanzjarju ġdid" tfisser servizz ta’ natura finanzjarja, fosthom servizzi marbuta ma’ prodotti eżistenti u prodotti ġodda jew il-mod li bih jitwassal prodott, li ma jkunx ipprovdut minn xi fornitur ta’ servizz finanzjarju fit-territorju ta’ waħda mill-Partijiet iżda li jiġi fornut fit-territorju tal-Parti l-oħra.

(d) “entità pubblika” tfisser:

(i) gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja ta’ Parti jew entità proprjetà ta’ jew ikkontrollata minn Parti, li tkun involuta prinċipalment fit-twettiq ta’ funzjonijiet governattivi jew attivitajiet għal skopijiet governattivi, li ma tinkludix entità involuta prinċipalment fil-forniment ta’ servizzi finanzjarji fuq termini kummerċjali; jew

(ii) entità privata, li twettaq funzjonijiet li normalment jitwettqu minn bank ċentrali jew awtorità monetarja, meta tkun qiegħda teżerċita dawk il-funzjonijiet. u

(e) "organizzazzjoni awtoregolatorja" tfisser kwalunkwe korp mhux governattiv, inkluż kwalunkwe suq tat-titoli jew tal-futuri, l-aġenzija tal-ikklerjar, organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet oħrajn, li jeżerċita l-awtorità regolatorji jew ta' sorveljanza fuq fornituri ta' servizzi finanzjarji permezz ta' statut jew delegazzjoni minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali.

ARTIKOLU 8.50

Carve-out Prudenzjali

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem bħala li jwaqqaf Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri raġonevoli għal raġunijiet ta' prudenza, bħal:

(a) il-protezzjoni ta' investituri, depożituri, detenturi ta' polza jew persuni li lihom ikun dovut obbligu ta' fiduċja mill-fornitur ta' servizz finanzjarju;

(b) iż-żamma tas-sigurtà, l-attenzjoni, l-integrità jew ir-responsabbiltà finanzjarja tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji; jew

(c) li tassigura l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Parti.

2. Dawn il-miżuri ma jkunux aktar ta’ piż milli neċessarju biex jilħqu l-għan tagħhom, u ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta’ diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata kontra fornituri ta’ servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra meta mqabbla mal-fornituri ta’ servizzi finanzjarja proprji jew restrizzjoni mistura fuq il-kummerċ fis-servizzi.

3. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jeħtieġ li xi Parti tiżvela informazzjoni relatata mal-affarijiet u l-kontijiet ta' konsumaturi individwali jew xi informazzjoni kunfidenzjali jew proprjetarja fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.

4. Kull Parti għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex tassigura li l-“Prinċipji Fundamentali tas-Superviżjoni Bankarja Effettiva” tal-Kumitat ta’ Basel, l-istandards u l-prinċipji tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni u "Ir-Regolament dwar Objettivi u Prinċipji ta’ Titoli" tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli u l-Istandard miftiehem internazzjonalment għat-trasparenza u l-iskambju ta’ informazzjoni għal skopijiet ta’ taxxa kif spjegat fil-Konvenzjoni Mudell tal-OECD dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu u l-Kapital tal-2008, jiġu implimentati u applikati fit-territorju tagħha.

5. Suġġett għall-Artikolu 8.6 (Trattament nazzjonali) u mingħajr preġudizzju għal mezzi oħra ta’ regolamentazzjoni prudenzjali għall-kummerċ transfruntiera fis-servizzi finanzjarji, Parti tista’ titlob ir-reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni tal-fornituri ta’ servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra u tal-istrumenti finanzjarji.

ARTIKOLU 8.51

Organizzazzjonijiet Awtoregolatorji

Jekk is-sħubija jew il-parteċipazzjoni, jew l-aċċess għal kwalunkwe organizzazzjoni awtoregolatorji hija mitluba minn Parti sabiex il-fornituri tas-servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jfornu servizzi finanzjarji fi ħdan jew fit-territorju tal-ewwel Parti, il-Parti għandha tiżgura l-osservanza tal-obbligi skont l-Artikolu 8.6 (Trattament Nazzjonali) u l-Artikolu 8.11 (Trattament Nazzjonali) minn tali organizzazzjoni awtoregolatorja.

ARTIKOLU 8.52

Sistemi ta' Ħlas u Rilaxx

Skont it-termini u l-kundizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali, kull Parti għandha, kif permess mill-kriterji tal-aċċess ta' kull Parti, tagħti lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha, u rregolati u taħt superviżjoni bħal fornituri tas-servizzi finanzjarji skot il-liġi domestika tagħha, aċċess għal sistemi ta' ħlas u rilaxx operati minn entitajiet pubbliċi u għal faċilitajiet uffiċjali ta' finanzjament u finanzjament mill-ġdid li huma disponibbli fl-andament normali ta' negozju ordinarju. Dan l-Artikolu mhuwiex maħsub biex jagħti aċċess għall-faċilitajiet tas-sellief tal-aħħar alternattiva ta' xi Parti.

ARTIKOLU 8.53

Servizzi Finanzjarji Ġodda

Kull Parti għandha tippermetti l-fornitur tas-servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jfornu kull servizz finanzjarju ġdid li l-ewwel Parti tkun tippermettih hi stess lill-fornituri ta' servizzi finanzjarji biex jipprovdu mingħajr aktar azzjoni leġiżlattiva meħtieġa mill-ewwel Parti. Parti tista' tiddeċiedi l-forma istituzzjonali u ġuridika li biha jista' jiġi pprovdut is-servizz finanzjarju l-ġdid u tista' teħtieġ l-awtorizzazzjoni għall-forniment tas-servizz. Jekk tali Parti tkun teħtieġ tali awtorizzazzjoni tas-servizz finanzjarju ġdid, għandha tittieħed deċiżjoni f'perjodu raġonevoli ta' żmien u l-awtorizzazzjoni tista' tiġi rrifjutata biss għal raġunijiet ta' prudenza skont l-Artikolu 8.50 (Konċessjoni Prudenzjali).

ARTIKOLU 8.54

Proċessar tal-Informazzjoni

1. Soġġett għas-salvagwardji xierqa fuq il-privatezza u l-kunfidenzjalità, kull Parti għandha tippermetti lil fornituri ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra sabiex jittrasferixxu informazzjoni f'forma elettronika jew f'forma oħra, kemm fit-territorju tagħha kif ukoll barra mit-territorju tagħha, għall-ipproċessar tad-dejta meta dan l-ipproċessar huwa meħtieġ fil-proċess ordinarju tal-kummerċ ta' dan il-fornitur tas-servizzi finanzjarji.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta personali, inklużi rekords u kontijiet individwali, sakemm dawn is-salvagwardji ma jintużawx biex jiġu evitati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 8.55

Eċċezzjonijiet Speċifiċi

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimpedixxi Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi tagħha, milli twettaq jew tipprovdi b'mod esklużiv fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku tal-irtirar jew sistema statutorja tas-sigurtà soċjali, ħlief meta dawk l-attivitajiet jistgħu jitwettqu, kif previst fir-regolament domestiku tal-Parti, minn fornituri ta' servizzi finanzjarji f'kompetizzjoni ma' entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma japplika għal attivitajiet imwettqa minn bank ċentrali jew awtorità monetarja jew minn kwalunkwe entità pubblika oħra sabiex jitwettqu politiki monetarji jew ta' rati tal-kambju.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimpedixxi Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi tagħha, milli twettaq jew tipprovdi b'mod esklussiv fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi għall-kont jew bil-garanzija jew billi tuża r-riżorsi finanzjarji tagħha, jew l-entitajiet pubbliċi tagħha, ħlief meta dawk l-attivitajiet jistgħu jitwettqu, kif ipprovdut bir-regolament domestiku tagħha, minn fornituri ta' servizzi finanzjarji f'kompetizzjoni ma' entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

SUB-TAQSIMA 7

SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU INTERNAZZJONALI

ARTIKOLU 8.56

Ambitu, Definizzjonijiet u Prinċipji

1. Din is-Sub-Taqsima tistabbilixxi l-prinċipji rigward il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali skont it-Taqsimiet B (Forniment ta' Servizzi Transfruntiera), C (Stabbiliment) u D (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għall-Skopijiet ta' Negozju).

2. Għall-finijiet ta' din is-Sub-Taqsima, "trasport marittimu internazzjonali" jinkludi operazzjonijiet ta' trasport bieb- -bieb u multimodali, li huwa l-ġarr tal-oġġetti fejn jintuża aktar minn mezz wieħed ta' trasport, li jinvolvi parti mill-vjaġġ fuq -il-baħar, b'dokument wieħed tat-trasport, u f'dan ir-rigward id-dritt li jikkuntrattaw direttament fornituri ta' mezzi oħrajn ta' trasport.

3. Fir-rigward tat-trasport marittimu internazzjonali, il-Partijiet jaqblu li jiżguraw applikazzjoni effettiva tal-prinċipji ta' aċċess mhux ristrett għal tagħbija fuq bażi kummerċjali, il-libertà ta' forniment ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali, kif ukoll trattament nazzjonali fil-qafas tal-forniment ta' servizzi bħal dawn.

Fid-dawl tal-livelli eżistenti ta' liberalizzazzjoni bejn il-Partijiet fit-trasport marittimu internazzjonali:

(a) il-Partijiet għandhom japplikaw b'mod effettiv il-prinċipju tal-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-swieq u n-negozji tat-trasport marittimu internazzjonali fuq bażi kummerċjali u mhux diskriminatorja; u

(b) kull Parti għandha tagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Parti l-oħra jew li jitħaddmu minn fornituri ta' servizz tal-Parti l-oħra, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-bastimenti tagħha stess fir-rigward, *inter alia*, tal-aċċess għall-portijiet, l-użu tal-infrastruttura u s-servizzi marittimi awżiljarji tal-portijiet, kif ukoll, kif ukoll it-tariffi u l-imposti relatati, il-faċilitajiet tad-dwana u l-aċċess ta' rmiġġi u faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt.

4. Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Partijiet għandhom:

(a) ma jintroduċux arranġamenti ta' qsim bejniethom ta' oġġetti fi strumenti ta' ftehimiet futuri ma' pajjiżi terzi li jikkonċernaw servizzi tat-trasport marittimu, inkluż kummerċ f'tagħbija niexfa u likwida u kummerċ tal-linji tat-tbaħħir, u għandhom itemmu, f'perjodu raġonevoli ta' żmien, tali arranġamenti ta' qsim ta' oġġetti jekk jeżistu strumenti ta' ftehimiet preċedenti; u

(b) mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jabolixxu u ma jintroduċu l-ebda miżura unilaterali[1] u l-ebda ostaklu amministrattiv, tekniku u ta' xort'oħra li jistgħu jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija jew ikollhom effetti diskriminatorji fuq il-provvista ħielsa tas-servizzi fit-trasport marittimu internazzjonali.

[1] Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, it-terminu "miżuri" għandu jinkludi biss miżuri li avversament jiddiskriminaw fuq il-bażi tan-nazzjonalità jew iż-żona/żoni ġeografika/ġeografiċi tal-oriġini persuna fiżika jew ġuridika li għalihom qiegħda tiġi applikata l-miżura.

5. Kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri tas-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra li jkollhom stabbiliment fit-territorju tagħha bil-kundizzjonijiet ta' stabbiliment u l-operat skont il-kundizzjonijiet iskritti fl-Iskeda tagħha ta' Impenji Speċifiċi.

6. Il-Partijiet għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-fornituri ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra, b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji, l-użu tas-servizzi li ġejjin fil-port:

(a) pilotaġġ;

(b) l-irmunkar u l-assistenza bit-tug boats;

(c) forniment;

(d) għoti tal-fjuwil u l-ilma;

(e) Ġbir tal-iskart u rimi ta' skart tas-saborra;

(f) servizzi ta' kaptan portwali;

(g) għajnunijiet għan-navigazzjoni; u

(h) servizzi operattivi bbażati fuq ix-xatt li huma essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastimenti, fosthom komunikazzjonijiet, provvisti ta' ilma u elettriku, faċilitajiet ta' tiswija tal-emerġenza, ankraġġ, irmiġġ u servizzi ta' rmiġġ.

TAQSIMA F

KUMMERĊ ELETTRONIKU

ARTIKOLU 8.57

Għanijiet

1. Il-Partijiet, filwaqt li jagħrfu li l-kummerċ elettroniku jżid l-opportunijiet kummerċjali f'bosta setturi, jaqblu dwar l-importanza li jiġi ffaċilitat l-użu tiegħu u l-iżvilupp u l-applikabilità tar-regoli tad-WTO għall-kummerċ elettroniku.

2. Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku bejniethom, b'mod partikolari billi jikkooperaw dwar il-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-kummerċ elettroniku skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu. F'dan il-kuntest iż-żewġ Partijiet jinħtieġ li jkun evitat l-impożizzjoni ta' regolamenti jew restrizzjonijiet fuq il-kummerċ elettroniku.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-fluss liberu tal-informazzjoni fuq l-Internet, filwaqt li jaqblu li dan jinħtieġ li ma jfixkilx id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali minħabba l-importanza tal-ħarsien tad-drittijiet tal-propjetà intellettwali fuq l-internet.

4. Il-Partijiet jaqblu li l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku jrid ikun kompletament kompatibbli ma' standards internazzjonali ta' protezzjoni tad-dejta, sabiex tkun żgurata l-fiduċja tal-utenti tal-kummerċ elettroniku.

ARTIKOLU 8.58

Dazji u Tariffi

Il-Partijiet ma għandhomx jimponu dazji doganali fuq it-trażmissjonijiet elettroniċi.

ARTIKOLU 8.59

Provvista Elettronika ta’ Servizzi

Għal aktar ċertezza, il-Partijiet jaffermaw li l-miżuri relatati mal-forniment ta’ servizz bl-użu ta’ mezzi elettroniċi jaqa’ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi li jinsabu fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta’ dan il-Kapitolu soġġetti għal kull eċċezzjoni applikabbli għal dawn l-obbligi.

ARTIKOLU 8.60

Firem Elettroniċi

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu passi biex jiffaċilitaw il-fehim aħjar tal-qafas tal-firem elettroniċi ta’ xulxin u, soġġetti għal kundizzjonijiet domestiċi rilevanti u l-leġiżlazzjoni, jeżaminaw il-fattibilità ta' ftehim futur ta’ rikonoxximent reċiproku dwar firem elettroniċi.

2. Fil-kisba tal-għanijiet tal-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom:

(a) jiffaċilitaw, kemm jista' jkun, ir-rappreżentanza tal-Parti l-oħra għal *fora* disponibbli organizzati formalment jew informalment mill-awtoritajiet kompetenti tagħha stess dwar il-firem elettroniċi billi jippermettu lill-Parti l-oħra tippreżenta l-firem elettroniċi tagħha;

(b) iħeġġu, kemm jista' jkun, l-iskambju ta' fehmiet dwar il-firem elettroniċi permezz ta' seminars apposta u laqgħat tal-esperti f'oqsma bħas-sigurtà u l-interoperabbiltà; u

(c) tikkontribwixxi, kemm jista' jkun, għall-isforzi tal-Parti l-oħra biex jiġi studjat u analizzat il-qafas tagħha stess billi tagħmel disponibbli l-informazzjoni rilevanti.

ARTIKOLU 8.61

Kooperazzjoni Regolatorja fil-Kummerċ Elettroniku

1. Il-Partijiet għandhom iżommu djalogu fuq kwistjonijiet regolatorji mqajma mill-kummerċ elettroniku, li, *inter alia*, għandu jindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rikonoxximent ta' ċertifikati ta' firem elettroniċi maħruġa lill-pubbliku u l-faċilitazzjoni ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni transfruntiera;

(b) ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji fir-rigward tat-trażmissjoni jew il-ħażna tal-informazzjoni;

(c) it-trattament ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku mhux mitluba;

(d) il-protezzjoni tal-konsumaturi; u

(e) kwalunkwe kwistjoni oħra rilevanti għall-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku.

2. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi skambju ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni rispettiva tal-Partijiet dwar dawn il-kwistjonijiet kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni.

TAQSIMA G

EĊĊEZZJONIJIET

ARTIKOLU 8.62

Eċċezzjonijiet Ġenerali

Suġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli kontra l-Parti l-oħra fejn ikun hemm kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq l-istabbiliment jew il-forniment trans-fruntier ta' servizzi, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar min-naħa ta' xi Parti ta' miżuri:

(a) meħtieġa biex iħarsu s-sigurtà pubblika u l-morali pubblika jew biex iżommu l-ordni pubbliku[1];

[1] L-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku tista' tiġi invokata biss meta jkun hemm theddida serja ġenwina u suffiċjenti għal wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà.

(b) meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa jew il-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) marbuta mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali li jistgħu jispiċċaw jekk tali miżuri jiġu applikati flimkien ma' restrizzjonijiet fuq l-intraprendituri domestiċi jew fuq il-provvista jew il-konsum domestiku tas-servizzi;

(d) meħtieġa għall-ħarsien ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku;

(e) meħtieġa sabiex jassiguraw il-konformità ma' liġijiet jew regolamenti li mhumiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu fosthom dawk relatati ma':

(i) il-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa u frodulenti jew it-trattament tal-effetti ta' inadempjenza ta' kuntratti;

(ii) (ii) il-protezzjoni tal-privatezza tal-individwi b'relazzjoni għall-ipproċesar u għat-tixrid tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' rekords u ta' kontijiet individwali;

(iii) is-sikurezza;

(f) inkonsistenti mal-Artikolu 8.6 (Trattament Nazzjonali) u l-Artikolu 8.11 (Trattament Nazzjonali), bil-kundizzjoni li d-differenza fit-trattament tkun immirata sabiex tiżgura l-impożizzjoni jew il-ġbir ġust jew effettiv ta' taxxi diretti fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi, imprendituri jew fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra[1].

[1] Il-miżuri li huma mmirati sabiex jiżguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ġust jew effettiv ta' taxxi diretti jinkludu miżuri meħuda mill-Parti taħt is-sistema tat-tassazzjoni tagħha li:

(a) japplikaw għal imprendituri u fornituri ta' servizzi mhux residenti b'rikonoxximent tal-fatt li l-obbligu tat-taxxa ta' dawk li mhumiex residenti huwa determinat fir-rigward ta' oġġetti taxxabbli li jinkisbu jew jinsabu fit-territorju tal-Parti;

(b) japplikaw għal dawk li mhumiex residenti sabiex jassiguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fit-territorju tal-Parti;

(c) japplikaw għal persuni mhux residenti jew għar-residenti sabiex jipprevjenu l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi, inklużi l-miżuri ta' konformità;

(d) japplikaw għall-konsumaturi ta' servizzi fi jew mit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jiżguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fuq konsumaturi bħal dawn miksuba minn sorsi fit-territorji tal-Parti;

(e) jiddistingwu bejn investituri u fornituri ta' servizzi suġġetti għal taxxa fuq oġġetti taxxabbli madwar id-dinja kollha minn investituri u fornituri ta' servizzi oħra, b'rikonoxximent tad-differenza fin-natura tal-bażi tat-taxxa bejniethom; jew

(f) jistabbilixxu, jallokaw jew jaqsmu d-dħul, il-profitt, il-qligħ, it-telf, it-tnaqqis jew il-kreditu ta' persuni jew fergħat residenti, jew bejn persuni jew fergħat relatati tal-istess persuna, sabiex jissalvagwardjaw il-bażi tat-taxxa tal-Parti.

It-termini jew il-kunċetti tat-taxxa fis-subparagrafu (f) u f'din in-nota ta' qiegħ il-paġna huma determinati skont definizzjonijiet u kunċetti tat-taxxa, jew definizzjonijiet u kunċetti ekwivalenti jew simili, skont il-liġi domestika tal-Parti li tieħu l-miżura.

ARTIKOLU 8.63

Ir-Rieżami

Bil-ħsieb li jżidu l-liberalizzazzjoni u jeliminaw ir-restrizzjonijiet li għad fadal u jiżguraw bilanċ ġenerali ta' drittijiet u obbligi, il-Partijiet għandhaom jirrieżaminaw dan il-Kapitolu u l-Iskedi ta' Impenji Speċifiċi tagħhom mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u suċċessivament f'intervalli regolari. Bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni, il-Kumitat dgħall-Kummerċ fis-Servizzi, l-Investiment u l-Akkwist Governattiv stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati) jista' jiddeċiedi li jemenda l-Iskedi Rilevanti ta' Impenji Speċifiċi.

KAPITOLU DISGĦA

AKKWISTI PUBBLIĊI

ARTIKOLU 9.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "oġġetti jew servizzi kummerċjali" tfisser oġġetti u servizzi ta' tip li ġeneralment jinbiegħu jew jiġu offruti għall-bejgħ fil-post tas-suq kummerċjali lil, u li normalment jinxtraw minn, xerrejja mhux tal-gvern għal finijiet mhux governattivi;

(b) “attività kompetittiva” tfisser, għall-Unjoni:

(i) attività, imwettqa fit-territorju ta’ Stat Membru tal-Unjoni, li hija esposta direttament għal kompetizzjoni fi swieq mingħajr aċċess ristrett; u

(ii) awtorità kompetenti fl-Unjoni adottat deċiżjoni li tistabbilixxi l-applikabilità ta’ paragrafu (i).

Għall-iskopijiet tas-subparagrafu (b)(i), il-kwistjoni dwar jekk attività hijiex direttament esposta għall-kompetizzjoni għandha tiġi deċiża fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-prodotti jew is-servizzi kkonċernati, l-eżistenza ta’ prodotti jew servizzi alternattivi, u l-prezzijiet u l-preżenza attwali jew potenzjali ta’ aktar minn fornitur wieħed tal-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni;

(c) “servizz ta' kostruzzjoni” tfisser servizz li għandu bħala għan it-twettiq bi kwalunkwe mezz ta' xogħol ċivili jew ta' bini, fuq il-bażi tad-Diviżjoni 51 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali Proviżorja tal-Prodotti tan-Nazzjonijiet Uniti (CPC);

(d) “azzjoni korrettiva” tfisser, fil-kuntest ta’ proċeduri domestiċi ta’ rieżami, jew it-twarrib jew l-iżgurar ta’ twarrib ta’ deċiżjonijiet meħuda illegalment minn entità akkwirenti, inkluż it-tneħħija ta’ speċifikazzjonijiet diskriminatorji tekniċi, ekonomiċi jew finanzjarji fis-sejħa għall-offerti, fid-dokumenti tal-kuntratt jew kull dokument ieħor li jirrelata ma’ proċedura ta’ offerti;

(e) “bejgħ bl-irkant elettroniku” tfisser proċess iterattiv li jinvolvi l-użu ta' mezzi elettroniċi għall-preżentazzjoni mill-forniturijew ta' prezzijiet ġodda, jew ta' valuri ġodda għal elementi kwantifikabbli li mhumiex prezzijiet tal-offerta b'konnessjoni mal-kriterji ta' evalwazzjoni, jew inkella t-tnejn flimkien, li jirriżulta fi klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid tal-offerti;

(f) bil-miktub jew miktub tfisser kwalunkwe espressjoni verbali jew numerika li tista' tinqara, tiġi riprodotta u aktar tard ikkomunikata. Din tista' tinkludi informazzjoni trażmessa u maħżuna b'mod elettroniku;

(g) “persuna ġuridika” hija mifhuma kif previst fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 8.2 (Definizzjonijiet);

(h) “persuna ġuridika tal-Unjoni” jew “persuna ġuridika ta' Singapore” hija mifhuma kif previst fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 8.2 (Definizzjonijiet);

(i) "sejħa għall-offerti limitata" tfisser metodu ta' akkwist fejn l-entità li takkwista tikkuntattja fornitur jew fornituri tal-għażla tagħha;

(j) “lokalment stabbilita” tfisser persuna ġuridika stabbilita f’Parti waħda li hija proprjetà ta’ jew ikkontrollata minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Parti l-oħra.

Persuna ġuridika tkun:

(i) “proprjetà” ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Parti l-oħra jekk iżjed minn 50 fil-mija tal-interess azzjonarju fiha jkun proprjetà benefiċjali tal-Parti l-oħra; u

(ii) "ikkontrollata" minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Parti l-oħra jekk tali persuni jkollhom is-setgħa jaħtru l-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li jmexxu b'mod legali l-azzjonijiet tagħha;

(k) "miżura" tfisser kwalunkwe liġi, regolament, proċedura, gwida jew prattika amministrattiva, jew kwalunkwe azzjoni ta' entità tal-akkwist relatati ma' akkwist kopert;

(l) "lista għal użu multiplu" tfisser lista ta' forniturи li l-entità tal-akkwist tkun iddeterminat bħala dawk li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'dik il-lista, u li l-entità tal-akkwist għandha l-ħsieb li tuża iktar minn darba;

(m) "avviż ta' akkwist ippjanat" tfisser avviż ippubblikat minn entità tal-akkwist li fih il-forniturи interessati jiġu mistiedna jippreżentaw talba għall-parteċipazzjoni, offerta, jew it-tnejn;

(n) "kumpens" tfisser kwalunkwe kundizzjoni jew impenn li jħeġġeġ l-iżvilupp lokali jew itejjeb il-kontijiet tal-bilanċ tal-pagamenti ta' Parti, bħall-użu ta' kontenut domestiku, il-liċenzjar ta' teknoloġija, l-investiment, il-kummerċ kumpensatorju u azzjoni jew rekwiżit simili;

(o) "sejħa għall-offerti miftuħa" tfisser metodu tal-akkwist fejn il-forniturи interessati kollha jistgħu jippreżrntaw sejħa għall-offerti;

(p) “privatizzat” tfisser, għal Singapore, entità li tkun ġiet rikostitwita minn entità akkwirenti jew parti minnha tkun persuna ġuridika li taġixxi skont konsiderazzjonijiet kummerċjali fl-akkwist ta’ oġġetti u li m’għadhiex intitolata tipprattika awtorità governattiva, anki jekk il-gvern ikollu holdings tiegħu jew jaħtar il-membri tal-bord tad-diretturi.

Għal aktar ċertezza, fejn il-gvern ikollu holdings tiegħu jew jaħtar uffiċjal tal-gvern fil-Bord tad-Diretturi ta’ entità privatizzata, l-entità titqies li taġixxi skont kunsiderazzjonijiet kummerċjali fix-xiri ta’ oġġetti u servizzi, bħal fir-rigward tad-disponibbiltà, il-prezz u l-kwalità tal-oġġetti u s-servizzi, jekk il-gvern jew il-Bord tad-Diretturi hekk maħtura ma jinfluwenzawx direttament jew indirettament id-deċiżjonijiet tal-Bord fl-akkwisti mill-entità ta’ prodotti u servizzi;

(q) “entità akkwirenti” tfisser entità koperta bl-Annessi 9-A u 9-B jew 10-C;

(r) "fornitur ikkwalifikat" tfisser fornitur li entità tal-akkwist tirrikonoxxi bħala li jkun issodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

(s) “GPA rivedut” tirreferi għat-test tal-Ftehim dwar l-Akkwisti tal-Gvern, kif emendat mid-Deċiżjoni dwar ir-Riżultati tan-Negozjati skont l-Artikolu XXIV:7 tal-GPA, magħmulha fit-30 ta’ Marzu 2012;

(t) "sejħa għall-offerti selettiva" tfisser metodu ta' akkwist li bih forniturи kwlifikati biss jiġu mistiedna mill-entità akkwirenti biex jippreżentaw l-offerta;

(u) “servizzi” tinkludi servizzi ta' kostruzzjoni, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor;

(v) “standard” tfisser dokument approvat minn korp rikonoxxut, li jipprovdi, għal użu multiplu u ripetut, regoli, linji gwida jew karatteristiċi għal prodotti jew servizzi, jew proċessi relatati u metodi ta' produzzjoni, li l-konformità magħhom mhijiex mandatorja. Jista' jinkludi wkoll jew jittratta b'mod esklużiv rekwiżiti dwar it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, l-immarkar jew it-tikkettar hekk kif japplikaw għal prodott, servizz, proċess jew metodu ta' produzzjoni;

(w) "fornitur" tfisser persuna jew grupp ta' persuni ta’ kwalunkwe Parti li jfornu jew jistgħu jfornu prodotti jew servizzi;

(x) “speċifikazzjoni teknika” tfisser rekwiżit tas-sejħa tal-offerti li:

(i) jistabbilixxi l-karatteristiċi tal-prodotti jew servizzi li għandhom jiġu akkwistati, inklużi l-kwalità, il-prestazzjoni, is-sikurezza u l-qisien, jew il-proċessi u l-metodi għall-produzzjoni u l-provvista tagħhom; jew

(ii) jindirizza r-rekwiżiti dwar it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, l-immarkar jew it-tikkettar, hekk kif japplikaw għall-prodott jew servizz.

ARTIKOLU 9.2

Kamp ta' applikazzjoni u Kopertura

Applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu

1. Dan il-Kapitolu japplika għal kull miżura dwar l-akkwist kopert, kemm jekk jitwettaq b'mod esklussiv jew parzjali minn mezzi elettroniċi kif ukoll jekk le.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, akkwist kopert ifisser għall-finijiet governattivi:

(a) ta' prodotti, servizzi, jew kull taħlita tagħhom:

(i) kif speċifikat f’kull parti tal-Annessi minn 9-A sa 9-G; u

(ii) (ii) mhux akkwistati bil-għan għal bejgħ kummerċjali jew għal rivendita, jew għall-użu fil-produzzjoni jew il-forniment tal-oġġetti jew servizzi għall-bejgħ kummerċjali jew bejgħ mill-ġdid;

(b) b'kull mezz kuntrattwali, inkluż xiri; kera; u l-kiri jew il-kuntratt ta' lokazzjoni b'opzjoni jew mingħajr opzjoni ta' xiri; u kwalunkwe kuntratti bi sħubija pubblika-privata kif definit fl-Anness 9-I;

(c) li għalih, il-valur, kif stmat skont il-paragrafi minn 6 sa 8, ikun daqs jew jaqbeż il-livell limitu relevanti speċifikat fl-Annessi minn 9-A sa 9-G, fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' avviż skont l-Artikolu 9.6 (Avviżi);

(d) minn entità tal-akkwist; u

(e) dan mhuwiex esklużb'xi mod ieħor minn kopertura fil-paragrafu 3 jew fl-Annessi minn 9-A sa 9-G ta' Parti.

3. Għajr fejn previst mod ieħor fl-Annessi minn 9-A sa 9-G, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) l-akkwiżizzjoni jew il-kiri ta' art, bini eżistenti jew xi proprjetà immobbli oħra jew id-drittijiet li joħorġu minn dawn;

(b) ftehimiet mhux kuntrattwali jew kwalunkwe forma ta' assistenza li Parti tipprovdi, inklużi ftehimiet kooperattivi, għotjiet, self, infużjonijiet ta' ekwità, garanziji u inċentivi fiskali;

(c) l-akkwist jew ix-xiri ta’ aġenzija fiskali jew ta’ servizzi depożitarji, servizzi ta’ likwidazzjoni u ta’ ġestjoni għal istituzzjonijiet finanzjarji rregolati, jew servizzi relatati mal-bejgħ, mal-ammortizzament u mad-distribuzzjoni ta’ dejn pubbliku, inklużi self u bonds governattivi, noti u sigurtajiet oħrajn;

(d) kuntratti tax-xogħol pubbliku;

(e) akkwist imwettaq:

(i) għall-iskop speċifiku ta' forniment ta' assistenza internazzjonali, inkluża għajnuna għall-iżvilupp;

(ii) (ii) skont il-proċedura jew kundizzjoni partikolari ta' ftehim internazzjonali li jirrigwarda l-istazzjonament ta' truppi jew li jirrigwarda l-implimentazzjoni konġunta ta' proġett mill-pajjiżi firmatarji; jew

(iii) skont il-proċedura jew il-kundizzjoni partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali, jew iffinanzjat minn għotjiet, self jew għajnuna oħra internazzjonali fejn il-proċedura jew il-kundizzjoni applikabbli tkun inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu.

4. Kull Parti għandha tispeċifika l-informazzjoni li ġejja fl-Annessi minn 9-A sa 9-G:

(a) fl-Anness 9-A, l-entitajiet tal-gvern ċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert b'dan il-Kapitolu;

(b) fl-Anness 9-B, l-entitajiet sottoċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert b'dan il-Kapitolu;

(c) fl-Anness 9-C, l-entitajiet tal-gvern ċentrali kollha li l-akkwist tagħhom huwa kopert b'dan il-Kapitolu;

(d) fl-Anness 9-D, il-prodotti koperti b'dan il-Kapitolu;

(e) fl-Anness 9-E, is-servizzi, għajr is-servizzi ta' kostruzzjoni, koperti b'dan il-Kapitolu;

(f) fl-Anness 9-F, is-servizzi ta' kostruzzjoni, koperti b'dan il-Kapitolu; u

(g) fl-Anness 9-G, kwalunkwe Noti Ġenerali.

5. Jekk l-entità tal-akkwist, fil-kuntest ta' akkwist kopert, tirrekjedi li persuni mhux elenkati fl-fl-Annessi minn 9-A sa 9-C li jakkwistaw skont ir-rekwiżiti partikolari, l-Artikolu 9.4 (Prinċipji Ġenerali) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal rekwiżiti bħal dawn.

Il-valwazzjoni

6. Meta tkun qed tagħmel stima tal-valur ta' akkwist sabiex tiżgura jekk huwiex akkwist kopert, l-entità tal-akkwist għandha:

(a) la taqsam akkwist f'akkwisti separati u lanqas tagħżel jew tuża metodu ta' valwazzjoni partikolari biex tagħmel stima tal-valur ta' akkwist bl-intenzjoni teskludih totalment jew parzjalment mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; u

(b) tinkludi l-valur totali massimu stmat tal-akkwist matul it-tul ta' żmien kollu tiegħu, kemm jekk jingħata lil fornitur wieħed kif ukoll jekk jingħata lil iktar, filwaqt li jitqiesu l-forom kollha ta' remunerazzjoni, inkluż:

(i) primjums, tariffi, kummissjonijiet u mgħax; u

(ii) jekk l-akkwist jipprovdi għall-possibbiltà ta' opzjonijiet, il-valur totali ta' tali opzjonijiet.

7. Jekk rekwiżit individwali għall-akkwist jirriżulta fl-għoti ta' iktar minn kuntratt wieħed, jew fl-għoti ta' kuntratti f'partijiet separati (li minn hawn 'il quddiem se jissejħu "akkwisti rikorrenti"), il-kalkolu tal-valur totali massimu stmat għandu jkun ibbażat fuq:

(a) il-valur tal-akkwisti rikorrenti tal-istess tip ta' prodott jew servizz mogħti matul it-tnax-il xahar ta' qabel jew is-sena fiskali ta' qabel tal-entità tal-akkwist, aġġustat, fejn possibbli, biex iqis bidliet antiċipati fil-kwantità jew il-valur tal-prodott jew tas-servizz li nxtara matul it-tnax-il xahar ta' qabel; jew

(b) il-valur stmat tal-akkwisti rikorrenti tal-istess tip ta' prodott jew servizz li għandu jingħata matul it-tnax-il xahar wara l-għoti tal-kuntratt inizjali jew is-sena fiskali tal-entità tal-akkwist.

8. Fil-każ ta' akkwisti permezz ta' lokazzjoni, kera jew xiri bin-nifs ta' oġġetti jew servizzi, jew akkwist li għalihom ma jkunx speċifikat prezz totali, il-bażi għall-valwazzjoni għandha tkun:

(a) fil-każ ta' kuntratt b'terminu fiss:

(i) fejn it-terminu tal-kuntratt huwa tnax-il xahar jew inqas, il-valur massimu totali stmat għat-tul ta' żmien tiegħu; jew

(ii) fejn it-terminu tal-kuntratt jaqbeż it-tnax-il xahar, il-valur massimu totali stmat, inkluż kull valur residwu stmat;

(b) fejn il-kuntratt huwa għal perjodu indefinit, il-ħlas parzjali stmat fix-xahar multiplikat bi tmienja u erbgħin; u

(c) meta ma huwiex ċert jekk il-kuntratt għandux ikun kuntratt fiss, għandu jintuża s-subparagrafu (b).

ARTIKOLU 9.3

L-Eċċezzjonijiet fis-Sigurtà u Dawk Ġenerali

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lill-kwalunkwe Parti li tieħu azzjoni jew li ma tiżvelax xi informazzjoni li hija tikkunsidra neċessarja għall-protezzjoni tas-sigurtà essenzali tagħha relatati mal-akkwist ta' armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra, jew għall-akkwist indispensabbli għas-sigurtà nazzjonali jew għall-finijiet ta' difiża nazzjonali.

2. Suġġett għar-rekwiżiti li miżuri bħal dawn mhumiex applikati b' mod li jikkostitwixxu mezz tal-arbitraġġ jew diskriminazzjoni mhux ġustifikata bejn pajjiżi fejn l-istess kundizzjonijiet jipprevalu jew restrizzjoni moħbija dwar il-kummerċ internazzjonali, xejn f'dan il-ftehim ma għandu jitqies biex jippreveni kwalunkwe Parti milli timponi jew tinforza miżuri:

(a) neċessarji għall-protezzjoni tal-morali pubblika, l-ordni pubbliku jew is-sikurezza pubblika;

(b) meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa jew il-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) meħtieġa sabiex jipproteġu l-proprjetà intellettwali; jew

(d) li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti jew servizzi għal persuni b'diżabilità, għal istituzzjonijiet filantropiċi jew dwar xogħol fil-ħabs.

ARTIKOLU 9.4

Prinċipji Ġenerali

Trattament Nazzjonali u Non-Diskriminazzjoni

1. Fir-rigward ta' kull miżura dwar akkwist kopert, kull Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, għandha tagħti minnufih u mingħajr ebda kundizzjoni lill-prodotti u lis-servizzi tal-Parti l-oħra u lill-forniturі tal-Parti l-oħra, trattament mhux inqas favorevoli mit-trattatment li l-Parti, inkluż il-entitajiet tal-akkwist tagħha, tagħti lill-prodotti, lis-servizzi u lill-forniturі domestiċi.

2. Fir-rigward ta' xi miżura dwar l-akkwist kopert, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex:

(a) ma jittrattawx fornitur stabbilit tal-Parti l-oħra b'mod anqas favorevoli minn fornitur ieħor li huwa stabbilit lokalment fuq il-bażi tal-grad ta' affiljazzjoni jew proprjetà stranġiera; jew

(b) (b) ma jiddiskriminawx kontra fornitur stabbilit lokalment fuq il-bażi li l-oġġetti jew is-servizzi offruti minn dak il-fornitur għal akkwist partikolari jkunu oġġetti jew servizzi tal-Parti l-oħra.

L-Użu ta' Mezzi Elettroniċi

3. Meta twettaq akkwist kopert b'mezzi elettroniċi, l-entità tal-akkwist għandha:

(a) (a) tiżgura li l-akkwist isir billi jintużaw prodotti u sistemi ta' teknoloġija tal-informazzjoni u softwer interoperabbli ma' sistemi ta' teknologija tal-informazzjoni u softwer oħrajn li jkunu ġeneralment disponibbli, inklużi dawk relatati mal-awtentikazzjoni u mal-ikriptar tal-informazzjoni; u

(b) iżżomm mekkaniżmi li jiżguraw l-integrità tat-talbiet għall-parteċipazzjoni u offerti, inkluż l-istabbiliment tal-ħin meta jaslu u l-prevenzjoni ta' aċċess mhux xieraq.

It-Twettiq tal-Akkwist

4. Entità tal-akkwist għandha twettaq akkwist kopert b'mod trasparenti u imparzjali li:

(a) huwa konsistenti ma’ dan il-Kapitolu, bl-użu ta’ metodi bħal sejħa għall-offerti miftuħa, sejħa tal-offerti selettiva, u sejħa għall-offerti limitata;

(b) jevita kunflitti ta' interess; u

(c) jevita prattiki korrotti.

Regoli tal-oriġini

5. Għall-finijiet tal-akkwist kopert, l-ebda Parti ma tista' tapplika regoli tal-oriġini għal oġġetti jew servizzi importati minn jew provduti minn Parti oħra, li jkunu differenti mir-regoli tal-oriġini li l-Parti tapplika, fl-istess ħin, waqt il-kummerċ normali għall-importazzjonijiet jew il-provvisti tal-istess oġġetti jew servizzi mill-istess Parti.

Kumpensi

6. Rigward l-akkwist kopert, Parti, inklużi l-entitajiet akkwirenti tagħha, ma għandhomx ifittxu, iqisu, jimponu, jew jinforzaw xi kumpensi.

Il-Miżuri Mhux Speċifiċi għall-Akkwist

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal dazji doganali u tariffi ta' kull xorta imposti fuq l-importazzjoni jew b'konnessjoni magħha; il-metodu dwar kif jiġu imposti dawn id-dazji u tariffi; regolamenti jew formalitajiet oħra dwar l-importazzjoni, u miżuri li jaffettwaw il-kummerċ f'servizzi għajr miżuri li jirregolaw l-akkwist kopert.

ARTIKOLU 9.5

L-Informazzjoni dwar is-Sistema tal-Akkwist

1. Kull Parti għandha :

(a) tippubblika minnufih kull liġi, regolament, deċiżjoni ġuridika, deċiżjoni amministrattiva ta' applikazzjoni ġenerali, klawżola ta' kuntratt standard mitluba mil-liġi jew regolament u inkorporata b'referenza f'avviżi jew dokumentazzjoni tal-offerti u proċedura dwar l-akkwist kopert, u kull modifiki għalihom, b'mezz elettroniku jew kartaċeju magħżul b'mod uffiċjali li huwa użat b'mod estensiv u li jibqa' disponibbli faċilment għall-pubbliku; u

(b) tipprovdi spjegazzjoni dwar dan lill-Parti l-oħra, meta tkun mitluba.

2. Kull Parti għandha telenka fl-Anness 9-H:

(a) il-mezz elettroniku jew kartaċeju li fih il-Parti tippubblika l-informazzjoni deskritta fil-paragrafu 1;

(b) il-mezz elettroniku jew kartaċeju li fih il-Parti tippubblika l-avviżi stabbiliti bl-Artikolu 9.6 (Avviżi), il-paragrafu 8 tal-Artikolu 9.8 (Kwalifika ta’ Fornituri), u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.15 (Trasparenza tal-Informazzjoni tal-Akkwist).

3. Kull Parti għandha tinnotifika minnufih lill-Kumitat għall-Kummerċ fis-Servizzi, Investiment u Akkwisti Governattivi stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati) ta’ xi modifika li ssir fl-informazzjoni tal-Parti elenkata fl-Anness 9-H.

ARTIKOLU 9.6

Avvizi

Avviż ta' Akkwist Ippjanat

1. Għal kull akkwist kopert, entità akkwirenti għandha tippubblika avviż tal-akkwist ippjanat, li jkun direttament aċċessibbli b'mezzi elettroniċi li jkunu mingħajr ħlas minn punt uniku ta' aċċess, ħlief fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 9.12 (Sejħa għall-Offerti Limitata). L-avviż tal-akkwist ippjanat għandu jibqa' faċilment aċċessibbli għall-pubbliku, tal-inqas, sakemm jiskadi t-terminu ta' żmien indikat fl-avviż. Il-mezz elettroniku xieraq għandu jiġi elenkat minn kull parti fl-Anness 9-H.

2. Għajr meta previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, kull avviż tal-akkwist ippjanat għandu jinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra meħtieġa biex l-entità tal-akkwist tkun ikuntattjata u jinkisbu d-dokumenti kollha rilevanti relatati mal-akkwist, u l-kost u t-termini tal-ħlas tagħhom, jekk ikun hemm;

(b) deskrizzjoni tal-akkwist, inkluża l-għamla u l-kwantità tal-prodotti jew is-servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, fejn il-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata;

(c) għal kuntratti rikorrenti, stima, jekk tkun possibbli, tal-perjodu ta' żmien tal-avviżi sussegwenti tal-akkwist ippjanat;

(d) deskrizzjoni ta' kull opzjoni;

(e) il-perjodu ta' żmien għall-konsenja ta' prodotti jew servizzi jew it-tul ta' żmien tal-kuntratt;

(f) il-metodu tal-akkwist li se jkun użat u jekk hux se jinvolvi negozzjar jew irkant elettroniku;

(g) fejn japplika, l-indirizz u kwalunkwe data finali għall-preżentazzjoni tat-talbiet għall-perteċipazzjoni fl-akkwist;

(h) l-indirizz u d-data finali għall-preżentazzjoni tal-offerti;

(i) il-lingwa jew lingwi li fihom jistgħu jiġu ppreżentati l-offerti jew it-talbiet għall-parteċipazzjoni, jekk jistgħu jiġu ppreżentati f'lingwa li mhijiex lingwa uffiċjali tal-Parti tal-entità tal-akkwist;

(j) lista u deskrizzjoni qasira ta' kwalunkwe kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-forniturі, inklużi kwalunkwe rekwiżiti għal dokumenti speċifiċi jew ċertifikazzjonijiet li għandhom jiġu provduti mill-forniturі fir-rigward tagħhom, sakemm tali rekwiżiti ma jkunux inklużi fid-dokumentazzjoni li tkun disponibbli lill-forniturі kollha interessati fl-istess żmien tal-avviż tal-akkwist intiż;

(k) fejn, skont l-Artikolu 9.8 (Kwalifiki tal-Forniturі) entità tal-akkwist jkun beħsiebha tagħżel numru limitat ta' forniturі kkwalifikati biex jiġu mistiedna li jitfgħu offerta, il-kriterji li se jintużaw biex jintgħażlu u, fejn applikabbli, kull limitu fuq in-numru ta' forniturі li se jkunu mħollija jitfgħu l-offerta; u

(l) indikazzjoni li l-akkwist huwa kopert minn dan il-Ftehim.

L-Avviż Sommarju

3. Għal kull każ ta' akkwist ippjanat, l-entità akkwirenti għandha tippubblika avviż tas-sommarju li huwa faċilment aċċessibbli, fl-istess ħin bħall-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat, f'waħda mil-lingwi tad-WTO. L-avviż għandu mill-inqas ikollu l-informazzjoni li ġejja:

(a) is-suġġett tal-akkwist;

(b) id-data finali għall-preżentazzjoni tas-sejħiet tal-offerti jew, fejn japplika, kwalunkwe data finali għall-preżentazzjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist jew għall-inklużjoni f'xi lista b'użu multiplu; u

(c) l-indirizz minn fejn jistgħu jintalbu d-dokumenti relatati mal-akkwist.

Avviż ta' Akkwist Ippjanat

4. L-entitajiet tal-akkwist huma mħeġġa jippubblikaw, b'mezz elettroniku permess tal-punt uniku ta' aċċess użat għall-pubblikazzjoni tal-avviżi tal-akkwist maħsub l-iktar kmieni possibbli f'kull sena fiskali, avviż dwar il-pjanijiet tal-akkwist futuri tagħhom (li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "avviż ta' akkwist ippjanat"). L-avviż jinħtieġ li jinkludi s-suġġett tal-akkwist u d-data ppjanta tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat.

5. L-entità akkwirenti fl-Anness 9-B jew l-Anness 9-C tista' tuża avviż ta' akkwist ippjanat bħala avviż ta' akkwist ippjanat sakemm dan jinkludi fih kemm jista' jkun mill-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 kif inhi disponibbli u dikjarazzjoni li fornituri interessati jinħtieġ li jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist għall-entità akkwirenti.

ARTIKOLU 9.7

Kundizzjonijiet għall-Parteċipazzjoni

1. L-entità akkwirenti għandha tillimita l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'akkwist għal dawk li huma essenzjali biex jiżguraw li fornitur għandu l-kapaċitajiet legali, kummerċjali, tekniċi, u finanzjarji biex jagħmel l-akkwist relevanti.

2. Fl-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, l-entità tal-akkwist:

(a) ma għandhiex timponi l-kundizzjoni li, sabiex fornitur jipparteċipa f'akkwist, il-fornitur ikun preċedentement ġie mogħti kuntratt wieħed jew iktar minn entità akkwirenti ta' Parti jew dak il-fornitur għandu esperjenza preċedenti fit-territorju ta' dik il-Parti; u

(b) entità tista' tesiġi esperjenza preċedenti rilevanti fejn din tkun essenzjali biex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-akkwist;

3. Fil-valutazzjoni ta' jekk fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, l-entità tal-akkwist:

(a) għandha tevalwa l-kapaċità ta' finanzjament, u l-abbiltajiet kummerċjali u tekniċi ta' fornitur fuq il-bażi tal-attivitajiet kummerċjali tal-fornitur kemm ġewwa kif ukoll barra t-territorju tal-Parti tal-entità tal-akkwist; u

(b) għandha tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq il-kundizzjonijiet li l-entità tal-akkwist speċifikat minn qabel fl-avviżi jew fid-dokumentazzjoni tal-offerti.

4. Jekk ikun hemm evidenza għal dan, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista' teskludi fornitur għal raġunijiet bħal:

(a) falliment;

(b) dikjarazzjonijiet foloz;

(c) nuqqasijiet notevoli jew persistenti fit-twettiq ta' kwalunkwe rekwiżit jew obbligu sostantiv f'kuntratt jew kuntratti preċedenti;

(d) sentenzi finali fir-rigward ta' delitti serji jew reati serji oħrajn;

(e) mġiba professjonali jew atti ħażina jew ommissjonijiet li jirriflettu ħażin fuq l-integrità kummerċjali tal-fornitur; jew

(f) taxxi mhux imħallsa.

ARTIKOLU 9.8

Kwalifika tal-Fornituri

Sistemi ta' Reġistrazzjoni u Proċeduri ta' Kwalifika

1. Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista' tmantni sistema ta' reġistrazzjoni tal-fornituri li fiha l-fornituri interessati huma meħtieġa jirreġistraw u jipprovdu ċerta informazzjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li:

(a) l-entitajiet tal-akkwist tagħha jagħmlu sforzi biex jimminimizzaw id-differenzi fil-proċeduri ta' kwalifiki tagħhom; u

(b) fejn l-entitajiet tal-akkwist tagħha jżommu sistemi ta' reġistrazzjoni, l-entitajiet jagħmlu sforzi sabiex inaqqsu d-differenzi fis-sistemi ta' reġistrazzjoni tagħhom.

3. Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tadotta jew tapplika xi sistema ta' reġistrazzjoni jew proċedura ta' kwalifika bil-għan jew bl-effett li toħloq ostakli mhux neċessarji għall-parteċipazzjoni tal-fornituri tal-Parti l-oħra fl-akkwist tagħha.

Proċedura Selettiva ta' Offerti ta' Kuntratt

4. Jekk l-entità tal-akkwist ikun beħsiebha tuża proċedura ta' offerti selettiva, l-entità għandha:

(a) fl-avviż tal-akkwist ippjanat tinkludi mill-inqas l-informazzjoni fis-subparagrafi 2(a), (b), (f), (g), (j), (k), u (l) tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) u tistieden fornituri biex jippreżentaw talba għall-parteċipazzjoni; u

(b) tipprovdi, mill-bidu tal-perjodu taż-żmien għas-sejħa għal offerti, mill-inqas l-informazzjoni fis-subparagrafi 2(c), (d), (e), (h), u (i) tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) għall-fornituri kwalifikati li hija tavża skont is-subparagrafu 3(b) tal-Artikolu 9.10 (Perjodi ta' Żmien).

5. Entità tal-akkwist għandha tippermetti lill-fornituri kkwalifikati kollha biex jieħdu sehem f'akkwist partikolari, sakemm l-entità tal-akkwist ma tiddikjarax fl-avviż ta' akkwist ippjanat xi limitazzjoni fuq l-għadd ta' fornituri li jkunu se jitħallew jixħtu l-offerta u l-kriterji għall-għażla tal-għadd limitat ta' fornituri. F'kull każ, in-numru ta' fornituri awtorizzati li jitfgħu offerta għandu jkun biżżejjed biex jiżguraw kompetizzjoni mingħajr ma taffettwa l-effiċjenza operazzjonali tas-sistema tal-akkwisti.

6. Jekk id-dokumentazzjoni tal-offerti ma titqiegħedx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mid-data ta' pubblikazzjoni tal-avviż imsemmija fil-paragrafu 4, l-entità tal-akkwist għandha tiżgura li dawk id-dokumenti tqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-istess ħin lill-fornituri kkwalifikati kollha magħżula skont il-paragrafu 5.

Listi għal użu ripetut

7. L-entità tal-akkwist tista' żżomm lista ta' fornituri għal użu ripetut, bil-kundizzjoni li avviż li fih ikunu mistiedna l-fornituri interessati sabiex japplikaw għall-inklużjoni fil-lista jkun:

(a) ippubblikat kull sena; u

(b) fejn ikun ippubblikat b’mezzi elettroniċi, ikun disponibbli kontinwament fil-mezz xieraq elenkat fl-Anness 9-H.

8. L-avviż previst fil-paragrafu 7 għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti u tas-servizzi, jew ta' kategoriji tagħhom, li għalihom tista' tintuża l-lista;

(b) il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni li għandhom jiġu sodisfatti mill-fornituri għall-inklużjoni fil-lista u l-metodi li l-entità tal-akkwist tkun se tuża biex tivverifika li fornitur jissodisfa l-kundizzjonijiet;

(c) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra meħtieġa biex l-entità tkun ikuntattjata u jinkisbu d-dokumenti kollha rilevanti relatati mal-lista;

(d) il-perjodu ta’ validità tal-lista u l-mezzi għat-tiġdid jew għat-temma tagħha, jew fejn il-perjodu ta’ validità ma jkunx ipprovut, indikazzjoni tal-metodu li permezz tiegħu se jinħareġ avviż li l-lista mhux se tintuża aktar. u

(e) indikazzjoni li l-lista tista' tintuża għall-akkwist kopert minn dan il-Ftehim.

9. Minkejja l-paragrafu 7, jekk lista b'użi multipli tkun valida għal tliet snin jew inqas, l-entità tal-akkwist tista' tippubblika l-avviż imsemmi fil-paragrafu 7 darba biss, fil-bidu tal-perjodu ta' validità tal-lista, basta l-avviż:

(a) jiddikjara l-perjodu ta' validità u li mhux se jiġu ppubblikati iktar avviżi; u

(b) jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi u jitqiegħed għad-dispożizzjoni kontinwa matul il-perjodu ta' validità tiegħu.

10. L-entità tal-akkwist għandha tippermetti li l-forniturijapplikaw fi kwalunkwe ħin għall-inklużjoni f'lista għal użu multiplu għandha tinkludi fil-lista lill-forniturikkwalifikati kollha fi żmien perjodu raġonevolment qasir.

11. Jekk fornitur li mhuwiex inkluż f'lista b'użi multipli jippreżenta talba għall-parteċipazzjoni f'akkwist fuq il-bażi ta' lista b'użi multipli u d-dokumenti kollha meħtieġa relatati, fil-perjodu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.10 (Perjodi ta' Żmien), it-talba għandha tiġi eżaminata minn entità tal-akkwist. L-entità tal-akkwist ma għandhiex teskludi lill-fornitur minn kunsiderazzjoni fir-rigward tal-akkwist minħabba r-raġuni li l-entità ma għandhiex biżżejjed żmien biex teżamina t-talba, sakemm, f'każijiet eċċezzjonali, minħabba l-kumplessità tal-akkwist, l-entità ma tkunx tista' tlesti l-eżami tat-talba fil-perjodu ta' żmien permess għall-preżentazzjoni tal-offerti.

Anness 9-C entitajiet

12. Entità akkwirenti elenkata fl-Anness 9-C tista' tuża avviż li bih tistieden il-forniturijiex japplikaw għall-inklużjoni fil-lista multiużu bħala avviż ta' akkwist ippjanat, sakemm:

(a) l-avviż jiġi ppubblikat skont il-paragrafu 7 u jkun jinkludi l-informazzjoni fil-paragrafu 8, l-informazzjoni kollha fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) li hemm disponibbli u dikjarazzjoni li hija tikkostitwixxi avviż ta' akkwist ippjanat jew li huma biss il-forniturifil-lista għal użu ripetut li jirċievu avviżi oħrajn ta' akkwist koperti mil-lista għal użu multiplu; u

(b) l-entità fil-pront tipprovdi lill-fornituri li esprimew interess fil-konfront ta' entità f'akkwist partikolari, biżżejjed informazzjoni biex tippermettilhom jevalwaw l-interess tagħhom fl-akkwist, inkluż l-informazzjoni kollha li tibqa' kif mitlub fil-paragrafu 2 tal-Artiklu 9.6 (Avviżi) sa fejn din l-informazzjoni tkun disponibbli.

13. L-entità akkwirenti koperta fl-Anness 9-C tista' tħalli lill-fornitur li applika għall-inklużjoni f'lista b'użu multiplu skont il-paragrafu 10 sabiex jagħmel offerta f'akkwist partikolari, meta jkun hemm biżżejjed żmien sabiex l-entità akkwirenti teżamina jekk il-fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

Informazzjoni dwar id-Deċiżjonijiet tal-Entità tal-Akkwist

14. Entità kontraenti għandha tgħarraf minnufih lil kwalunkwe fornitur li jippreżentaw talba għal parteċipazzjoni jew applikazzjoni għal inklużjoni f'lista ta' użu multiplu bid-deċiżjoni tal-entità kontraenti rigward it-talba.

15. Jekk entità tal-akkwist tirrifjuta talba ta' fornitur għall-parteċipazzjoni f'applikazzjoni għall-inklużjoni f'lista b'użi multipli, ma tibqax tirrikonoxxi fornitur bħala kkwalifikat, jew tneħħi fornitur minn lista b'użi multipli, l-entità għandha tgħarraf minnufih lill-fornitur u, wara talba tal-fornitur, tipprovdi minnufih lill-fornitur bi spjegazzjoni bil-miktub dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

ARTIKOLU 9.9

L-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u d-Dokumentazzjoni tal-Offerta

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi

1. L-entità akkwirenti ma għandhiex tipprepara, tadotta jew tapplika xi speċifikazzjoni teknika jew tippreskrivi xi proċedura ta' evalwazzjoni ta' konformità bil-għan jew bl-effett li toħloq ostakli mhux neċessarji għall-kummerċ internazzjonali.

2. Fil-preskrizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-prodotti jew servizzi li jkunu se jinxtraw, entità tal-akkwist għandha, fejn xieraq:

(a) tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rekwiżiti tal-prestazzjoni u funzjonali, iktar minn karatteristiċi tad-disinn jew deskrittivi; u

(b) tibbaża l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fuq standards internazzjonali, fejn jeżistu tali standards; inkella fuq regolamenti tekniċi nazzjonali, fuq standards nazzjonali rikonoxxuti jew fuq kodiċijiet ta' bini.

3. Meta fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jintużaw karatteristiċi deskrittivi jew tad-disinn, l-entità akkwirenti jinħtieġ li tindika, fejn xieraq, li se tikkunsidra offerti ta' prodotti jew servizzi ekwivalenti li jissodisfaw biċ-ċar ir-rekwiżiti tal-akkwist billi tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

4. Entità tal-akkwist ma għandhiex tippreskrivi speċifikazzjonijiet tekniċi li jeħtieġu jew jirreferu għal trademark jew isem kummerċjali, privattiva, dritt tal-awtur, disinn, tip, oriġini speċifika, produttur jew fornitur partikolari, sakemm ma jkun hemm l-ebda mod ieħor preċiż jew intelliġibbli biżżejjed biex jiġu deskritti r-rekwiżiti tal-akkwist u bil-kundizzjoni li, f'tali każijiet, l-entità tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

5. Entità kontraenti ma għandhiex tfittex jew taċċetta, b'mod li jkollu l-effett li jipprekludi l-kompetizzjoni, parir li jista' jintuża fil-preparazzjoni jew l-adozzjoni ta' kwalunkwe speċifikazzjoni teknika għal akkwist speċifiku, minn persuna li jista' jkollha interess kummerċjali fl-akkwist.

6. Għal ċertezza ikbar, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista', b'konformità ma' dan l-Artikolu, tħejji, tadotta jew tapplika speċifikazzjonijiet tekniċi biex tippromovi l-konservazzjoni ta' riżorsi naturali jew tipproteġi l-ambjent.

7. Meta l-entitajiet tax-xiri jistipulaw karatteristiċi ambjentali f'termini ta' prestazzjoni jew ta' rekwiżiti funzjonali, kif imsemmi fil-paragrafu 2(a), huma jistgħu jikkunsidraw l-użu ta' speċifikazzjoni dettaljata jew, jekk meħtieġ, partijiet minnhom, kif definit minn eko-tikketti eżistenti fl-Unjoni u tikketti ekoloġiċi jeżistu f'Singapore sakemm:

(a) dawk l-ispeċifikazzjonijiet huma xierqa biex jiddefinixxu l-karatteristiċi tal-fornimenti jew servizzi li huma l-għan tal-kuntratt,

(b) ir-rekwiżiti tat-tikketta jitfasslu fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika; u

(c) dawk l-ispeċifikazzjonijiet huma aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

Dokumentazzjoni tal-Offerta

8. Entità kontraenti għandha tagħti lill-fornituri, dokumentazzjoni tal-offerta li tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tippermetti lill-fornituri li jippreparaw u jippreżentaw offerti risponsivi. Sakemm ma tkunx diġà ngħatat fl-avviż tal-akkwist ippjanat, tali dokumentazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni sħiħa ta':

(a) l-akkwist, inklużi n-natura u l-kwantità tal-prodotti jew servizzi li għandhom jinxtraw jew, meta l-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata u kull rekwiżit li għandu jiġi ssodisfat, inkluża kull speċifikazzjoni teknika, ċertifikazzjoni ta' valutazzjoni tal-konformità, pjan, tpinġija jew materjali ta' struzzjoni;

(b) kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni ta' fornituri, inkluża lista ta' informazzjoni u dokumenti li l-fornituri huma meħtieġa jippreżentaw b'rabta mal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

(c) il-kriterji ta' evalwazzjoni kollha li l-entità se tapplika fl-għoti tal-kuntratt, u, barra fejn il-prezz huwa l-uniku kriterju, l-importanza relattiva ta' tali kriterji;

(d) meta l-entità tal-akkwist tkun se twettaq l-akkwist b'mezzi elettroniċi, kull rekwiżit ta' awtentikazzjoni u kriptaġġ jew rekwiżiti oħra relatati mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi;

(e) fejn l-entità tal-akkwist se torganizza rkant elettroniku, ir-regoli, inkluża l-identifikazzjoni tal-elementi tas-sejħa tal-offerti relatati mal-kriterji ta' evalwazzjoni, li fuqhom se jsir l-irkant;

(f) fejn se jkun hemm ftuħ pubbliku tal-offerti, id-data, il-ħin u l-post tal-ftuħ u, fejn hu xieraq, il-persuni awtorizzati li jkunu preżenti;

(g) kull terminu jew kundizzjoni oħra, inklużi termini ta' ħlas u kull limitazzjoni fuq il-mezzi li bihom jistgħu jsiru l-offerti, bħal jekk hux mezz kartaċeju jew elettroniku; u

(h) kwalunkwe dati għall-konsenja ta' prodotti jew il-forniment tas-servizzi.

9. Meta tistabbilixxi d-data għall-konsenja ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi li jkunu qed jiġu akkwistati, l-entità tal-akkwist għandha tqis fatturi bħall-kumplessità tal-akkwist, kemm se jsir subkuntrattar antiċipat u ż-żmien realistiku meħtieġ għall-produzzjoni, it-tneħħija mill-ħżin, u t-trasport tal-prodotti mill-punt tal-forniment jew għall-forniment tas-servizzi.

10. L-entitajiet tal-akkwisti jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ambjentali relatati mat-twettiq ta' akkwist, sakemm dawn ikunu kompatibbli mar-regoli stabbiliti minn dan il-kapitolu u huma indikati fl-avviż tal-akkwist maħsub jew f'avviż ieħor użat bħala avviż tal-akkwist maħsub[1] jew fid-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti.

[1] Għall-finijiet tal-paragrafi 10, 11 u 13 ta' dan l-Artikolu u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.11 (Negozjati), "avviż ieħor użat bħala avviż ta' akkwist maħsub" tfisser avviż tal-akkwist maħsub li jaqa' fl-ambitu tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) u avviż li jistieden lill-fornituri biex japplikaw ħalli jiġu inklużi f'lista b'użu multiplu li jaqgħu taħt il-paragrafu 12 tal-Artikolu 9.8 (Kwalifiki tal-Fornituri).

11. Il-kriterji ta’ evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż ta' akkwist ippjanat jew f’avviż ieħor użat bħala avviż ta’ akkwist ippjanat jew fid-dokumentazzjoni tal-offerta jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, prezz u fatturi oħra ta’ spejjeż, kwalità, mertu tekniku, karatteristiċi ambjentali, u termini ta’ kunsinna.

12. Entità tal-akkwist għandha minnufih:

(a) tqiegħed għad-dispożizzjoni d-dokumentazzjoni tal-offerta biex tara li l-forniturі interessati jkollhom biżżejjed żmien biex jippreżentaw offerti ta' rispons;

(b) tipprovdi, meta mitluba, il-fajl tal-offerta lil kull fornitur interessat; u

(c) twieġeb għal kwalunkwe talba raġonevoli għal informazzjoni relevanti minn kwalunkwe fornitur interessat jew li jkun qed jieħu sehem, bil-kundizzjoni li din l-informazzjoni ma tagħtix lil dak il-fornitur vantaġġ fuq il-forniturі l-oħrajn.

Il-Modifiki

13. Jekk, qabel l-għoti ta' kuntratt, entità tal-akkwist timmodifika l-kriterji jew ir-rekwiżiti stipulati f’avviż ta’ akkwist ippjanat jew f’avviż ieħor użat bħala avviż tal-akkwist ippjanat jew fil-fajl tal-offerta pprovduta lill-forniturі li jkunu qed jieħdu sehem, jew temenda jew terġa' toħroġ avviż jew fajl tal-offerta, hija għandha tittrażmetti bil-miktub dawn il-modifiki kollha jew l-avviż jew il-fajl tal-offerta emendati jew maħruġin mill-ġdid:

(a) lill-fornituri kollha li qegħdin jieħdu sehem fi żmien il-modifika, l-emenda jew il-ħruġ mill-ġdid, fejn tali fornituri jkunu magħrufa lill-entità, u fil-każijiet l-oħrajn kollha, bl-istess mod li bih tqiegħdet għad-dispożizzjoni l-informazzjoni oriġinali; u

(b) fi żmien adegwat biex tali fornituri jkunu jistgħu jimmodifikaw u jerġgħu jippreżentaw l-offerti emendati, kif xieraq.

ARTIKOLU 9.10

Perjodi ta' żmien

Elementi ġenerali

1. B'mod konsistenti mal-ħtiġijiet raġonevoli tagħha stess, entità tal-akkwist għandha tipprovdi biżżejjed żmien sabiex il-fornituri jħejju u jerġgħu jippreżentaw talbiet għall-parteċipazzjoni u offerti ta' rispons, filwaqt li tikkunsidra fatturi bħal:

(a) it-tip u l-kumplessità tal-akkwist;

(b) kemm huwa antiċipat li jsir sottokuntrattar; u

(c) iż-żmien meħtieġ għat-trażmissjoni tal-offerti b'mezzi mhux elettroniċi minn sorsi barranin kif ukoll domestiċi fejn ma jintużawx mezzi elettroniċi.

Perjodi ta’ żmien bħal dawn, inkluża kwalunkwe estensjoni tal-perjodi ta’ żmien, għandhom ikunu l-istess għall-forniturі kollha interessati jew li jkunu qegħdin jipparteċipaw.

Id-dati ta' skadenza

2. Entità tal-akkwist li tuża sejħa għall-offerti selettiva għandha tistabbilixxi li d-data finali għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni ma għandhiex, fil-prinċipju, tkun inqas minn ħamsa u għoxrin jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat. F'każ li stat ta' urġenza ssostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist jrendi dan il-perjodu ta' żmien imprattikabbli, il-perjodu ta' żmien jista' jitnaqqas b'mhux inqas minn għaxart ijiem.

3. Għajr kif previst fil-paragrafi 4, 5, 7 u 8, entità tal-akkwist għandha tistabbilixxi li d-data finali għall-preżentazzjoni tal-offerti ma għandhiex tkun inqas minn erbgħin jum mid-data li fiha:

(a) f'każ ta' proċedura għall-offerti miftuħa, l-avviż tal-akkwist ippjanat jiġi ppubblikat; jew

(b) fil-każ ta' proċedura ta' offerti selettiva, l-entità tinnotifika lill-forniturі li se jkunu mistiedna jippreżentaw offerti, kemm jekk tuża lista għal użu multiplu kif ukoll jekk le.

4. Entità kontraenti tista' tnaqqas it-terminu ta' żmien għas-sejħa tal-offerti stabbilit fil-paragrafu 3 għal mhux inqas minn għaxart ijiem fejn:

(a) l-entità tal-akkwist ippubblikat avviż tal-akkwist ippjanat skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) mill-inqas erbgħin jum u mhux iktar minn tnax-il xahar minn qabel il-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat, u l-avviż tal-akkwist ippjanat jkun fih:

(i) deskrizzjoni tal-akkwist;

(ii) id-dati finali approssimattivi għall-preżentazzjoni ta' offerti jew talbiet għall-parteċipazzjoni;

(iii) dikjarazzjoni li l-forniturі interessati jinħtieġ li jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist lill-entità tal-akkwist;

(iv) l-indirizz minn fejn id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-akkwist jistgħu jinkisbu; u

(v) Kemm jista’ jkun informazzjoni li tkun meħtieġa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) għall-avviż tal-akkwist intiż, kemm ikun hemm disponibbli;

(b) l-entità tal-akkwist, għal-akkwisti ta' natura rikorrenti, jindika f'avviż inizjali tal-akkwist intiż li l-avviżi sussegwenti se jipprovdu termini ta' żmien għas-sejħiet għall-offerti bażati fuq dan il-paragrafu; jew

(c) stat ta' urġenza ssostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist irendi impraktikabbli l-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti stabbilit skont il-paragrafu 3.

5. Entità kontraenti tista' tnaqqas it-terminu ta' żmien għas-sejħa tal-offerti stabbilit fil-paragrafu 3 għal mhux inqas minn ħamest ijiem għal kull waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-avviż ta' akkwist ippjanat jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi;

(b) id-dokumentazzjoni kollha tas-sejħa tal-offerti tkun disponibbli b'mezzi elettroniċi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat; u

(c) l-offerti jistgħu jaslu permezz ta' mezzi elettroniċi mill-entità akkwirenti.

6. L-użu tal-paragrafu 5, konġuntament mal-paragrafu 4, ma għandu fl-ebda każ jirriżulta fit-tnaqqis tat-termini ta' żmien għas-sejħa tal-offerti stabbilita fil-paragrafu 3 ta' mhux inqas minn għaxart ijiem mid-data li fiha l-avviż tal-akkwist intiż jiġi pubblikat.

7. Minkejja kull dispożizzjoni oħra f'dan l-Artikolu, meta entità tal-akkwist takkwista prodotti jew servizzi kummerċjali, jew xi kombinazzjoni tagħhom, din tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti stabbilit fil-paragrafu 3 għal mhux inqas minn tlettax-il jum, bil-kundizzjoni li tippubblika b'mezzi elettroniċi, fl-istess ħin, kemm l-avviż ta' akkwist ippjanat kif ukoll id-dokumentazzjoni tal-offerta. Barra minn hekk, fejn l-entità taċċetta offerti għal prodotti jew servizzi kummerċjali b'mezzi elettroniċi, hija tista' tnaqqas it-terminu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 3 għal mhux inqas minn għaxart ijiem.

8. Jekk entità tal-akkwist koperta blAnness 9-B jew Anness 9-C tkun għażlet il-forniturikkwalifikati kollha jew għadd limitat minnhom, il-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti jista' jiġi stabbilit minn ftehim reċiproku bejn l-entità tal-akkwist u l-forniturimagħżulin. F'nuqqas ta' qbil, il-perjodu ma għandux ikun inqas minn għaxart ijiem.

ARTIKOLU 9.11

Negozjati

1. Parti tista' tipprovdi li l-entitajiet tal-akkwist tagħha jwettqu negozjati:

(a) fejn l-entità indikat l-intenzjoni tagħha li tmexxi negozjati fl-avviż tal-akkwist ippjanat meħtieġa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.6(Avviżi); jew

(b) meta mill-evalwazzjoni jidher li ma hemmx offerta li hija l-iktar vantaġġuża biċ-ċar f'termini tal-kriterji speċifiċi ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż tal-akkwist maħsub jew f'avviż ieħor użat bħala avviż ta' akkwist maħsub jew dokumentazzjoni ta' sejħa għall-offerti.

2. Entità tal-akkwist għandha:

(a) tiżgura li kull eliminazzjoni ta' fornituri li jieħdu sehem fin-negozjati ssir skont il-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż tal-akkwist maħsub jew f'avviż ieħor użat bħala avviż ta' akkwist maħsub jew dokumentazzjoni ta' sejħa għall-offerti; u

(b) meta jiġu konklużi n-negozjati, tipprovdi data ta' skadenza komuni għall-bqija tal-fornituri li jkun fadal biex jippreżentaw xi offerti ġodda jew riveduti.

ARTIKOLU 9.12

Sejħa għall-Offerti Limitata

1. Sakemm ma jużax din id-dispożizzjoni bil-għan li tiġi evitata kompetizzjoni fost il-forniturijew b'mod li jkun hemm diskriminazzjoni kontra forniturituri tal-Parti l-oħra, jew jiġu protetti l-forniturituri domestiċi, l-entità akkwirenti tista' tuża s-sejħa għall-offerti limitata u tagħżel li ma tapplikax l-Artikolu 9.6 (Avviżi), Artikolu 9.7 (Kundizzjonijiet għall-Parteċipazzjoni), Artikolu 9.8 (Kwalifika ta' Forniturituri), paragrafi minn 8 sa 13 Artikolu 9.9 (Speċifikazzjonijiet Tekniċi u fid-Dokumentazzjoni tal-Offerta), Artikolu 9.10 (il-Perjodi ta' Żmien), Artikolu 9.11 (Negozjati), Artikolu 9.13 (Irkanti Elettroniċi), u Artikolu 9.14 (Trattament tal-Offerti u l-Għotja tal-Kuntratti) biss f'xi waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) fejn:

(i) l-ebda offerta ma tkun ġiet ippreżentata, jew l-ebda fornitur ma jkun talab parteċipazzjoni;

(ii) ma ġew ippreżentati ebda offerti li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali tad-dokumentazzjoni tal-offerta;

(iii) l-ebda fornitur ma ssodisfa l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni; jew

(iv) l-offerti ppreżentati kienu kollużivi,

sakemm ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni tal-offerti ma ġewx sostanzjalment modifikati;

(b) fejn il-prodotti jew servizzi jistgħu jiġu pprovduti biss minn fornitur partikolari u ma jkunu jeżistu l-ebda prodotti jew servizzi alternattivi jew sostituti raġonevoli għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(i) ir-rekwiżit huwa għal opra tal-arti;

(ii) il-protezzjoni ta' privattivi, drittijiet tal-awtur jew drittijiet esklussivi oħrajn; jew

(iii) minħabba nuqqas ta' kompetizzjoni għal raġunijiet tekniċi;

(c) għal konsenji addizzjonali mill-fornitur oriġinali tal-oġġetti u s-servizzi li ma jkunux ġew inklużi fl-akkwist oriġinali fejn il-bdil ta’ fornitur għal oġġetti jew servizzi addizzjonali bħal dawn:

(i) (i) ma tistax issir għal raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi bħalama huma r-rekwiżiti ta' interkambjalità jew interoperabbiltà mat-tagħmir eżistenti, softwer, servizzi jew installazzjonijiet akkwistati taħt l-akkwist inizjali; u

(ii) tkun tikkaġuna inkonvenjenza notevoli jew spejjeż sostanzjali doppji għall-entità tal-akkwist;

(d) sa fejn huwa strettament neċessarju fejn, għall-raġunijiet ta' urġenza estrema kkawżata minn avvenimenti mhux prevedibbli mill-entità, il-prodotti jew is-servizzi ma setgħux jinkisbu fil-ħin permezz ta' sejħa għall-offerti miftuħa jew selettivi ta' sejħa għall-offerti;

(e) għal prodotti mixtrija f'suq tal-prodotti bażiċi;

(f) fejn entità kontraenti takkwista prototip jew oġġetti jew servizz tal-bidu li jiġi żviluppat b'talba tagħha matul, u għal, kuntratt partikolari għal riċerka, esperiment, studju, jew żvilupp oriġinali. L-iżvilupp oriġinali tal-ewwel prodott jew servizz jista' jinkludi produzzjoni jew provvista limitata sabiex jiġu inkorporati r-riżultati tal-ittestjar fil-prattika u sabiex jintwera li l-prodott jew is-servizz huwa xieraq għall-produzzjoni jew il-provvista fi kwantità bi standards ta' kwalità aċċettabbli, iżda ma jinkludix il-produzzjoni jew il-provvista tal-kwantità biex tiġi stabbilita vijabbiltà kummerċjali jew sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp;

(g) għal xirjiet li saru b'kundizzjonijiet eċċezzjonalment vantaġġużi li jinkisbu biss fuq medda ta' żmien ferm qasira fil-każ ta' tneħħijiet mhux tas-soltu bħal dawk li ġejjin minn likwidazzjoni, riċevitura jew falliment, iżda mhux għal xirjiet ta' rutina minn forniturі regolari; u

(h) meta kuntratt jingħata lil rebbieħ ta' kompetizzjoni ta' disinni bil-kundizzjoni li:

(i) il-konkors ġie organizzat b'mod li huwa konsistenti mal-prinċipji ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari rigward il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' akkwist ippjanat; u

(ii) il-parteċipanti jiġu ġġudikati minn ġurija indipendenti bil-għan li l-kuntratt għad-disinn jingħata li rebbieħ.

2. L-entità tal-akkwist għandha tħejji rapport bil-miktub fuq kull kuntratt mogħti skont il-paragrafu 1. Ir-rapport għandu jinkludi isem l-entità tal-akkwist, il-valur u t-tip ta' prodotti jew servizzi mixtrija u dikjarazzjoni li tindika ċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1 li ġġustifikaw l-użu tal-proċedura ta' offerti limitata.

ARTIKOLU 9.13

Irkantijiet elettroniċi

Jekk entità akkwirenti jkollha l-intenzjoni li tagħmel akkwist kopert billi tuża irkant elettroniku, l-entità għandha tipprovdi lil kull parteċipant, qabel ma tibda l-irkant elettroniku:

(a) b'metodu ta' evalwazzjoni awtomatika, inkluża l-formula matematika, li tkun bażata fuq il-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fid-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti u li tkun użata fil-klassifikazzjoni awtomatika jew fir-riklassifikazzjoni matul l-irkant;

(b) bir-riżultati ta’ kwalunkwe valutazzjoni tal-bidu tal-elementi tal-offerta tagħha fejn il-kuntratt għandu jingħata fuq il-bażi tal-offerta l-iżjed vantaġġuża; u

(c) kull informazzjoni relevanti oħra relatata mat-twettiq tal-irkant.

ARTIKOLU 9.14

Trattament tal-Offerti u Għoti ta’ Kuntratti

It-trattament tal-offerti

1. L-entità akkwirenti għandha tirċievi, tiftaħ u tittratta l-offerti kollha skont il-proċeduri li jiggarantixxu l-ekwità u l-imparzjalità tal-proċess tal-akkwist, u l-kunfidenzjalità tal-offerti.

2. Entità akkwirenti ma għandhiex tippenalizza lil xi fornitur li l-offerta tiegħu tkun ġiet riċevuta wara wara ż-żmien speċifikat biex tirċievi l-offerti jekk id-demien huwa dovut biss għall-ġestjoni ħażina min-naħa tal-entità akkwirenti.

3. Meta entità akkwirenti tagħti lil fornitur l-opportunità li jikkoreġi żbalji tal-forma mhux intenzjonati bejn il-ftuħ tal-offerti u l-għoti tal-kuntratt, l-entità akkwirenti għandha tagħti l-istess opportunità lill-forniturі parteċipanti kollha.

Għoti ta' Kuntratti

4. Biex tiġi kkunsidrata għall-għoti, offerta għandha tkun bil-miktub, u għandha fiż-żmien tal-ftuħ, tikkonforma mal-ħtiġijiet essenzali stabbiliti fl-avviżi u fid-dokumentazzjoni tal-offerta u jkun mingħand fornitur li jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

5. Sakemm entità tal-akkwist ma tiddeterminax li mhuwiex fl-interess pubbliku li jingħata kuntratt, l-entità għandha tagħti l-kuntratt lill-fornitur li l-entità għażlet bħala dak li kapaċi jissodisfa t-termini tal-kuntratt u li, fuq il-bażi biss tal-kriterji ta' evalwazzjoni speċifikati fl-avviżi u d-dokument tal-offerta, ippreżenta:

(a) l-iktar offerta vantaġġuża; jew

(b) meta l-prezz ikun l-uniku kriterju, l-inqas prezz.

6. Jekk l-entità akkwirenti tirċievi offerta bi prezz li b'mod anormali huwa iktar baxx mill-prezzijiet f'offerti oħra li jkun ġew ippreżentati, din tista' tivverifika mal-fornitur li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u hija kapaċi tissodisfa t-termini tal-kuntratt u / jew jekk il-prezz jikkunsidrax l-għoti ta' sussidji.

7. Jekk entità akkwirenti tistabbilixxi li offerta hija baxxa b'mod anormali għax il-fornitur ikun kiseb sussidji, l-offerta tista' tiġi miċħuda għal dik ir-raġuni waħedha iżda biss wara konsultazzjonijiet mal-fornitur fejn dan tal-aħħar, fil-limitu ta' żmien suffiċjenti stabbilit mill-entità akkwirenti, ma jkunx jista' jipprova li s-sussidju inkwistjoni ngħata b'konformità mad-dixxiplini marbuta mas-sussidji kif stabbilit b'dan il-Ftehim.

8. L-entità akkwirenti ma għandhiex tuża opzjonijiet, tannulla akkwisti, jew timmodifika kuntratti mogħtija b'mod li jiżgiċċaw mill-obbligi skont dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 9.15

It-Trasparenza tal-Informazzjoni dwar l-Akkwisti

Informazzjoni Pprovduta lill-Forniturі

1. L-entità akkwirenti għandha tinforma fil-pront lill-forniturі parteċipanti dwar id-deċiżjonijiet tal-għoti tal-kuntratt tal-entità u, meta ssirilha talba minn xi fornitur, tagħmel hekk bil-miktub. Soġġett għall-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 9.16 (Żvelar tal-Informazzjoni), entità kontraenti għandha, b'talba, tipprovdi lil fornitur li ma jkunx intgħażel bi spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-entità ma tkunx għażlet l-offerta tiegħu u l-vantaġġi relattivi tal-offerta tal-fornitur rebbieħ.

2. Mhux aktar tard minn tnejn u sebgħin jum wara l-għoti ta' kull kuntratt kopert b'dan il-Kapitolu, l-entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż fil-mezz kartaċeju jew elettroniku xieraq elenkat fl-Anness 9-H. Meta l-entità tippubblika l-avviż esklussivament fuq mezz elettroniku, l-informazzjoni għandha tibqa' faċilment aċċessibbli għal perjodu ta' żmien raġonevoli. L-avviż għandu jinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi akkwiżiti;

(b) l-isem u l-indirizz tal-entità akkwirenti;

(c) l-isem u l-indirizz tal-fornitur rebbieħ;

(d) il-valur tal-offerta li ntagħżlet jew l-ogħla u l-anqas offerti li ġew ikkunsidrati fl-għoti tal-kuntratt;

(e) id-data tal-għotja; u

(f) it-tip ta’ metodu tal-akkwist li ntuża, f’każijiet fejn intużat sejħa għall-offerti limitata skont l-Artikolu 9.12 (Sejħa għall-Offerti Limitata), deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-użu ta’ sejħa għall-offerti limitata.

Manutenzjoni ta’ dokumentazzjoni, Rapporti, kif ukoll Traċċabbiltà Elettronika

3. Għal perjodu mhux inqas minn tliet snin mid-data li fiha tagħti kuntratt, kull entità tal-akkwist għandha żżomm:

(a) id-dokumentazzjoni u r-rapporti tal-proċeduri tas-sejħa għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti marbuta ma' akkwist kopert, inklużi r-rapporti meħtieġa skont l-Artikolu 9.12 (Sejħa għall-Offerti Limitata); u

(b) id-dejta li tiżgura t-traċċabilità xierqa tat-twettiq tal-akkwist kopert b'mezzi elettroniċi.

Ġbir u Rapport tal-Istatistika

4. Kull Parti taqbel li tagħti lill-Parti l-oħra d-dejta statistika komparabbli u disponibbli rilevanti għall-akkwist kopert minn dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 9.16

Żvelar ta’ Informazzjoni

Forniment ta' Informazzjoni lill-Partijiet

1. Wara talba ta’ Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi minnufih kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex tiddetermina jekk akkwist twettaqx b'mod ġust, imparzjali u skont dan il-Kapitolu, inkluż informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula. F’każijiet fejn ir-rilaxx tal-informazzjoni jista’ jippreġudika l-kompetizzjoni f’offerti futuri, il-Parti li tirċievi l-informazzjoni ma għandhiex tiżvelaha lill-ebda fornitur, jekk mhux wara konsultazzjoni mal-Parti li tkun ipprovdiet l-informazzjoni u bi qbil magħha.

Nondivulgazzjoni tal-Informazzjoni

2. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kapitolu, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tipprovdi informazzjoni lil xi fornitur partikolari li tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat li jobbliga Parti, inklużi l-entitajiet akkwirenti tagħha, l-awtoritajiet u l-korpi ta' rieżami, milli jiżvelaw informazzjoni kunfidenzjali fejn l-iżvelar ikun;

(a) tkun ixxekkel l-infurzar tal-liġi;

(b) tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі;

(c) tkun tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' persuni partikolari, inkluża l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jew

(d) tkun b'xi mod ieħor tmur kontra l-interess pubbliku.

ARTIKOLU 9.17

Proċeduri Domestiċi ta' Reviżjoni

1. Kull Parti għandha tipprovdi proċedura amministrattiva jew ta' stħarriġ ġudizzjarju f'waqtha, effettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja li permezz tagħha l-fornitur jista' jikkontesta:

(a) ksur ta' dan il-Kapitolu; jew

(b) fejn il-fornitur ma jkollux id-dritt li jikkontesta direttament ksur ta' dan il-Kapitolu skont il-liġi nazzjonali ta' Parti, nuqqas ta' konformità mal-miżuri tal-Parti li jimplimentaw dan il-Kapitolu,

li jiġru fil-kuntest ta' akkwist kopert, li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess. F'kull każ, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-korp ta' rieżami, fuq kontestazzjoni minn fornitur, tista' teżamina deċiżjonijiet meħuda mill-entitajiet akkwirenti rispettivi tagħhom dwar jekk prodott partikolari jaqax fl-ambitu tal-akkwist li jkun kopert minn dan il-Kapitolu.

Ir-regoli proċedurali għall-kontestazzjonijiet kollha għandhom ikunu bil-miktub u jkunu ġeneralment disponibbli permezz ta’ mezzi elettroniċi u / jew fuq karta.

2. Fil-każ ta' lment minn fornitur, li jirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess, li hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Parti tal-entità tal-akkwist li twettaq l-akkwist għandha tħeġġeġ lill-entità u lill-fornitur biex isibu soluzzjoni għall-ilment permezz ta' konsultazzjonijiet. L-entità għandha tqis b'mod imparzjali u tempestiv kwalunkwe tali lment b'manjiera li ma tippreġudikax il-parteċipazzjoni tal-fornitur fl-akkwist attwali jew futur jew id-dritt tiegħu li jfittex miżuri korrettivi skont il-proċedura ta' rieżami amministrattiva jew ġudizzjarja.

3. Kull fornitur għandu jingħata perjodu biżżejjed ta’ żmien sabiex jipprepara u jikkuntesta, li fl-ebda każ ma għandu jkun ta’ inqas minn għaxart ijiem miż-żmien meta l-fornitur ikun sar jaf jew raġonevolment kellu jsir jaf bil-bażi tal-kontestazzjoni.

4. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew taħtar mill-inqas awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja imparzjali waħda li tkun indipendenti mill-entitajiet akkwirenti tagħha sabiex tirċievi u tirrevedi kontestazzjoni minn fornitur li tirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert.

5. Jekk korp li mhuwiex awtorità msemmija fil-paragrafu 4, inizjalment janalizza oġġezzjoni, il-Parti għandha tiżgura li l-fornitur ikun jista' jappella d-deċiżjoni inizjali quddiem awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja imparzjali li hija indipendenti mill-entità tal-akkwist li l-akkwist tagħha huwa s-suġġett tal-oġġezzjoni.

6. Kull Parti għandha tiżgura li korp ta' rieżami li mhuwiex qorti jkollu d-deċiżjoni tiegħu soġġetta għal rieżami ġudizzjarju jew ikollu proċeduri li jipprevedu li:

(a) l-entità tal-akkwist għandha twieġeb bil-miktub għall-oġġezzjoni u tiddivulga d-dokumenti kollha relevanti lill-korp ta' rieżami;

(b) il-parteċipanti għall-proċedimenti (minn hawn 'il quddiem imsejħin "parteċipanti") għandu jkollhom id-dritt li jinstemgħu qabel tittieħed deċiżjoni mill-korp ta' rieżami dwar l-oġġezzjoni;

(c) il-parteċipanti għandu jkollhom id-dritt li jkunu rrappreżentati u akkumpanjati;

(d) il-parteċipanti għandu jkollhom aċċess għall-proċedimenti kollha;

(e) il-parteċipanti għandu jkollhom id-dritt li jitolbu li l-proċedimenti jsiru fil-pubbliku u li x-xhieda jkunu preżenti; u

(f) il-korp ta' rieżami għandu jieħu d-deċiżjonijiet jew jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu b'mod tempestiv, bil-miktub u jinkludi spjegazzjoni tal-bażi għal kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.

7. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm fis-seħħ proċeduri li jipprevedu:

(a) miżuri *interim* rapidi biex tinżamm l-opportunità tal-fornitur biex jieħu sehem fl-akkwist; Miżuri *interim* bħal dawn jistgħu jirriżultaw f'sospensjoni tal-proċess ta' akkwist. Il-proċeduri jistgħu jipprevedu li meta jkunu se jiġu applikati tali miżuri jistgħu jitqiesu l-konsegwenzi negattivi prevalenti għall-interessi kkonċernati, inkluż l-interess pubbliku. Kawża ġusta għal nuqqas ta' azzjoni għandha tiġi pprovduta bil-miktub. u

(b) meta korp tal-istħarriġ ikun ddetermina li kien hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-korp tal-istħarriġ jista' jimponi azzjoni korrettiva jew jagħti kumpens għat-telf jew id-danni mġarrba, li jistgħu jkunu limitati jew għall-ispejjeż għat-tħejjija tal-offerta jew għall-ispejjeż għall-kontestazzjoni, jew għat-tnejn li huma. Meta kuntratt ikun diġà ingħata, il-Partijiet jistgħu jipprevedu li l-azzjoni korrettiva ma tkunx disponibbli.

ARTIKOLU 9.18

Modifika u Rettifika tal-Kopertura

L-Avviż dwar il-Modifika Proposta

1. Parti waħda għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe proposti ta' rettifika, trasferiment ta' entità minn Anness għall-ieħor, l-irtirar ta' entità, jew kull modifika oħra (minn hawn 'il quddiem imsejħa "modifika") tal-Annessi minn 9-A sa 9-I.

2. Għal kwalunkwe irtirar propost ta' entità mill-Annessi minn 9-A sa 9-G fuq il-bażi li l-kontroll jew l-influwenza tal-gvern fuq l-akkwist kopert tal-entità ġie effettivament eliminat, il-Parti tipproponi l-modifika (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Parti modifikanti") għandha tinkludi fl-evidenza tal-avviż li tali kontroll jew influwenza tal-gvern ġew effettivament eliminati. Kontroll mill-gvern jew influwenza fuq l-akkwist kopert tal-entitajiet elenkati fl-Anness 9-C hija kkunsidrata li tkun effettivament eliminata jekk:

(a) għall-Unjoni, l-entità akkwirenti twettaq attività kompetittiva; u

(b) għal Singapore, l-entità tkun ġiet privatizzata.

Jekk il-kontroll jew l-influwenza tal-gvern fuq akkwist kopert ta' entità ta' Parti ġew effettivament eliminati, il-Parti l-oħra ma għandhiex tkun intitolata għal aġġustamenti kumpensatorji.

3. Għal xi modifika oħra proposta, il-Parti modifikanti għandha tinkludi f'dan l-avviż informazzjoni dwar il-konsegwenzi li x'aktarx iġġib magħha l-kopertura prevista f'dan il-Kapitolu. Jekk il-Parti modifikanti tipproponi li tagħmel emendi minuri jew rettifiki tekniċi ta' natura purament formali li ma jaffettwawx l-akkwist kopert, hija għandha tinnotifika dawn il-modifiki għall-inqas kull sentejn.

Soluzzjoni ta' Oġġezzjoni

4. F'każ ta' oġġezzjoni mill-Parti l-oħra (minn hawn 'il quddiem "Parti li toġġezzjona") għall-avviż tal-Parti modifikanti, il-Partijiet għandhom jippruvaw isolvu l-oġġezzjoni permezz ta' konsultazzjonijiet bilaterali, inkluż jekk meħtieġ, konsultazzjonijiet fil-Kumitat għall-Kummerċ fis-Servizzi, l-Investiment u l-Akkwisti Governattivi stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati). F'dawn il-konsultazzjonijiet, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw:

(a) evidenza li tikkonċerna l-eliminazzjoni effettiva tal-kontroll jew l-influwenza tal-gvern fuq entità koperta fil-każ ta' avviż skont il-paragrafu 2;

(b) evidenza li l-modifika proposta ma taffettwax il-kopertura fil-każ ta' avviż skont il-paragrafu 3; u

(c) kull talba li tirrigwarda l-ħtieġa ta' jew livell ta’ aġġustamenti kumpensatorji, li jirriżultaw mill-modifiki notifikati skont il-paragrafu 1. L-aġġustamenti jistgħu jkunu jikkonsistu f'espansjoni kumpensatorja tal-kopertura minn Parti modifikanti jew l-irtirar tal-kopertura ekwivalenti mill-Parti li toġġezzjona, bil-għan li jinżamm bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi u livell komparabbli ta’ kopertura reċiproka miftehma provduta f’dan il-Kapitolu.

5. Jekk Parti li toġġezzjona, wara konsultazzjonijiet bilaterali skont il-paragrafu 4, tqis li wieħed jew aktar mis-sitwazzjonijiet segwenti jkunu jeżistu:

(a) fil-każ tas-subparagrafu 4(a), il-kontroll jew l-influwenza tal-gvern fuq akkwist koperta ta' entità ma kinux effettivament eliminati;

(b) fil-każ tas-subparagrafu 4(b), modifika li ma tissodisfax il-kriterji fil-paragrafu 3 u li taffettwa l-kopertura, u jinħtieġ li tkun soġġetta għal aġġustamenti kumpensatorji; jew

(c) fil-każ tas-subparagrafu 4(c), aġġustamenti kumpensatorji proposti matul il-konsultazzjoni bejn il-Partijiet mhumiex adegwati biex jinżamm livell komparabbli ta’ kopertura reċiproka miftehma,

Il-Partijiet jista’ jkollhom rikors għall-mekkaniżmu ta’ soluzzjoni ta’ tilwim taħt Kapitolu Ħmistax (Soluzzjoni ta’ T

L-implimentazzjoni

6. Il-modifika proposta għandha ssir effettiva biss meta:

(a) il-Parti l-oħra ma ppreżentatx lill-Parti modifikanti oġġezzjoni bil-miktub mal-modifika proposta fi żmien ħamsa u erbgħin jum mid-data tal-avviż tal-modifiki proposti;

(b) il-Parti oġġezzjonanti tkun infurmat lill-Parti modifikanti bl-irtirar tal-oġġezzjoni tagħha;

(c) il-Partijiet laħqu ftehim wara konsultazzjonijiet dovuti skont il-paragrafu 4; jew

(d) l-oġġezzjoni ġiet riżolta permezz tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-paragrafu 5.

ARTIKOLU 9.19

Responsabbiltajiet tal-Kumitat

Il-Partijiet jistgħu, fil-Kumitat għall-Kummerċ fis-Servizzi, l-Investiment u l-Akkwisti Governattivi stabbilita skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati):

(a) jadottaw il-modalitajiet tar-rapportar tad-dejta statistika skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 9.15 (Trasparenza tal-Informazzjoni tal-Akkwist);

(b) rieżami sakemm isiru n-notifiki pendenti tal-modifiki tal-kopertura u sakemm jiġi approvati l-aġġornamenti għal-lista ta' entitajiet fl-Annessi minn 9-A sa 9-C;

(c) japprova l-aġġustamenti kumpensatorji li jirriżultaw mill-modifiki li jaffettwaw il-kopertura;

(d) jirrevedi, fejn meħtieġ, il-kriterji indikattivi li juri t-tneħħija effettiva tal-kontroll jew l-influwenza tal-gvern fuq l-akkwist kopert ta' entità;

(e) jadotta kriterji biex ikun deċiż il-livell ta' aġġustamenti kumpensatorji ta' kopertura;

(f) jikkunsidra kwistjonijiet li tirreferilu xi Parti fir-rigward ta' akkwist governattiv;

(g) jiskambja informazzjoni dwar opportunitajiet ta' akkwist governattiv, inklużi dawk fil-livelli sottoċentrali, f'kull Parti; u

(h) jiddiskuti kull kwistjoni oħra relatata mat-tħaddim ta' dan il-Kapitolu.

Il-Partijiet jistgħu, fil-Kumitat għall-kummerċ fis-Servizzi, l-Investiment u l-Akkwisti Governattivi stabbiliti skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati), jieħdu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa għall-finijiet tas-sottoparagrafi minn (a) sa (h).

ARTIKOLU 9.20

Aġġustament għal dispożizzjonijiet GPA

Jekk il-GPA Rivedut ikun emendat jew sospiż minn xi ftehim ieħor, il-Partijiet għandhom, permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ fis-Servizzi, l-Investiment u l-Akkwisti Pubbliċi stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati), jemendaw dan il-Kapitolu, kif xieraq.

KAPITOLU GĦAXRA

Il-Proprjetà Intellettwali

ARTIKOLU 10.1

Għanijiet

1. L-għanijiet ta' dan il-Kapitolu huma:

(a) jiffaċilita l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti innovattivi u kreattivi u l-forniment ta’ servizzi bejn il-Partijiet; u

(b) iżid il-benefiċċji mill-kummerċ u l-investiment permezz ta' livell adegwat u xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-provvediment ta' miżuri għall-infurzar effettiv ta' drittijiet bħal dawn.

2. L-għanijiet u l-prinċipji stipulati fil-Parti I tal-Ftehim TRIPS, b’mod partikolari fl-Artikolu 7 (Għanijiet) u l-Artikolu 8 (Prinċipji) għandhom japplikaw għal dan il-Kapitolu, *mutatis mutandis*.

TAQSIMA A

IL-PRINĊIPJI

ARTIKOLU 10.2

Il-Kamp ta’ Applikazzjoni u d-Definizzjonijiet

1. Il-Partijiet ifakkru l-impenji permezz tat-trattati internazzjonali li jirrigwardaw il-proprjetà intellettwali, inkluż il-Ftehim TRIPS u l-Konvenzjoni ta’ Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali (tal-20 ta' Marzu, 1883, kif riveduta fi Stokkolma fil-15 ta' Lulju, 1967; Minn hawn ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni ta' Pariġi”). Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu għandhom jikkumplimentaw id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Ftehim TRIPS u trattati internazzjonali oħra fil-qasam tal-proprjetà intellettwali li t-tnejn li huma jiffurmaw Parti minnhom.

2. Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, "drittijiet tal-proprjetà intellettwali" jinkludu:

(a) il-kategoriji kollha tal-proprjetà intellettwali li huma soġġetti għat-Taqsimiet minn 1 sa 7 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS partikolarment:

(i) drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati oħra;

(ii) privattivi[1];

[1] Fil-każ tal-Unjoni, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, il-“privattivi” jinkludu d-drittijiet li jinkisbu permezz taċ-ċertifikati supplimentari ta’ protezzjoni.

(iii) marki kummerċjali;

(iv) disinji;

(v) disinji tat-tqassim (topografiji) ta' ċirkwiti integrati;

(vi) indikazzjonijiet ġeografiċi;

(vii) il-protezzjoni tal-informazzjoni mhux żvelata; u

(b) id-drittijiet għal varjetajiet ta' pjanti.

ARTIKOLU 10.3

Sfiniment

Kull Parti għandha tkun libera li tistabbilixxi r-reġim tagħha stess għall-eżawriment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, suġġett għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim TRIPS.

TAQSIMA B

L-ISTANDARDS LI JIRRIGWARDAW ID-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

SUB-TAQSIMA A

DRITTIJIET TAL-AWTUR U DRITTIJIET RELATATI

ARTIKOLU 10.4

Protezzjoni Mogħtija

Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artisitiċi (tad-9 ta' Settembru 1886, kif ġiet riveduta l-aħħar f'Pariġi fl-24 ta' Lulju 1971), it-Trattat WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur (adottata f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996), it-Trattat WIPO dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi (adottat f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996), u l-Ftehim TRIPS[1]. Il-Partijiet jistgħu jipprevedu l-protezzjoni ta' artisti, produtturi ta' fonogrammi u organizzazzjonijiet tax-xandir skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Artisti, il-Produtturi tal-Fonogrammi u l-Organizzazzjonijiet tax-Xandir (magħmul f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961).

[1] Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10.6 (Produtturi ta' Fonogrammi), il-Partijiet jagħrfu li referenzi għal dawn il-ftehimiet internazzjonali huma soġġetti għar-riservi li kull Parti tkun ifformulat b'rabta magħhom;

ARTIKOLU 10.5

Terminu tal-Protezzjoni

1. Kull Parti għandha tipprovdi li, meta l-perjodu ta' protezzjoni ta' xogħol irid jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-ħajja tal-awtur, dak il-perjodu ma jkunx iqsar mill-ħajja tal-awtur u sebgħin sena wara l-mewt tal-awtur.

2. Jekk id-dritt tal-awtur ikun ta' aktar minn awtur wieħed, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat mill-mewt tal-aħħar ko-awtur li jibqa' ħaj.

3. Il-perjodu ta' protezzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi[1] ma għandux ikun inqas minn sebgħin sena wara li x-xogħol ikun sar disponibbli għall-pubbliku bil-kunsens tal-awtur jew, fin-nuqqas ta' tali avveniment fi żmien ħamsin sena minn meta jsir tali xogħol, mill-inqas sebgħin sena wara li jkun sar[2].

4. It-terminu ta' protezzjoni għad-drittijiet fil-fonogrammi ma għandux ikun inqas minn ħamsin sena wara li jkun sar u, jekk ikun ippubblikat fi żmien dan il-perjodu, xejn inqas minn sebgħinsena wara l-ewwel pubblikazzjoni legali.

[1] Għall-Unjoni, it-terminu "xogħlijiet ċinematografiċi" jinkludi wkoll xogħlijiet awdjoviżivi.

[2] Fil-każ tal-Unjoni, il-perjodu ta' protezzjoni jiskadi kull sebgħin sena wara l-mewt tal-aħħar persuna maħtura bħala l-awtur taħt il-liġi domestika tagħha, li ma għandu fl-ebda każ ikun iqsar mid-dewmien minimu ta' protezzjoni provdut taħt il-paragrafu 3 tal-Artikolu 10.5 (Terminu ta' Protezzjoni).

5. Il-perjodu ta’ protezzjoni għad-drittijiet fix-xandir għandux ikun inqas minn ħamsin sena wara l-ewwel trasmissjoni jew twettiq tax-xandira.

6. It-termini stipulati f'dan l-Artikolu għandhom jiġu kkalkolati mill-ewwel ta' Jannar tas-sena li ssegwi l-avveniment li jagħti bidu għalihom.

ARTIKOLU 10.6

Produtturi ta’ Fonogrammi

Kull Parti għandha tipprovdi lill-artisti u lill-produtturi ta’ fonogrammi[1] bi dritt għal remunerazzjoni waħda ġusta, jekk tkun ippubblikata fonogramma għal skopijiet kummerċjali jew riproduzzjoni ta’ tali fonogramma li tintuża għax-xandir b’mezzi ta’ mingħajr fili jew għal kwalunkwe komunikazzjoni pubblika[2].[3]

[1] "Produttur ta' fonogramma" tfisser il-persuna, jew l-entita legali, li tieħu l-inizjattiva u li għandha r-responsabbiltà għall-ewwel darba li jsir l-iffissar tal-ħsejjes ta' spettaklu jew ħsejjes oħra, jew ir-rappreżentazzjoni ta' ħsejjes;

[2] “Wirja pubblika” tfisser, fir-rigward ta’ fonogramma, kull mod ta’ preżentazzjoni awditiva għall-pubbliku ta’ ħsejjes jew ta' rappreżentazzjonijiet ta’ ħsejjes imqegħda ġo fonogramma.

[3] Singapore għandu jimplimenta b’mod sħiħ l-obbligi ta’ dan l-Artikolu fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 10.7

Drittijiet ta’ Bejgħ mill-Ġdid

Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw opinjonijiet u informazzjoni dwar il-prattiki u l-politiki rigward id-drittijiet ta' bejgħ mill-ġdid tal-artisti.

ARTIKOLU 10.8

Kooperazzjoni fuq il-Ġestjoni Kollettiva tad-Drittijiet

Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni fost is-soċjetajiet tal-ġestjoni kollettiva rispettivi tagħhom, bil-għan li jiġi żgurat aċċess aktar faċli u l-kunsinna tal-kontenut bejn it-territorji tal-Partijiet, u t-trasferiment ta’ royalties li jirriżultaw mill-użu ta’ xogħlijiet jew suġġett ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur.

ARTIKOLU 10.9

Protezzjoni ta’ Miżuri Teknoloġiċi

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali xierqa u rimedji legali effettivi kontra ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri teknoloġiċi effettivi[1] li jintużaw mill-awturi, l-artisti jew il-produtturi ta' fonogrammi f'konnessjoni mat-tħaddim ta' drittijiethom, u f'dak li jrażżan l-atti fir-rigward tax-xogħlijiet, l-ispettakli u l-fonogrammi tagħhom, li mhumiex awtorizzati mill-awturi, l-artisti jew il-produtturi tal-fonogrammi kkonċernati jew permessi mil-liġi domestika[2].

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, miżuri teknoloġiċi tfisser kwalunkwe teknoloġija, apparat, jew komponent li, fil-proċess normali tat-tħaddim tiegħu, tfassal biex jipprevjeni jew irażżan att, fir-rigward ta' ħidmiet, spettakli, jew fonogrammi li mhumiex awtorizzati mill-awturi, persuni tal-ispettaklu jew produtturi ta' fonogrammi, kif previst mil-liġi ta’ xi Parti. Mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati li jinsabu fil-liġi domestika ta' kull Parti, miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu effettivi meta l-użu ta' ħidmiet, spettakli, jew fonogrammi protetti huwa kkontrollat mill-awturi, il-persuni tal-ispettaklu jew il-produtturi tal-fonogrammi permezz tal-applikazzjoni ta' kontroll tal-aċċess relevanti jew proċess ta' protezzjoni, bħall-ikkriptar jew l-iscrambling, jew mekkaniżmu tal-kontroll tal-ikkuppjar, li jikseb l-oġġettiv tal-protezzjoni.

[2] Xejn f’dan il-Kapitolu ma għandu jirrikjedi lil Singapore li jirrestrinġi l-importazzjoni jew il-bejgħ domestiku ta’ apparat li ma jirrendix miżura teknoloġika effettiva li l-uniku fini tagħha huwa dak li tikkontrolla s-segmentazzjoni tas-suq għal kopji leġittimi ta’ films, u li ma tkunx b’xi mod ieħor qed tikser il-liġi domestika.

2. Biex jiġu pprovduti l-protezzjoni legali adegwata u r-rimedji legali effettivi msemmija fil-paragrafu 1, kull Parti tal-anqas għandha tipprovdi protezzjoni kontra:

(a) safejn previst mil-liġi domestika:

(i) iċ-ċirkumvenzjoni mhux awtorizzata ta' miżura teknoloġika effettiva mwettqa apposta jew abbażi ta' raġunijiet li jwasslu b'mod raġoneveoli lil wieħed x'jifhem li twettqet apposta; u

(ii) l-offerta lill-pubbliku permezz ta' tqegħid fis-suq ta' xi apparat jew prodott, inklużi programmi tal-kompjuter, jew ta' xi servizz, bħala mezz biex tiġi ċirkumventa xi miżura teknoloġika effettiva; u

(b) il-manifattura, l-importazzjoni, jew id-distribuzzjoni ta' xi apparat jew prodott, inkluż programmi tal-kompjuter, jew il-forniment ta' servizz li:

(i) huwa mfassal jew manifatturat primarjament għall-għan li jiċċirkumventa miżura teknoloġika effettiva; jew

(ii) għandu biss għan kummerċjalment sinifikanti limitat għajr dak li jevita miżura teknoloġika effikaċi[1].

[1] Fl-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-ebda Parti ma għandha tkun obbligata tirrikjedi li d-disinn ta', jew id-disinn u selezzjoni tal-partijiet u komponenti għal, prodotti elettroniċi tal-konsum, tat-telekomunikazzjonijiet, jew tal-kompjuter provduti bħala rispons għal kwalunkwe miżura teknoloġika partikolari, sakemm il-prodott ma jkunx mill-banda l-oħra jikkontravjeni l-miżuri tiegħu li jimplimentaw dawn il-paragrafi.

3. Fil-provvediment ta’ protezzjoni legali adegwata u ta’ rimedji legali effettivi skont il-paragrafu 1, Parti tista’ tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet xierqa għall-miżuri li jimplimentaw il-paragrafi 1 u 2. L-obbligi fil-paragrafi 1 u 2 huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet, il-limitazzjonijiet, l-eċċezzjonijiet, jew id-difiżi tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati skont il-liġi domestika ta’ kull Parti.

ARTIKOLU 10.10

Protezzjoni ta’ Informazzjoni dwar l-Immaniġġar tad-Drittijiet

1. Biex tipproteġi l-informazzjoni tal-immaniġġar tad-drittijiet elettroniċi,[1] kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra kull persuna li twettaq apposta bla awtorità kwalunkwe att fost dawn li ġejjin bl-intenzjoni, jew fir-rigward tar-rimedji ċivili, b'raġunijiet li jagħtu lil wieħed x'jifhem b'mod raġonevoli li kien hemm intenzjoni, li dan l-att iwassal għal, jippermetti, jiffaċilita, jew jaħbi ksur ta’ kwalunkwe dritt tal-awtur jew drittijiet relatati: Tali atti li ġejjin huma:

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet" tfisser:
(a) informazzjoni li tidentifika l-ħidma, l-ispettaklu, jew il-fonogramm; l-awtur tal-ħidma, il-persuna li twettaq l-ispettaklu, jew il-produttur tal-fonogramm; jew is-sid ta’ kwalunkwe dritt fil-ħidma, l-ispettaklu, jew il-fonogramm;
(b) informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-ħidma, l-ispettaklu, jew il-fonogramm; jew
(c) kwalunkwe numru jew kodiċi li jirrappreżentaw l-informazzjoni deskritta f'(a) u (b), fejn xi wieħed minn dawn l-attributi ta' informazzjoni jkun assoċjat ma' xi xogħol, spettaklu, jew fonogramm, jew jidher f'konnessjoni mal-komunikazzjoni jew mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tax-xogħol, l-ispettaklu, jew il-fonogramm għall-pubbliku.

(a) it-tneħħija jew it-tibdil ta’ xi informazzjoni tal-ġestjoni tad-drittijiet elettroniċi;

(b) biex jitqassmu, jiġu importati għad-distribuzzjoni, jixxandru, jiġu kkomunikati, jew jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kopji ta' xogħlijiet, spettakli, jew fonogrammi, waqt li tkun konxja li l-informazzjoni elettronika dwar il-ġestjoni tad-drittijiet tneħħiet jew tbiddlet bla awtorità.

2. Fil-provvediment ta’ protezzjoni legali adegwata u ta’ rimedji legali effettivi skont il-paragrafu 1, Parti tista’ tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet xierqa għall-miżuri li jimplimentaw il-paragrafu 1. L-obbligi stipulati fil-paragrafu 1 huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet, il-limitazzjonijiet, l-eċċezzjonijiet, jew id-difiżi tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati skont il-liġi ta’ Parti.

ARTIKOLU 10.11

Eċċezzjonijiet u Limitazzjonijiet

Il-Partijiet jistgħu jipprevedu limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet għad-drittijiet li hemm fl-Artikolu 10.6 (Produtturi ta' Fonogrammi) biss f’ċerti każijiet speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġetti oħra u ma jippreġudikawx bla ebda raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet.

SUB-TAQSIMA B

MARKI KUMMERĊJALI

ARTIKOLU 10.12

Ftehimiet Internazzjonali

Kull Parti għandha tagħmel kull sforz raġonevoli sabiex tikkonforma mat-Trattat dwar il-Liġi tat-Trademarks (magħmul f'Ġinevra fis-27 ta' Ottubru 1994) u t-Trattat ta' Singapore dwar il-Liġi tat-Trademarks (adottat f'Singapore fis-27 ta' Marzu 2006)[1].

ARTIKOLU 10.13

Il-Proċedura ta' Reġistrazzjoni

Kull Parti għandha tipprevedi sistema għar-reġistrazzjoni tal-marki kummerċjali li fiha l-amministrazzjoni tal-marka kummerċjali rilevanti tagħti raġunijiet bil-miktub għar-rifjut tar-reġistrazzjoni ta' marka kummerċjali. L-applikant għandu jkollu l-opportunità li jappella kontra tali rifjut quddiem awtorità ġudizzjarja. Kull Parti għandha tintroduċi l-possibbiltà għal terzi persuni li jopponu applikazzjonijiet għal marki kummerċjali. Kull Parti għandha tipprovdi bażi tad-data elettronika li tkun disponibbli għall-pubbliku, tal-applikazzjonijiet għat-trademarks u reġistrazzjonijiet tat-trademarks.

[1] Singapore huwa parti għat-Trattat ta' Singapore dwar il-Liġi tat-Trademarks, filwaqt li l-Unjoni għandha tagħmel l-isforzi kollha raġonevoli biex jiffaċilita l-adeżjoni għal it-Trattat ta' Singapore dwar il-Liġi tat-Trademarks.

ARTIKOLU 10.14

Marki Kummerċjali Magħrufin Sew

Il-Partijiet għandhom jipproteġu marki kummerċjali magħrufin sew skont il-Ftehim TRIPS. Fid-determinazzjoni ta' jekk marka kummerċjali hiex magħrufa sew, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw ir-Rakkomandazzjoni Konġunta li Tirrigwarda Dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni ta' Marki Kummerċjali Magħrufa Sew, adottata mill-Assembla tal-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u mill-Assemblea Ġenerali tal-WIPO fl-Erbgħa u Tletin- Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tal-WIPO fl-20 u d-29 ta' Settembru 1999.

ARTIKOLU 10.15

Eċċezzjonijiet għad-Drittijiet Mogħtija minn Marka Kummerċjali

Kull Parti:

(a) għandha tipprevedi l-użu ġust ta' termini deskrittivi[1] bħala eċċezzjoni limitata għad-drittijiet mogħtija minn marki kummerċjali; u

(b) tista' tipprevedi eċċezzjonijiet limitati oħra,

dejjem jekk tali eċċezzjonijiet iqisu l-interessi leġittimi tas-sidien tal-marki kummerċjali u ta' terzi persuni.

[1] L-użu ġust ta' termini deskrittivi jinkludi l-użu ta' sinjal li jindika l-oriġini ġeografika tal-prodotti jew is-servizzi, u fejn tali użu jkun skont prattika onesta f'materji industrijali jew kummerċjali.

SUB-TAQSIMA C

INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI[1]

ARTIKOLU 10.16

Kamp ta’ Applikazzjoni

1. Is-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) tapplika għall-għarfien u l-protezzjoni ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi għal inbejjed, spirti, prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel li qed joriġinaw fit-territorji tal-Partijiet.

2. Sabiex indikazzjonijiet ġeografiċi ta’ Parti jkunu protetti mill-Parti l-oħra dawn għandhom ikunu suġġetti biss għas-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) jekk huma rikonoxxuti u ddikjarati bħala indikazzjonijiet ġeografiċi fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

[1] Għall-għan ta' dan il-Kapitolu, "indikazzjonijet ġeografiċi" huma, indikazzjonijiet li jidentifikaw li oġġett bħala li ġej minn territorju ta' Parti, jew reġjun jew lokalità f'dak it-territorju, fejn il-kwalità, reputazzjoni jew xi karatteristika oħra partikolari tal-oġġett hija essenzjalment attriwibbli għall-oriġini ġeografika.

ARTIKOLU 10.17

Sistema ta' Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Mad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, kull Parti għandha tistabbilixxi sistemi għar-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi fit-territorju tagħha, għall-kategoriji tal-inbejjed u l-ispirti u l-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel skont kif tqis li jkun xieraq.

2. Is-sistemi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fihom elementi bħal:

(a) reġistru domestiku;

(b) proċess amministrattiv li jivverifika li l-indikazzjonijiet ġeografiċi mniżżla, jew li se jitniżżlu fir-reġistru domestiku msemmi fis-subparagrafu 2(a), jidentifika prodott bħala li joriġina fit-territorju ta’ Parti, jew ta’ reġjun jew lokalità fit-territorju ta' dik il-Parti, fejn xi kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra partikolari tal-prodott essenzjalment tkun tiġi attribwita lill-oriġini ġeografika tiegħu;

(c) proċedura ta’ oġġezzjoni li tippermetti li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' terzi persuni; u

(d) mezzi legali li jippermettu r-rettifika u t-tħassir ta’ entrati fir-reġistru domestiku msemmija fis-subparagrafu 2(a), li jqis l-interessi leġittimi ta’ terzi persuni u d-detenturi tad-drittijiet ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati inkwistjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jiltaqgħu malajr kemm jista' jkun prattikabbli wara li jkunu ġew konklużi proċeduri għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi f'kull Parti[1] għall-ismijiet kollha elenkati fl-Anness 10-A, jiltaqgħu sabiex jadottaw deċiżjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ imsemmija fl-Artikolu 16.1 (Kumitat għall-Kummerċ) dwar l-elenkar fl-Anness 10-B tal-ismijiet mill-Anness 10-A ta' kull parti li kienu u jibqgħu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi taħt is-sistema tal-Parti rispettiva kif imsemmi fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU 10.18

Emenda tal-Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi

Il-Partijiet jaqblu dwar il-possibbiltà li tiġi emendata l-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għal inbejjed, spirti, prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness 10-B li għandhom jiġu protetti minn kull Parti taħt is-Sotaqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi). Tali emendi għall-Anness 10-B għandhom ikunu soġġetti għal indikazzjonijiet ġeografiċi li kienu u jibqgħu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi fis-sistema tal-Parti rispettiva kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta' Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi).

[1] Għall-finijiet tas-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi), fil-każ ta' Singapore, il-proċedura għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tirreferi għal proċedura ta' reġistrazzjoni domestika taħt is-sistema stabbilita minn Singapore skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta' Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi).

ARTIKOLU 10.19

Kamp ta’ Applikazzjoni tal-Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Soġġetta għall-Artikolu 10.22 (Regoli Ġenerali), kull Parti għandha tipprovdi mezzi legali lill-partijiet interessati, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għal inbejjed, spirti, prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness 10-B u li jibqgħu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi taħt is-sistema tagħha kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta’ Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi), sabiex timpedixxi:

(a) l-użu ta’ kwalunkwe mezz fid-denominazzjoni jew il-preżentazzjoni ta’ oġġetti li jindika jew jissuġġerixxi li l-oġġett inkwistjoni toriġina f’żona ġeografika oħra li ma tkunx il-post proprju tal-oriġini, b’mod li jqarraq lill-pubbliku għal dak li jirrigwarda l-oriġini ġeografika tal-oġġett; u

(b) kull użu ieħor li jikkostitwixxi att ta’ kompetizzjoni inġusta fis-sens tal-Artikolu 10 *bis* (Kompetizzjoni Inġusta) tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi.

2. Soġġetta għall-Artikolu 10.22 (Regoli Ġenerali), kull Parti għandha tipprovdi mezzi legali lill-partijiet interessati, fir-rigward ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed u l-ispirti elenkati fl-Anness 10-B u li jibqgħu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi taħt is-sistema tagħha kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta’ Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi), sabiex timpedixxi l-użu ta’ kull indikazzjoni ġeografika ta' dan it-tip li tidentifika l-inbejjed għal inbejjed li ma joriġinawx fil-post indikat mill-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni jew li jidentifikaw xorb spirtuż għal xorb spirtuż li ma joriġinax fil-post indikat mill-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni, anki fejn:

(a) tkun indikata l-oriġini vera tal-prodott,

(b) l-indikazzjoni ġeografika tkun użata fit-traduzzjoni; jew

(c) l-indikazzjoni ġeografika użata tiġi akkumpanjata minn espressjonijiet bħal “kwalità”, “tip”, “stil”, “imitazzjoni”, “metodu” jew kliem simili.

3. Soġġetta għall-Artikolu 10.22 (Regoli Ġenerali), kull Parti għandha tipprovdi mezzi legali lill-partijiet interessati, fir-rigward ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u tal-ikel elenkati fl-Anness 10-B u li jibqgħu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi taħt is-sistema tagħha kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta’ Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi), sabiex timpedixxi l-użu ta’ kull indikazzjoni ġeografika ta' dan it-tip li tidentifika prodott bħala prodott simili[1] li ma joriġinax fil-post indikat mill-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni, anki fejn:

(a) tkun indikata l-oriġini vera tal-prodott,

(b) l-indikazzjoni ġeografika tkun użata fit-traduzzjoni[2]; jew

[1] Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu u l-paragrafu 1 tal-Artikolu 10.21 (Relazzjoni ma’ Marki Kummerċjali), it-terminu “prodott simili”, b’rabta ma' prodott li għalih piet protetta indikazzjoni ġeografika f’sistema ta’ Parti kif imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta’ Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi), ifisser prodott li jaqa’ fl-istess kategorija tal-prodott fir-reġistru ta' dik il-Parti bħala oġġett li għalih ġiet irreġistrata indikazzjoni ġeografika.

[2] Għal aktar ċertezza, huwa mifhum li dan huwa evalwat fuq bażi ta’ każ b'każ. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax fejn tiġi pprovduta evidenza li ma hemm l-ebda rabta bejn l-indikazzjoni ġeografika protetta u t-terminu tradott. Huwa mifhum ukoll li din id-dispożizzjoni tapplika mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali tas-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet ġeografiċi).

(c) l-indikazzjoni ġeografika użata tiġi akkumpanjata minn espressjonijiet bħal “kwalità”, “tip”, “stil”, “imitazzjoni”, “metodu” jew kliem simili.

4. Xejn fis-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandu jirrikjedi lil xi Parti tapplika d-dispożizzjonijiet tagħha fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika fil-każ tal-falliment ta’ detentur tad-dritt li:

(a) iġedded ir-reġistrazzjoni; jew

(b) iżomm minimu ta' attività jew interess kummerċjali, inklużi l-kummerċjalizzazzjoni, il-promozzjoni jew il-monitoraġġ tas-suq,

tal-indikazzjoni ġeografika fis-suq ta’ dik il-Parti.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 tal-Artikolu 23 tal-Ftehim TRIPS, kull Parti għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet prattiċi li taħthom l-indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi se jiddifferenzjaw wieħed mill-ieħor fit-territorju tagħha, b'kunsiderazzjoni tal-ħtieġa li jkun żgurat trattament ġust tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

6. Jekk Parti tirċievi applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew il-protezzjoni ta’ indikazzjoni ġeografika li tkun omonima ma’ waħda mill-indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Anness 10-B, dik il-Parti tikkunsidra l-opinjonijiet u sottomissjonijiet tal-applikant u l-produtturi kkonċernati[1] fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet li bihom jiġu ddifferenzjati l-indikazzjonijiet ġeografiċi minn xulxin.

[1] Fil-każ ta’ Singapore, “il-produtturi kkonċernati” tirreferi għad-detenturi tad-drittijiet inkwistjoni.

ARTIKOLU 10.20

Id-Dritt ta' Użu tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

Il-persuna li tista’ tuża indikazzjoni ġeografika li tkun protetta taħt is-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) mhijiex limitata għall-applikant, sakemm użu bħal dan isir b'rabta mal-prodotti identifikati b’dik l-indikazzjoni ġeografika.

ARTIKOLU 10.21

Relazzjoni mal-Marki Kummerċjali

1. Soġġett għall-Artikolu 10.22 (Regoli Ġenerali), fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 10-B u jibqgħu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi taħt sistema ta’ Parti kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta’ Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi), ir-reġistrazzjoni ta’ trademark għal prodott li fih, jew li jikkonsisti minn, indikazzjoni ġeografika li tidentifika prodotti simili għandha tkun irrifjutatja jew invalidata *ex officio* jekk tippermetti l-liġi domestika tal-Parti, jew wara talba ta’ parti interessata, fir-rigward ta’ prodotti li ma għandhomx l-oriġini tal-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni, kemm-il darba l-applikazzjoni biex tiġi reġistrata t-trademark tiġi ppreżentata wara d-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fit-territorju kkonċernat.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-Partijiet jagħrfu li l-eżistenza ta' marki kummerċjali konfliġġenti minn qabel f'Parti ma tkunx tipprekludi kompletament ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika sussegwenti għal prodotti simili f'dik il-Parti[1].

3. Jekk marka ġiet applikata jew reġistrata *in bona fede*, jew fejn id-drittijiet għall-marka kummerċjali ġew akkwistati permezz tal-użu *in bona fede*, jekk dik il-possibbiltà hija prevista mil-liġijiet domestiċi rispettivi tal-Partijiet, jew:

(a) qabel id-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fit-territorju kkonċernat; jew

(b) qabel ma l-indikazzjoni ġeografika tkun protetta fil-pajjiż ta' oriġini tagħha,

miżuri adottati biex jimplimentaw is-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandhomx jippreġudikaw l-eliġibbiltà tar-reġistrazzjoni ta' marka kummerċjali jew il-validità tagħha, jew id-dritt għall-użu tal-marka kummerċjali, fuq il-bażi li tali marka kummerċjali hija identika jew simili għal indikazzjoni ġeografika.

4. Il-Partijiet ma għandu jkollhom l-ebda obbligu li jipproteġu indikazzjoni ġeografika skont Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) fejn, fir-rigward ta' trademark ta' fama jew magħrufa sew, il-protezzjoni tista' tqarraq bil-konsumaturi dwar l-identità vera tal-prodott.

[1] Fil-każ ta' Singapore, indikazzjoni ġeografika li għandha kunflitt ma' marka kummerċjali li kienet teżisti minn qabel tista' tkun irreġistrata bil-kunsens tad-detentur tad-drittijiet tal-marka kummerċjali eżistenti minn qabel. Fil-każ tal-Unjoni, tali kunsens mhuwiex prerekwiżit għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika li għandha kunflitt ma' marka kummerċjali eżistenti minn qabel.

ARTIKOLU 10.22

Regoli Ġenerali

1. L-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti msemmija fis-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) fit-territorju ta’ Parti għandhom jiġu rregolati mil-liġi domestika ta’ dik il-Parti.

2. Għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, xejn f’Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandu jirrikjedi lil Parti sabiex jipprevjenu l-użu kontinwu u simili ta’ kwalunkwe indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra b’rabta ma’ oġġetti jew servizzi minn kwalunkwe ċittadin jew domiċiljarju, li kienu użaw dik l-indikazzjoni ġeografika b’mod kontinwu fir-rigward tal-istess oġġetti jew servizzi relatati fit-territorju ta’ dik il-Parti jew:

(a) għal mill-inqas għaxar snin qabel l-1 ta’ Jannar 2004; jew

(b) *in bona fede* qabel dik id-data.

3. Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li għandhom jiġu elenkati fl-Anness 10-B, fejn l-użu preċedenti ġie determinat skont:

(a) il-proċedimenti tal-oppożizzjoni matul il-proċedura ta' reġistrazzjoni domestika; jew

(b) kwalunkwe proċeduri legali,

tali użu preċedenti għandu jiġi elenkat fl-Anness 10-B fir-rigward tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata:

(i) skont il-mekkaniżmu stabbilit fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta' Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi) fil-każ tas-subparagrafu 3(a); u

(ii) skont il-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 10.18 (Sistema ta' Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi) fil-każ tas-subparagrafu 3(b).

4. Kull parti tista' tiddetermina l-kundizzjonijiet prattiċi li taħthom tali użu preċedenti għandhom ikunu ddifferenzjat mill-indikazzjoni ġeografika fit-territorju tagħha, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

5. Xejn f'din is-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandu jirrikjedi lil Parti tapplika d-dispożizzjonijiet tagħha rigward indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra fir-rigward ta' prodotti jew servizzi fejn l-indikazzjoni relevanti hija identika għat-terminu normalment użat fil-lingwaġġ komuni bħala l-isem komuni għal dawk il-prodotti jew servizzi fit-territorji ta' dik il-Parti.

6. Xejn f'din is-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandu jirrikjedi lil Parti tapplika d-dispożizzjonijiet tagħha rigward indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra fir-rigward ta' prodotti jew servizzi fejn l-indikazzjoni relevanti hija identika għat-terminu normalment użat fil-lingwaġġ komuni bħala l-isem komuni għal dawk il-prodotti jew servizzi fit-territorji ta' dik il-Parti.

7. Xejn fis-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandu jirrikjedi lil Parti tapplika d-dispożizzjonijiet tagħha fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra dwar prodotti tad-dielja li għalihom l-indikazzjoni releventi hija identika għall-isem normalment użat għall-varjetà ta' għenba fit-territorju ta' dik il-Parti mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-WTO f'dik il-Parti.

8. Xejn fis-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandu jipprevjeni lil xi Parti milli tipproteġi bħala indikazzjoni ġeografika skont il-liġi domestika tagħha, terminu li jidħol f'kunflitt mal-isem ta' varjetà ta' pjanta jew razza ta' annimal.

9. Parti tista' tipprovdi li kwalunkwe talba li tkun saret taħt din Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) marbuta mal-użu jew mar-reġistrazzjoni tat-trademark trid tkun ippreżentata fi żmien ħames snin minn meta l-użu ħażin tal-indikazzjoni protetta jkun sar magħruf ġeneralment f'dik il-Parti jew wara d-data tar-reġistrazzjoni tat-trademark f'dik il-Parti sakemm it-trademark kienet ippubblikata sa dik id-data, jekk dik id-data hi iktar kmieni mid-data li fiha l-użu ħażin sar magħruf ġeneralment f'dik il-Parti, sakemm l-indikazzjoni ġeografika ma tintużax jew mhijiex reġistrata *in mala fede*.

10. Xejn fis-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandu jippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, waqt il-kummerċ, l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur ta' dik il-persuna fil-kummerċ, ħlief meta dak l-isem jintuża b'mod tali li l-pubbliku jitqarraq.

11. Xejn f'din is-Sub-Taqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandu jobbliga lil xi Parti tipproteġi indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra li mhix jew li ma għadhiex aktar protetta skont il-liġi domestika tal-pajjiż tal-oriġini tagħha. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin jekk indikazzjoni ġeografika ma tibqax tkun protetta fil-pajjiż tal-oriġini tagħha.

ARTIKOLU 10.23

Relazzjoni mal-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit skont l-Artikolu 16.1 (Kumitat għall-Kummerċ għandu jkollu l-awtorità li:

(a) adottat deċiżjoni li tirrigwarda l-elenkar fl-Anness 10-B imsemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta' Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi); u

(b) temenda l-Anness 10-B skont l-Artikolu 10.18 (Emenda tal-Lista tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi).

SUB-TAQSIMA D

DISINJI

ARTIKOLU 10.24

Rekwiżiti għall-Protezzjoni ta' Disinji Reġistrati[1]

1. Il-Partijiet għandhom jipprevedu l-protezzjoni ta' disinji industrijali maħluqa indipendentement li huma oriġinali jew ġodda[2]. Din il-protezzjoni għandha tkun ipprovduta bir-reġistrazzjoni, u tagħti drittijiet esklussivi lid-detenturi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Taqsima D (Disinji).[3]

---

1 Għall-finijiet ta' Sub-Taqsima (Disinji), l-Unjoni tagħti wkoll protezzjoni għad-disinn mhux irreġistrat meta dan jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1891/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006.

2 Il-Partijiet jaqblu li meta l-liġi domestika ta' parti tipprovdi hekk, jista' wkoll ikun meħtieġ karattru individwali ta' disinji. Dan jirreferi għal disinji li jvarjaw b'mod sinifikanti mid-disinji jew kombinazzjonijiet ta' karatteristiċi ta' disinji magħrufa. L-Unjoni tqis li d-disinji jkollhom karattru individwali jekk l-impressjoni ġenerali li jħalli fuq l-utenti infurmati tkun differenti mill-impressjoni ġenerali li titħalla fuq tali utent minn kwalunkwe disinn li jkun sar disponibbli għall-pubbliku.

3 Huwa mifhum li d-disinji mhumiex esklużi mill-protezzjoni sempliċement fuq il-bażi li dawn jikkostitwixxu parti ta' oġġett jew prodott, sakemm dawn ikunu viżibbli, jissodisfaw il-kriterji ta' dan il-paragrafu, u:

(a) jissodisfaw xi kriterji oħra għall-protezzjoni tad-disinn; u

(b) mhumiex esklużi mill-protezzjoni tad-disinn,

skont il-liġi domestika tal-Partijiet rispettivi.

2. Il-protezzjoni tad-disinji ma għandhiex testendi għal disinji ddettati essenzjalment minn konsiderazzjonijiet tekniċi jew funzjonali.

3. Dritt ta' disinn ma għandux jeżisti f'disinn li jmur kontra l-politika pubblika jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità[1].

ARTIKOLU 10.25

Drittijiet Mogħtija bir-Reġistrazzjoni

Is-sid ta' disinn protett għandu jkollu d-dritt li ma jħallix terzi persuni li ma għandhomx il-kunsens tas-sid li għall-inqas jagħmlu, offerti għall-bejgħ, jbiegħu jew jimportaw oġġetti li għandhom jew ikollhom fihom disinn li huwa kopja, jew sostanzjalment kopja, tad-disinn prottett, fejn atti bħal dawn ittieħdu għal għanijiet kummerċjali.

ARTIKOLU 10.26

Terminu tal-Protezzjoni

It-terminu ta' protezzjoni disponibbli għandu jammonta għal mill-inqas għaxar snin mid-data tal-applikazzjoni.

[1] Xejn f'dan l-Artikolu ma jipprekludi xi waħda mill-Partijiet milli tipprovdi esklużjonijiet speċifikati oħra mill-protezzjoni tad-disinn taħt il-liġi domestika tagħha. Il-Partijiet jifhmu li esklużjonijiet ta' dan it-tip ma għandhomx ikunu estensivi.

ARTIKOLU 10.27

L-Eċċezzjonijiet

Il-Partijiet jistgħu jipprovdu eċċezzjonijiet limitati għall-protezzjoni tad-disinji, bil-kundizzjoni li tali eċċezzjonijiet ma jkunux f'kunflitt inġust mal-isfruttament normali tad-disinji protetti u ma jippreġudikawx inġustament l-interessi leġittimi tas-sid tad-disinn protett, waqt li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' terzi persuni.

ARTIKOLU 10.28

Relazzjoni mad-Drittijiet tal-Awtur

Il-Partijiet għandhom joffru l-possibbiltà li disinn reġistrat f'Parti skont is-Sub-Taqsima D (Disinji) ma jkunx kompletament preklużmilli jgawdi mill-protezzjoni skont il-liġi domestika dwar id-drittijiet tal-awtur ta' dik il-Parti. Il-punt safejn għandha tingħata l-protezzjoni u l-kundizzjonijiet li taħthom għandha tingħata għandhom jiġu stabbiliti minn dik il-Parti[1].

[1] Fil-każ ta' Singapore, il-punt sa fejn, u l-kundizzjonijiet li taħthom, titgawda din il-protezzjoni jinkludu ċ-ċirkostanzi taħt it-Taqsima 74 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur ta' Singapor.

SUB-TAQSIMA E

PRIVATTIVI

ARTIKOLU 10.29

Ftehimiet Internazzjonali

Il-Partijiet ifakkru l-obbligi taħt it-Trattat ta’ Kooperazzjoni dwar il-Privattivi (magħmul f’Washington fid-19 ta' Ġunju 1970, emendat fit-28 ta’ Settembru 1979, modifikat fit-3 ta’ Frar 1984). Il-Partijiet għandhom, fejn ikun xieraq, jagħmlu kull sforz raġonevoli sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 1 u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Liġi tal-Privattivi (adottata f’Ġinevra fl-1 ta’ Ġunju 2000) b’mod konsistenti skont id-dritt domestiku u l-proċeduri tagħhom.

ARTIKOLU 10.30

Privattivi u Saħħa Pubblika

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tad-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, li ġiet adottata fl-14 ta’ Novembru 2001 mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO, f’Doha. Fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont is-Sub-Taqsima E (Privattivi) u s-Sub-Taqsima F (Protezzjoni tad-Dejta tat-Testijiet Preżentata biex Tinkiseb Awtorizzazzjoni Amministrattiva tal-Kummerċjalizzazzjoni biex Jitpoġġa Prodott Farmaċewtiku fis-Suq), il-Partijiet għandhom jiżguraw konsistenza ma’ din id-Dikjarazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jirrispettaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tat-30 ta' Awwissu 2003 dwar l-Implimentazzjoni tal-Paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-WTO tas-6 ta' Diċembru 2005 dwar Emenda tal-Ftehim TRIPS, li tadotta l-Protokoll li Jemenda l-Ftehim TRIPS.

ARTIKOLU 10.31

Estensjoni tal-Perjodu tad-Drittijiet Mogħtija bi Privattiva

Il-Partijiet jagħrfu li l-prodotti farmaċewtiċi[1] protetti bi privattiva fit-territorji rispettivi tagħhom jistgħu jkunu soġġetti għal proċess amministrattiv ta' approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni qabel ma jitpoġġew fis-swieq rispettivi tagħhom. Il-Partijiet għandhom jagħmlu disponibbli estensjoni tal-perjodu tad-drittijiet mogħtija bil-protezzjoni tal-privattiva sabiex il-proprjetarju tal-privattiva jiġi kkumpensat għat-tnaqqis fil-ħajja effettiva tal-privattiva b'riżultat ta' proċess amministrattiv ta' approvazzjoni għal tqegħid fis-suq[2]. L-estensjoni tal-perjodu tad-drittijiet mogħtija bil-protezzjoni tal-privattiva ma tistax taqbeż il-ħames snin[3].

---

1 Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 10.33 (Protezzjoni tad-Dejta tat-Testijiet Preżentata sabiex Tinkiseb Approvazzjoni Amministrattiva ta' Tqegħid fis-Suq sabiex Prodott Farmaċewtiku Jitqiegħed fis-Suq), it-terminu "prodott farmaċewtiku" għandu jiġi definit għal kull parti, mil-leġiżlazzjonijiet rispettivi tal-Partijiet bħal fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim. Fil-każ tal-Unjoni, it-terminu "prodott farmaċewtiku" jirreferi għal "prodott mediċinali".

2 Singapore jidħol għall-impenn li jagħmel disponibbli l-estensjoni tal-perjodu tad-drittijiet mogħtija mill-protezzjoni tal-privattivi sabiex il-proprjetarju tal-privattiva jiġi kkumpensat għat-tnaqqis fil-ħajja effettiva tal-privattiva b'riżultat ta' proċess amministrattiv ta' approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' sustanzi għal djanjosi u ttestjar ta' prodott mediċinali awtorizzat.

3 Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-forniment tal-estensjoni tat-terminu tal-privattivi għandu jiġi determinat bil-leġiżlazzjonijiet rispettivi tal-Partijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal estensjoni possibbli għall-użu pedjatriku, kif ipprovdut minn xi Parti.

ARTIKOLU 10.32

Kooperazzjoni

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fuq inizjattivi li jiffaċilitaw:

(a) l-għoti ta’ privattivi fuq il-bażi ta' applikazzjonijiet ppreżentati mill-applikanti ta’ Parti fil-Parti l-oħra; u

(b) il-kwalifika u r-rikonoxximent ta’ professjonisti aġenti tal-privattivi ta’ Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra.

SUB-TAQSIMA F

PROTEZZJONI TAD-DEJTA TAT-TESTIJIET

ARTIKOLU 10.33

Protezzjoni tad-Dejta tat-Testijiet Ippreżentata
Tinkiseb Awtorizzazzjoni Amministrattiva tal-Kummerċjalizzazzjoni
biex prodott farmaċewtiku jitpoġġa fis-suq

Meta Parti teħtieġ li l-preżentazzjoni tad-dejta tat-testijiet jew studji dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' prodott farmaċewtiku qabel ma tingħata l-approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' tali prodott, il-Parti ma għandhiex tippermetti, għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin mid-data tal-ewwel approvazzjoni f'dik il-Parti, tippermetti lil partijiet terzi oħra jikkummerċjalizzaw l-istess prodott jew prodott simili, abbażi ta' approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija lill-applikant li kien ipprovda d-dejta tat-testijiet jew studji, sakemm l-applikant li kien ipprovda d-dejta tat-testijiet jew l-istudji ma jkunx ta l-kunsens tiegħu[1].[2,3]

[1] Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-għoti tal-protezzjoni previsti skont dan l-Artikolu għandhom jiġu determinati bil-leġiżlazzjonijiet rispettivi tal-Partijiet.

[2] Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jagħtu bidu mingħajr preġudizzju diskussjonijiet dwar l-estensjoni possibbli perjodu ta' protezzjoni ta' Informazzjoni PPreżentata sabiex Tinkiseb tat-test tal-approvazzjoni tas-suq amministrattiva sabiex prodott farmaċewtiku jitqiegħed fis-suq.

[3] Fil-kuntest ta' dan l-Artikolu, hu mifhum li tali dejta jew studji kunfidenzjali li jsostnu t-testijiet ma għandhomx ikunu użati għall-finijiet ta' determinazzjoni tingħatax xi applikazzjoni oħra għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin:
(a) fil-każ ta' Singapore, mid-data li tasal l-ewwel applikazzjoni;
(b) fil-każ tal-Unjoni, mid-data tal-approvazzjoni tal-ewwel applikazzjoni,
sakemm il-parti li kienet ipprovdiet id-dejta tat-testijiet jew l-istudji tat il-kunsens tagħha.

ARTIKOLU 10.34

Protezzjoni tad-Dejta tat-Testijiet Ippreżentata
Tinkiseb Awtorizzazzjoni Amministrattiva tal-Kummerċjalizzazzjoni
biex prodott Kimiku Agrikolu[1] jitpoġġa fis-suq

1. Meta Parti teħtieġ li l-preżentazzjoni tad-dejta tat-testijiet jew l-istudji dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' prodott agrikolu kimiku qabel ma tingħata l-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' tali prodott f'dik il-Parti, il-Parti ma għandhiex, għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin mid-data tal-ewwel approvazzjoni f'dik il-Parti, tippermetti lil partijiet terzi oħra jikkummerċjalizzaw l-istess prodott jew prodott simili, abbażi ta' approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija lill-applikant li kien ipprovda d-dejta tat-testijiet jew studji, sakemm l-applikant li kien ipprovda d-dejta tat-testijiet jew l-istudji ma jkunx ta l-kunsens tiegħu.

[1] Fil-każ tal-Unjoni, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "prodotti kimiċi agrikoli" tfisser sustanzi attivi u preparazzjonijiet li jkun fihom sustanza attiva waħda jew aktar, ippreżentati fl-għamla li fiha jiġu forniti lill-utent, immirati biex:
(a) jipproteġu l-pjanti jew l-prodotti tal-pjanti kontra kull organiżmu perikluż jew biex jimpedixxu l-azzjoni ta' tali organiżmi, sakemm tali sustanzi jew preparazzjonijiet ma jkunux definiti mod ieħor fis-subparagrafi minn (b) sa (e);
(b) jinfluwenzaw il-proċessi tal-ħajja tal-pjanti, għajr bħala nutrijent (pereżempju regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti);
(c) jippriservaw il-prodotti tal-pjanti, safejn u sakemm dawn is-sustanzi jew prodotti ma jkunux soġġetti għal dispożizzjonijiet speċjali tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni dwar il-preservattivi;
(d) jeqirdu pjanti mhux mixtieqa; jew
(e) jeqirdu partijiet ta' pjanti, iżommu jew jipprevjenu t-tkabbir mhux mixtieq ta' pjanti;

2. Jekk parti tipprovdi għal miżuri jew proċeduri biex jiġi evitat l-ittestjar iddupplikat fuq annimali vertebrati fir-rigward ta' prodotti kimiċi agrikoli, dik il-parti tista' tipprovdi għal kundizzjonijiet u ċirkostanzi li fihom terzi persuni jistgħu jikkummerċjalizzaw l-istess jew prodott simili, fuq il-bażi tal-approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni mogħtija lill-parti li kienet ipprovdiet dejta jew studji tal-ittestjar.

3. Jekk Parti tkun teħtieġ il-preżentazzjoni tad-dejta tat-testijiet jew studji li jikkonċernaw is-sigurtà jew l-effikaċja ta' prodott agrikolu prodott agrikolu kimiku qabel ma tagħti approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dan il-prodott, il-Parti għandha tagħmel ħilitha biex tipproċessa l-applikazzjoni malajr bil-ħsieb li jiġi evitat dewmien żejjed.

SUB-TAQSIMA G

IL-VARJETAJIET TAL-PJANTI

ARTIKOLU 10.35

Ftehimiet Internazzjonali

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (adottata f'Pariġi fit-2 ta' Diċembru 1961, kif riveduta l-aħħar f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991), inkluża l-abbiltà tagħhom li jimplimentaw l-eċċezzjoni fakultattiva għad-dritt lil min ikabbar, kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 15 ta' din il-Konvenzjoni.

TAQSIMA C

INFURZAR ĊIVILI TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

ARTIKOLU 10.36

Obbligi Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont l-Artikoli minn 41 sa 50 tal-Ftehim TRIPS u għandhom jipprovdu għall-miżuri, għall-proċeduri u għar-rimedji taħt il-liġi nazzjonali rispettiva tagħhom, kontra atti ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, li huma f'konformità ma' dawn l-impenji.

2. B'mod partikolari, il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija fil-paragrafu 1, u prevista għal kull Parti skont il-liġi domestika tagħha għandhom:

(a) iqisu, kif xieraq, il-ħtieġa li jkun hemm proporzjonalità bejn is-serjetà tal-ksur u l-interessi ta' terzi persuni;

(b) ikunu ġusti u ekwi;

(c) ma jkunux ikkumplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu limiti taż-żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat; u

(d) jiġu applikati b’mod li jevita l-ħolqien ta’ ostakli għall-kummerċ leġittimu u li jipprovdi għal salvagwardji kontra l-abbuż minnhom.

3. Xejn f’dan il-Kapitolu ma jaffettwa l-kapaċità ta’ kull Parti li tinforza l-liġi domestika tagħha b’mod ġenerali jew joħloq xi obbligu fuq xi waħda mill-Partijiet biex temenda l-liġijiet eżistenti tagħha dwar kif jirrelataw mal-infurzar tad-drittijiet fuq il-proprjetà intellettwali. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji ġenerali dwar dan ta’ hawn fuq , xejn f’dan il-Kapitolu ma joħloq xi obbligu fuq xi waħda mill-partijiet:

(a) ta' twettiq ta’ sistema ġudizzjarja għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali distinta minn dik tal-infurzar tal-liġi b’mod ġenerali; jew

(b) dwar id-distribuzzjoni tar-riżorsi bejn l-infurzar tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali u l-infurzar tal-liġi b’mod ġenerali.

ARTIKOLU 10.37

Pubblikazzjoni tad-Deċiżjonijiet Ġudizzjarji

Fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili istitwiti għal ksur ta’ dritt ta’ proprjetà intellettwali, kull Parti għandha tieħu miżuri xierqa, skont il-liġi u l-politiki domestiċi tagħha, biex tippubblika jew tagħmel disponibbli għall-pubbliku informazzjoni dwar deċiżjonijiet ġudizzjarji finali. Xejn f’dan l-Artikolu ma għandu jirrikjedi lil xi Parti tiżvela informazzjoni kunfidenzjali, li l-iżvelar tagħha jista’ jxekkel l-infurzar tal-liġi, jew li nkella jkun kuntrarju għall-interess pubbliku, jew ikun jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta’ impriżi partikolari, pubbliċi jew privati. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu għal miżuri oħra ta’ pubbliċità addizzjonali li jkunu adattati għaċ-ċirkustanzi partikolari, fosthom reklamar prominenti.

ARTIKOLU 10.38

Disponibbiltà ta' Miżuri, Proċeduri u Rimedji Ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu disponibbli, fil-liġi domestika rispettiva tagħhom u għad-detenturi tad-dritt miżuri, proċeduri u rimedji ċivili msemmija fit-Taqsima C (Infurzar Ċivili tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali) għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kif definiti fil-paragrafu 2.

2. Għall-finijiet tat-Taqsima C (Infurzar Ċivili tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali) it-termini li ġejjin għandhom it-tifsiriet li ġejjin:

(a) "id-detenturi tad-drittijiet" għandhom jinkludu liċenzjati esklussivi li jinkludu federazzjonijiet u assoċjazzjonijiet[1] li jkollhom piż ġuridiku li jasserixxu dawk id-drittijiet; u

(b) "drittijiet tal-proprjetà intellettwali" tfisser il-kategoriji kollha tal-proprjetà intellettwali li huma soġġetti għat-Taqsimiet minn 1 sa 6 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS[2];

[1] Sa fejn ikun permess u jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli, huwa mifhum li l-frażi "federazzjonijiet u assoċjazzjonijiet" tinkludi l-organi ta' ġestjoni tad-drittijiet kollettivi u, fil-kuntest tal-Unjoni, l-entitajiet professjonali ta' difiża li jkunu regolarment rikkonoxxuti bħala li jkollhom dritt li jirrappreżentaw lit-titolari tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

[2] Parti tista' teskludi privattivi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima C (Infurzar Ċivili tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali).

ARTIKOLU 10.39

Miżuri għall-Preservazzjoni tal-Evidenza

1. Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw miżuri proviżorji effettivi u fil-pront:

(a) kontra xi parti jew, fejn jixraq, xi terza persuna li fuqha l-awtorità ġudizzjarja relevanti teżerċita ġurisdizzjoni, biex jiġi evitat milli jseħħ ksur ta' kwalunkwe dritt fuq proprjetà intellettwali, u b'mod partikolari, biex jiġi evitat li l-oġġetti li jinvolvu ksur ta' dritt fuq proprjetà intellettwali jidħlu fil-kanali tal-kummerċ; u

(b) sabiex jippreservaw evidenza relevanti dwar l-allegat ksur.

2. Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jadottaw miżuri proviżorji *inaudita altera parte* fejn jixraq, partikolarment fejn kwalunkwe dewmien x'aktarx jikkawża danni irreparabbli lid-detentur tad-drittijiet, jew fejn hemm riskju li jista' jidher ta' xhieda li tkun qiegħda tiġi distrutta. Fil-proċedimenti mwettqa *inaudita altera parte*, kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jaġixxu bil-ħeffa fir-rigward ta' talba għal miżuri proviżorji u li jieħdu deċiżjoni bla dewmien żejjed.

3. Tal-anqas f'każijiet ta' ksur tad-dritt tal-awtur jew drittijiet relatati u l-falsifikazzjoni tal-marki kummerċjali, kull Parti għandha tipprevedi li, fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw is-sekwestru jew it-teħid b'xi mod ieħor f'kustodja tal-prodotti suspettati, u ta' materjali u għodod relevanti mal-att tal-ksur, u, tal-anqas fil-falsifikazzjoni tal-marki kummerċjali, ta' xhieda dokumentarja, sew jekk f'għamla oriġinali jew f'kopji, relevanti għall-ksur.

4. Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jitolbu lill-applikant, fir-rigward ta' miżuri proviżorji, biex jipprovdi kull xhieda raġonevoli disponibbli bil-ħsieb li tissodisfahom b'ċertezza biżżejjed li d-dritt tal-applikant qed jinkiser jew li ksur bħal dan huwa imminenti, u sabiex jordnaw lill-applikant jipprovdi garanzija jew assigurazzjoni ekwivalenti biżżejjed sabiex jipproteġi l-konvenut u sabiex jipprevjeni abbuż. It-tali garanzija jew assigurazzjoni ekwivalenti ma għandhomx mingħajr raġuni jiskoraġġixxu rikors għat-tali proċeduri proviżorji.

5. Jekk il-miżuri proviżorji jkunu revokati jew jekk jaqgħu minħabba xi att jew ommissjoni mill-applikant, jew jekk jinstab sussegwentement li ma kien hemm l-ebda ksur ta' xi dritt ta' proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw lill-applikant, bit-talba tal-konvenut, sabiex jipprovdi kumpens xieraq lill-konvenut għal kull ħsara mwettqa b'dawn il-miżuri.

ARTIKOLU 10.40

Evidenza u Dritt ta' Informazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għal-liġi domestika ta' kull Parti li tirregola l-privileġġi, il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità jew l-ipproċessar tad-dejta personali, kull Parti għandha tipprevedi li, fi proċedimenti ġuridiċi ċivili li jikkonċernaw l-infurzar tad-drittijiet fuq il-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità, fuq rikjesta ġustifikata tad-detentur tad-dritt, li jordnaw lil min ikun responsabbli mill-ksur jew, bħala alternattiva, dak li allegament huwa responsabbli mill-ksur, sabiex jipprovdi lid-detentur tad-dritt jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji, talanqas għall-finijiet tal-kumpilazzjoni tal-evidenza, informazzjoni relevanti kif prevista fil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħha li dak responsabbli mill-ksur jew allegatament responsabbli mill-ksur għandu fil-pussess jew il-kontroll tiegħu.

2. L-informazzjoni relevanti msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi tagħrif dwar kwalunkwe persuna involuta fi kwalunkwe aspett tal-ksur jew ksur allegat u dwar il-mezz tal-produzzjoni jew il-kanali tad-distribuzzjoni tal-oġġetti jew is-servizzi li jirriżultaw mill-ksur jew ksur allegat, inkluża l-identifikazzjoni ta' terzi persuni li allegatament ikunu involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tat-tali oġġetti jew servizzi u tal-kanali tad-distribuzzjoni tagħhom.

ARTIKOLU 10.41

Rimedji Oħra

1. Kull Parti għandha tipprovdi li, fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili meta tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib ksur ta' dritt tad-detentur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha, fuq applikazzjoni mid-detentur tad-dritt, ikollhom l-awtorità li, tal-anqas fir-rigward ta' prodotti bi dritt tal-awtur piratati u prodotti b'marka kummerċjali ffalsifikata:

(a) jordnaw li t-tali prodotti li jikkawżaw ksur ikunu:

(i) jiġu meqruda, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali; jew

(ii) jintremew lilhinn mill-kanali tal-kummerċ b'mod li jiġi evitat kull dannu kkawżat lid-detentur tad-dritt,

bla kumpens ta' ebda tip; u

(b) jordnaw li materjali u strumenti, li l-użu predominanti tagħhom kien fil-manifattura jew il-ħolqien ta’ tali prodotti li jirriżultaw fi ksur, għandhom ikunu, mingħajr dewmien bla bżonn u mingħajr kumpens ta’ ebda tip, meqruda jew mormija 'l barra mill-kanali tal-kummerċ b’mod li jimminimizza r-riskji ta’ aktar ksur.

2. Fil-konsiderazzjoni ta’ kull applikazzjoni minn detentur tad-dritt kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom jiġu kkunsidrati l-ħtieġa għall-proporzjonalità bejn il-gravità tal-ksur u r-rimedji ordnati kif ukoll l-interessi ta’ terzi persuni.

3. Ir-rimedji f’dan l-Artikolu jistgħu jitwettqu bl-ispejjeż imġarrba minn min ikun responsabbli għall-ksur.

ARTIKOLU 10.42

Inġunzjonijiet

Kull Parti għandha tipprovdi li, fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili meta tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib ksur ta’ dritt tad-detentur ta’ dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha, fuq applikazzjoni mid-detentur tad-dritt, ikollha l-awtorità li toħroġ inġunzjoni bil-għan li tipprojbixxi l-kontinwazzjoni tal-ksur, kontra l-persuna li tkun wettqet il-ksur jew, fejn xieraq, kontra xi terza persuna li fuqha l-awtorità ġudizzjarja relevanti teżerċita ġuriżdizzjoni. Jekk ikun previst mil-liġi domestika tal-Parti, in-nuqqas ta' konformità ma' inġunzjoni għandu jkun, fejn ikun xieraq, suġġett għall-pagament ta' penali rikorrenti, bil-ħsieb li tiġi assigurata l-konformità.

ARTIKOLU 10.43

Miżuri Alternattivi

Kull Parti tista' tipprovdi fil-liġi domestika tagħha li, fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili meta tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali tad-detentur tad-dritt, f'każijiet fejn ikun xieraq u fuq applikazzjoni mill-persuna responsabbli biex tkun soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 10.41 (Rimedji Oħra) u / jew l-Artikolu 10.42 (Inġunzjonijiet), l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti li saritilha ħsara minflok l-applikazzjoni tal-miżuri pprovduti fl-Artikolu 10.41 (Rimedji Oħra) u / jew l-Artikolu 10.42 (Inġunzjonijiet), jekk dik il-persuna aġġixxiet mingħajr intenzjoni u mingħajr negliġenza, u jekk l-eżekuzzjoni tal-miżuri inkwistjoni jkunu jikkawżalha ħsara sproporzjonata u jekk il-kumpens fi flus lill-parti li saritilha ħsara jidher raġonevolment sodisfaċenti[1].

ARTIKOLU 10.44

Ħsarat

1. Kull Parti għandha tipprevedi li, fil-proċedimenti ġuridiċi ċivili li jikkonċernaw l-infurzar tad-drittijiet fuq il-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw lil min ikun responsabbli mill-ksur li, b'għarfien jew b'raġunijiet raġonevoli ta' għarfien, impenja ruħu f'attività ta' ksur, li jħallas lid-detentur tad-dritt danni adegwati li jagħmlu tajjeb għall-inġurja li jkun sofra d-detentur tad-dritt minħabba l-ksur.

[1] Huwa mifhum li, fil-każ ta' Singapore, Singapore jista' jipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw kumpens fi flus jekk dik il-persuna aġġixxiet mingħajr intenzjoni u mingħajr traskuraġni, jew jekk l-eżekuzzjoni tal-miżuri inkwistjoni kienu tikkawżalu ħsara sproporzjonata u jekk kumpens monetarju lill-parti danneġġjata jidher raġonevolment sodisfaċenti.

2. Fid-determinazzjoni tal-ammont ta’ danni għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta’ Parti għandu jkollhom l-awtorità li jqisu, *inter alia*, kwalunkwe miżura leġittima ta' valur ippreżentata mid-detentur tad-dritt, li tista' tinkludi profitti mitlufa, il-valur tal-oġġetti jew is-servizzi milquta mill-ksur imkejjel skont il-prezz tas-suq, jew il-prezz bl-imnut issuġġerit[1]. Tal-anqas f’każijiet ta’ ksur tad-drittijiet tal-awtur jew ksur ta' drittijiet relatati jew ta' falsifikazzjoni tal-marka kummerċjali, kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw lil min ikun responsabbli għall-ksur iħallas lid-detentur tad-dritt il-profitti li jkun għamel ir-responsabbli mill-ksur li jkunu attribwibbli għall-ksur, kemm bħala alternattiva għad-danni jew bħala żieda magħhom jew bħala parti minnhom.

3. Bħala alternattiva għas-subparagrafu 2, kull Parti tista' tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità, f’każijiet xierqa, li jistabbilixxu d-danni bħala somma waħda f’daqqa fuq il-bażi ta’ elementi bħall-inqas ammont ta’ ħlasijiet jew tariffi li kien ikollhom jitħallsu kieku min jikser id-drittijiet ikun talab l-awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni.

4. Xejn f'dan l-Artikolu ma jipprekludi lil xi Parti milli tipprevedi li meta min iwettaq il-ksur ma jkunx involva ruħu konxjament, jew b’raġunijiet suffiċjenti sabiex ikun jaf, f’attività ta’ ksur, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw l-irkupru ta’ profitti jew il-ħlas ta’ danni li jistgħu jkunu pre-stabbiliti.

[1] Fil-każ tal-Unjoni, dan jinkludi wkoll, f’każijiet xierqa, elementi li ma jkunux fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju morali kkawżat lid-detentur tad-dritt mill-ksur.

ARTIKOLU 10.45

Spejjeż Legali

Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha, fejn xieraq, ikollhom l-awtorità li fi tmiem il-proċedimenti ġudizzjarji ċivili li jikkonċernaw il-ksur ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jordnaw lill-parti rebbieħa tingħata ħlas mill-parti telliefa għall-ispejjeż jew miżati tal-qorti u l-miżati xierqa għall-pariri u d-difiża legali, jew kull spejjeż oħra kif tipprevedi l-liġi domestika ta' dik il-Parti.

ARTIKOLU 10.46

Suppożizzjonijiet Relatati mad-Drittijiet tal-Awtur u Drittijiet Relatati

Fi proċeduri ċivili li jinvolvu d-drittijiet tal-awtur jew relatati, kull Parti għandha tipprevedi suppożizzjoni li, tal-anqas fir-rigward ta’ xogħol, spettaklu, jew fonogramma artistiċi jew letterarji, fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja, il-persuna fiżika jew legali li isimha jidher fuq dan ix-xogħol, l-ispettaklu jew il-fonogramma fil-manjiera tas-soltu, huwa d-detentur tad-dritt u konsegwentement huwa intitolat li tiftaħ proċedimenti ta’ ksur.

ARTIKOLU 10.47

Responsabbilità ta' Fornituri ta' Servizzi Intermedjarji

1. Suġġett għall-paragrafi minn 2 sa 6 kull Parti għandha tipprovdi eżenzjoni jew limitazzjoni bla ħsara għall-paragrafi minn 2 sa 6, kull Parti għandha tipprovdi eżenzjoni jew limitazzjoni fil-liġi domestika tagħha dwar ir-responsabbiltà, jew l-ambitu tar-rimedji disponibbli kontra l-fornituri tas-servizzi għall-ksur tad-dritt tal-awtur jew drittijiet relatati jew trademarks li jsiru permezz ta' sistemi jew netwerks ikkontrollati jew operati minnhom jew f'isimhom.

2. L-eżenzjonijiet jew il-limitazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) għandhom ikopru l-funzjonijiet ta':

(i) jittrasmettu,[1] jew jipprovdu aċċess għall-materjal mingħajr l-għażla u / jew il-modifika tal-kontenut tagħha[2]; u

(ii) caching imwettaq bi proċess awtomatiku[3]; u

[1] Huwa mifhum li l-funzjoni ta' trasmissjoni tinkludi l-funzjoni ta' konsenja.

[2] Huwa mifhum li l-funzjoni li tipprovdi aċċess għall-materjal mingħajr għażla u / jew modifika l-kontenut, tirreferi wkoll għal kwalunkwe mezz li jintuża għall-aċċess tan-netwerk ta' komunikazzjoni u jinkludi waqtiet fejn il-konnessjonijiet ikunu previsti fill-materjal.

[3] Huwa mifhum li l-proċess ta' caching mwettaq permezz ta' proċess awtomatiku jista' jirreferi għal ħażna intermedja u temporanja ta' materjal waqt it-trasmissjoni jew l-għoti tal-aċċess għal tali materjali.

(b) jista’ jkopri wkoll il-funzjonijiet ta’:

(i) ħażna fuq id-direzzjoni ta' utent ta' materjal li jirrisjedi f'sistema jew netwerk ikkontrollat jew operat minn jew għal fornitur tas-servizz; u

(ii) li jirreferu jew li jgħaqqdu lill-utenti f'post onlajn billi jintużaw l-għodda tal-informazzjoni tal-post, inklużi hyperlinks u direttorji.

3. L-eliġibilità għall-eżenzjonijiet jew l-limitazzjonijiet f’dan l-Artikolu ma jistgħux ikunu kkundizzjonati fuq il-fornitur tas-servizz biex jiġi monitorjat is-servizz tiegħu, jew b’mod affermattiv ifittxu l-fatti li jindikaw attività ta’ vjolazzjoni, ħlief sal-punt konsistenti ma’ tali miżuri tekniċi.

4. Kull Parti tista' tippreskrivi fil-liġi domestika tagħha, il-kundizzjonijiet għall-fornituri tas-servizzi biex jikkwalifikaw għall-eżenzjonijiet jew il-limitazzjonijiet f’dan l-Artikolu. Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, kull Parti tista' tistabbilixxi proċeduri adatti għal notifiki effikaċi ta' pretensjoni ta' ksur, u kontro-notifiki effikaċi minn dawk li l-materjal tagħhom ikun tneħħa jew ġie diżattivat minħabba żball jew identifikazzjoni żbaljata.

5. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-disponibbiltà ta’ difiżi għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati, jew marki kummerċjali, li huma ta’ applikabilità ġenerali. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-possibbiltà ta' xi Qorti jew awtorità amministrattiva, bi qbil mas-sistema legali ta' kull Parti, li jinħtieġu li l-fornitur tas-servizz jittermina jew ma jżomm ksur milli jsir.

6. Kull Parti tista’ titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra biex tikkunsidra kif għandhom jiġu indirizzati l-funzjonijiet futuri ta’ natura simili għal dawk indirizzati f’dan l-Artikolu.

TAQSIMA D

MIŻURI DWAR IL-FRUNTIERI

ARTIKOLU 10.48

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din it-Taqsima:

(a) "prodotti b'indikazzjoni ġeografika foloz" tfisser kull xorta ta' prodotti, inkluż imballaġġ, li jkun jippreżenta, mingħajr ebda awtorizzazzjoni, sinjal li huwa identiku għall-indikazzjoni ġeografika validament irreġistrata fir-rigward ta' tali prodotti fit-territorju fejn jinsabu l-prodotti, jew li ma tistax tiġi distinti fl-aspetti essenzjali tagħha minn tali indikazzjoni ġeografika u li b'hekk jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tas-sid jew tad-detentur tal-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni skont il-liġi domestika tal-Parti fejn jinsabu l-prodotti.

(b) "prodotti b'indikazzjoni ġeografika foloz" tfisser kull xorta ta' prodotti, inkluż imballaġġ, li jkun jippreżenta, mingħajr ebda awtorizzazzjoni, marka kummerċjali identika għall-marka kummerċjali validament irreġistrata fir-rigward ta' tali prodotti, jew li ma tistax tiġi distinta fl-aspetti essenzjali tagħha minn tali marka kummerċjali u li b'hekk tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tas-sid tal-marka kummerċjali inkwistjoni taħt il-liġi domestika tal-Parti fejn jinsabu l-prodotti.

(c) “prodotti fi tranżitu” tfisser prodotti li jgħaddu mit-territorju ta' Parti, sew jekk permezz ta’ trasbord u sew jekk le, sew jekk tniżżlu fuq l-art fit-territorju tal-Parti u sew jekk le, ħżin, ħatt tat-tagħbija, jew bidla fil-mezz tat-trasport jew ġarr, u li din hija biss parti mill-vjaġġ kollu li jibda u jintemm lilhinn mill-fruntieri tat-territorju tal-Parti li minnu jgħaddi t-traffiku;

(d) "oġġetti soġġetta għal dritt tal-awtur piratat" tfisser kull kopja li ssir mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-dritt jew ta' persuna debitament awtorizzata mid-detentur tad-dritt fil-pajjiż tal-produzzjoni u li jsiru direttament jew indirettament minn artiklu fejn il-kopji li jsiru jkunu jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-awtur jew dritt relatat skont il-liġi domestika tal-Parti fejn ikunu l-prodotti;

(e) “disinn ta’ oġġetti ta’ piraterija ” tfisser kwalunkwe oġġett li fir-rigward tiegħu d-disinn hu rreġistrat u li għalih dak id-disinn jew disinn li ma jkunx sostanzjalment differenti minnu jkun ġie applikat mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-dritt, jew ta’ persuna debitament awtorizzata mid-detentur tad-dritt fil-pajjiż tal-produzzjoni, fejn il-manifattura ta’ dawk l-oġġetti kienet tikkostitwixxi ksur taħt il-liġi domestika tal-Parti fejn jinsabu l-prodotti.

ARTIKOLU 10.49

Kamp ta' Applikazzjoni ta’ Miżuri tal-Fruntiera

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri fir-rigward ta’ prodotti taħt il-kontroll doganali li skonthom detentur tad-dritt jista’ jitlob lill-awtoritajiet kompetenti jissospendu r-rilaxx ta’ prodotti sospetti:

(a) b’marki kummerċjali ffalsifikati;

(b) prodotti tad-drittijiet tal-awtur piratati;

(c) prodotti ta' indikazzjoni ġeografika foloz. u

(d) prodotti tad-disinn piratati.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri fir-rigward ta’ prodotti taħt kontroll doganali, li skonthom l-awtoritajiet kompetenti tagħha jistgħu bl-inizjattiva tagħhom stess jissospendu r-rilaxx tal-prodotti sospetti[1]:

(a) b’marki kummerċjali ffalsifikati;

(b) prodotti tad-drittijiet tal-awtur piratati; u

(c) prodotti ta' indikazzjoni ġeografika foloz.

3. Il-Partijiet ma għandux ikollhom l-obbligu li jipprovdu għall-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 fir-rigward ta’ oġġetti fi tranżitu. Dan mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10.51 (Kooperazzjoni)

[1] Il-Partijiet jirrevedu l-possibbiltà li jinkludu prodotti tad-disinn piratati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu, permezz ta’ deċiżjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ, jemendaw il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, bħala riżultat ta’ din ir-reviżjoni.

4. Singapore għandu jimplimenta bis-sħiħ l-obbligi tal-paragrafi 1 u 2 idealment fi żmien sentejn iżda mhux aktar tard minn tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim fejn għandhom x'jaqsmu l-proċeduri fir-rigward ta':

(a) prodotti ta' indikazzjoni ġeografika foloz. u

(b) prodotti tad-disinn piratati.

ARTIKOLU 10.50

Identifikazzjoni tal-Konsenji:

Biex jiffaċilitaw l-infurzar effettiv tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet doganali għandhom jadottaw firxa ta' approċċi sabiex jiġu identifikati konsenji li jkollhom prodotti bil-marka kummerċjali foloz, prodotti bid-drittijiet tal-awtur piratati, prodotti tad-disinn piratati, u prodotti b'indikazzjoni ġeografika foloz. Dawn l-approċċi jinkludu tekniki tal-analiżi tar-riskju bbażati, *inter alia*, fuq informazzjoni mogħtija mid-detenturi tad-drittijiet, l-intelligence li tkun inġabret u l-ispezzjonijiet tal-oġġetti.

ARTIKOLU 10.51

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw ma' xulxin bil-ħsieb li jeliminaw kummerċ internazzjonali fi prodotti li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Għal dan il-għan, huma għandhom, b'mod partikolari, jiskambjaw l-informazzzjoni u jirranġaw għall-kooperazzjoni, biex jiġu miftiehema b'mod reċiproku bejn l-awtoritajiet doganali tagħhom, fir-rigward tal-kummerċ fi prodotti b'marka kummerċjali ffalsifikata, prodotti li jkunu jiksru d-drittijiet tal-awtur, prodotti lussużi foloz, jew prodotti b'indikazzjoni ġeografika falza.

2. Għal konsenji ta' oġġetti li jgħaddu jew jiġu trasbordati mit-territorju ta' Parti u ddestinati għal territorju tal-Parti l-oħra, li huma suspettati li hemm suspett li huma foloz jew ikkupjati, il-Partijiet għandhom, b'inizjattiva tagħhom stess jew wara talba tal-Parti l-oħra, jipprovdu informazzjoni disponibbli lill-Parti l-oħra biex jippermettu infurzar effettiv kontra dawk il-vjeġġi. Il-Partijiet ma jistgħux jipprovdu informazzjoni li kienet ippreżentata b'mod kunfidenzjali mill-ispeditur, linja tat-trasport bil-baħar jew l-aġent tagħha.

TAQSIMA E

KOOPERAZZJONI

ARTIKOLU 10.52

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bil-għan li jsostnu l-implimentazzjoni tal-impenji u l-obbligi meħuda taħt dan il-Kapitolu. L-oqsma ta' kooperazzjoni jinkludu l-attivitajiet li ġejjin, iżda mhumiex limitati għalihom biss:

(a) skambju ta' informazzjoni dwar l-oqfsa legali dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluża l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-proprjetà intellettwali u s-sistemi, maħsub biex jippromwovi r-reġistrazzjoni effiċjenti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(b) skambju, bejn l-awtoritajiet rispettivi responsabbli għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, tal-esperjenzi tagħhom flimkien mal-aħjar prattiki li jirrigwardaw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(c) skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni dwar kommunikazzjoni għall-pubbliku u inizjattivi xierqa biex jiġi promoss l-għarfien dwar il-benefiċċji tad-drittijiet u sistemi tal-proprjetà intellettwali;

(d) il-bini tal-kapaċità u l-kooperazzjoni teknika f'relazzjoni, imma mhux limitati għall-: ġestjoni, liċenzjar, valutazzjoni u sfruttament tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; teknoloġija u intelligence tas-swieq; iffaċilitar tal-kollaborazzjonijiet tal-industrija , inkluż dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jistgħu jiġu applikati lejn il-konservazzjoni ambjentali jew it-titjib li jistgħu jinkludu l-istabbiliment ta' pjattaforma jew ta' bażi tad-dejta; u sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat li jappoġġaw il-kultura u l-innovazzjoni;

(e) skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-proprjetà intellettwali, fejn xieraq u rilevanti għall-iżviluppi f'teknoloġija li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent; u

(f) xi oqsma oħra ta' kooperazzjoni jew attivitajiet li jistgħu jiġu diskussi u miftehma bejn il-Partijiet.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li jinnominaw punt ta' kuntatt bil-għan li jinżamm djalogu inkluż, fejn ikun utli, l-organizzazzjoni ta' laqgħat dwar kwistjonijiet tal-proprjetà intellettwali bejn l-esperti tekniċi rispettivi tagħhom fuq kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu.

3. Kooperazzjoni skont dan l-Artikolu għandha ssir soġġetta għal kull Parti tal-liġijiet, regoli, regolamenti, direttivi jew politiki. Il-kooperazzjoni għandha tkun ukoll skont it-termini u l-kundizzjonijiet miftehma reċiprokament u tkun soġġetta għad-disponibbiltà tar-riżorsi ta' kull Parti.

KAPITOLU ĦDAX

KOMPETIZZJONI U KWISTJONIJIET RELATATI

TAQSIMA A

ANTITRUST U FUŻJONIJIET

ARTIKOLU 11.1

Prinċipji

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Dawn jagħrfu li kondotta tan-negozju antikompetittiva u tranżazzjonijiet tan-negozju antikompetittivi għandhom il-potenzjal li jfixklu l-funzjonament xieraq tas-swieq tagħhom u b'mod ġenerali jdgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni kummerċjali.

2. Biex tippromwovi kompetizzjoni ħielsa u mingħajr xkiel fis-setturi kollha tal-ekonomija tagħha, kull Parti għandha żżomm fit-territorji rispettivi tagħha leġiżlazzjoni komprensiva li tindirizza b’mod effettiv:

(a) ftehimiet orizzontali u vertikali[1] bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijet tal-impriżi u prattiki miftiehma, li bħala skop jew effett għandhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fit-territorju ta' xi waħda mill-Partijiet kollu kemm hu jew f'parti sostanzjali minnu;

(b) abbużi minn impriża waħda jew aktar ta' pożizzjoni dominanti fit-territorju ta' xi waħda mill-Partijiet kollu kemm hu jew f'parti sostanzjali minnu; u

(c) konċentrazzjonijiet bejn impriżi li jirriżultaw fi tnaqqis sostanzjali fil-kompetizzjoni jew li jimpedixxi l-kompetizzjoni effettiva b'mod sinifikanti, b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti fit-territorju ta' xi waħda mill-Partijiet kollu kemm hu jew parti sostanzjali minnu;

li jaffettwa l-kummerċ bejniethom.

[1] Meta l-awtorità kompetenti f'Singapore tivvaluta li skont il-projbizzjoni stabbilita fit-Taqsima 34 tal-Att tal-Kompetizzjoni (il-Kapitolu 50B), l-effetti antikompetittivi ta' ftehim vertikali x'aktarx jegħlbu l-effetti prokompetittivi tagħha, l-awtorità kompetenti se tirreferi l-kwistjoni lill-Ministru. Il-Ministru għandu jiddeċiedi dwar l-applikabilità tat-Taqsima 34 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni għall-ftehim vertikali inkwistjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtorità kompetenti f'Singapore tapplika t-Taqsima 47 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, li huwa applikabbli għal ftehimiet vertikali magħmula minn kumpanija dominanti.

ARTIKOLU 11.2

L-implimentazzjoni

1. Kull Parti għandha żżomm l-awtonomija tagħha fl-iżvilupp u fl-infurzar tal-liġi tagħha. Madankollu, il-Partijiet jieħdu l-impenn li jżommu lill-awtoritajiet responsabbli u mgħammra kif għandu jkun għall-infurzar effettiv tal-leġiżlazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11.1 (Prinċipji).

2. Il-Partijiet se japplikaw il-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11.1 (Prinċipji) b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali u d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet ikkonċernati, inkluż id-dritt tal-partijiet ikkonċernati li jinstemgħu qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar il-każ.

TAQSIMA B

INTRAPRIŻI PUBBLIĊI,
INRAPRIŻI FDATI BI DRITTJIET SPEĊJALI JEW ESKLUSSIVI
U MONOPOLJI STATALI

ARTIKOLU 11.3

Impriżi Pubbliċi u Impriżi Mogħtija Drittijiet Speċjali jew Drittijiet Esklussivi

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma jżomm lil xi Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm impriża pubblika, jew impriżi fdati bi drittjiet speċjali jew esklussivi skont il-liġi rispettiva tagħha.

2. Kull Parti għandha tiżgura li impriżi pubbliċi u impriżi mogħtija drittijiet speċjali jew esklussivi jkunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni msemmija fit-Taqsima A (Antitrust u Fużjonijiet), sakemm l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma xxekkilx it-twettiq, skont il-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari mogħtija lilha.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-impriżi fdati bi drittjiet speċjali jew esklussivi ma jużawx id-drittijiet speċjali jew esklussivi tagħhom biex iwettqu, la direttament u lanqas indirettament, inkluż permezz tan-negozjar tagħhom mal-kumpaniji prinċipali, is-sussidjarji, jew impriżi oħra bi sjieda komuni, fi prattiki antikompetittivi f'suq ieħor li fir-rigward tiegħu dawn l-impriżi ma għandhom l-ebda drittijiet speċjali jew esklussivi, li jaffettwaw ħażin l-investimenti, il-kummerċ fil-prodotti jew is-servizzi tal-Parti l-oħra.

4. Singapore għandu jiżgura li kwalunkwe impriża pubblika jew kull impriża fdata bi drittjiet speċjali jew esklussivi taġixxi unikament skont konsiderazzjonijiet kummerċjali tagħha f'xiri jew bejgħ ta' oġġetti jew servizzi, bħal fir-rigward tal-prezz, il-kwalità, id-disponibiltà, kemm hu kummerċabbli, it-trasport, u termini u kundizzjonijiet oħra tax-xiri jew tal-bejgħ, u tipprovdi trattament non- diskriminatorju lill-istabbilimenti tal-Unjoni, il-prodotti tal-Unjoni, inkluż fir-rigward ta' xiri jew bejgħ, fil-każ ta' impriża bi drittijiet speċjali jew esklussivi, relatata mal-eżerċizzju ta' drittijiet speċjali jew esklussivi.

ARTIKOLU 11.4

Monopolji Statali

Filwaqt li xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jimpedixxi Parti milli tispeċifika jew iżżomm monopolji statali, kull Parti għandha taġġusta l-monopolji statali ta' karattru kummerċjali sabiex jiġi żgurat li ma ssir l-ebda diskriminazzjoni permezz ta' tali monopolji rigward il-kundizzjonijiet taħt liema l-prodotti u s-servizzi huma akkwistati minn u kkummerċjalizzati lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Parti l-oħra.

TAQSIMA C

SUSSIDJI

ARTIKOLU 11.5

Definizzjoni u Kamp ta' Applikazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, sussidju huwa miżura li tissodisfa *mutatis mutandis* il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.1 tal-Ftehim SCM, irrispettivament minn jekk is-sussidju jingħatax b'rabta mal-produzzjoni ta' prodotti jew ta' servizzi[1].

[1] Dan il-paragrafu ma jippreġudikax ir-riżultat ta' diskussjonijiet futuri fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar id-definizzjoni ta' sussidji għas-servizzi. Il-Partijiet għandhom jagħtu konsiderazzjoni pożittiva għall-adozzjoni ta' deċiżjoni possibbli mill-Kumitat għall-Kummerċ biex taġġorna dan il-Ftehim biex ikun jirrifletti l-ftehim milħuq fil-WTO dwar id-definizzjoni ta' sussidji għas-servizzi.

2. Sussidju għandu jkun soġġett għal dan il-Kapitolu biss jekk ikun speċifiku fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Ftehim SCM. Sussidji li jaqgħu taħt l-Artikolu 11.7 (Sussidji Projbiti) għandhom jitqiesu li huma speċifiċi.

3. L-Artikoli 11.7 (Sussidji Projbiti), 11.8 (Sussidji Oħra) u 11.10 (Klawżola ta' Eżami) u l-Anness 11-A ma għandhomx japplikaw għal sussidji għas-sajd, sussidji relatati ma' prodotti koperti mill-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura u sussidji oħra koperti mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

ARTIKOLU 11.6

Ir-relazzjoni mad-WTO

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi ta' Parti, taħt il-Ftehim tad-WTO, b'mod partikolari biex tapplika rimedji kummerċjali jew tidħol fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim jew azzjoni oħra xierqa kontra sussidju mogħti mill-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 11.7

Sussidji Projbiti

1. Fir-rigward tas-sussidji marbuta mal-kummerċ ta' prodotti, il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 3 tal-Ftehim SCM, li huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Is-sussidji li ġejjin relatati mal-kummerċ ta' prodotti u servizzi għandhom ikunu pprojbiti:

(a) Kull arranġament legali li bih gvern jew xi korp pubbliku jkun responsabbli sabiex ikopri d-djun jew obbligazzjonijiet ta' ċerti impriżi mingħajr ebda limitu, skont il-liġi jew fil-fatt, dwar l-ammont ta' dawk id-djun u l-obbligazzjonijiet jew it-tul ta' żmien ta' tali responsabbiltà; u

(b) appoġġ lil impriżi insolventi jew f'diffikultà f'kull forma (bħal self u garanziji, għotjiet ta' flus kontanti, injezzjonijiet ta' kapital, provvediment ta' assi taħt il-prezzijiet tas-suq jew eżenzjonijiet mit-taxxa), mingħajr pjan ta' ristrutturar kredibbli msejjes fuq suppożizzjonijiet realistiċi sabiex ikun assigurat li l-impriża f'diffikultà terġa' lura fi żmien raġonevoli għal vijabilità fuq perjodu fit-tul u mingħajr ma l-impriża tikkontribwixxi hija stess b'mod sinifikanti għall-ispejjeż tar-ristrutturar,[1]

sakemm il-Parti li tagħti s-sussidju b'talba tal-Parti l-oħra turi li s-sussidju inkwistjoni ma jaffettwax il-kummerċ tal-Parti l-oħra u lanqas hu probabbli li jaffettwah.

3. Is-subparagrafi 2(a) u 2(b) ma jwaqqfu lill-ebda Parti milli tipprovdi sussidji li jingħataw sabiex jirrimedjaw għal disturb serju fl-ekonomija tagħha. Disturb serju fl-ekonomija ta' Parti tfisser kriżi eċċezzjonali, temporanja u sinifikanti li taffettwa l-ekonomija kollha tal-Parti aktar milli xi reġjun speċifiku jew settur ekonomiku ta' Parti.

4. Dan is-subparagrafu 2(b) ma japplikax għal sussidji mogħtija bħala kumpens għat-twettiq ta' obbligi u sussidji tas-servizz pubbliku lill-industrija tal-faħam.

[1] Dan ma jwaqqafx lill-Partijiet milli jipprovdu appoġġ temporanju ta' likwidità fil-forma ta' garanziji fuq is-self jew self limitat għall-ammont meħtieġ sempliċement sabiex impriża f'diffikultà tinżamm fin-negozju għall-perjodu neċessarju sabiex taħdem pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni.

ARTIKOLU 11.8

Sussidji Oħra

1. Il-Partijiet jaqblu li jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jirrimedjaw jew ineħħu permezz tal-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom dwar il-kompetizzjoni jew inkella, distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata minn sussidji speċifiċi oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ f'oġġetti u servizzi li mhumiex koperti mill-Artikolu 11.7 (Sussidji Projbiti), sa fejn jaffettwaw jew x'aktarx li jaffettwaw il-kummerċ ta' waħda mill-Partijiet, u sabiex jevitaw sitwazzjonijiet bħal dawn. L-Anness 11-A fih gwida b'mod partikolari dwar it-tipi ta' sussidji li ma jipproduċux dawn l-effetti.

2. Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw informazzjoni meta jintalbu minn xi Parti, u li jkollhom l-ewwel djalogu fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim bil-għan li jiġu żviluppati r-regoli applikabbli għal sussidji oħra, billi jikkunsidraw l-iżviluppi fil-livell multilaterali. Għal dan il-għan, il-Partijiet jistgħu jieħdu deċiżjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ.

ARTIKOLU 11.9

It-Trasparenza

1. Kull Parti għandha tiżgura t-trasparenza fil-qasam tas-sussidji relatata mal-kummerċ fi prodotti u l-forniment ta' servizzi. Għal dan il-għan, kull Parti għandha tirrapporta kull sentejn lill-Parti l-oħra dwar il-bażi legali, il-forma, u sa fejn ikun possibbli, l-ammont jew il-baġit, u r-riċevitur ta' sussidji mogħtija mill-gvern tiegħu jew kwalunkwe korp pubbliku.

2. Tali rapport għandu jitqies li ġie pprovdut jekk l-informazzjoni relevanti ssir disponibbli mill-Partijiet jew f'isimhom fuq websajt aċċessibbli pubblikament, sa Ġunju tat-tieni sena kalendarja wara li ngħataw is-sussidji.

ARTIKOLU 11.10

Klawsola ta' reviżjoni

Il-Partijiet għandhom iżommu taħt eżami kontinwu l-kwistjonijiet li saret referenza għalihom f'din it-Taqsima. Kull Parti tista' tirreferi tali kwistjonijiet lill-Kumitat għall-Kummerċ. Il-Partijiet jaqblu li jivvalutaw il-progress fl-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima kull sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm iż-żewġ Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

TAQSIMA D

KWISTJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 11.11

Kooperazzjoni u Koordinazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni sabiex l-infurzar effettiv tal-liġi jissaħħaħ aktar. L-awtoritajiet rispettivi tagħhom għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkoordinaw u jikkooperaw fl-infurzar tal-liġijiet rispettivi tagħhom sabiex iwettqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim ta' kompetizzjoni ħielsa u bla xkiel fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom.

ARTIKOLU 11.12

Il-kunfidenzjalità

1. Meta Parti tikkomunika l-informazzjoni skont dan il-Ftehim, il-Parti għandha tiżgura l-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra.

2. Meta Parti tikkomunika informazzjoni kunfidenzjali skont dan il-Ftehim, il-Parti riċevitriċi għandha, f'konsistenza mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, iżżomm l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kkomunikata.

ARTIKOLU 11.13

Il-konsultazzjoni

1. Il-ħidma favur il-komprensjoni reċiproka bejn il-Partijiet jew biex tindirizza kwistjonijiet speċifiċi li jinqalgħu taħt it-Taqsima A (Antitrust u Amalgamazzjonijiet), it-Taqsima B (Impriżi Pubbliċi, Impriżi Fdati bi Drittjiet Speċjali jew Esklussivi u l-Monopolji Statali) jew taqsima D (Kwistjonijiet Ġenerali), kull Parti għandha, meta tintalab mill-Parti l-oħra, tidħol f'konsultazzjonijiet dwar ir-rappreżentazzjonijiet magħmula mill-Parti l-oħra. Fit-talbiet tagħha, il-Parti l-oħra għandha tindika, jekk ikun relevanti, kif il-kwistjoni taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu minnufih, b'talba ta' xi Parti, kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tat-Taqsima A (Antitrust u Amalgamazzjonijiet), it-Taqsima B (Impriżi Pubbliċi, Impriżi Fdati bi Drittjiet Speċjali jew Esklussivi u l-Monopolji Statali) jew Taqsima D (Kwistjonijiet Ġenerali).

3. Sabiex jiffaċilitaw id-diskussjoni tal-kwistjoni li tkun is-suġġett tal-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tfittex li tipprovdi informazzjoni relevanti mhux kunfidenzjali lill-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 11.14

Soluzzjoni tat-Tilwim u Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni

L-ebda parti ma tista' tirrikorri għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni tat-Tilwim) u Kapitolu Ħmistax (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni) għal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' f'dan il-Kapitolu ħlief għall-Artikolu 11.7 (Sussidji Projbiti).

KAPITOLU TNAX

IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

ARTIKOLU 12.1

Kuntest u Għanijiet

1. Il-Partijiet ifakkru l-Aġenda 21 tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992, il-Preambolu tal-Ftehim tad-WTO, d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Singapore tad-WTO tal-1996, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002, id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU dwar il-Ġenerazzjoni ta' Impjieg Sħiħ u Produttiv u Xogħol Diċenti għal kulħadd tal-2006, u l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"ILO") d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008. Fid-dawl ta' dawn l-istrumenti, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-kummerċ internazzjonali u l-kummerċ bilaterali u r-relazzjoni ekonomika tagħhom b'tali mod li jingħata kontribut lejn żvilupp sostenibbli.

2. Il-Partijiet jagħrfu li l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent huma komponenti interdipendenti u ta' tisħiħ reċiproku tal-iżvilupp sostenibbli. Huma jissottolinjaw il-benefiċċju tal-kooperazzjoni fi kwistjonijiet soċjali u ambjentali relatati mal-kummerċ bħala parti minn approċċ globali għall-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

3. Il-Partijiet jagħrfu li mhuwiex xieraq li tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investiment billi ddgħajjef jew tnaqqas il-protezzjonijiet mogħtija fil-liġijiet domestiċi tax-xogħol u l-ambjent. Fl-istess ħin, il-Partijiet jisħqu li l-istandards ambjentali u tax-xogħol jinħtieġ li ma jintużawx għal skopijiet ta' kummerċ protezzjonist.

4. Il-Partijiet jagħrfu li huwa l-għan tagħhom li jsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u l-kooperazzjoni ta' bejniethom b'modi li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fil-kuntest tal-paragrafi 1 u 2. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull Parti, mhix l-intenzjoni tagħhom li jarmonizzaw l-istandards tax-xogħol jew ambjentali tal-Partijiet.

ARTIKOLU 12.2

Dritt ta' Regolazzjoni u Livelli ta' Protezzjoni

1. Il-Partijiet jagħrfu d-dritt ta' kull Parti li tistabbilixxi livelli ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol, u li tadotta jew timmodifika kif xieraq il-liġijiet u l-politiki relevanti tagħha, konsistenti mal-prinċipji ta' standards jew ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment, li hija parti fihom, imsemmija fl-Artikoli 12.3 (Standards u Ftehimiet Multilaterali dwar ix-Xogħol) u 12.6 (Standards u Ftehimiet Ambjentali Multilaterali).

2. Il-Partijiet għandhom ikomplu jtejbu dawn il-liġijiet u l-politiki, u jagħmlu ħilithom biex jipprovdu u jinkoraġġixxu livelli għoljin ta' ħarsien ambjentali u tax-xogħol.

TAQSIMA B

IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI – ASPETTI TAX-XOGĦOL[1]

ARTIKOLU 12.3

Standards u Ftehimiet Internazzjonali dwar ix-Xogħol

1. Il-Partijiet jagħrfu l-valur tal-kooperazzjoni u l-ftehimiet internazzjonali dwar l-impjiegi u l-affarijiet tax-xogħol bħala risposta tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u l-opportunitajiet ekonomiċi, tax-xogħol u soċjali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni. Huma jintrabtu li jikkonsultaw u li jikkooperaw kif meħtieġ dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku relatati max-xogħol u l-impjiegi b'rabta mal-kummerċ.

[1] Meta f'dan il-Kapitolu ssir referenza għax-xogħol, din tinkludi l-kwistjonijiet kollha rilevanti għall-Aġenda dwar ix-Xogħol Diċenti kif miftehma fl-ILO u fid-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU dwar il-Ġenerazzjoni ta' Impjiegi Sħaħ u Produttivi u Xogħol Diċenti għal Kulħadd tal-2006

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom, skont id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU dwar il-Ġenerazzjoni ta' Impjiegi Sħaħ u Produttivi u Xogħol Diċenti għal Kulħadd tal-2006, sabiex jagħrfu impjieg sħiħ u produttiv u xogħol diċenti għal kulħadd, bħala element ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli għall-pajjiżi kollha u bħala għan prijoritarju tal-kooperazzjoni internazzjonali. Il-Partijiet jieħdu l-impenn li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ b'mod li jkun iwassal għal impjiegi sħaħ u produttivi u xogħol diċenti għal kulħadd.

3. F'konformità mal-obbligi assunti taħt l-ILO u f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol u s-Segwitu Tagħha, li ġiet adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha fl-1998, il-Partijiet jintrabtu li jirrispettaw, jippromwovu u jimplimentaw b'mod effettiv il-prinċipji li jirrigwardaw id-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, jiġifieri:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju;

(c) l-abolizzjoni effettiva tax-xogħol mit-tfal; u

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u dik professjonali;

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jimplimentaw b’mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO li Singapore u l-Istati Membri tal-Unjoni rratifikaw rispettivament.

4. Il-Partijiet jagħmlu sforzi kontinwi u sostnuti sabiex jirratifikaw u jimplimentaw b'mod effettiv il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, u se jiskambjaw informazzjoni f'dan ir-rigward. Il-Partijiet jikkunsidraw ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva ta' konvenzjonijiet oħra tal-ILO, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi domestiċi. Il-Partijiet jiskambjaw l-informazzjoni f'dan ir-rigward.

5. Il-Partijiet jagħrfu li l-ksur tal-prinċipji u d-drittijiet fuq ix-xogħol ma jistax jiġi invokat jew inkella użat bħala vantaġġ kumparattiv leġittimu.

ARTIKOLU 12.4

Kooperazzjoni tax-Xogħol fil-Kuntest tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza li jaħdmu flimkien fuq aspetti relatati -mal-kummerċ ta' politiki tax-xogħol sabiex jilħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu jibdew attivitajiet kooperattivi ta' benefiċċju reċiproku f'oqsma li jinkludu iżda li mhux limitati għal:

(a) kooperazzjoni fil-*fora* internazzjonali li jindirizzaw aspetti tax-xogħol tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, inklużi, imma mhux limitati għall-ILO u l-Laqgħa Asja-Ewropa;

(b) skambju ta' informazzjoni u kondiviżjoni ta' prattiki tajbin f'oqsma bħalma huma l-liġijiet u l-prattiki tax-xogħol, sistemi ta' konformità u infurzar, ġestjoni ta' tilwim fix-xogħol, konsultazzjoni dwar ix-xogħol, kooperazzjoni fil-ġestjoni tax-xogħol u s-sigurtà u s-saħħa fil-post tax-xogħol;

(c) skambju ta’ opinjonijiet dwar l-impatti pożittivi u negattivi ta’ dan il-Ftehim dwar l-aspetti tax-xogħol tal-iżvilupp sostenibbli u modi kif dawn jistgħu jitjiebu, jiġu evitati jew jitnaqqsu, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-valutazzjonijiet tal-impatt tas-sostenibbiltà mwettqa minn waħda mill-Partijiet jew mit-tnejn li huma;

(d) skambju ta’ fehmiet dwar il-promozzjoni tar-ratifika ta’ Konvenzjonijiet tal-ILO fundamentali u konvenzjonijiet oħra ta’ interess reċiproku, kif ukoll fuq l-implimentazzjoni effettiva ta’ konvenzjonijiet irratifikati;

(e) kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO, inkluż dwar ir-rabtiet il-kummerċ u l-impjieg sħiħ u produttiv, l-aġġustament tas-suq tax-xogħol, standards fundamentali tax-xogħol, statistika tax-xogħol, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u t-tagħlim tul il-ħajja, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi; u

(f) skambju ta’ opinjonijiet dwar l-impatt fuq il-kummerċ ta’ regolamenti, normi u standards tax-xogħol;

ARTIKOLU 12.5

Informazzjoni Xjentifika

Kull Parti għandha, meta tipprepara u timplimenta miżuri mmirati sabiex is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol li jistgħu jolqtu l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet, tikkunsidra informazzjoni xjentifika u teknika u standards, linji gwida jew rakkommandazzjonijiet relatati relevanti, jekk jeżistu, fosthom il-prinċipju ta’ prekawzjoni kif asserit f’tali standards, linji gwida jew rakkommandazzjonijiet internazzjonali.

TAQSIMA C

IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI –
ASPETTI AMBJENTALI

ARTIKOLU 12.6

Standards u Ftehimiet Multilaterali dwar ix-Xogħol

1. Il-Partijiet jagħrfu l-valur tal-governanza u l-ftehimiet internazzjonali dwar l-ambjent bħala risposta mill-komunità internazzjonali għall-problemi ambjentali globali jew reġjonali u jisħqu fuq il-ħtieġa li jitjieb l-appoġġ reċiproku bejn il-kummerċ u l-politiki, regoli u miżuri ambjentali. F'dan il-kuntest, huma se jikkonsultaw u jikkooperaw kif meħtieġ fir-rigward ta' negozjati dwar kwistjonijiet ambjentali ta' interess reċiproku relatati mal-kummerċ.

2. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw b'mod effettiv fil-liġijiet rispettivi tagħhom, regolamenti jew miżuri u prattiki oħra fit-territorji tagħhom, ftehimiet ambjentali multilaterali li huma parti minnhom[1].

3. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jilħqu l-mira finali tal-Konvenzjoni Qafas dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU (minn hawn 'il quddiem "UNFCCC"), u tal-Protokoll ta' Kjoto tagħha b'mod konsistenti mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tal-UNFCCC. Huma jieħdu l-impenn li jaħdmu flimkien sabiex isaħħu r-reġim multilaterali bbażat- fuq regoli taħt il-bini tal-UNFCCC fuq deċiżjonijiet miftiehma tal-UNFCCC, u li jsostnu l-isforzi għall-iżvilupp ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima wara l-2020 skont l-UNFCCC applikabbli għall-partijiet kollha.

[1] Il-ftehimiet ambjentali multilaterali msemmija għandhom jinkludu dawk il-Protokolli, l-emendi, l-Annessi u aġġustamenti vinkolanti fuq il-Partijiet.

4. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jwaqqaf lil xi Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri immirati għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali multilaterali li huma parti minnhom, sakemm dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn il-Partijiet jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

ARTIKOLU 12.7

Kummerċ fl-Injam u l-Prodotti tal-Injam

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-konservazzjoni globali u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Għal dan il-għan, il-Partijiet jieħdu l-impenn li:

(a) jiskambjaw informazzjoni dwar approċċi biex jitħeġġeġ il-kummerċ u l-konsum ta' injam u prodotti tal-injam minn foresti mmexxija b'mod legali u sostenibbli, u biex jippromwovu s-sensibilizzazzjoni ta' strateġiji bħal dawn;

(b) jippromwovu l-infurzar u l-governanza globali tal-liġi tal-foresti u l-governanza u jindirizzaw il-kummerċ f'injam u prodotti tal-injam maqtugħ b'mod illegali permezz, pereżempju, il-promozzjoni tal-użu ta' injam u prodotti tal-injam minn foresti mmexxija b'mod legali u sostenibbli, inkluż permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni u verifika;

(c) jikkooperaw biex jippromwovu l-effikaċja ta' miżuri jew politiki maħsuba biex jindirizzaw il-kummerċ f'injam u prodotti tal-injam maħsud b'mod illegali; u

(d) jippromwovu l-użu effettiv tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċijiet Ipperikolati ta' Fawna u Flora Selvaġġi (CITES) rigward l-ispeċijiet tal-injam li l-istatus tal-konservazzjoni tagħhom huwa meqjus f'riskju.

ARTIKOLU 12.8

Kummerċ fil-Prodotti tal-Ħut

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza li tkun żgurata l-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut b'mod sostenibbli. Għal dan il-għan, il-Partijiet jieħdu l-impenn li:

(a) jikkonformaw ma' miżuri ta' konservazzjoni fit-tul u l-isfruttar sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut kif definit fl-istrumenti internazzjonali ratifikat mill-Partijiet rispettivi u jirrispettaw il-prinċipji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (minn hawn 'il quddiem il-"FAO") u strumenti rilevanti tan-NU relatati ma' dawn il-kwistjonijiet;

(b) jintroduċu u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu kontra sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (minn hawn 'il quddiem "IUU"), fosthom li jikkooperaw ma' Organizzazzjonijiet mill-Ġestjonijiet tas-Sajd Reġjonali u l-implimentazzjoni tal-Iskemi ta' Dokumentazzjoni jew Ċertifikazzjoni tal-Qbid tagħhom għall-esportazzjoni tal-ħut u prodotti tal-ħut meta jkun meħtieġ. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw ukoll il-prevenzjoni ta' prodotti IUU minn flussi tal-kummerċ u l-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet IUU;

(c) jadottaw miżuri ta' monitoraġġ u kontroll effettivi biex jiżguraw il-konformità ma' miżuri ta' konservazzjoni, bħal Miżuri tal-Istat tal-Port xierqa; u

(d) jikkonfermaw il-prinċipji tal-Ftehim li jippromwovi l-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni mill-Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa, tal-FAO u r-rispett għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port bil-għan li Jipprevjenu, Jikkumbattu u Jeliminaw is-Sajd IUU, tal-FAO

ARTIKOLU 12.9

Informazzjoni Xjentifika

Kull Parti għandha, meta tipprepara u timplimenta miżuri mmirati lejn il-protezzjoni ambjentali li tista' tolqot il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet, tqis evidenza xjentifika u standards internazzjonali rilevanti, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet, jekk dawn ikunu jeżistu, u l-prinċipju ta' prekawzjoni kif xieraq.

ARTIKOLU 12.10

Kooperazzjoni f'Aspetti Ambjentali
fil-Kuntest tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza li jaħdmu flimkien fuq aspetti relatati mal-kummerċ ta' politiki ambjentali sabiex jilħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu jibdew attivitajiet kooperattivi ta' benefiċċju reċiproku f'oqsma li jinkludu iżda li mhux limitati għal:

(a) skambju ta' opinjonijiet dwar l-impatti pożittivi u negattivi ta' dan il-Ftehim dwar l-aspetti ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli u modi kif dawn jistgħu jitjiebu, jiġu evitati jew jitnaqqsu, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-valutazzjonijiet tal-impatt tas-sostenibbiltà mwettqa minn waħda mill-Partijiet jew mit-tnejn li huma;

(b) kooperazzjoni fil-*fora* internazzjonali responsabbli li jindirizzaw l-aspetti ambjentali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż b'mod partikolari fid-WTO, bil-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti u permezz ta ftehimiet ambjentali multilaterali;

(c) kooperazzjoni bil-għan li tiġi promossa r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet ambjentali multilaterali b'relevanza għall-kummerċ;

(d) skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fuq ċertifikazzjoni privata u pubblika u skemi ta' tikkettar inkluż l-ekotikkettar, u l-akkwist pubbliku ekoloġiku;

(e) skambju ta' opinjonijiet dwar l-impatt fuq il-kummerċ ta' regolamenti, normi u standards ambjentali;

(f) kooperazzjoni f'aspetti relatati mar-reġim internazzjonali attwali u futur dwar il-bidla fil-klima, inklużi modi kif jiġu indirizzati l-effetti negattivi tal-kummerċ fuq il-klima, kif ukoll mezzi għall-promozzjoni ta' teknoloġiji b'karbonju baxx u l-effiċjenza tal-enerġija;

(g) kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-kummerċ ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, inkluża l-kooperazzjoni doganali;

(h) ġestjoni sostenibbli tal-foresti biex tinkoraġġixxi miżuri effettivi għal ċertifikazzjoni ta' injam prodott b'mod sostenibbli;

(i) skambju ta' opinjonijiet dwar ir-relazzjoni bejn il-ftehimiet ambjentali multilaterali u r-regoli internazzjonali tal-kummerċ;

(j) skambju ta' opinjonijiet dwar il-liberalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi ambjentali; u

(k) skambju ta' fehmiet dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar.

TAQSIMA D

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 12.11

Kummerċ u Investiment li Jippromwovu Żvilupp sostenibbli

1. Il-Partijiet jieħdu l-impenn li jibqgħu jagħmlu sforzi speċjali biex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ u l-investiment fi prodotti u servizzi ambjentali, anki billi jiġu indirizzati l-ostakli mhux tariffarji relatati. Il-Partijiet jagħrfu wkoll l-utilità tal-isforzi li jippromwovu l-kummerċ fi prodotti li huma s-suġġett ta' skemi tal-assigurazzjoni sostenibbli volontarji jew l-iżvilupp sostenibbli skemi ta' assigurazzjoni privati bħalma huma l-eko-tikkettjar, jew l-kummerċ ġust u etiku.

2. Il-Partijiet għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-faċilitazzjoni tat-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ jew l-investiment fir-rigward ta' prodotti u servizzi favur il-klima, bħall-prodotti tal-enerġija rinnovabbli sostenibbli u u servizzi relatati u prodotti u servizzi effiċjenti fl-enerġija, fosthom permezz tal-adozzjoni ta' oqfsa ta' politika li jwasslu għall-użu tal-aqwa teknoloġiji disponibbli u permezz tal-promozzjoni ta' standards li jirrispondu għall-ħtiġijiet ambjentali u ekonomiċi u jimminimizzaw l-ostakli tekniċi għall-kummerċ;

3. Il-Partijiet jagħrfu l-bżonn li jiġi żgurat li, meta jkunu qed jiġu żviluppati sistemi ta' appoġġ pubbliku għal karburanti fossili, jiġi kkunsidrat b'mod xieraq il-bżonn li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li jiġi limitat ix-xkiel fil-kummerċ kemm jista' jkun. Filwaqt li s-subparagrafu (2)(b) tal-Artikolu 11.7 (Sussidji Projbiti) ma japplikax għal sussidji lill-industrija tal-faħam, il-Partijiet għandhom l-għan komuni li jnaqqsu progressivament is-sussidji għall-karburanti fossili. Tnaqqis bħal dan jista' jkun akkumpanjat minn miżuri li jtaffu l-konsegwenzi soċjali assoċjati mat-tranżizzjoni għal karburanti b'livell baxx ta' karbonju. Barra minn hekk, iż-żewġ Partijiet se jippromwovu attivament l-iżvilupp ta' ekonomija -b'livell baxx ta' karbonju, sostenibbli u sigura, bħall-investiment fl-enerġiji rinnovabbli u s-soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija.

4. Fil-promozzjoni tal-kummerċ u l-investiment, il-Partijiet jinħtieġ li jagħmlu sforzi speċjali biex jippromwovu prattiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva li huma adottati fuq bażi volontarja. F'dan ir-rigward, kull Parti għandha tirreferi għal prinċipji, standards jew linji gwida relevanti aċċettati internazzjonalment li tkun qablet fuqhom jew daħlet għalihom, bħalma huma l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Linji Gwida għall-Iżvilupp ta' Impriżi Multinazzjonali, il-Patt Globali tan-NU, u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar l-Impriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali. Il-Partijiet jintrabtu li jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw dwar il-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva.

ARTIKOLU 12.12

Iż-Żamma tal-Livelli ta' Protezzjoni

1. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew inkella tidderoga, jew toffri li tirrinunzja jew li inkella tidderoga mil-liġijiet ambjentali u tax-xogħol tagħha, b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Parti ma għandhiex tonqos milli tinforza l-liġijiet ambjentali u tax-xogħol tagħha, permezz ta' kors ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni rikorrenti, b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 12.13

It-Trasparenza

Kull Parti għandha tiżgura li tiġi żviluppata xi miżura ta' applikazzjoni ġenerali li għandha l-għan li tħares il-kundizzjonijiet ambjentali jew tax-xogħol li jistgħu jolqtu l-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet, tkun introdotta u amministrata b'mod trasparenti u b'avviż xieraq u fejn jingħataw opportunitajiet għal persuni interessati biex jippreżentaw il-fehmiet tagħhom, skont il-liġi domestika u l-Kapitolu Tlettax (Trasparenza).

ARTIKOLU 12.14

Reviżjoni tal-Impatt fuq l-Iżvilupp Sostenibbli

1. Kull Parti timpenja ruħha li tissorvelja, tevalwa u tirrevedi l-impatt tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim fuq l-iżvilupp sostenibbli, b'mod konġunt jew b'mod indipendenti, permezz tal-proċessi u l-istituzzjonijiet parteċipattivi rilevanti tagħha, skont IL-prattiki eżistenti tagħha.

2. Il-Partijiet jiskambjaw opinjonijiet dwar metodoloġiji u indikaturi għall-valutazzjonijiet tal-impatt tas-sostenibbiltà tal-kummerċ.

ARTIKOLU 12.15

Twaqqif Istituzzjonali u Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ

1. Kull Parti għandha taħtar uffiċċju fl-amministrazzjoni tagħha li jservi bħala punt ta' kuntatt mal-Parti l-oħra għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu Bord dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem il-"Bord"). Il-Bord għandu jinkludi uffiċjali mlaħħqin mill-amministrazzjoni ta' kull Parti.

3. Il-Bord għandu jiltaqa' fl-ewwel sentejn wara d-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, u suċċessivament skont il-ħtieġa, sabiex jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

4. Kull laqgħa tal-Bord għandha tinkludi sessjoni pubblika mal-partijiet interessati biex jiskambjaw fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Il-Partijiet għandhom jippromwovu rappreżentanza bilanċjata tal-interessi rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi indipendenti ta' dawk li jħaddmu, il-ħaddiema, l-interessi ambjentali u gruppi tan-negozju, kif ukoll partijiet interessati relevanti oħrajn kif xieraq.

5. Kull Parti għanduhatistabbilixxi mekkaniżmi konsultattivi ġodda jew tagħmel użu minn dawk eżistenti biex tieħu parir mingħand partijiet interessati domestiċi rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, bħall-gruppi konsultattivi domestiċi. Tali mekkaniżmi għandhom jinkludu rappreżentanza bilanċjata indipendenti ta' partijiet interessati ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Dawn il-partijiet interessati jinkludu min iħaddem u organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, u organizzazzjonijiet mhux governattivi. Dawn il-partijiet interessati jistgħu, b'inizjattiva tagħhom stess, jibagħtu ideat jew rakkomandazzjonijiet lill-partijiet rispettivi tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 12.16

Konsultazzjonijiet tal-Gvernijiet

1. Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim fuq kwalunkwe kwistjoni li tinqala' f'dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandu jkollhom rikors biss għall-proċeduri previsti fl-Artikolu 12.16 (Konsultazzjonijiet Governattivi) u l-Artikolu 12.17 (Bord ta' Esperti). Il-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni tat-Tilwim) u l-Kapitolu Ħmistax (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni) ma japplikawx għal dan il-Kapitolu.

2. Fil-każ ta' xi nuqqas ta' ftehim imsemmi fil-paragrafu 1, Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. Il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew minnufih wara li Parti tibgħat talba għall-konsultazzjonijiet.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jaslu għal soluzzjoni tal-kwistjoni li tissodisfa liż-żewġ naħat. Il-Partijiet għandhom iqisu l-attivitajiet tal-ILO jew ta' organizzazzjonijiet jew korpi ambjentali multilaterali relevanti ħalli jippromwovu kooperazzjoni u koerenza akbar bejn il-ħidma tal-Partijiet u dawn l-organizzazzjonijiet. Fejn rilevanti l-Partijiet jistgħu, suġġett għal ftehim reċiproku, jfittxu l-opinjonijiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet jew korpi, jew ta' kull persuna jew korp huma jikkunsidraw xierqa sabiex jeżaminaw il-kwistjoni b'mod komplet.

4. Jekk Parti tħoss li l-kwistjoni tkun teħtieġ aktar diskussjoni, dik il-Parti tista' titlob li tlaqqa' l-Bord sabiex jikkunsidra l-kwistjoni billi jibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. Il-Bord għandu jiltaqa' mingħajr dewmien u jfittex li jaqbel fuq soluzzjoni tal-kwistjoni.

5. Fejn xieraq, il-Bord jista' jikkonsulta mal-partijiet interessati rilevanti.

6. Kull riżoluzzjoni li jilħaq il-Bord dwar il-kwistjoni għandha ssiru pubblika sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor.

ARTIKOLU 12.17

Bord ta' Esperti

1. Għal kull kwistjoni li ma tkunx ġiet indirizzata b'mod sodisfaċenti mill-Bord fi żmien 120 ġurnata mit-talba biex jiltaqa' l-Bord biex jikkunsidra l-kwistjoni skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 12.16 (Konsultazzjonijiet Governattivi), jew perjodu itwal kif miftiehem miż-żewġ Partijiet, Parti tista' titlob, billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra, li jiġi stabbilit Bord ta' Esperti biex jeżamina dik il-kwistjoni.

2. Fl-ewwel laqgħa tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Bord għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tal-Grupp ta' Esperti, b'referenza mir-Regoli tal-Proċedura rilevanti fl-Anness 14-A. Il-prinċipji fl-Anness 14-B japplikaw għal dan l-Artikolu.

3. Fl-ewwel laqgħa tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Bord għandu jistabbilixxi lista ta' mill-inqas tnax-il individwu li huma lesti u kapaċi biex jaqdu rwol fil-Grupp tal-Esperti. Din il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: sublista waħda għal kull Parti u sublista ta' individwi li mhumiex ċittadini tal-ebda Parti biex jaġixxu bħala Presidenti tal-Grupp ta' Esperti. Kull Parti għandha tipproponi mill-anqas erba' individwi biex iservu bħala esperti fis-sublista tagħha stess. Kull Parti għandha tipproponi wkoll mill-anqas żewġ individwi sabiex iservu, fuq ftehim bejn iż-żewġ partijiet, fuq is-sublista ta' Presidenti. Fil-laqgħat tiegħu, il-Bord jirrevedi l-lista u jiżgura li din tinżamm għal tal-anqas f'dan il-livell.

4. Il-lista msemmija fil-paragrafu 3 għandha tinkludi individwi b'għarfien speċjalizzat jew għarfien espert fil-kwistjonijiet indirizzati f'dan il-Kapitolu, fil-liġi tax-xogħol jew ambjentali jew fis-soluzzjoni ta' tilwimiet li jqumu taħt ftehimiet internazzjonali. Huma għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdu l-ebda struzzjonijiet mingħand xi organizzazzjoni jew gvern fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-kwistjoni, u lanqas ma għandhom ikunu affiljati mal-gvern ta' Singapore, ma' xi Stat Membru tal-Unjoni jew mal-Unjoni.

5. Grupp ta’ Esperti għandu jkun magħmul minn tliet membri, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Fi żmien tletin jum mid-data tal-wasla għand il-Parti rispondenti tat-talba għat-twaqqif tal-Grupp tal-Esperti, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tiegħu. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq il-kompożizzjoni tal-Grupp ta' Esperti f'dan il-limitu ta' żmien, huma għandhom jagħżlu president mis-sublista relevanti msemmija fil-paragrafu 3, bi ftehim reċiproku jew, f'każ li ma jaslux għal qbil fi żmien sebat ijiem oħra, bil-polza. Kull Parti tagħżel espert wieħed li jikkonforma mar-rekwiżiti fil-paragrafu 4 fi żmien erbatax-il jum wara tmiem it-30 jum. Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu fuq kwalunkwe espert ieħor konformi mar-rekwiżiti skont il-paragrafu 4 biex iservi fuq il-Bord tal-Esperti. Jekk il-kompożizzjoni tal-Grupp tal-Esperti ma tkunx tlestiet f'dan il-perjodu ta' żmien ta' erbgħa u erbgħin jum mid-data tal-wasla għand il-Parti rispondenti tat-talba għat-twaqqif ta' Grupp tal-Esperti, l-espert(i) li jkun fadal għandhom jintgħażlu bil-polza mis-sottolista(i) msemmija fil-paragrafu 3 fi żmien sebat ijiem minn fost l-individwi proposti mill-Parti jew Partijiet li jkun lesta jew ikunu lestew il-proċedura. Jekk tali lista ma tkunx għadha ġiet stabbilita, l-esperti għandhom jintgħażlu bil-polza mill-individwi li jkunu ġew formalment proposti minn parti waħda jew mit-tnejn li huma. Id-data meta jitwaqqaf il-bord tal-Esperti għandha tkun id-data meta jintgħażlu t-tliet esperti.

6. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, fi żmien sebat ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord tal-esperti, it-termini ta’ referenza tal-bord tal-arbitraġġ għandhom ikunu:

“biex jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, il-kwistjoni msemmija fit-talba għall-istabbiliment tal-Bord tal-esperti, u biex joħroġ rapport, skont il-paragrafu 8 tal-Artikolu 12.17 (Bord ta’ esperti), jagħmel rakkomandazzjonijiet għas-soluzzjoni tal-kwistjoni”.

7. Il-Bord tal-Esperti jista' jikseb informazzjoni minn kwalunkwe sors li jqis xieraq. Fi kwistjonijiet relatati mar-rispett tal-ftehimiet multilaterali kif stabbilit fl-Artikoli 12.3 (Standards u Ftehimiet Multilaterali dwar ix-Xogħol) u 12.6 (Standards u Ftehimiet Ambjentali Multilaterali), il-Bord tal-Esperti jinħtieġ li jfittex informazzjoni u parir mingħand l-ILO jew mill-korpi tal-Ftehim Ambjentali Multilaterali. Kwalunkwe informazzjoni li tinkseb skont dan il-paragrafu għandha tiġi żvelata liż-żewġ Partijiet u trid tkun ippreżentata għall-kummenti tagħhom.

8. Il-Bord tal-Esperti għandu joħroġ ċertifikat *interim* u rapport finali lill-Partijiet. Dawn ir-rapporti għandhom jistabbilixxu r-riżultati tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-raġunijiet bażiċi ta' kwalunkwe riżultati u r-rakkomandazzjonijiet. Il-Grupp tal-Esperti għandu joħroġ ir-rapport finali lill-partijiet mhux iktar tard minn disgħin jum mid-data tal-istabbiliment. Kull Parti tista' tippreżenta l-kummenti miktuba lill-Bord tal-Esperti dwar ir-rapport *interim*. Wara li jikkunsidra kwalunkwe kummenti miktuba bħal dawn, il-Bord tal-Esperti jista' jimmodifika r-rapport u jagħmel eżami ulterjuri jekk iħoss il-ħtieġa. Il-Grupp tal-Esperti għandu joħroġ ir-rapport finali lill-Partijiet mhux iktar tard minn 150 jum mid-data tal-istabbiliment. Jekk huwa jikkonsidra li l-iskadenzi mniżżlin f'dan il-paragrafu ma jistgħux jintlaħqu, il-president tal-Bord tal-Esperti għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord qed jippjana li joħroġ bir-rapport *interim* jew dak finali. Il-Grupp tal-Esperti għandu joħroġ ir-rapport *interim* mhux aktar tard minn 180 jum wara d-data tat-twaqqif tiegħu, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Dan ir-rapport finali għandu jsir pubblikament disponibbli sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor.

9. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu miżuri xierqa li għandhom ikunu implimentati billi jqisu r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp tal-Esperti. Il-Parti kkonċernata għandha tinforma lill-partijiet interessati tagħha, permezz tal-mekkaniżmi konsultattivi msemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 12.15 (Struttura Istituzzjonali u Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ), u l-Parti l-oħra bid-deċiżjonijiet tagħha dwar kwalunkwe azzjonijiet jew miżuri li għandhom jiġu implimentati mhux aktar tard minn tliet xhur wara li r-rapport ikun ippreżentat lill-Partijiet. Is-segwitu għar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp tal-Esperti għandhom jiġu mmonitorjati mill-Bord. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw il-kummenti tagħhom lill-Bord f'dan ir-rigward.

KAPITOLU TLETTAX

IT-TRASPARENZA

ARTIKOLU 13.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "miżura ta' applikazzjoni ġenerali" tfisser liġijiet, regolamenti, deċiżjonijiet ġudizzjarji, proċeduri u deċiżjonijiet amministrattivi li jista' jkollhom impatt fuq kwalunkwe kwistjoni koperta b'dan il-Ftehim. Ma tinkludix sentenza li tapplika għal persuna partikolari;

(b) “Persuna interessata” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tista’ tkun suġġetta għal kwalunkwe drittijiet obbligi taħt miżuri ta’ applikazzjoni ġenerali.

ARTIKOLU 13.2

Objettivi u kamp ta' applikazzjon

1. Rikonoxxut l-impatt li l-ambjenti regolatorji rispettivi tagħhom jista' jkollhom fuq il-kummerċ u l-investiment bejniethom, il-Partijiet għandhom isegwu ambjent regolatorju trasparenti u prevedibbli għall-operaturi ekonomiċi, inklużi impriżi żgħar u medji, li jwettqu negozju fit-territorji tagħhom.

2. Il-Partijiet, waqt li jaffermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO, b’dan jistabbilixxu kjarifiki u arranġamenti mtejba għat-trasparenza, il-konsultazzjoni u l-amministrazzjoni aħjar tal-miżuri ta’ applikazzjoni ġenerali.

ARTIKOLU 13.3

Pubblikazzjoni dwar Miżuri ta’ Applikazzjoni Ġenerali

1. Kull Parti għandha tiżgura li fir-rigward tal-miżuri tal-applikazzjoni ġenerali:

(a) tali miżuri jkunu faċilment disponibbli għall-persuni interessati, b’mod mhux diskriminatorju, b’mezz magħżul uffiċjalment, u fejn ikun vijabbli u possibbli, mezz elettroniku, b’tali mod li l-persuni interessati u l-Parti l-oħra jkunu jistgħu jsiru familjari magħhom;

(b) spjegazzjoni tal-iskop u l-ħsieb wara tali miżuri, għandhom jiġu pprovduti sal-limitu massimu possibbli; u

(c) għandu jkun hemm żmien biżżejjed bejn il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' tali miżuri minbarra fejn ma jkunx possibbli minħabba raġunijiet ta' urġenza.

2. Kull Parti għandha:

(a) tfittex li tippubblika bil-quddiem kwalunkwe proposta li tadotta jew temenda kull miżura ta' applikazzjoni ġenerali, li tinkludi spjegazzjoni tal-objettiv, u r-razzjonal wara l-proposta;

(b) tipprovdi opportunitajiet raġonevoli għall-partijiet interessati sabiex jikkummentaw dwar tali miżura proposta u, b'mod partikolari, tippermetti żmien suffiċjenti għal tali opportunitajiet; u

(c) tfittex li tikkonsidra l-kummenti li tirċievi mingħand persuni interessati fir-rigward ta' tali miżura proposta.

ARTIKOLU 13.4

Mistoqsijiet u Punti ta' Kuntatt

1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim u l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet fuq kwalunkwe materja koperta minn dan il-Ftehim, kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

2. Wara talba ta' xi Parti, il-punt ta’ kuntatt tal-Parti l-oħra għandu jindika l-uffiċċju jew l-uffiċjal responsabbli għal kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u jassisti, kif ikun hemm bżonn, biex jiffaċilita l-komunikazzjoni mal-Parti li tagħmel it-talba.

3. Kull Parti għandha żżomm jew tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex twieġeb il-mistoqsijiet ta' kwalunkwe persuna interessata tal-Parti l-oħra rigward kwalunkwe miżura ta’ applikazzjoni ġenerali li tkun proposta jew fis-seħħ, u l-applikazzjoni tagħhom. Id-domandi jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-punti ta' kuntatt stabbilit skont il-paragrafu 1 jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor kif ikun xieraq.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li kwalunkwe tweġiba prevista fil-paragrafu 3 tista’ ma tkunx definittiva jew legalment vinkolanti iżda għal skopijiet ta’ informazzjoni biss, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-liġijiet u r-regolamenti tagħhom.

5. It-talba jew l-informazzjoni skont dan l-Artikolu għandhom jgħaddu lill-parti l-oħra permezz tal-punti ta’ kuntatt rilevanti previsti fil-paragrafu 1.

6. Wara talba ta’ xi Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi immedjatament informazzjoni u twieġeb għal mistoqsijiet li jirrigwardaw kwalunkwe miżura attwali jew proposta ta’ applikazzjoni ġenerali li l-Parti li tagħmel it-talba tqis li tista’ taffettwa t-tħaddim ta’ dan il-Ftehim, irrispettivament minn jekk il-Parti li tagħmel it-talba tkunx ġiet innotifikata qabel b’dik il-miżura.

7. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm mekkaniżmi xierqa li jkollhom il-kompitu li jfittxu li jsolvu b'mod effettiv il-problemi għall-persuni interessati tal-Parti l-oħra li jistgħu jinqalgħu mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali. Tali proċessi jinħtieġ li jkunu faċilment aċċessibbli, marbuta biż-żmien, orjentati lejn ir-riżultati, u trasparenti. Huma għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura ta' appell jew eżami li l-Partijiet jistabbilixxu jew ikollhom. Huma għandhom ikunu wkoll mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) u Kapitolu Ħmistax (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni).

8. Kull informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju dwar jekk il-miżura hijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 13.5

Proċeduri Amministrattivi

Sabiex tamministra b'mod konsistenti, imparzjali u raġonevoli l-miżuri kollha ta' applikazzjoni ġenerali, kull Parti, fl-applikazzjoni ta' tali miżuri għal persuni, prodotti jew servizzi partikolari tal-Parti l-oħra f'każijiet speċifiċi għandha:

(a) tfittex li tipprovdi lill-persuni interessati tal-Parti l-oħra, li jkunu affettwati direttament minn proċedura, b'avviż raġonevoli, skont il-proċeduri tagħha, meta tinbeda proċedura, li jinkludi deskrizzjoni tal-proċedura, dikjarazzjoni tal-awtorità legali li taħtha tinbeda l-proċedura u deskrizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe kwistjoni li dwarha jkun hemm kontroversja;

(b) tagħti opportunità raġonevoli lil tali persuni interessati sabiex jippreżentaw fatti u argumenti b'appoġġ għall-pożizzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni amministrattiva finali, safejn jippermettu ż-żmien, in-natura tal-proċedura u l-interess pubbliku; u

(c) tiżgura li l-proċeduri tagħha jkunu bbażati fuq, u jkunu konformi mal-liġi tagħha.

ARTIKOLU 13.6

Reviżjoni ta' Azzjonijiet Amministrattivi

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżomm, soġġetta għal-liġi domestika tagħha, tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, kważi-ġudizzjarji jew amministrattivi għall-iskopijiet ta' stħarriġ fil-pront u, fejn ikun meħtieġ, il-korrezzjoni ta' azzjonijiet[1] amministrattivi relatati ma' kwistjonijiet koperti b'dan il-Ftehim. Dawn it-tribunali għandhom ikunu imparzjali u indipendenti mill-uffiċċju jew l-awtorità fdata bl-infurzar amministrattiv u ma jkollhom l-ebda interess sostanzjali fl-eżitu tal-kwistjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li, fi kwalunkwe tribunal jew proċedura bħal dawn, il-partijiet għall-proċediment jiġu pprovduti bi dritt:

(a) opportunità raġonevoli sabiex isostnu jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; u

[1] Għal aktar ċertezza, ir-reviżjoni ta' azzjonijiet amministrattivi tista' tieħu l-forma ta' liġi komuni ta' reviżjoni ġudizzjarja, u l-korrezzjoni ta' azzjonijiet amministrattivi tista' tinkludi referenza lura għall-korp li ħa azzjoni bħal din għal azzjoni korrettiva.

(b) għal deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u s-sottomissjonijiet tar-rekord jew, fejn ikun mitlub mil-liġi tagħha, ir-rekord ikkompilat mill-awtorità amministrattiva.

3. Kull Parti għandha tiżgura, suġġetta għal appell jew eżami ulterjuri kif previst fil-liġi tagħha, li tali deċiżjoni tiġi implimentata minn, u tirregola l-prattika ta', l-uffiċċju jew l-awtorità fir-rigward tal-azzjoni amministrattiva inkwistjoni.

ARTIKOLU 13.7

Il-Kwalità u l-Prestazzjoni Regolatorja
u Mġiba Amministrattiva Tajba

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni tal-kwalità u l-prestazzjoni regolatorja f'politiki regolatorji rispettivi tagħhom permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki.

2. Il-Partijiet jaqblu mal-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba, u jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni tagħha fl-amministrazzjonijiet rispettivi tagħhom permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki.

ARTIKOLU 13.8

Regoli Speċifiċi

Regoli speċifiċi f'Kapitoli oħra ta' dan il-Ftehim dwar is-suġġett ta' dan il-Kapitolu għandhom jipprevalu sal-punt li dawn huma differenti mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU ERBATAX

SOLUZZJONI TA' TILWIM

TAQSIMA A

OBJETTIV U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

ARTIKOLU 14.1

L-għan

L-għan ta' din il-Parti huwa li jiġi evitat jew solvut kwalunkwe tilwim bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u li, fejn ikun possibbli, il-Partijiet jaslu għal soluzzjoni miftehma miż-żewġ naħat.

ARTIKOLU 14.2

Kamp ta’ Applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika fir-rigward ta' kull difference li għandha x'taqsam mal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ħlief kif previst espressament mod ieħor.

TAQSIMA B

KONSULTAZZJONIJIET

ARTIKOLU 14.3

Il-konsultazzjonijiet

1. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu kwalunkwe differenza rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) billi jidħlu f’konsultazzjonijiet *in bona fede* fil-għan li jaslu għal soluzzjoni miftehma mit-tnejn.

2. Parti għandha tfittex konsultazzjonijiet billi tagħmel talba bil-miktub lill-Parti l-oħra, b’kopja mibgħuta lill-Kumitat għall-Kummerċ, u tagħti raġunijiet għat-talba tagħha, inkluża l-identifikazzjoni tal-miżuri inkwistjoni, id-dispożizzjonijiet applikabbli msemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' Applikazzjoni), u r-raġunijiet għall-applikabbiltà ta’ dawn id-dispożizzjonijiet.

3. Il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu fi żmien tletin jum mid-data tal-wasla tat-talba u jsiru, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, fit-territorju tal-Parti li kontriha jkun sar l-ilment. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala konklużi fi żmien sittin jum minn dakinhar li tkun waslet it-talba, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu konfidenzjali, u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kwalunkwe Parti fi kwalunkwe proċeduri oħra.

4. Il-konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' urġenza, fosthom dawk li jirrigwardaw prodotti li jmorru jew, fejn xieraq, prodotti jew servizzi staġonali għandhom isiru fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-wasla tat-talba, u jitqiesu konklużi fi żmien tletin jum mid-data tal-wasla tat-talba, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

5. Jekk il-Parti li ssirilha t-talba ma tweġibx għat-talba għall-konsultazzjonijiet fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-wasla tat-talba, jew jekk il-konsultazzjonijiet ma jseħħux fl-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 3 jew fil-paragrafu 4 rispettivament, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu konklużi u ma jkunx intlaħqet soluzzjoni miftiehma reċiprokament, il-Parti li tippreżenta l-ilment tista' titlob li jitwaqqaf bord tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 14.4 (Bidu tal-Proċedura tal-Arbitraġġ).

TAQSIMA C

PROĊEDURI GĦAS-SOLUZZJONI TA’ TILWIM

SUB-TAQSIMA A

PROĊEDURI TA' ARBITRAĠĠ

ARTIKOLU 14.4

Bidu tal-Proċedura ta' Arbitraġġ

1. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jsolvu t-tilwima billi jirrikorru għall-konsultazzjonijiet kif ipprovduti fl-Artikolu 14.3 (Konsultazzjonijiet), il-Parti li tippreżenta l-ilment tista’ titlob li jitwaqqaf bord tal-arbitraġġ skont dan l-Artikolu.

2. It-talba għall-istabbiliment ta’ bord tal-arbitraġġ għandha ssir bil-miktub lill-Parti li jkun qed isir l-ilment kontriha u lill-Kumitat għall-Kummerċ. Il-Parti li tippreżenta l-ilment għandha tidentifika fit-talba tagħha l-miżura speċifika inkwistjoni, u tispjega kif tali miżura tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) b'mod li tiġi preżentata bażi legali suffiċjenti għall-ilment.

ARTIKOLU 14.5

Stabbiliment tal-Bord tal-Arbitraġġ

1. Għandu jitwaqqaf bord tal-arbitraġġ magħmul minn tliet arbitri.

2. Fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-wasla għand il-Parti li jkun sar l-ilment kontriha tat-talba msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.4 (Bidu ta' Proċedura ta' Arbitraġġ), il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-bord tal-arbitraġġ.

3. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu, fi żmien għaxart ijiem minn meta jibdew il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-president tal-bord tal-arbitraġġ, il-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tiegħu, għandu, fi żmien għoxrin jum minn meta jidħlu f'konsultazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 2, jagħżel arbitru wieħed li se jservu bħala President bix-xorti mil-lista msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.20 (Lista tal-Arbitri).

4. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu, fi żmien għaxart ijiem jibdew il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, dwar l-arbitri:

(a) kull parti tista' tagħżel arbitru, li ma jaġixxix bħala President, mill-individwi fuq il-lista stabbilita taħt il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14.20 (Lista tal-Arbitri), fi żmien ħmistax-il jum wara li jibdew il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2; u

(b) jekk xi waħda mill-Partijiet tonqos milli tagħżel arbitru taħt is-subparagrafu 4(a), il-President tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tiegħu, għandu jagħżel l-arbitjarju li jifdal bil-polza minn fost l-individwi proposti mill-Parti skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14.20 (Lista tal-Arbitri), fi żmien għoxrin jum minn meta jidħlu f'konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

5. Jekk il-lista prevista fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 14.20 (Lista tal-Arbitri) ma tkunx ġiet stabbilita fiż-żmien meħtieġ skont il-paragrafu 4:

(a) jekk iż-żewġ partijiet ikunu proponew individwi skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14.20 (Lista tal-Arbitri), kull Parti tista' tagħżel arbitru wieħed, li ma jaġixxix bħala President, minn fost l-individwi proposti, fi żmien ħmistax-il jum wara li jibdew il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Jekk parti tonqos milli tagħżel arbitru, il-President tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tiegħu, għandu jagħżel l-arbitru bil-polza minn fost l-individwi proposti mill-Parti li tkun naqset li taħtar arbitru. jew

(b) jekk Parti waħda biss tkun proponiet individwi skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14.20 (Lista tal-Arbitri), kull Parti tista' tagħżel arbitru wieħed, li ma jaġixxix bħala President, minn fost l-individwi proposti, fi żmien ħmistax-il jum wara li jibdew il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Jekk parti tonqos milli tagħżel arbitru, il-President tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tiegħu, għandu jagħżel l-arbitru bil-polza minn fost l-individwi proposti.

6. Jekk il-lista prevista fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.20 (Lista tal-Arbitri) ma tkunx ġiet stabbilita fiż-żmien meħtieġ skont il-paragrafu 3, il-President għandu jintgħażel bil-polza minn fost eks-membri tal-Korp tal-Appelli tad-WTO, li ma jkunx persuna ta' xi waħda mill-Partijiet.

7. Id-data meta jitwaqqaf il-bord tal-arbitraġġ għandha tkun id-data meta jintgħażel l-aħħar wieħed mit-tliet arbitri.

8. Is-sostituzzjoni tal-arbitri għandha ssir biss għar-raġunijiet u skont il-proċeduri mfissra fir-Regoli minn 19 sa 25 tal-Anness 14-A.

ARTIKOLU 14.6

Sentenza Preliminari dwar Urġenza

Jekk Partit titlob hekk, il-bord ta' arbitraġġ għandu joħroġ deċiżjoni preliminari f'għaxart ijiem mill-istabbiliment tiegħu dwar jekk jikkonsidrax il-każ bħala urġenti.

ARTIKOLU 14.7

Rapport *Interim* mill-Bord

1. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jippubblika rapport *interim* lill-Partijiet li jistabbilixxi s-sejbiet ta' fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet relevanti u r-razzjonal bażiku li fuqu jserrħu kwalunkwe sejba u rakkommandazzjoni magħmula minnu, mhux aktar tard minn disgħin jum minn dakinhar li jkun twaqqaf il-bord tal-arbitraġġ. Jekk huwa jikkonsidra li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tal-bord ta' arbitraġġ irid jinforma bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord jippjana li joħroġ ir-rapport *interim*. Fl-ebda ċirkustanza l-bord tal-arbitraġġ ma għandu joħroġ ir-rapport *interim* tiegħu iżjed tard minn 120 jum wara d-data tal-istabbiliment tiegħu.

2. Kull Parti tista' tippreżenta talba bil-miktub għall-analiżi min-naħa tal-bord tal-arbitraġġ ta' aspetti preċiżi tar-rapport *interim* fi żmien tletin jum meta dan ikun ġie nnotifikat.

3. F'każijiet ta' urġenza, fosthom dawk li jinkludu prodotti li jmorru jew, fejn xieraq, prodotti jew servizzi staġonali, il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz biex joħroġ ir-rapport *interim* tiegħu u kwalunkwe Parti tista' tippreżenta talba bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ sabiex jeżamina aspetti preċiżi tar-rapport *interim*, sa nofs il-perjodi taż-żmien rispettivi skont il-paragrafi 1 u 2.

4. Wara li jikkunsidra kwalunkwe kummenti bil-miktub mingħand il-Partijiet dwar ir-rapport *interim*, il-bord ta' arbitraġġ jista' jimmodifika r-rapport tiegħu u jagħmel eżami ulterjuri jekk iħoss il-ħtieġa. Is-sejbiet tad-deċiżjoni finali tal-panil jinkludu biżżejjed diskussjoni tal-argumenti magħmula fl-istadju tal-eżami *interim*, u għandhom iwieġbu b'mod ċar il-kummenti bil-miktub taż-żewġ Partijiet.

ARTIKOLU 14.8

Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ

1. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jħabbar id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 150 jum mid-data tat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ. Jekk huwa jħoss li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tal-bord tal-arbitraġġ għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord tal-arbitraġġ ikun beħsiebu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu. Fl-ebda ċirkustanza l-bord tal-arbitraġġ ma għandu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu iżjed tard minn 180 jum wara d-data tal-istabbiliment tiegħu.

2. F’każijiet ta’ urġenza, fosthom dawk li jinvolvu prodotti li jmorru jew, fejn xieraq, prodotti jew servizzi staġonali, il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz biex joħroġ id-deċiżjoni tiegħu fi żmien ħamsa u sebgħin jum mid-data tat-twaqqif tiegħu. Fl-ebda ċirkustanza l-bord tal-arbitraġġ ma għandu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu iżjed tard minn disgħin jum wara d-data tal-istabbiliment tiegħu.

SUB-TAQSIMA B

KONFORMITÀ

ARTIKOLU 14.9

Konformità mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ

Kull Parti għandha tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa sabiex tkun konformi mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ, u l-Partijiet għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jaqblu dwar il-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jikkonformaw mad-deċiżjoni.

ARTIKOLU 14.10

Perjodu ta' Żmien Raġonevoli għall-Konformità

1. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinnotifika lill-Parti li tkun għamlet l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ biż-żmien li se teħtieġ sabiex tikkonforma (minn hawn 'il quddiem "perjodu ta' żmien raġonevoli") mhux aktar tard minn tletin jum tal-wasla tal-avviż tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ lill-Partijiet.

2. F’każ ta’ nuqqas ta’ qbil bejn il-Partijiet rigward il-perjodu ta’ żmien raġonevoli għall-konformità mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ, il-Parti li tippreżenta l-ilment għandha, fi żmien għoxrin jum mill-wasla tal-avviż magħmul skont il-paragrafu 1 mill-Parti li jkun sar l-ilment dwarha, titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ sabiex jiddetermina t-tul tal-perjodu ta’ żmien raġonevoli. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata fl-istess ħin lill-parti l-oħra u lill-Kumitat għall-Kummerċ. Il-bord tal-arbitraġġ oriġinali għandu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien għoxrin jum mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba.

3. F’każ li xi membru tal-bord tal-arbitraġġ oriġinali ma jkunx għadu disponibbli, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 14.5 (Twaqqif ta' Bord tal-Arbitraġġ). Il-limitu ta’ żmien għall-ħruġ tad-deċiżjoni għandu jkun ħamsa u tletin jum mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinforma bil-miktub lill-Parti li tagħmel l-ilment, dwar il-progress tagħha sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ, tal-inqas xahar qabel ma jiskadi l-perjodu taż-żmien raġonevoli.

5. Il-perjodu ta' żmien raġonevoli jista' jiġi estiż bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 14.11

Ir-Rieżami ta' Kull Miżura Meħuda
biex Tikkonforma mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ

1. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinforma lill-Parti li tagħmel l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ qabel ma jintemm il-perjodu taż-żmien raġonevoli, dwar kwalunkwe miżura li hija tkun ħadet sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord ta’ arbitraġġ.

2. Jekk ma jkunx hemm qbil bejn il-Partijiet rigward l-eżistenza jew il-konsistenza ta' kull miżura notifikata skont il-Paragrafu 1 mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2, il-Parti li tkun qed tippreżenta l-ilment tista' titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Talba ta’ dan it-tip għandha tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) li magħhom tqis li miżura tkun inkonsistenti, b’mod li tiġi preżentata bażi legali suffiċjenti għall-ilment b’mod ċar, u tispjega kif miżura bħal din mhix konsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' Applikazzjoni). Il-bord tal-arbitraġġ oriġinali għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu fi żmien ħamsa u erbgħin jum minn meta tkun ġiet ippreżentata t-talba.

3. Jekk xi membru tal-bord tal-arbitraġġ oriġinali ma jkunx għadu disponibbli, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 14.5 (Twaqqif ta' Bord tal-Arbitraġġ). Il-limitu taż-żmien sabiex tinħareġ id-deċiżjoni għandu jkun ta' sittin jum mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU 14.12

Rimedji Temporanji f'Każ ta' Nuqqas ta' Konformità

1. Jekk il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tonqos milli tinnotifika kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ qabel ma jiskadi l-perjodu taż-żmien raġonevoli, jew jekk il-bord tal-arbitraġġ jiddeċiedi li ma tkun teżisti l-ebda miżura meħuda bi skop ta' konformità jew li l-miżura nnotifikata skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.11.1 (Rieżami ta' Kwalunkwe Miżura Meħuda għall-Konformità mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ) tkun inkonsistenti mal-obbligi ta' dik il-Parti skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' applikazzjoni), il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha, jekk jintalab dan mill-Parti li tagħmel l-ilment, tippreżenta offerta għal kumpens temporanju.

2. Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil dwar kumpens fi żmien tletin jum wara t-tmiem tal-perjodu taż-żmien raġonevoli jew mill-ħruġ tad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 14.11 (Rieżami ta' Kwalunkwe Miżura Meħuda għall-Konformità mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ) li ma tkun teżisti l-ebda miżura meħuda bi skop ta' konformità jew li l-miżura meħuda għal skop ta' konformità hija inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' applikazzjoni), il-Parti li tilmenta għandu jkollha d-dritt, wara avviż lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat għall-Kummerċ, li tissospendi l-obbligi li joħorġu minn kwalunkwe dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' applikazzjoni) f'livell ekwivalenti għat-tħassir jew indeboliment ikkawżat mill-vjolazzjoni. L-avviż għandu jispeċifika l-livell tal-obbligi li l-Parti li tagħmel l-ilment ikun beħsiebha tissospendi. Il-Parti li tilmenta tista' timplimenta s-sospensjoni fi kwalunkwe mument wara li jgħaddu għaxart ijiem mid-data tal-wasla tal-avviż mill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment, sakemm il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment ma tkunx talbet arbitraġġ skont il-paragrafu 3.

3. 3. Jekk il-Parti li fil-konfront tagħha jkun qed isir l-ilment tqis li l-livell ta' sospensjoni ma jkunx ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew ħsara kkawżati mill-vjolazzjoni, din tista' titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ sabiex jieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni. Tali rikjesta għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat għall-Kummerċ qabel ma jiskadi l-perjodu ta’ għaxart ijiem imsemmi fil-paragrafu 2. Il-bord tal-arbitraġġ oriġinali, wara li jkun talab, fejn ikun xieraq l-opinjoni tal-esperti, għandu jinnotifika, fi żmien tletin jum minn dakinhar li tkun ippreżentat it-talba, lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ bid-deċiżjoni tiegħu rigward il-livell tas-sospensjoni tal-obbligi. L-obbligi ma għandhomx jiġu sospiżi sakemm il-bord ta' arbitraġġ oriġinali jinnotifika s-sentenza tiegħu, u kull sospensjoni tkun konsistenti mas-sentenza tal-bord ta' arbitraġġ.

4. F’każ li xi membru tal-bord tal-arbitraġġ oriġinali ma jkunx għadu disponibbli, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 14.5 (Twaqqif ta' Bord tal-Arbitraġġ). Il-perjodu tal-ħruġ tad-deċiżjoni għandu jkun ta’ ħamsa u erbgħin jum mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 3.

5. Is-sospensjoni tal-obbligi għandha tkun temporanja u ma tiġix applikata wara:

(a) il-Partijiet ikunu laħqu soluzzjoni miftehma reċiprokament skont l-Artikolu 14.15 Soluzzjoni Miftiehma b’mod Reċiproku); jew

(b) il-Partijiet ikunu laħqu ftehim dwar jekk il-miżura nnotifikata skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.13 (Rieżami ta' Kull Miżura Meħuda biex Tikkonforma wara s-Sospensjoni tal-Obbligi) iġġib il-Parti konvenuta f’konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Ambitu); jew

(c) Kull miżura li tinstab li tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Ambitu) tkun ġiet irtirata jew emendata sabiex tinġieb f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kif inhu ddikjarat taħt il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14.13 (Rieżami ta' Kull Miżura Meħuda biex Tikkonforma wara s-Sospensjoni tal-Obbligi).

ARTIKOLU 14.13

Ir-Rieżami ta' Kull Miżura Meħuda
biex Tikkonforma mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ

1. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinforma lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ u dwar it-talba tagħha għat-tmiem tas-sospensjoni tal-obbligi applikata mill-Parti li tkun qiegħda tilmenta.

2. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar jekk il-miżura nnotifikata ġġibx il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) fi żmien tletin jum mid-data tal-wasla tal-avviż, il-Parti li tilmenta għandha titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ oriġinali sabiex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata fl-istess ħin lill-parti l-oħra u lill-Kumitat għall-Kummerċ. Id-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ għandha tiġi nnotifikata lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien ħamsa u erbgħin jum mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba. Jekk il-bord tal-arbitraġġ jiddeċiedi li kwalunkwe miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità tkun konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2, is-sospensjoni tal-obbligi għandha tiġi tterminata.

SUB-TAQSIMA C

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

ARTIKOLU 14.14

Sospensjoni u Terminazzjoni ta' Proċeduri ta' Arbitraġġ

1. Il-bord tal-arbitraġġ għandu, b'talba taż-żewġ Partijiet, jissospendi ħidmietu fi kwalunkwe punt ta' żmien għal perjodu miftiehem mill-Partijiet li ma jiskorrix it-tnax-il xahar u għandu jkompli b'ħidmietu fi tmiem dan il-perjodu miftiehem wara talba bil-miktub tal-Parti li tippreżenta l-ilment, jew qabel tmiem dan il-perjodu miftiehem wara talba bil-miktub taż-żewġ Partijiet. Jekk il-Parti li tkun ippreżentat l-ilment ma titlobx li titkompla l-ħidma tal-bord tal-arbitraġġ qabel ma jiskadi l-perjodu ta' sospensjoni li jkun sar qbil dwaru, il-proċedura tas-soluzzjoni tat-tilwim li tkun inbdiet skont din it-Taqsima għandha titqies mitmuma. Soġġett għall-Artikolu 14.21 (Relazzjoni mal-Obbligi tad-WTO), is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-ħidma tal-bord tal-arbitraġġ huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull waħda mill-partijiet f'xi proċediment ieħor.

2. Il-Partijiet jistgħu, fi kwalunkwe żmien, jaqblu bil-miktub li jitterminaw il-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' tilwim mibdija skont din it-Taqsima.

ARTIKOLU 14.15

Soluzzjoni Miftehma Reċiprokament

F'kwalunkwe ħin, il-Partijiet jistgħu jaslu għal soluzzjoni ta' tilwima miftehma b'mod reċiproku skont dan il-Kapitolu. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat tal-Kummerċ u lill-bord tal-arbitraġġ dwar tali soluzzjoni. Jekk is-soluzzjoni tirrikjedi l-approvazzjoni skont il-proċeduri relevanti domestiċi ta' xi Parti, l-avviż jirreferi għal dan ir-rekwiżit, u l-proċeduri tal-arbitraġġ mibdija skont din it-Taqsima għandhom jiġu sospiżi. Jekk tali approvazzjoni ma tkunx meħtieġa, jew mal-avviż tat-tlestija ta' tali proċeduri domestiċi, il-proċedura għandha tiġi tterminata.

ARTIKOLU 14.16

Ir-Regoli ta' Proċedura

1. Il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwimiet taħt dan il-Kapitolu għandhom ikunu rregolati mill-Anness 14-A.

2. Kull laqgħa tal-bord tal-arbitraġġ għandha tkun miftuħa għall-pubbliku skont l-Anness 14-A.

ARTIKOLU 14.17

Preżentazzjoni tal-informazzjoni

1. B'talba ta' xi Parti, jew b'inizjattiva tiegħu stess, il-bord tal-arbitraġġ jista' jikseb informazzjoni minn kwalunkwe sors, fosthom il-Partijiet involuti fit-tilwima, kif iqis xieraq għall-proċedura tal-bord tal-arbitraġġ. Il-bord ta' arbitraġġ għandu wkoll ikollu d-dritt li jfittex l-opinjoni rilevanti ta' esperti kif iqis xieraq. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jikkonsulta l-Partijiet qabel ma jagħżel esperti bħal dawn. Kull informazzjoni miksuba b'dan il-mod għandha tiġi żvelata lil kull waħda mill-Partijiet u trid tkun ippreżentata għall-kummenti tagħhom.

2. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi interessati tal-Partijiet huma awtorizzati li jippreżentaw informazzjoni *amicus curiae* lill-bord tal-arbitraġġ skont l-Anness 14-A.

ARTIKOLU 14.18

Regoli tal-Interpretazzjoni

Il-bord tal-arbitraġġ għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) skont ir-regoli konswetudinali dwar l-interpretazzjoni tad-dritt pubbliku internazzjonali, inklużi dawk stipulati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar id-Dritt tat-Trattati. Meta obbligu taħt dan il-Ftehim ikun identiku għal obbligu taħt il-Ftehim tad-WTO, il-bord ta' arbitraġġ għandu jieħu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe interpretazzjoni relevanti stabbilita fid-deċiżjonijiet tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwimiet tad-WTO (minn hawn 'il quddiem id-"DSB"). Id-deċiżjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ ma jistgħux iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi pprovduti fid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' Applikazzjoni).

ARTIKOLU 14.19

Deċiżjonijiet u Sentenzi tal-Bord tal-Arbitraġġ

1. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz biex kull deċiżjoni tittieħed b'kunsens. Madankollu, fejn deċiżjoni ma tistax tintlaħaq b'kunsens, il-kwistjoni kkonċernata għandha tkun deċiża b'vot ta' maġġoranza.

2. Kull deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ għandha tkun vinkolanti fuq il-Partijiet u ma toħloq l-ebda dritt jew obbligu għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Id-deċiżjoni għandha tistipula s-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim stabbilit fl-Artikolu 14.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) u r-raġunament bażiku wara s-sejbiet u l-konklużjonijiet li tagħmel. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jagħmel is-sentenzi tal-bord tal-arbitraġġ disponibbli pubblikament fl-intier tagħhom sakemm dan ma jiddeċidix li ma jagħmilx hekk sabiex jiżgura l-kunfidenzjalità ta' kull informazzjoni stabbulita minn xi Parti bħala kunfidenzjali.

TAQSIMA D

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 14.20

Listi ta’ Arbitri

1. Il-Partijiet jgħandhom jistabbilixxu, mad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, lista ta’ ħames individwi li jkunu lesti u jkunu jistgħu jservu bħala l-president ta’ bord tal-arbitraġġ imsemmija fl-Artikolu 14.5 (Twaqqif ta' Bord tal-Arbitraġġ).

2. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jistabbilixxi lista ta’ għaxar persuni li jkunu lesti u jkunu jistgħu jservu bħala arbitri sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Kull waħda mill-Partijiet għandha tipproponi mad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim mill-anqas ħames individwi biex iservu ta’ arbitri.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ se jiżgura li l-lista ta’ individwi sabiex iservu bħala presidenti jew arbitri, stabbiliti skont il-paragrafi 1 u 2 rispettivament, tinżamm.

4. L-arbitri jkollhom għandu jkollhom għarfien speċjalizzat jew esperjenza speċjalizzata fid-dritt u fil-kummerċ internazzjonali jew fis-soluzzjoni ta’ disputi li jirriżultaw minn ftehimiet kummerċjali internazzjonali. Dawn għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jkunux affiljati mal-gvern ta' xi Parti, jkunu konformi mal-Anness 14-B.

ARTIKOLU 14.21

Relazzjoni mal-Obbligi tad-WTO

1. Ir-rikors għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu dwar is-soluzzjoni tat-tilwim għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni fil-qafas tad-WTO, fosthom proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim.

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta Parti tkun, fir-rigward ta' miżura partikolari, tkun bdiet proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, jew taħt dan il-Kapitolu jew taħt il-Ftehim tad-WTO, hija ma tistax tibda proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim fir-rigward tal-istess miżura fil-forum l-ieħor sakemm tiġi konkluża l-ewwel proċedura. Barra minn hekk, Parti ma għandiex tibda l-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim taħt dan il-Kapitolu u taħt il-Ftehim tad-WTO, sakemm obbligi sostanzjalment differenti taħt iż-żewġ ftehimiet ma jkunux f'tilwima, jew sakemm il-forum magħżul għal raġunijiet proċedurali jew ġuriżdizzjonali jonqos milli jagħmel sejbiet dwar it-talba li tfittex rimedju ta' dak l-obbligu, sakemm in-nuqqas tal-forum ma jkunx ir-riżultat ta' nuqqas ta' Parti litiganti li taġixxi b'mod diliġenti.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 2,

(a) il-proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim li jaqgħu taħt il-Ftehim tad-WTO huma meqjusa li nbdew wara talba tal-Parti għat-twaqqif ta' bord skont l-Artikolu 6 tad-DSU u huma meqjusa li ntemmu meta d-DSB jadotta r-rapport tal-Bord, u r-rapport tal-Entità tal-Appell skont il-każ, skont l-Artikoli 16 u 17(14) tad-DSU; u

(b) il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim taħt dan il-Kapitolu huma meqjusa li jinbdew b'talba minn Parti għat-twaqqif ta' bord tal-arbitraġġ skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.4 (Bidu ta' Proċedura ta' Arbitraġġ) u jitqiesu li jkunu ntemmu meta l-bord tal-arbitraġġ joħroġ id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14.8 (Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ) jew meta l-Partijiet jilħqu soluzzjoni bi qbil reċiproku skont l-Artikolu 14.15 (Soluzzjoni bi Qbil Reċiproku).

4. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jwaqqaf lil xi Parti milli timplimenta s-sospensjoni tal-obbligi awtorizzati mid-DSB. Il-Ftehim tad-WTO ma għandux jiġi invokat sabiex iwaqqaf Parti milli tissospendi obbligi skont dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 14.22

Limiti taż-żmien

1. L-iskadenzi kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu, fosthom l-iskadenzi sabiex il-bordijiet ta' arbitraġġ joħorġu d-deċiżjonijiet tagħhom, għandhom jingħaddu f'jiem tal-kalendarju, bl-ewwel jum ikun l-għada tal-att jew il-fatt li għalih jirreferu, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

2. Kull limitu taż-żmien imsemmi f'dan il-Kapitolu jista' jiġi modifikat bi ftehim reċiproku tal-Partijiet.

ARTIKOLU 14.23

Rieżami u Modifika tal-Kapitolu

Il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ, jimmodifikaw dan il-Kapitolu u l-Annessi tiegħu.

KAPITOLU ĦMISTAX

IL-MEKKANIŻMU TA’ MEDJAZZJONI

ARTIKOLU 15.1

Għan u Kamp ta' Applikazzjoni

1. L-objettiv ta’ dan il-Kapitolu hu li jiffaċilita s-sejba ta’ soluzzjoni bi qbil reċiproku permezz ta’ proċedura komprensiva u espedjenti bl-assistenza ta’ medjatur.

2. Dan il-Kapitolu għandu japplika għal kwalunkwe miżura fl-ambitu ta’ dan il-Ftehim li taffettwa b’mod negattiv il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet, għajr jekk ipprovdut xorta oħra.

TAQSIMA A

PROĊEDURA TAĦT IL-MEKKANIŻMU TA’ MEDJAZZJONI

ARTIKOLU 15.2

Talba għal Informazzjoni

1. Qabel ma tibda l-proċedura ta' medjazzjoni, Parti tista' titlob fi kwalunkwe ħin, bil-miktub, informazzjoni rigward miżura li taffettwa b'mod negattiv il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet. Il-Parti li qed issirilha t-talba għandha tipprovdi, fi żmien għoxrin jum, tweġiba bil-miktub.

2. Fejn il-Parti li tkun qed twieġeb tqis li tweġiba fi żmien għoxrin jum mhix prattikabbli, hija għandha tinforma lill-Parti li tkun qed tagħmel it-talba bir-raġunijiet għad-dewmien, flimkien ma' stima tal-iqsar perjodu li fih tkun tista' tipprovdi t-tweġiba tagħha.

ARTIKOLU 15.3

Bidu tal-Proċedura

1. Parti tista' titlob fi kwalunkwe waqt, li l-Partijiet jidħlu fi proċedura ta' medjazzjoni. Din it-talba għandha tkun indirizzata lill-parti l-oħra bil-miktub. It-talba għandha tkun dettaljata biżżejjed li tippreżenta b'mod ċar it-tħassib tal-Parti li tkun qiegħda tagħmel it-talba u għandha:

(a) tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni;

(b) tipprovdi dikjarazzjoni tal-effetti negattivi allegati li l-Parti rikjedenti temmen li l-miżura għandha, jew se jkollha, fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet; u

(c) tispjega kif il-Parti rikjedenti tqis li dawk l-effetti huma marbuta mal-miżura.

2. Il-Parti li lilha hija indirizzata t-talba għandha tagħti kunsiderazzjoni favorevoli lit-talba u taċċetta jew tirrifjuta bil-miktub fi żmien għaxart ijiem mill-irċevuta.

ARTIKOLU 15.4

L-għażla tal-Medjatur

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaqblu dwar medjatur mhux aktar tard minn ħmistax-il jum wara li tasal it-tweġiba għat-talba msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 15.3 (Bidu tal-Proċedura).

2. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq il-medjatur fl-iskandenza stabbilita, waħda mill-Partijiet tista' titlob lill-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew lid-delegat tal-president, biex itella' l-medjatur bil-polza mil-lista stabbilita fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 14.20 (Lista tal-Arbitri) Ir-rappreżentanti taż-żewġ Partijiet huma intitolati li jkunu preżenti meta ssir il-polza.

3. Il-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tal-president, għandu jagħżel l-arbitri fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mit-talba msemmija fil-paragrafu 2.

4. Medjatur ma għandux ikun ċittadin ta' waħda mill-Partijiet, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

5. Il-medjatur għandu jassisti b'mod imparzjali u trasparenti lill-Partijiet f'li jiċċaraw il-miżura u l-effetti negattivi possibbli tagħha fuq il-kummerċ u l-investiment, u f'li jilħqu soluzzjoni bi qbil reċiproku. L-Anness 14-B għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, għall-medjaturi. Ir-Regoli minn 4 sa 9 u r-Regoli minn 46 sa 49 tal-Anness 14-A għandhom japplikaw ukoll, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 15.5

Ir-Regoli tal-Proċedura ta' Medjazzjoni

1. Fi żmien għaxart ijiem mill-ħatra tal-medjatur, il-Parti li tkun sejħet għall-proċedura ta' medjazzjoni għandha tippreżenta deskrizzjoni dettaljata tal-problema, bil-miktub, lill-medjatur u lill-Parti l-oħra, partikolarment tal-operazzjoni tal-miżura inkwistjoni u tal-effetti negattivi tagħha fuq il-kummerċ u l-investiment. Fi żmien għoxrin jum wara d-data tal-wasla ta' din is-sottomissjoni, il-Parti l-oħra tista' tippreżenta, bil-miktub, il-kummenti tagħha dwar id-deskrizzjoni tal-problema. Kull Parti tista' tinkludi fid-deskrizzjoni jew fil-kummenti tagħha kull informazzjoni li tqis rilevanti.

2. Il-medjatur jista' jiddeċidi dwar l-aktar mod xieraq biex jiċċara l-miżura kkonċernata u l-effetti potenzjali fuq il-kummerċ u l-investiment. B'mod partikolari, il-medjatur jista' jorganizza laqgħat bejn il-Partijiet, jikkonsulta mal-Partijiet b'mod konġunt jew individwalment, ifittex l-assistenza jew jikkonsulta mal-esperti u l-Partijiet ikkonċernati rilevanti u jipprovdi kull appoġġ addizzjonali mitlub mill-Partijiet. Madankollu, qabel ifittex l-għajnuna jew jikkonsulta mal-esperti u l-imsieħba interessati rilevanti, il-medjatur għandu jikkonsulta mal-Partijiet.

3. Il-medjatur għandu joffri pariri u jipproponi soluzzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Partijiet litiganti li jistgħu jaċċettaw jew jirrifjutaw is-soluzzjoni proposta jew jistgħu jaqblu dwar soluzzjoni differenti. Madankollu, il-medjatur ma għandux jagħtix pariri jew kummenti fuq il-konsistenza tal-miżura inkwistjoni ma' dan il-Ftehim.

4. Il-proċedura għandha ssir fit-territorju tal-Parti li lilha tkun ġiet indirizzata t-talba, jew permezz ta' ftehim reċiproku fi kwalunkwe post ieħor jew b'kull mezz ieħor.

5. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi żmien sittin jum mill-ħatra tal-medjatur. Sakemm jinltaħaq ftehim aħħari, il-Partijiet jistgħu jikkunsidraw soluzzjonijiet *interim* possibbli, speċjalment jekk il-miżura jkollha x'taqsam ma' oġġetti li jitħassru.

6. Is-soluzzjoni tista' tkun adottata permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ. Xi waħda mill-Partijiet tista' tagħmel soluzzjoni bħal din suġġetta għat-tlestija ta' kwalunkwe proċedura interna meħtieġa. Is-soluzzjonijiet miftehma reċiprokament għandhom ikunu disponibbli b'mod pubbliku. Madankollu, il-verżjoni żvelata lill-pubbliku ma tistax tinkludi xi informazzjoni li Parti tkun iddikjarat bħala kunfidenzjali.

7. Il-proċedura għandha tintemm:

(a) bl-adozzjoni ta' soluzzjoni bi qbil reċiproku mill-Partijiet, fid-data tal-adozzjoni;

(b) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub tal-medjatur, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, li sforzi ulterjuri ta' medjazzjoni ma jwasslu mkien, fid-data ta' dik id-dikjarazzjoni, jew

(c) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub tal-medjatur, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, li sforzi ulterjuri ta' medjazzjoni ma jwasslu mkien, fid-data ta' dik id-dikjarazzjoni; jew

(d) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub ta' Parti wara li jkunu ġew esplorati soluzzjonijiet li jkun sar qbil fuqhom reċiprokament skont il-proċedura ta' medjazzjoni u wara li jkunu kkunsidraw kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta mill-medjatur, fid-data ta' dik id-dikjarazzjoni.

TAQSIMA B

L-IMPLIMENTAZZJONI

ARTIKOLU 15.6

L-Implimentazzjoni ta’ Soluzzjoni Miftehma Reċiprokament

1. Jekk il-Partijiet ikunu ftehmu fuq soluzzjoni, kull Parti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex timplimenta s-soluzzjoni bi qbil reċiproku fiż-żmien miftiehem.

2. Il-Parti li qed timplimenta għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra bil-miktub b’kull pass jew miżura li tieħu biex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma mill-Partijiet.

3. B'talba tal-Partijiet, il-medjatur għandu joħroġ lill-Partijiet, bil-miktub, abbozz ta' rapport fattwali, li jipprovdi sommarju fil-qosor ta' (i) il-miżura kkonċernata f'dawn il-proċeduri; (ii) il-proċeduri li ġew segwiti; u (iii) kull soluzzjoni miftiehma b’mod reċiproku li tinlaħaq bħala r-riżultat finali ta’ dawn il-proċeduri, inklużi soluzzjonijiet *interim*. Il-medjatur għandu jipprovdi lill-partijiet ħmistax-il jum biex jikkummentaw fuq l-abbozz tar-rapport. Wara li jikkunsidra l-kummenti tal-Partijiet ippreżentati f'dan il-perjodu, il-medjatur għandu jippreżenta r-rapport fattwali finali bil-miktub lill-Partijiet fi żmien ħmistax-il jum. Ir-rapport fattwali ma għandux jinkludi xi interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

TAQSIMA C

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 15.7

Relazzjoni mas-Soluzzjoni ta’ Tilwim

1. Il-proċedura ta' medjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta’ Tilwim).

2. Il-proċedura ta' medjazzjoni mhix maħsuba biex isservi bħala bażi għal proċeduri ta’ soluzzjoni ta’ tilwim skont dan il-Ftehim jew ftehim ieħor. Parti ma għandhiex tibbaża ruħha jew tintroduċi bħala evidenza fi proċeduri ta’ soluzzjoni ta’ tilwim bħal dawn, u bord ma’ jistax jikkonsidra:

(a) pożizzjonijiet meħuda mill-Parti l-oħra matul il-proċedura ta’ medjazzjoni;

(b) il-fatt li l-Parti l-oħra indikat ir-rieda li taċċetta soluzzjoni għall-miżura suġġetta għal medjazzjoni; jew

(c) pariri mogħtija jew proposti magħmula mill-medjatur.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6 tal-Artikolu 15.5 (Regoli tal-Proċedura ta' Medjazzjoni) u sakemm il-Partijiet jaqblu mod ieħor, il-passi kollha tal-proċedura, inkluż kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta, huma kunfidenzjali. Madankollu, kwalunkwe Parti tista' tiżvela lill-pubbliku li qed issir medjazzjoni.

ARTIKOLU 15.8

Limiti taż-żmien

Kull limitu ta' żmien imsemmi f'dan l-Anness jista' jiġi modifikat bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 15.9

Kost

1. Kull Parti għandha ġġarrab l-ispejjeż kollha tagħha li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' medjazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jaqsmu ndaqs l-ispejjeż kollha li jirriżultaw minn kwistjonijiet organizzattivi, inklużi l-ispejjeż ta' remunerazzjoni u tal-medjatur. Ir-remunerazzjoni tal-medjatur għandha tkun skont dik prevista fl-Artikolu 10(b) tal-Anness 14-A.

ARTIKOLU 15.10

Ir-Rieżami

Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-ħtieġa li jimmodifikaw il-proċedura ta' medjazzjoni fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-iżvilupp ta' mekkaniżmu korrispondenti fid-WTO.

KAPITOLU SITTAX

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI, ĠENERALI U FINALI

ARTIKOLU 16.1

Kumitat għall-Kummerċ

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kumitat għall-Kummerċ li jinkludi rappreżentanti tal-Unjoni u Singapor.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiltaqa' kull sentejn fl-Unjoni jew f'Singapore mingħajr dewmien żejjed b'mod alternat jew b'talba ta' xi waħda mill-Partijiet. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkun ko-presedut mill-Ministru għall-Kummerċ u l-Industrija ta' Singapore u l-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Kummerċ, jew id-delegati rispettivi tagħhom. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiftiehem fuq l-iskeda tal-laqgħat tiegħu u jistabbilixxi l-aġenda tiegħu.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu:

(a) jiżgura li dan il-Ftehim jaħdem sewwa;

(b) jissorvelja u jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, u jippromwovi l-għanijiet ġenerali tiegħu;

(c) jissorvelja l-ħidma tal-kumitati speċjalizzati kollha, il-gruppi ta' ħidma u korpi oħra stabbiliti b'dan il-Ftehim;

(d) jikkunsidra modi kif jippromwovi aktar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet;

(e) mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) u Kapitolu Ħmistax (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni), ifittex kif isolvi l-problemi li jistgħu jinqalgħu fl-oqsma koperti b'dan il-Ftehim, jew li jsolvi t-tilwimiet li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim; u

(f) jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess relatata ma' qasam kopert b'dan il-Ftehim.

4. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista':

(a) jiddeċiedi li jistabbilixxi jew ixolji kumitati speċjalizzati, jew jalloka r-responsabbiltajiet għalihom, ħlief dawk is-setgħat mogħtija lil kumitati speċjalizzati li jadottaw deċiżjonijiet li jorbtu legalment jew jadottaw emendi jistgħu jiġu modifikati biss skont il-proċedura għall-emendi stabbilita fl-Artikolu 16.5 (Emendi);

(b) jikkomunika mal-partijiet interessati kollha fosthom is-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(c) jikkunsidra emendi għal dan il-Ftehim jew jemenda dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim fil-każijiet li jkun hemm provvediment speċifiku għalihom f'dan il-Ftehim;

(d) jadotta interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, li għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet u l-korpi kollha stabbiliti taħt dan il-Ftehim, inkluż il-bordijiet tal-arbitraġġ imsemmija taħt Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' Tilwim);

(e) jadotta deċiżjonijiet jew jagħmel arranġamenti kif previsti f'dan il-Ftehim;

(f) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess; u

(g) jieħu azzjoni oħra bħal din fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont kif jaqblu l-Partijiet.

5. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jinforma lill-Kumitat Konġunt imwaqqaf taħt il-PCA dwar l-attivitajiet tiegħu u dawk tal-kumitati speċjalizzati tiegħu, kif rilevanti, fuq laqgħat regolari tal-Kumitat Konġunt.

6. Waqt li jagħrfu l-importanza tat-trasparenza u l-onestà, il-Partijiet jaffermaw il-prattiċi rispettivi tagħhom li jikkunsidraw l-opinjonijiet tal-membri tal-pubbliku bil-għan li jibbażaw fuq firxa wiesgħa ta' perspettivi fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16.2

Kumitati Speċjalizzati

1. Il-kumitati speċjalizzati li ġejjin huma b'dan stabbiliti taħt l-awspiċi tal-Kumitat għall-Kummerċ:

(a) il-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Prodotti

(b) il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (il-"Kumitat SPS");

(c) il-Kumitat Doganali; u

(d) il-Kumitat dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, l-Investiment u l-Akkwist Governattiv

2. Il-kompożizzjoni, il-mandat, il-kompiti u, skont il-każ, l-operat tal-kumitati speċjalizzati li għandhom ikunu kif iddefiniti fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim jew mill-Kumitat għall--Kummerċ.

3. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-kumitati speċjalizzati għandhom normalment jiltaqgħu kull sentejn, f'livell xieraq, b'mod alternat fl-Unjoni jew f'Singapore, jew mingħajr dewmien żejjed wara talba ta' xi Parti jew tal-Kumitat għall-Kummerċ. Huma għandhom ikunu ko-preseduti minn rappreżentanti ta' Singapore u tal-Unjoni. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jiftiehmu fuq l-iskeda tal-laqgħat tagħhom u jistabbilixxu l-aġenda tagħhom.

4. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jinfurmaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-iskeda u l-aġenda tagħhom biżżejjed bil-quddiem qabel il-laqgħat tagħhom. Huma għandhom jirrappurtaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-attivitajiet tagħhom f'kull laqgħa regolari tal-Kumitat għall-Kummerċ. Il-ħolqien jew l-eżistenza ta' kumitat speċjalizzat ma għandhomx jimpedixxu lill-ebda Parti milli tippreżenta xi kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat għall-Kummerċ.

ARTIKOLU 16.3

Il-liġi tad-WTO li qed tevolvi

Jekk xi dispożizzjoni tal-Ftehim tad-WTO li l-Partijiet ikunu inkorporaw f'dan il-Ftehim tiġi emendata, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin, permezz tal-Kumitat għall-Kummerċ, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti reċiproka, fejn meħtieġ. Bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni, il-Partijiet jistgħu, bid-Deċiżjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ, jemendaw dan il-Ftehim skont dan.

ARTIKOLU 16.4

It-teħid tad-deċiżjonijiet

1. Il-Partijiet jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fil-Kumitat għall-Kummerċ jew kumitat speċjalizzat, fejn previst f'dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom jorbtu lill-Partijiet li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ jew kumitat speċjalizzat jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa, fejn previst f'dan il-Ftehim.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ jew kumitat speċjalizzat għandu jfassal id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi qbil bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 16.5

Emendi

1. Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu, bil-miktub, sabiex jemendaw dan il-Ftehim. Emenda għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Partijiet jiskambjaw notifiki bil-miktub li jiċċertifikaw li huma lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi, kif stabbilit fl-istrument tal-emenda

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jistgħu, fil-Kumitat għall-Kummerċ jew kumitat speċjalizzat, jadottaw deċiżjoni li temenda dan il-Ftehim fejn previst f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16.6

It-tassazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu japplika biss għall-miżuri tat-tassazzjoni safejn tali applikazzjoni tkun neċessarja sabiex tagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' jew Singapore, jew tal-Unjoni jew ta' kwalunkwe Stat Membru tagħha, fi kwalunkwe ftehim dwar it-taxxa bejn Singapore u l-Unjoni jew xi wieħed mill-Istati Membri tagħha. F'każ ta' inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u kwalunkwe ftehim bħal dan, dak il-ftehim għandu jipprevali għall-perjodu tal-inkonsistenza. Fil-każ ta' ftehim dwar it-taxxa bejn Singapore u l-Unjoni jew xi wieħed mill-Istati Membri rispettivi tagħha, l-awtoritajiet kompetenti taħt dak il-ftehim għandu jkollhom ir-responsabbiltà esklussiva li jistabbilixxu b'mod konġunt jekk teżistix xi inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u dak il-ftehim.

3. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jimpedixxi kwalunkwe Parti milli tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura tat-tassazzjoni li tagħmel differenza bejn il-kontribwenti bbażati fuq kriterji razzjonali, bħal persuni taxxabbli li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew fir-rigward tal-post fejn ikun investit il-kapital tagħhom[1].

4. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jimpedixxi l-adozzjoni jew iż-żamma ta' xi miżura mmirata lejn l-impediment tal-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fi ftehimiet sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja jew arranġamenti oħra ta' taxxa jew leġiżlazzjoni fiskali domestika.

[1] Għal aktar ċertezza, il-Partijiet jikkondividu fehim li xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jimpedixxi kwalunkwe miżura tat-tassazzjoni mmirata lejn għajnuna soċjali, is-saħħa pubblika jew objettivi soċjo-komunitarji oħra, jew fuq l-istabbiltà makroekonomika; jew benefiċċji tat-taxxa marbuta ma' post ta' inkorporazzjoni u mhux in-nazzjonalità tal-persuna li tkun is-sid tal-kumpanija. Miżuri tat-tassazzjoni mmirati lejn l-istabbiltà makroekonomika huma miżuri b'reazzjoni għall-movimenti u x-xejriet fl-ekonomija nazzjonali sabiex jiġu indirizzati jew biex jiġu evitati żbilanċi sistematiċi li jheddu serjament l-istabbiltà tal-ekonomija nazzjonali.

5. (a) Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jimpedixxi lil Singapore milli jadotta jew iżomm miżuri ta' tassazzjoni li huma meħtieġa biex iħares l-interessi tal-politika pubbliku prevalenti ta' Singapore li jirriżultaw mir-restrizzjonijiet speċifiċi tiegħu ta' spazju.

(b) Singapore se jinnotifika lill-Unjoni immedjatament malli jieħu tali miżuri li se jkunu, mingħajr dewmien, is-suġġett ta' konsultazzjonijiet fil-Kumitat għall-Kummerċ bil-għan li jintlaħaq ftehim reċiproku.

(c) Jekk tali miżuri jaffettwaw il-bilanċ globali ta' impenji miftehma bejn il-Partijiet f'dan il-Ftehim, il-Partijiet jistgħu, bid-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ, jibdlu l-iskedi dwar l-impenji speċifiċi tagħhom minħabba tali miżuri.

ARTIKOLU 16.7

Il-Kont Kurrenti u l-Movimenti tal-Kapital

1. Il-Partijiet għandhom jawtorizzaw, f'munita liberament konvertibbli[1], u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu VIII tal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, kwalunkwe pagament u trasferiment fil-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagamenti bejn il-Partijiet fir-rigward tat-tranżazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-Ftehim.

[1] "Munita liberament konvertibbli" tfisser munita li tiġi kummerċjalizzata kullimkien fis-swieq tal-kambju internazzjonali barranin u li tintuża ħafna fi transazzjonijiet internazzjonali.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jiffaċilitaw il-moviment ta' kapital bejniethom fl-ambitu ta' dan il-ftehim, b'mod partikolari l-liberalizzazzjoni progressiva tal-kont kapitali u finanzjarju bil-għan li jingħata sostenn lil qafas stabbli u sigur għall-investiment fit-tul.

ARTIKOLU 16.8

Fondi ta' Investimenti Sovrani

Kull Parti għandha tħeġġeġ lill-Fondi ta' Investimenti Sovran tagħha biex jirrispettaw il-Prinċipji u l-Prattiki Aċċettati b'mod Ġenerali — Prinċipji ta' Santiago.

ARTIKOLU 16.9

Restrizzjonijiet sabiex jiġi Salvagwardjat il-bilanċ tal-pagamenti

1. Jekk Parti tkun f'bilanċ tal-ħlasijiet u diffikultajiet finanzjarji esterni serji, jew taħt theddida minnhom, hija tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi fir-rigward ta' movimenti kapitali, pagamenti jew trasferimenti marbuta mal-kummerċ fi prodotti, servizzi u stabbiliment.

2. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jevitaw l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi msemmija fil-paragrafu 1. Kull miżura restrittiva adottata jew miżmuma skont dan l-Artikolu għandha tkun mhux diskriminatorja, ta' perjodu limitat, u ma tmurx lil hinn minn dak li jkun meħtieġ sabiex jiġi rimedjat il-bilanċ tal-ħlasijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja esterna. Dawn għandhom ikunu skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Istrumenti ta' ftehim tad-WTO u konsistenti mal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, kif ikun applikabbli.

3. Kull Parti li żżomm jew li tkun adottat miżuri restrittivi, jew kwalunkwe bidla fihom, għandha tinforma minnufih lill-Parti l-oħra dwarhom.

4. Jekk r-restrizzjonijiet jiġu adottati jew miżmuma, għandhom isiru konsultazzjoni malajr fil-Kumitat għall-Kummerċ. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni tal-bilanċ ta' pagamenti tal-Parti interessata u r-restrizzjonijet adotatti jew miżmuma skond dan l-Artikolu waqt li jiġu kkunsidrati, *inter alia*, fatturi bħal:

(a) in-natura u l-punt safejn ikunu waslu d-diffikultajiet tal-bilanċ tal-ħlasijiet u l-finanzi esterni;

(b) l-ambjent ekonomiku u kummerċjali estern; jew

(c) miżuri korrettivi alternattivi li jistgħu jkunu disponibbli.

Il-konsultazzjonijiet għandhom jindirizzaw il-konformità ta' kull miżura restrittiva mal-paragrafi 1 u 2. Ir-riżultati kollha ta' fatti statistiċi u oħrajn ippreżentati mill-Fond Monetarju Internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-kambju, ir-riżervi monetarji u l-bilanċ tal-pagamenti jiġu aċċettati u l-konklużjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni mill-FMI tal-bilanċ tal-pagamenti u s-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-Parti kkonċernata.

ARTIKOLU 16.10

Miżuri ta’ Salvagwardja Temporanji dwar il-Movimenti tal-Kapital u l-Pagamenti

1. Jekk f’ċirkostanzi eċċezzjonali ta’ diffikultajiet serji, jew it-theddida ta’ dan, għat-tħaddim tal-politika ekonomika u monetarja jew il-politika dwar ir-rata tal-kambju f’xi waħda mill-Partijiet, jistgħu jittieħdu temporanjament miżuri ta’ salvagwardja fir-rigward ta’ movimenti ta’ kapital, pagamenti jew trasferimenti mill-Parti kkonċernata. Tali miżuri għandhom ikunu strettament meħtieġa, fl-ebda każ ma għandhom jaqbżu perjodu ta’ sitt xhur[1], u ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta’ diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata bejn Parti u non-Parti f’sitwazzjonijiet simili.

2. Il-Parti li tadotta l-miżuri ta' salvagwardja għandha tinforma lill-Parti l-oħra minnufih u tippreżenta, malajr kemm jista' jkun, skeda dwar it-tneħħija tagħhom.

ARTIKOLU 16.11

Eċċezzjonijiet ta’ Sigurtá

Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li:

(a) jobbliga xi Parti sabiex tagħti xi informazzjoni li l-iżvelar tagħha hija tikkunsidra bħala li jmur kontra l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha;

[1] L-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ salvagwardja jistgħu jiġu estiżi permezz tal-introduzzjoni mill-ġdid formali tagħhom f'każ ta’ ċirkostanzi eċċezzjonali kontinwi u wara li tkun ġiet innotifikata l-Parti l-oħra dwar l-implimentazzjoni ta’ kwalunkwe proposta għal introduzzjoni mill-ġdid formali.

(b) ma jħallix lil xi Parti milli tieħu azzjoni li hija tikkunsidra neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha:

(i) marbuta mal-produzzjoni jew il-kummerċ tal-armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra u marbuta mat-traffiku ta' prodotti u materjal ieħor u ma' attivitajiet ekonomiċi mwettqa direttament jew indirettament għall-iskop ta' forniment ta' stabbiliment militari;

(ii) li għandu x'jaqsam mal-provvista ta' servizzi magħmula direttament jew indirettament għall-iskop li jwaqqaf stabbiliment militari;

(iii) li għandha x'taqsam ma' materjali fissjonali u fużjonabbli jew materjali meħuda minnhom; jew

(iv) meħuda fi żmien ta' gwerra jew f'emerġenza oħra fir-relazzjonijiet internazzjonali, jew biex jipproteġu l-infrastruttura pubblika kritika (dan huwa relatat mal-komunikazzjonijiet, infrastruttura tal-enerġija jew tal-ilma indispensabbli biex jipprovdu oġġetti jew servizzi lill-pubbliku ġenerali) minn attentati biex jiddiżattivaw jew disturb intenzjonat tiegħu;

(c) li timpedixxi lil xi Parti milli tieħu xi tip ta' azzjoni biex iżżomm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

ARTIKOLU 16.12

Żvelar ta’ Informazzjoni

1. Xejn f’dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem bħala li jirrikjedi lil xi Parti tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali, li l-iżvelar tagħha jista’ jxekkel l-infurzar tal-liġi, jew inkella li jkun kontra l-interessi pubbliċi, jew li jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta’ impriżi partikolari, pubbliċi jew privati.

2. Meta Parti tippreżenta informazzjoni lill-Kumitat għall-Kummerċ jew lil kumitati speċjalizzati li hija kkunsidrata bħala kunfidenzjali skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali, sakemm il-parti li ssottmettietha ma tiftehimx mod ieħor.

ARTIKOLU 16.13

Dħul fis-Seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jagħmlu skambju ta’ notifiki bil-miktub li jiċċertifikaw li huma lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi għad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu jiffissaw data oħra bi ftehim.

3. In-notifiki għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lid-Direttur, l-Amerika ta' Fuq u d-Diviżjoni Ewropa, il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Singapore, jew lis-suċċessuri rispettivi tagħhom.

ARTIKOLU 16.14

It-terminu

1. Dan il-Ftehim għandu jkun validu għal perjodu taż-żmien mhux definit.

2. Kull Parti tista' tavża lill-Parti l-oħra bil-miktub li hija jkun beħsiebha twaqqaf il-Ftehim.

3. Dan il-ftehim għandu jintemm sitt xhur wara l-avviż skont il-paragrafu 2.

4. Fi żmien 30 jum minn meta jitwassal avviż skont il-paragrafu 2, kull Parti tista' titlob konsultazzjonijiet rigward jekk it-terminazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim jinħtieġ li tidħol fis-seħħ f'data aktar tard minn dik prevista fil-paragrafu 2. Tali konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien 30 jum mill-wasla ta' tali talba minn xi Parti

ARTIKOLU 16.15

Twettiq ta' Obbligi

Il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika li hija meħtieġa sabiex ikunu ssodisfati l-obbligi tagħhom taħt dan il-Ftehim. Huma għandhom jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16.16

Ebda Effett Dirett

Għal aktar ċertezza, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat bħala wieħed li jagħti xi drittijiet jew li jimponi xi obbligi fuq persuni, minbarra dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont il-liġi pubblika internazzjonali.

ARTIKOLU 16.17

L-Annessi, l-Appendiċi, id-Dikjarazzjonijiet Konġunti,
il-Protokolli u l-Qbil

L-Annessi, l-Appendiċi, id-Dikjarazzjonijiet Konġunti, il-Protokolli u l-Qbil ta' dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 16.18

Relazzjoni ma' Ftehimiet Oħra

1. Dan il-Ftehim għandu jkun parti integrali tar-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif irregolati mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni u għandu jifforma parti minn qafas istituzzjonali komuni. Dan jikkostitwixxi ftehim speċifiku li jagħti effett lid-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni.

2. Il-Partijiet jaqblu li xejn f'dan il-Ftehim ma jeħtieġ li huma jaġixxu b'mod li ma jkunx konsistenti mal-obbligi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO.

ARTIKOLU 16.19

Adeżjonijiet Futuri fl-Unjoni

1. L-Unjoni għandha tinnotifika lil Singapore mingħajr dewmien żejjed b'kull talba għall-adeżjoni mal-Unjoni ta' pajjiż terz.

2. Matul in-negozjati bejn l-Unjoni u l-pajjiż kandidat li jkun irid jingħaqad magħha, l-Unjoni għandha tistinka biex:

(a) tipprovdi, wara talba minn Singapore, u safejn possibbli, kwalunkwe informazzjoni rigward kull kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim; u

(b) tikkunsidra kull tħassib espress.

3. L-Unjoni għandha tinforma lil Singapore mill-aktar fis possibbli dwar l-eżitu tan-negozjati għall-adeżjoni ma' pajjiż kandidat, u tinnotifika lil Singapore bid-dħul fis-seħħ ta' kull adeżjoni mal-Unjoni.

4. Fil-kuntest tal-Kumitat għall-Kummerċ, u biżżejjed bil-quddiem mid-data tal-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Unjoni, il-Partijiet għandhom jeżaminaw l-effetti kollha ta' din l-adeżjoni fuq dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ, iwettqu kull aġġustament jew arranġament ta' tranżizzjoni meħtieġ.

ARTIKOLU 16.20

L-Applikazzjoni Territorjali

1. Dan il-Ftehim għandu japplika:

(a) fir-rigward tal-Unjoni, għat-territorji li fihom jiġu applikati t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u bil-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati; u

(b) fir-rigward ta' Singapore, lit-territorju tiegħu.

Ir-referenzi għal “territorju” f’dan il-Ftehim għandhom jiġu mifhuma f’dan is-sens, sakemm ma jkunx iddikjarat espliċitament mod ieħor.

2. Rigward dawk id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-trattament tariffarju tal-prodotti, dan il-Ftehim għandu japplika wkoll għal dawk iż-żoni tat-territorju doganali tal-Unjoni li mhumiex koperti mis-subparagrafu 1(a).

ARTIKOLU 16.21

Testi Awtentiċi

Dan il-Ftehim qed jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

LISTA TA’ ANNESSI

Annessi u Appendiċijiet tal-Kapitolu Tnejn	
Anness 2-A	It-Tneħħija tad-Dazji Doganali
Appendiċi 2-A-1	Skeda tat-Tariffi ta' Singapor
Appendiċi 2-A-2	Skeda tat-Tariffi tal-Unjoni
Mehmuża mal-Appendiċi 2-A-2	Skeda tat-Tariffi tal-Unjoni Linji tariffarji
Anness 2-B	Vetturi bil-Mutur u Partijiet minnhom
Anness 2-C	Prodotti Farmaċewtiċi u Tagħmir Mediku
Anness u Appendiċijiet tal-Kapitolu Erbgħa	
Anness 4-A	Elettroniċi
Appendiċi 4-A-1	Kamp ta’ Applikazzjoni
Appendiċi 4-A-2	Kategoriji tal-prodotti
Appendiċi 4-A-3	Definizzjonijiet
Annessi għal Kapitolu Ħamsa	
Anness 5-A	Awtoritajiet kompetenti
Anness 5-B	Rekwiżiti u Dispożizzjonijiet għall-Approvazzjoni tal-Istabbilimenti tal-Prodotti Ġejjin Mill-Annimali
Annessi u Appendiċijiet tal-Kapitolu Tmienja	
Anness 8-A	L-iskeda ta’ Impenji Speċifiċi tal-Unjoni
Appendiċi 8-A-1	Unjoni - Skeda ta’ Impenji Speċifiċi b’Konformità mal-Artikolu 8.7 (Skeda ta’ Impenji Speċifiċi)
Appendiċi 8-A-2	Unjoni - Skeda ta’ Impenji Speċifiċi b’Konformità mal-Artikolu 8.12 (Skeda ta’ Impenji Speċifiċi)

Appendiċi 8-A-3	Unjoni - Skedi ta' Impenji Speċifiċi b'Konformità mal-Artikolu 8.15 (Persunal Ewlieni u Apprendisti Gradwati) u 8.16 (Bejjiegħa ta' Servizzi Kummerċjali)
Anness 8-B	Skeda ta’ Impenji Speċifiċi ta' Singapor
Appendiċi 8-B-1	Singapore - Skeda ta' Impenji Speċifiċi
Appendiċi 8-B-2	Singapore - Skeda ta' Impenji Speċifiċi Appendiċi dwar Servizzi Finanazjarji
Anness għall-Kapitolu Disgħa	
Anness 9-A	Entitajiet Ċentrali li jipprokuraw skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim
Anness 9-B	Entitajiet subċentrali li jipprokuraw skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim
Anness 9-C	Utilitajiet u entitatjiet oħrajn li jipprokuraw skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim
Anness 9-D	Prodotti
Anness 9-E	Is-servizzi
Anness 9-F	Servizzi ta’ Kostruzzjoni u Konċessjonijiet ta’ Xogħlijiet
Anness 9-G	Noti Ġenerali u Derogi mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9.4 (Prinċipji Ġenerali)
Anness 9-H	Mezzi ta’ Pubblikazzjoni
Anness 9-I	Sħubijiet Pubbliċi-Privati
Anness għall-Kapitolu Għaxra	
Anness 10-A	Lista ta' Ismijiet li jridu jiġu applikati għall-Ħarsien bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi fit-Territorji tal-Partijiet
Anness 10-B	Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti
Anness għall-Kapitolu Ħdax	
Anness 11-A	Prinċipji Applikabbli għal Sussidji oħra

Annessi għall-Kapitolu Erbatax	
Anness 14-A	Regoli ta' Proċedura għall-Arbitraġġ
Anness 14-B	Kodiċi ta’ Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi
Protokoll	
Protokoll 1	Dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (inklużi Annessi u Dikjarazzjonijiet Konġunti)
Ftehimiet	
Il-Fehim 1	Rigward l-Artikolu 16.6 (Tassazzjoni)
Il-Fehim 2	Rigward ir-Remunerazzjoni tal-Arbitri
Il-Fehim 3	Dispożizzjonijiet Addizzjonali Relatati mad-Dwana
Il-Fehim 4	Rikonoxximent Reċiproku tal-Programmi ta' Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (OAE)
Dikjarazzjoni Komuni	dwar l-Unjonijiet Doganali